/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 4.3.1968

Ir-Regolamenti ta' l-Istaff

NOTA

GĦALL PARTIJIET I U II [1]

Ir-Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali u l-kondizzjonijiet ta' impjieg ta' uffiċjali oħra tal-Komunitajiet Ewropej [2] applikabbli mill-5 ta' Marzu 1968, kif prekritti fl-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 *(Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* L 56, ta' l-4.3.1968 – Edizzjoni Speċjali 1968, 1 ta' Diċembru 1972), u r-Regolamenti li ġejjin li jemendaw dak ir-Regolament huma kkonsolidati f'dan it-test. It-test ikkonsolidat ġie prodott għall-informazzjoni biss u ma jorbotx legalment. [3] Il-figuri fil-parentesi ħdejn ċerti artikoli, jikkorrespondu għall-figuri elenkati hawn taħt u jirriferu għar-Regolamenti li bihom kienu emendati.

(1) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 2278/69 (ĠU L 289, tas-17.11.1969, p. 1)

(2) Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 95/70 (ĠU L 15, tal-21.1.1970, p. 1)

(3) Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 96/70 (ĠU L 15, tal-21.1.1970, p. 4)

(4) Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 16/71 (ĠU L 5, tas-7.1.1971, p. 1)

(5) Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 2653/71 (ĠU L 276, tas-16.12.1971, p. 1)

(6) Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 2654/71 (ĠU L 276, tas-16.12.1971, p. 6)

(7) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 1369/72 (ĠU L 149, ta' l-1.7.1972, p. 1)

(8) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 1473/72 (ĠU L 160, tas-16.7.1972, p. 1)

(9) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 2647/72 (ĠU L 283, ta' l-20.12.1972, p. 1)

(10) Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 558/73 (ĠU L 55, tat-28.2.1973, p. 1)

(11) Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 2188/73 (ĠU L 223, tal-11.8.1973, p. 1)

(12) Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 2/74 (ĠU L 2, tat-3.1.1974, p. 1)

(13) Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 3191/74 (ĠU L 341, ta' l-20.12.1974, p. 1)

(14) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 711/75 (ĠU L 71, ta' l-20.3.1975, p. 1)

(15) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 1009/75 (ĠU L 98, tad-19.4.1975, p. 1)

(16) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 1601/75 (ĠU L 164, tas-27.6.1975, p. 1)

(17) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 2577/75 (ĠU L 263, tal-11.10.1975, p. 1)

(18) Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 2615/76 (ĠU L 299, tad-29.10.1976, p. 1)

(19) Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3177/76 (ĠU L 359, tat-30.12.1976, p. 1)

(20) Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3178/76 (ĠU L 359, tat-30.12.1976, p. 9)

(21) Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 1376/77 (ĠU L 157, tat-28.6.1977, p. 1)

(22) Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 2687/77 (ĠU L 314, tat-8.12.1977, p. 1)

(23) Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 2859/77 (ĠU L 330, tat-23.12.1977, p. 1)

(24) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 912/78 (ĠU L 119, tat-3.5.1978, p. 1)

(25) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 914/78 (ĠU L 119, tat-3.5.1978, p. 8)

(26) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 2711/78 (ĠU L 328, tat-23.11.1978, p. 1)

(27) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 3084/78 (ĠU L 369, tad-29.12.1978, p. 1)

(28) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 3085/78 (ĠU L 369, tad-29.12.1978, p. 6)

(29) Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 2955/79 (ĠU L 336, tad-29.12.1979, p. 1)

(30) Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 160/80 (ĠU L 20, tas-26.1.1980, p. 1)

(31) Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 161/80 (ĠU L 20, tas-26.1.1980, p. 5)

---

(1) Dan il-kompendju huwa ippreparat mill-Unità tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Kummissjoni. Kull kumment fuq din il-pubblikazzjoni jista' jintbagħat b' e-mail lill- ADMIN-QUICK-WAY@cec.eu.int.

(2) dawn ir-Regolamenti tal-Persunal u l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg jieħdu post ir-Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali u l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika preskritti bir-Regolamenti tal-Kunsill Nru 31 (KEE) u Nru 11 (EAKE) tal-18.12.1961 (ĠU C 45, ta' l-14.6.1962 – Edizzjoni Speċjali 1959-62, Novembru 1972) Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali u l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar.

(3) Konsolidazzjoni ta' strumenti legali ma għandhiex status leġislattiv sakemm ma tkunx prodotta mill-istituzzjoni li tippromulgha. Billi testi kkonsolidati tar-Regolamenti tal-Kunsill kienu prodotti mill-Kummissjoni, fil-każ ta' litigazzjoni għandha ssir referenza għar-Regolament(i) tal-Kunsill rilevanti kif oriġinarjament ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali u mhux għal din il-konsolidazzjoni.
Magħruf dan, il-kompendju kien ippreparat b'reqqa u huwa ittamat li jkun għajn mitqla deheb ta' informazzjoni u għodda utli għax-xogħol.

(32) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 187/81 (ĠU L 21, ta' l-24.1.1981, p. 18) u
Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 397/81 (ĠU L 46, tad-19.2.1981, p. 1)
(33) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 2780/81 (ĠU L 271, tas-26.9.1981, p. 1)
(34) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 3821/81 (ĠU L 386, tal-31.12.1981, p. 1)
(35) Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 371/82 (ĠU L 47, tad-19.2.1982, p. 8)
(36) Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 372/82 (ĠU L 47, tad-19.2.1982, p. 13)
(37) Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3139/82 (ĠU L 331, tas-26.11.1982, p. 1)
(38) Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 440/83 (ĠU L 53, tas-26.2.1983, p. 1)
(39) Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 1819/83 (ĠU L 180, tal-5.7.1983, p. 1)
(40) Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 2074/83 (ĠU L 203, tas-27.7.1983, p. 1)
(41) Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 3647/83 (ĠU L 361, ta' l-24.12.1983, p. 1)
(42) Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 419/85 (ĠU L 51, tal-21.2.1985, p. 1)
(43) Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 420/85 (ĠU L 51, tal-21.2.1985, p. 6)
(44) Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1578/85 (ĠU L 154, tat-13.6.1985, p. 1)
(45) Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1915/85 (ĠU L 180, tat-12.7.1985, p. 3)
(46) Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 2799/85 (ĠU L 265, tat-8.10.1985, p. 1)
(47) Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3580/85 (ĠU L 343, ta' l-20.12.1985, p. 1)
(48) Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 3855/86 (ĠU L 359, tad-19.12.1986, p. 1)
(49) Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 3856/86 (ĠU L 359, tad-19.12.1986, p. 5)
(50) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 793/87 (ĠU L 79, tal-21.3.1987, p. 1)
(51) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 3019/87 (ĠU L 286, tad-9.10.1987, p. 3)
(52) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 3212/87 (ĠU L 307, tad-29.10.1987, p. 1)
(53) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 3784/87 (ĠU L 356, tat-18.12.1987, p. 1)
(54) Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 2338/88 (ĠU L 204, tad-29.7.1988, p. 1)
(55) Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 2339/88 (ĠU L 204, tad-29.7.1988, p. 5)
(56) Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3982/88 (ĠU L 354, tat-22.12.1988, p. 1)
(57) Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 2187/89 (ĠU L 209, tal-21.7.1989, p. 1)
(58) Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 3728/89 (ĠU L 364, ta' l-14.12.1989, p. 1)
(59) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 2258/90 (ĠU L 204, tat-2.8.1990, p. 1)
(60) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 3736/90 (ĠU L 360, tat-22.12.1990, p. 1)
(61) Ir-Regolament (KEE) Nru 2232/91 (ĠU L 204, tat-22.7.1991, p. 1)
(62) Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3830/91 (ĠU L 361, tal-31.12.1991, p. 1)
(63) Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3831/91 (ĠU L 361, tal-31.12.1991, p. 7)
(64) Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3832/91 (ĠU L 361, tal-31.12.1991, p. 9)
(65) Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3833/91 (ĠU L 361, tal-31.12.1991, p. 10)
(66) Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3834/91 (ĠU L 361, tal-31.12.1991, p. 13)
(67) Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 571/92 (ĠU L 62, tas-7.3.1992, p. 1)
(68) Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 3761/92 (ĠU L 383, tad-29.12.1992, p. 1)
(69) Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 3947/92 (ĠU L 404, tal-31.12.1992, p. 1)
(70) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 3608/93 (ĠU L 328, tad-29.12.1993, p. 1)
(71) Ir-Regolament (KEFA, KE, Euratom) Nru 3161/94 (ĠU L 335, tat-23.12.1994, p. 1)
kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom, KEFA) Nru 1197/95 (ĠU L 119, tat-30.5.1995, p. 1)
(72) Ir-Regolament (KEFA, KE, Euratom) Nru 2963/95 (ĠU L 310, tat-22.12.1995, p. 1)
(73) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KE) Nru 1354/96 (ĠU L 175, tat-13.7.1996, p. 1)
(74) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KE) Nru 2485/96 (ĠU L 338, tat-28.12.1996, p. 1)
(75) Ir-Regolament (KEFA, KE, Euratom) Nru 2192/97 (ĠU L 301, tal-5.11.1997, p. 5.)
(76) Ir-Regolament (KEFA, KE, Euratom) Nru 2591/97 (ĠU L 351, tat-23.12.1997, p. 1)
(77) Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 781/98 (ĠU L 113, tal-15.04.1998, p. 4)
(78) Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 2458/98 (ĠU L 307, tas-17.11.1998, p. 1)
(79) Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 2594/98 (ĠU L 325, tat-3.12.1998, p. 1)
(80) Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 2762/98 (ĠU L 346, tat-22.12.1998, p. 1)
(81) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-istituzzjonijiet oħra dwar il-konverzjoni f' euro ta' ammonti provduti fir-Regolamenti tal-Persunal Nru 1999/Ċ 60/09 (ĠU C 60, tat-3.02.1999, p. 11)
(82) Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 620/1999 (ĠU L 78, ta' l-24.3.1999, p. 1)
(83) Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 1238/1999 (ĠU L 150, tas-17.6.1999, p. 1)
(84) Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 2700/1999 (ĠU L 327, tal-21.12.1999, p. 1).

(85) Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 212/2000 (ĠU L 24, tad-29.1.2000, p. 1)

(86) Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 628/2000 (ĠU L 76, tal-25.3.2000, p. 1)

(87) Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 2804/2000 (ĠU L 326, tat-22.12.2000, p. 3)

(88) Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 2805/2000 (ĠU L 326, tat-22.12.2000, p. 7)

(89) Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 1986/2001 (ĠU L 271, tat-12.10.2001, p.1)

(90) Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 2581/2001 (ĠU L 345, tad-29.12.2001, p.1)

(91) Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 490/2002 (ĠU L 77, ta' l-20.3.2002, p.1)

(92) Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2265/2002 (ĠU L 347, ta' l-20.12.2002, p.1) [1]

---

[1] Dan ir-Regolament għamel l-aktar aġġustament riċenti għar-remunerazzjoni ta' l-uffiċjali u ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej skond l-Artikolu 65 tar-Regolamenti tal-Persunal.

I

Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej

		Artikolu	*Paġna*
Titolu I:	**Disposizzjonijiet ġenerali**	1 – 10a	15
Titolu II:	**Drittijiet u obbligi ta' l-uffiċjali**	11 – 26	18
Titolu III:	**Karriera ta' l-uffiċjali**		21
Il-Kapitolu 1:	Reklutaġġ	27 – 34	21
Il-Kapitolu 2:	Stat amministrattiv	35	23
	Taqsima 1: Mpjieg attiv	36	23
	Taqsima 2: Sekondar	37 – 39	24
	Taqsima 3: *leave* fuq raġunijiet personali	40	25
	Taqsima 4: Stat mhux attiv	41	26
	Taqsima 5: *leave* għal servizz militari	42	27
Il-Kapitolu 3:	Rapporti, avvanzament għal skala ogħla u promozzjoni	43 – 46	27
Il-Kapitolu 4:	Tmiem tas-servizz	47	28
	Taqsima 1: Riżenja	48	28
	Taqsima 2: Riżenja ta' bilfors	49	28
	Taqsima 3: Irtirar fl-interessi tas-servizz	50	29
	Taqsima 4: Tkeċċija fuq inkompetenza	51	29
	Taqsima 5: Irtirar	52 – 53	29
	Taqsima 6: Grad onorarju	54	29
Titolu IV:	**Kondizzjonijiet tax-xogħol ta' l-uffiċjali**		30
Il-Kapitolu 1:	Sieġħat ta' xogħol	55 – 56b	30
Il-Kapitolu 2:	leave	57 – 60	31
Il-Kapitolu 3:	Vakanzi pubbliċi	61	31
It-Titolu V:	**Emolumenti u benefiċċji tas-sigurtà soċjali ta' l-uffiċjali**		32
Il-Kapitolu 1:	Remunerazzjoni u spejjeż		32
	Taqsima 1: Remunerazzjoni	62 – 70a	32
	Taqsima 2: Spejjeż	71	35
Il-Kapitolu 2:	Benefiċċji tas-sigurtà soċjali	72 – 76	35
Il-Kapitolu 3:	Pensjonijiet	77 – 84	37
Il-Kapitolu 4:	Irkuprar ta' pagament mhux dovut	85	40
Il-Kapitolu 5:	Subrogazzjoni favur il-komunitajiet	85a	41
Titolu VI:	**Miżuri dixxiplinari**	86 – 89	41
Titolu VII:	**Appelli**	90 – 91a	42
Titolu VIII:	**Disposizzjonijiet speċjali applikabbli għall-uffiċjali fis-servizzi xjentifiċi jew tekniċi tal-komunitajiet**	92 – 101	43
Titolu VIIIA:	**Disposizzjonijiet speċjali u eċċezzjonali applikabbli għall-uffiċjali li jservu f'pajjiż terz**		45
Titolu IX:	**Disposizzjonijiet transitorji u finali**	101a	45
Il-Kapitolu 1:	Disposizzjonijiet transitorji	102 – 109	45
Il-Kapitolu 2:	Disposizzjonijiet finali	110	47

		Artikolu	*Paġna*
L-Anness I	**Posizzjonijiet bażiċi u meded ta' karrieri li Jikkorrispondu**		48
	A. Posizzjonijiet basiċi u l-meded tal-karrieri li jikkorrispondu f'kull Kategorija u fis-Servizz tal-Lingwi, kif provdut fl-Artikolu 5(4) tar-Regolamenti tal-Persunal		48
	B. Posizzjonijiet basiċi u l-meded tal-karrieri li jikkorrispondu ta' l-uffiċjali fis-servizzi xjentifiċi u tekniċi tal-Komunitajiet, kif provdut fl-Artikolu 92 tar-Regolamenti tal-Persunal		49
L-Anness II	**Komposizzjoni u proċedura tal-korpiprovduti fl-Artikolu 9 tar-Regolamentital-Persunal**		50
	Taqsima 1: Kumitat tal-Persunal	1	50
	Taqsima 2: Kumitat Konġunt	2 – 3a	50
	Taqsima 3: Bord dixxiplinari	4 – 6	51
	Taqsima 4: Kumitat ta' Invaliditàt	7 – 9	52
	Taqsima 5: Kumitat tar-Rapporti	10 – 11	52
L-Anness III:	**Kompetizzjonijiet**		53
L-Anness IV:	**Allowance taħt l-Artikoli 41 u 50 tar-Regolamenti tal-Persunal**...		55
L-Anness IVa:	**Xogħol ta' nofs il-ħin**		56
L-Anness V:	**leave**		57
	Taqsima 1: *leave* fis-sena	1 – 5	57
	Taqsima 2: *leave* speċjali	6	57
	Taqsima 3: Ħin ta' l-ivvjaġġar	7	58
L-Anness VI:	**leave ta' kumpens u remunerazzjoni ta' sahra**		59
L-Anness VII:	**Remunerazzjoni u rimbors ta' spejjeż**		60
	Taqsima 1: *Allowance* tal-familja	1 – 3	60
	Taqsima 2 *Allowance* ta' espatrijazzjoni	4	61
	Taqsima 2a: *Allowance* fissa	4a	62
	Taqsima 2b: *Allowance* tat-tagħlim	4b	62
	Taqsima 3: Rimbors ta' l-ispejjeż		62
	A. *Allowance* ta' l-istallazzjoni	5	62
	B. *Allowance* ta' stallazzjoni mill-ġdid	6	63
	Ċ. Spejjeż ta' l-ivvjaġġar	7 – 8	63
	D. Spejjeż ta' ċaqliq	9	65
	E. *Allowance* tas-sussistenza ta' kuljum	10	66
	F. Spejjeż tal-missjoni	11 – 13	66
	G. Rimborsar fiss ta' l-ispejjeż	14 – 15	70
	Taqsima 4: Ħlas ta' somom dovuti	16 – 17	70
L-Anness VIII:	**Skema tal-pensjoni**		72
Il-Kapitolu 1:	Disposizzjonijiet Ġenerali	1	72
Il-Kapitolu 2:	Pensjoni ta' rtirar u għotja għat-tluq		72
	Taqsima 1: Pensjoni ta' rtirar	2 – 11	72
	Taqsima 2: Għotja għat-tluq	12 - 12a	74
Il-Kapitolu 3:	Pensjoni għall-Invaliditàt	13 – 16	75
Il-Kapitolu 4:	Pensjoni għas-sopravissut	17 – 29	75
Il-Kapitolu 5:	Pensjonijiet provvisorji	30 – 33	78
Il-Kapitolu 6:	Żidiet fil-pensjoni għal tfal dipendenti	34 – 35	78

		Artikolu	*Paġna*
Il-Kapitolu 7	.....		79
	Taqsima 1: L-iffinanzjar ta' l-iskema tal-pensjoni	36 – 39	79
	Taqsima 2: Kalkolu tal-pensjoni	40 – 44	79
	Taqsima 3: Ħlas tal-benefiċċji	45 – 47	80
Il-Kapitolu 8:	Disposizzjonijiet transitorji	48 – 51	80
L-Anness IX:	**Proċeduri dixxiplinari**		82
L-Anness X:	**Disposizzjonijiet speċjali u eċċezzjonaliapplikabbli għall-uffiċjali li jservu f'pajjiż terz**		84
Il-Kapitolu 1:	Disposizzjonijiet ġenerali	1 – 3	84
Il-Kapitolu 2:	Obbligi	4 – 5	84
Il-Kapitolu 3:	Kondizzjonijiet tax-xogħol	6 – 9	84
Il-Kapitolu 4	Emolumenti u benefiċċji tas-sigurtà soċjali		85
	Taqsima 1: Emolumenti u benefiċċji tal-familja	10 – 16	85
	Taqsima 2: Regoli dwar ir-rimbors ta' l-ispejjeż	17 – 23	87
	Taqsima 3: Benefiċċji tas-sigurtà soċjali	24 – 25	88
Il-Kapitolu 5:	Dixxiplina	26	88
Il-Kapitolu 6:	Disposizzjonijiet transitorji	27	88
L-Anness XI:	**Regoli biex ikunu implimentati l-Artikolu 64 u 65 tar-Regolamenti tal-Persunal**		89
Il-Kapitolu 1:	Reviżjoni kull sena tar-remunerazzjoni		89
	Taqsima 1: Fatturi li jistabbilixxu l-aġġustamentita' kull sena	1 – 2	89
	Taqsima 2: Arranġamenti għall-aġġustamentita' kull sena tar-remunerazzjoni	3	90
Il-Kapitolu 2:	Aġġustamenti ta' interim tar-remunerazzjoni	4 – 7	91
Il-Kapitolu 3:	Pajjiżi b'rata għolja ta' inflazzjoni	8	92
Il-Kapitolu 4:	Ħolqien tal-peżati	9	92
Il-Kapitolu 5:	Klawżola ta' eċċezzjoni	10	93
Il-Kapitolu 6:	Ir-rwol ta' l-Uffiċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej u r-Relazzjonijiet ma' l-istituzzjonijet ta' l-Istatistika nazzjonali ta' l-Istati Membri	11 –14	93
Il-Kapitolu 7:	Disposizzjonijiet finali u l-klawżola tar-reviżjoni	15	93

Titolu I: Disposizzjonijiet ġenerali

L-Artikolu 1 (21) (73)

Għall-iskopijiet ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, "l-uffiċjal tal-Komunitajiet" tfisser kull persuna li kien maħtur, kif provdut f'dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, għal post stabbilit fil-persunal ta' wieħed mill-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet minn istrument maħruġ mill-awtorità tal-ħatra ta' dik l-istituzzjoni.

Għajr jekk provdut mod ieħor, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Ombudsman ta' l-Unjoni Ewropea għandhom, għall-iskopijiet ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, ikunu ttrattati bħala istituzzjonijiet tal-Komunitajiet.

L-Artikolu 1a (77)

1. L-uffiċjali għandhom ikunu ntitolati għal trattament indaqs taħt dawn ir-Regolamenti tal-Persunal mingħajr riferenza, diretta jew indiretta, għar-razza, twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż, sess jew xejra sesswali, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet relevanti li jeħtieġu stat maritali.

2. Bil-ħsieb li tkun żgurata ugwaljanza sħiħa fil-prattika bejn rġiel u nisa fil-ħajja tax-xogħol, il-prinċipju ta' trattament indaqs m'għandux jipprojbixxi l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej milli jżommu jew jadottaw miżuri li jipprovdu vantaġġi speċifiċi sabiex jagħmluha aktar faċli għas-sess li m'għandux rappreżentanza li jfittex attivita' vokazzjonali jew sabiex jipprevjenu jew jikkompensaw għal svantaġġi f'karrieri professjonali.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu, bi ftehim, wara li jikkonsultaw il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal, il-miżuri u l-azzjonijiet biex jippromwovu opportunitajiet indaqs għall-irġiel u n-nisa fl-oqsma koperti minn dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, u għandhom jadottaw id-disposizzjonijiet xierqa li jindirizzaw mill-ġdid it-tali *de facto* inugwaljanzi li jfixxklu opportunitajiet lin-nisa f'dawn l-oqsma.

L-Artikolu 2 (69) (73)

Kull istituzzjoni għandha tistabbilixxi min ġewwa fiha għandu jeserċita s-setgħat mogħtija minn dawn ir-Regolamenti tal-Persunal fuq l-awtorità tal-ħatra.

Dwar l-uffiċjali tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, il-Kumitat tar-Reġjuni u s-segretarjat ta' l-Ombudsman ta' l-Unjoni Ewropea, ir-regoli ta' proċedura ta' dawk il-Kumitati u ta' l-Ombudsman għandhom jistabbilixxu min għandu jeserċita s-setgħat mogħtija minn dawn ir-Regolamenti tal-Persunal fuq l-awtorità tal-ħatra.

Madankollu, żewġ istituzzjonijiet jew aktar jistgħu jafdaw wieħed minnhom jew lil korp interistituzzjonali l-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lill-awtorità tal-ħatra dwar l-ingaġġ u ta' l-iskemi tas-sigurtà soċjali u l-pensjonijiet.

Artikolu 3

L-istrument li jaħtar uffiċjal għandu juri d-data ta' meta l-ħatra tidħol fis-seħħ; din id-data m'għandhiex tkun qabel id-data meta l-uffiċjal jibda d-dmirijiet tiegħu.

Artikolu 4

L-ebda ħatra jew promozzjoni m'għandha ssir għal xi skop ieħor barra dak biex jimtela post vojt kif provdut f'dawn ir-Regolament tal-Persunal.

Postijiet vojta f'istituzzjoni għandhom ikunu notifikati lill-persunal ta' dik l-istituzzjoni hekk kif l-awtorità tal-ħatra tiddeċiedi li l-post għandu jimtela.

Jekk il-post vojt ma jistax jimtela minn trasferiment, promozzjoni jew kompetizzjoni interna, dan għandu jkun notifikat lit-tlett Komunitajiet Ewropew.

Artikolu 5 (8)

1. Il-postijiet koperti minn dawn ir-Regolamenti tal-Persunal għandhom ikunu kklassifikati, skond in-natura u l-importanza tad-dmirijiet li għalihom jirrelataw, f'erba' kategoriji, A, B, Ċ u D, f'ordni nieżla tal-grad.

Il-kategorija A għandha tinkludi tmien gradi, maqsuma f'meded ta' karrieri li normalment fihom żewġ gradi kull wieħed għall-perunal ingaġġat fi dmirijiet amministrattivi jew ta' konsulenza li jeħtieġu edukazzjoni universitarja jew esperjenza professjonali ekwivalenti.

Il-kategorija B għandha tinkludi ħames gradi, maqsuma f'meded ta' karrieri li normalment fihom żewġ gradi kull wieħed għall-perunal ingaġġat fi dmirijiet eżekuttivi li jeħtieġu livell avvanzat ta' edukazzjoni sekondarja jew esperjenza professjonali ekwivalenti.

Il-kategorija Ċ għandha tinkludi ħames gradi, maqsuma f'meded ta' karrieri li normalment fihom żewġ gradi kull wieħed għall-perunal ingaġġat fi dmirijiet klerikali li jeħtieġu edukazzjoni sekondarja jew esperjenza professjonali ekwivalenti.

Il-kategorija D għandha tinkludi erba' gradi, maqsuma f'meded ta' karrieri li normalment fihom żewġ gradi kull wieħed għall-perunal ingaġġat fi dmirijiet manwali jew ta' servizz li jeħtieġu edukazzjoni primarja, jekk meħtieġ supplimentata b'xi taħriġ tekniku.

B' deroga mid-disposizzjonijiet ta' qabel, madankollu, il-postijiet li ġejjin mill-istess qasam professjonali speċjalizzat jistgħu, skond il-proċedura tar-reviżjoni ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, ikunu fformati f'servizzi li jilqgħu numru ta' gradi ta' waħda jew aktar mill-kategoriji ta' qabel.

2. Postijiet tat-tradutturi u interpreti jkunu miġbura f'Servizz tal-Lingwi bl-isem ta' LA, magħmul minn sitt gradi ekwivalenti għall-gradi 3 sa 8 tal-Kategorija A u maqsuma f'meded ta' karrieri li normalment fihom żewġ gradi kull wieħed.

3. Kondizzjonijiet identiċi għar-reklutaġġ u s-servizz ta' karriera għandhom japplikaw għall-uffiċjali kollha ta' l-istess kategorija jew l-istess servizz.

4. Tabella li turi l-postijiet basiċi u l-meded tal-karrieri li jikkorrospondu tingħata fl-Anness I.

B'riferenza għal din it-tabella kull istituzzjoni għandha, wara li tikkonsulta l-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal imsemmi fl-Artikolu 10, tiddefinixxi d-dmirijiet u s-setgħat marbutin ma' kull post bażiku.

Artikolu 6

Il-lista tal-postijiet mehmuża mat-taqsima tal-*budget* relatat ma' kull istituzzjoni għandhom jindikaw, għal kull kategorija u kull servizz, in-numru tal-postijiet f'kull grad għal kull *bracket* tal-karrieri.

Artikolu 7 (8)

1. L-awtorità tal-ħatra għandha, waqt li taġixxi biss fl-interess tas-servizz u mingħajr każ tan-nazzjonalita', tassenja kull uffiċjal b'ħatra jew trasferiment għall-post fil-kategorija jew servizz tiegħu li jikkorrispondu mal-grad tiegħu.

Uffiċjal jista' japplika għal trasferiment ġewwa l-istituzzjoni tiegħu.

2. Uffiċjal jista' jissejjaħ biex jieħu post temporanjament fi *bracket* tal-karrieri fil-kategorija jew servizz tiegħu li hija ogħla mill-*bracket* sostantiva tal-karriera tiegħu. Mill-bidu tar-raba' xahar tat-tali post temporanju, huwa għandu jirċievi *allowance* tad-differenza li huwa daqs id-differenza bejn ir-remunerazzjoni konnessa mal-grad sostantiv u t-tarġa tiegħu, u r-remunerazzjoni li kieku jirċievi għat-tarġa li jkun klassifikat fil-grad tal-bidu jekk ikun maħtur fil-*bracket* tal-karrieri tal-post temporanju tiegħu.

It-tul ta' żmien tal-post temporanju m'għandux jaqbeż is-sena, ħlief fejn, direttament jew indirettament, il-post huwa biex jinbidel uffiċjal li huwa sekondat għal post ieħor fl-interessi tas-servizz, imsejjaħ għal servizz militari jew assenti fuq *leave* fit-tul minħabba mard.

Artikolu 8

Uffiċjal sekondat għal istituzzjoni oħra tal-Komunitajiet Ewropew jista', wara perjodu ta' sitt xhur, japplika biex ikun trasferit għal dik l-istituzzjoni.

Jekk l-istituzzjon ewlenija ta' l-uffiċjal u l-istituzzjoni li kien sekondat fiha t-tnejn jaċċettaw it-trasferiment, l-uffiċjal għandu jitqies li serva s-servizz kollu tal-karriera tiegħu fil-Komunità f'din l-istituzzjoni l-aħħar imsemmija. Huwa m'għandux jirċievi bis-saħħa tat-tali trasferiment xi benefiċċju finanzjarju li uffiċjal huwa intitolat li jirċievi taħt dawn ir-Regolamenti tal-Persunal mat-tmiem tas-servizz minn ma' waħda mill-istituzzjonijiet tal- Komunitajiet.

Jekk id-deċiżjoni li tagħti l-applikazzjoni tinvolvi stabbiliment fi grad ogħla minn dak okkupat mill-istituzzjoni ewlenija, din għandha tgħodd bħala promozzjoni; it-tali deċiżjoni tista' tittieħed biss skond it-termini ta' l-Artikolu 45.

Artikolu 9 (69)

1. Għandu jiġi stabbilit:

(a) ġewwa kull istituzzjoni:

— Kumitat tal-Persunal, li jista' jkun organiżżat f'taqsimiet għall-postijiet differenti ta' l-impieg;

— Kumitat Konġunt wieħed jew aktar, kif xieraq għan-numru ta' uffiċjali fil-postijiet ta' l-impieg;

— Bord tad-Dixxiplina wieħed jew aktar, kif xieraq għan-numru ta' uffiċjali fil-postijiet ta' l-impieg;

— Kumitat tar-Rapporti, jekk meħtieġ

(b) għall-Komunitajiet:

— Kumitat ta' Invalidità,

li għandhom iwettqu l-funzjonijiet assenjati lilhom minn dawn ir-Regolamenti tal-Persunal.

1a. Għall-applikazzjoni ta' ċerti disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, Kumitat Konġunt komuni jista' jkun stabbilit għal żewġ istituzzjonijiet jew aktar.

2. Il-komposizzjoni u l-proċedura tal-korpi għandha tkun stabbilita minn kull istituzzjoni skond id-disposizzjonijiet ta' l-Anness II.

Il-membri ta' dawn il-korpi għandhom ikunu mniżżla fil-Bulettin tal-Persunal ta' kull xahar tal-Komunitajiet.

3. Il-Kumitat tal-Persunal għandu jirrappreżenta l-interessi tal-persunal rigward l-istituzzjoni tagħhom u jżomm kuntatt kontinwu bejn l-istituzzjoni u l-persunal. Għandu jikkontribwixxi għall-operazzjoni tajba tas-servizz billi jipprovdi mezz ta' espressjoni ta' l-opinjoni tal-persunal.

Għandu jġib għall-attenzjoni tal-korpi kompetenti ta' l-istituzzjoni kull diffikulta li jkollha implikazzjonijiet ġenerali dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal. Jista' jkun ikkonsultat fuq kull diffikulta ta' dan it-tip.

Il-Kumitat għandu jibgħat lill-korpi kompetenti ta' l-istituzzjoni suġġerimenti dwar l-organizzazzjoni u l-operazzjoni tas-servizz u proposti għat-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal jew il-kondizzjonijiet ġenerali ta' l-għajxien.

Il-Kumitat għandu jieħu sehem fl-amministrazzjoni u superviżjoni tal-korpi ta' assistenza soċjali mwaqqfa mill-istituzzjoni fl-interessi tal-persunal tagħha. Jista', bil-kunsens ta' l-istituzzjoni, jistabbilixxi t-tali servizzi ta' assistenza soċjali.

4. Barra l-funzjonijiet assenjati lilhom minn dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, il-Kumitat jew il-Kumitati Konġunti jista' jkunu kkonsultati mill-awtorità tal-ħatra jew mill-Kumitat tal-Persunal dwar mistoqsijiet ta' natura ġenerali li wieħed minn ta' l-aħħar jaħseb li għandhom isiru.

5. L-opinjoni tal-Kumitat tar-Rapporti għandha tinkiseb:

(a) dwar azzjoni wara li jitlesta servizz probatorju;

(b) dwar tkeċċijiet fuq inkompetenza; u

(ċ) dwar l-għażla tal-persunal li għandhom ikunu affettwati minn xi tnaqqis fl-istabbiliment.

Il-Kumitat għandu jiżgura li r-rapporti perjodiċi fuq il-membri tal-persunal isiru b'mod uniformi ġewwa kull istituzzjoni.

Artikolu 10

Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun stabbilit li jikkonsisti minn rappreżentanti ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet u numru ndaqs ta' rappreżentanti tal-Kumitati tal-Persunal tagħhom. Il-proċedura biex jinħatru membri tal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal għandha tkun deċiża bi qbil komuni ta' l-istituzzjonijiet.

Barra l-funzjonijiet assenjati lilu minn dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, il-Kumitat jista' jifformula suġġerimenti għar-reviżjoni tar-Regolamenti tal-Persunal. Il-Kumitat għandu jkun ikkonsultat mill-Kummissjoni fuq kull proposta għar-reviżjoni tar-Regolamenti tal-Persunal; għandu jgħarraf l-opinjoni tiegħu fit-tali perjodu li jista' jkun stabbilit mill-Kummissjoni. Il-Kumitat għandu jiltaqa' fuq it-talba tal-President tiegħu, istituzzjoni jew il-Kumitat tal-Persunal ta' istituzzjoni.

Il-minuti tal-laqgħat tal-Kumitat għandhom ikunu kkomunikati lill-korpi xierqa.

Artikolu 10a (8)

L-istituzzjoni għandha tippreskrivi l-perjodi li matulhom il-Kumitat tal-Persunal, il-Kumitat Konġunt jew il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal iridu jwasslu opinjonijiet mitluba minnhom; dawn il-perjodi m'għandhomx ikunu anqas minn 15-il ġurnata ta' xogħol. Jekk l-ebda opinjoni ma titwassal matul il-perjodu preskritt l-istituzzjoni għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha.

Titolu II: Drittijiet u obbligi ta' l-uffiċjali

Artikolu 11

Uffiċjal għandu jwettaq id-dmirijiet tiegħu u jġib ruħu biss bl-interessi tal-Komunitajiet f'moħħu; la għandu jfittex u lanqas jieħu istruzzjonijiet minn kwalunkwe gvern, awtorità, organizzazzjoni jew persuna barra l-istituzzjoni tiegħu.

Uffiċjal m'għandux, mingħajr il-permess ta' l-awtorità tal-ħatra, jaċċetta minn kwalunkwe gvern jew minn kwalunkwe sors ieħor barra l-istituzzjoni tiegħu xi unur, dekorazzjoni, favur, rigal jew ħlas ta' kull tip li jkun, ħlief għal servizzi li saru jew qabel il-ħatra tiegħu jew matul *leave* speċjali għal militar jew servizz nazzjonali ieħor u għal dak it-tali servizz.

Artikolu 12

Uffiċjal għandu jżomm lura minn kull azzjoni u, partikolarment, kull espressjoni pubblika ta' opinjoni li tista' tirrifletti fuq il-posizzjoni tiegħu.

La jista' jkollu u lanqas jakkwista, direttament jew indirettament, f'impriżi li huma suġġetti għall-awtorità ta' l-istituzzjoni tiegħu jew li jkollom x'jaqsmu ma' dik l-istituzzjoni, kwalunkwe interess tat-tali tip jew daqs li jista' jfixkel l-indipendenza tiegħu fil-qadi ta' dmirijietu.

Uffiċjali li jixtieq jieħu sehem f'attivita' barranija, kemm jekk bi qligħ jew le, jew li jwettaq xi nkarigu barra l-Komunitajiet irid jikseb permess mill-awtorità tal-ħatra. Il-permes ikun rifjutat jekk l-attivita' jew l-inkarigu huwa tali li jfixkel l-indipendenza ta' l-uffiċjal jew ikun ta' detriment għax-xogħol tal-Komunitajiet.

Artikolu 13

Jekk mart uffiċjal għandha mpieg bi qligħ, l-uffiċjal għandu jinforma l-awtorità tal-ħatra ta' l-istituzzjoni tiegħu. Jekk in-natura ta' l-impieg tirriżulta li hija inkompatibbli ma' dik ta' l-uffiċjal u jekk l-uffiċjal mhux kapaċi jagħti garanzija li se jieqaf f'perjodu speċifikat, l-awtorità tal-ħatra għandha, wara li tikkonsulta l-Kumitat Konġunt, tiddeċiedi jekk l-uffiċjal għandux ikompli f'postu, ikun trasferit għal post ieħor jew ikun meħtieġ jirriżenja.

Artikolu 14

Kull uffiċjal li fil-qadi ta' dmirijietu jissejjaħ biex jiddeċiedi fuq kwistjoni fuq l-operat jew ir-riżultat li fuqu għandu interess personali tali li jfixkel l-indipendenza tiegħu għandu jinforma l-awtorità tal-ħatra.

Artikolu 15

Kull uffiċjal li huwa kandidat għal uffiċċju pubbliku elettiv għandu japplika għal *leave* fuq bażi personali għal perjodu li ma jaqbiżx it-tlett xhur.

L-awtorità tal-ħatra għandha tikkunsidra l-każ ta' kull uffiċjal elett għat-tali uffiċċju. L-awtorità tal-ħatra għandha, wara li tikkunsidra l-importanza ta' l-uffiċċju u d-dmirijiet li jġib għad-detentur, tiddeċiedi jekk l-uffiċjal għandux ikompli f'impieg attiv jew għandux japplika għal *leave* fuq bażijiet personali. Fil-każ ta' l-aħħar, it-tul taż-żmien tal-*leave* għandu jkun daqs il-perjodu li għalih l-uffiċjal kien elett.

Artikolu 16

Uffiċjal għandu, wara li jħalli s-servizz, ikomplu jkun marbut mid-dmir li jġib ruħu b'integrita' u diskrezzjoni rigward l-aċċettazzjoni ta' ċerti ħatriet jew benefiċċji.

Kull istituzzjoni għandha, wara li tikkonsulta l-Kumitat Konġunt, tispeċifika liema postijiet iwaqqfu lill-uffiċjali li kienu fihom milli jieħdu sehem fi kwalunkwe okkupazzjoni, kemm jekk bi qligħ jew le, għal perjodu ta' tlett snin wara li jħallu s-servizz, ħlief skond id-disposizzjonijiet li ġejjin.

Matul dawn it-tlett snin kull uffiċjal li kellu t-tali post ikun meħtieġ li jinforma minnufih l-istituzzjonijiet li kien magħhom matul it-tlett snin qabel telaq is-servizz bid-dmirijiet jew l-inkarigi li jista' jkun imsejjaħ biex iwettaq.

L-istituzzjoni għandha, wara li tikkonsulta l-Kumitat Konġunt, tinnotifika l-persuna kkonċernata, fi żmien 15-il ġurnata li jkunu infurmati b'hekk, jekk ma tħallihx jaċċetta t-tali dmirijiet jew inkarigi jew le.

Artikolu 17

Uffiċjal għandu jeserċita l-ogħla diskrezzjoni rigward il-fatti u l-informazzjoni kollha li jsir jaf bihom matul jew f'konnessjoni mat-twettiq tad-dmirijiet tiegħu; m'għandu bl-ebda mod jiżvela lil xi persuna mhux awtorizzata xi dokument jew informazzjoni li mhux diġa' saret pubblika. Huwa għandu jkompli jkun marbut b'dan l-obbligu wara li jitlaq mis-servizz.

Uffiċal m' għandux, kemm jekk waħdu kif ukoll flimkien ma' oħrajn, jippubblika jew jikkawża li tkun ipubblikata mingħajr il-permess ta' l-awtorità tal-ħatra, kwalunkwe ħaġa li għandha x'taqsam max-xogħol tal-Komunitajiet. Il-permess għandu jkun rifjutat biss meta l-pubblikazzjoni proposta x'aktarx tippreġudika l-interessi tal-Komunitajiet.

Artikolu 18

Id-drittijiet kollha f'kull kitba jew xogħol ieħor magħmul minn kwalunkwe uffiċjal fil-qadi ta' dmirijietu għandhom ikunu l-proprjeta' tal-Komunità li magħha għandhom x' jaqsmu t-tali kitbiet jew xogħol.

Artikolu 19

Uffiċjal m'għandux, mingħajr il-permess ta' l-awtorità tal-ħatra, jiżvela għall-ebda raġuni, fi proċeduri legali informazzjoni li jaf biha minħabba dmirijietu. Il-permess għandu jkun rifjutat biss fejn l-interessi tal-Komunitajiet hekk jeħtieġu u t-tali rifjut ma jġibx konsegwenzi kriminali sa fejn l-uffiċjal huwa kkonċernat. Uffiċjal għandu jkompli jkun marbut b' dan l-obbligu wara li jħalli s-servizz.

Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti m'għandhomx japplikaw għal uffiċjal jew għal min kien uffiċjal li jagħti evidenza quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej jew quddiem Bord tad-Dixxiplina ta' istituzzjoni fuq kwistjoni li tikkonċerna aġent jew wieħed li kien aġent ta' waħda mill-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 20

Uffiċjal għandu jgħix jew fil-post fejn huwa mpjegat jew f'distanza mhux aktar il-bogħod milli huwa kompatibbli mal-qadi sew ta' dmirijietu.

Artikolu 21 (24)

Uffiċjal, ikun xi jkun il-grad tiegħu, għandu jassisti u jgħaddi pariri lis-superjuri tiegħu; huwa għandu jkun reponsabbli mill-qadi tad-dmirijiet assenjati lilu.

Uffiċjal responsabbli minn kwalunkwe fergħa tas-servizz għandu jkun responsabbli mas-superjuri tiegħu dwar l-awtorità mogħtija lilu u biex iwettaq l-istruzzjonijiet mogħtija minnu. Ir-responsabbilta' ta' dawk ta' taħtu bl-ebda mod ma tirrilaxxah mir-responsibbilta' tiegħu stess.

Uffiċjal li jirċievi istruzzjonijiet li jikkunsidra li huma irregolari jew x'aktarx se joħolqu diffikultajiet serji għandu jinforma s-superjur direct tiegħu, jekk meħtieġ bil-miktub. Jekk l-uffiċjal imbagħad jirċievi konferma bil-miktub ta' l-istruzzjonijiet mis-superjur tiegħu, huwa għandu jwettaqhom sakemm ma jikkostitwixxux ksur fil-liġi kriminali jew fl-i*standard*s tas-sigurtà relevanti.

Artikolu 22

Uffiċjal jista' jkun mitlub li jagħmel tajjeb, kompletament jew parzjalment, għal kull ħsara soffruta mill-Komunitajiet minħabba riżultat ta' mġieba ħażina serja min naħa tiegħu fil-kors jew f'konnessjoni mal-qadi tad-dmirijietu.

Deċiżjoni raġunata għandha tingħata mill-awtorità tal-ħatra skond il-proċedura mniżżla rigward kwistjonijiet dixxiplinari.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għandu jkollha ġurisdizzjoni illimitata f'tilwim li jinqala' taħt din id-disposizzjoni.

Artikolu 23 (24)

Il-privileġġi u l-immunitajiet li jgawdu l-uffiċjali jingħataw biss fl-interessi tal-Komunitajiet. Suġġetti għall-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, l-uffiċjali m'għandhomx ikunu eżentati milli jwettqu l-obbligi privati tagħhom jew milli jħarsu l-liġijiet u r-regoli tal-pulizija fis-seħħ.

Meta l-privileġġi u l-immunitajiet huma in kontestazzjoni, l-uffiċjal ikkonċernat għandu minnufih jinforma l-awtorità tal-ħatra.

Il-*laissez-passer* provdut fil-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet għandu jinħareġ lill-uffiċjali fil-gradi A 1 sa A 4 u l-gradi ekwivalenti. Fejn l-interessi tas-servizz jeħtieġu hekk, dan il-*laissez-passer* jista' jinħareġ, b'deċiżjoni speċjali mill-awtorità tal-ħatra, lil uffiċjali fi gradi oħra li l-post tax-xogħol tagħhom jinsab barra t-territorju ta' l-Istati Membri.

Artikolu 24 (8)

Il-Komunitajiet għandhom jassistu kull uffiċjal, partikolarment fi proċeduri kontra kull persuna li tagħmel theddid, atti jew kliem ta' insult jew defamatorji, jew kull attakk fuq persuna jew proprjeta' li għalihom huwa jew membru mill-familja tiegħu huwa suġġett minħabba l-posizzjoni jew id-dmirijiet tiegħu.

Huma għandhom jikkumpensaw *in solidum* l-uffiċjal għall-ħsara li sofra fit-tali każijiet, sakemm l-uffiċjal ma kkawżax il-ħsara intenzjonalment jew b'negliġenza gravi u ma kienx kapaċi jikseb kumpens mill-persuna li kkważata.

Għandha tiffaċilita dak it-taħriġ u struzzjoni addizzjonali għall-uffiċjali kif inhu kompatibbli mal-ħidma tajba tas-servizz u ma' l-interessi tagħha stess.

L-imsemmi taħriġ u struzzjoni għandu jkun ikkunsidrat għall-iskopijiet ta' promozzjoni fil-karriera tagħhom.

Artikolu 24a (8)

L-uffiċjali għandhom ikunu intitolati jeżerċitaw id-dritt ta' assoċjazzjoni; huma jistgħu partikolarment ikunu membri ta' *trade unions* jew assoċjazzjonijiet tal-persunal ta' l-uffiċjali Ewropej.

Artikolu 25 (8)

L-uffiċjali jistgħu jagħmlu talbiet lill-awtorità tal-ħatra ta' l-istituzzjoni tagħhom.

Kull deċiżjoni relatata ma' individwu speċifiku li tittieħed taħt dawn ir-Regolamenti tal-Persunal għandha tkun ikkomunikata minnufih bil-miktub lill-uffiċjal konċernat. Kull deċiżjoni li taffettwa ħażin uffiċjal għandha tagħti ir-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata.

Deċiżjonijiet speċifiċi rigward il-ħatra, l-istabbiliment, il-promozzjoni, it-trasferiment, id-determinazzjoni ta' l-istat amministrattiv u t-tmiem tas-servizz ta' uffiċjal ikunu mwaħħla mill-ewwel fil-fond ta' l-istituzzjoni ta' l-uffiċjal u għandhom ikunu ippubblikati fil-Bulettin ta' Kull Xahar tal-Persunal tal-Komunitajiet.

Artikolu 26

Il-fajl personali ta' uffiċjal għandu jkun fih:

(a) id-dokumenti kollha dwar l-istat amministrattiv tiegħu u r-rapporti kollha relatati ma' l-abilita, l-effiċjenza u l-kondotta tiegħu;

(b) kull kumment mill-uffiċjal dwar it-tali dokumenti.

Id-dokumenti għandhom ikunu reġistrati, numerati u merfugħa f'serje; id-dokumenti msemmija fis-subparagrafu (a) ma jistgħux jintużaw jew ikunu kkwotati mill-istituzzjoni kontra uffiċjal sakemm ma kienux kkomunikati lilu qabel ma kienu iffajljati.

Il-komunikazzjoni ta' kull dokument lil uffiċjal għandha tkun evidenzjata billi jiffirma għaliha jew, fin-nuqqas ta' dan, għandha tkun effettwata b'ittra reġistrata.

Fajl personali ta' uffiċjal m'għandu jkun fih l-ebda referenza għat-twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż tiegħu.

Għandu jkun hemm fajl personali wieħed biss għal kull uffiċjal.

Uffiċal għandu jkollu d-dritt, anke wara li jħalli s-servizz, li jiffamiljarizza ruħu mad-dokumenti kollha fil-fajl tiegħu.

Il-fajl personali għandu jkun kunfidenzali u jista' jkun ikkonsultat biss fl-uffiċċji ta' l-amministrazzjoni. Madankollu, dan ikun mibgħut lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej jekk titressaq quddiem il-Qorti kawza li tirrigwarda lill-uffiċjal.

Titolu III: Karriera ta' l-uffiċjali

Kapitolu 1: Reklutaġġ

Artikolu 27 (77)

Ir-reklutaġġ għandu jkollu l-mira li jiżgura li l-istituzzjoni jkollha s-servizzi ta' uffiċjali ta' l-ogħla livell ta' kapaċita', effiċjenza u integrita, magħżula mill-aktar bażi ġeografika wiesgħa possibbli minn fost iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tal-Komunitajiet.

L-uffiċjali għandhom jintgħażlu mingħajr distinzjoni ta' razza, twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż, sess jew xejriet sesswali u mingħajr referenza għall-istat maritali jew is-sitwazzjoni tal-familja tagħhom.

L-ebda post ma jkun riservat għal ċittadini ta' xi Stat Membru speċifiku.

Artikolu 28

Uffiċjal jista' jkun appuntat biss bil-kondizzjoni li:

(a) huwa ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Komunitajiet, sakemm eċċezzjoni ma tkunx awtorizzata mill-awtorità tal-ħatra, u jgawdi mid-drittijiet kollha tiegħu bħala ċittadin;

(b) huwa jkun wettaq kull obbligu mpost fuqu mill-liġijiet dwar is-servizz militari;

(ċ) huwa jipproduċi r-riferenzi ta' karattru xierqa li juru li huwa tajjeb biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu;

(d) huwa, suġġett għall-Artikolu 29(2), għadda minn kompetizzjoni bbażata fuq jew kwalifiki jew eżamijiet, jew kemm kwalifiki kif ukoll eżamijiet, kif provdut fl-Anness III;

(e) huwa fil-forma fiżika xierqa biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu; u

(f) huwa jipproduċi evidenza ta' għarfien komplut ta' waħda mill-lingwi tal-Komunitajiet u ta' għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra tal-Komunitajiet sal-punt meħtieġ biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu.

Artikolu 29

1. Qabel ma jimtela post battal f'istituzzjoni, l-awtorità tal-ħatra għandha l-ewwel tikkunsidra:

(a) jekk il-post jistax jimtela minn promozzjoni jew trasferiment minn ġewwa l-istituzzjonijiet;

(b) jekk twettaqx kompetizzjonijiet interni fl-istituzzjoni;

(ċ) x'applikazzjonijiet għat-trasferiment saru minn uffiċjali ta' istituzzjonijiet oħra tat-tlett Komunitajiet Ewropej;

u mbagħad issegwi l-proċedura għall-kompetizzjonijiet fuq il-bażi jew tal-kwalifiki jew ta' l-eżamijiet, jew ta' kwalifiki kif ukoll l-eżamijiet. L-Anness III jippreżenta l-proċedura tal-kompetizzjoni.

Il-proċedura tista' wkoll tkun segwita għall-iskop li tkun kostitwita riserva għal reklutaġġ fil-futur.

2. Proċedura oħra barra l-proċedura tal-kompetizzjoni tista' tkun adottata mill-awtorità tal-ħatra għar-reklutaġġ ta' l-uffiċjali tal-gradi A 1 jew A 2 u, f'każijiet ta' eċċezzjoni, ukoll għar-reklutaġġ għal postijiet li jeħtieġu kwalifiki speċjali.

Artikolu 30

Għal kull kompetizzoni, kumitat ta' l-għażla jinħatar mill-awtorità tal-ħatra. Dan il-kumitat għandu jħejji lista ta' kandidati xierqa.

L-awtorità tal-ħatra għandha tiddeċiedi liema minn dawn il-kandidati għandha taħtar għall-postijiet battala.

Artikolu 31

1. Il-kandidati hekk magħżula għandhom ikunu maħtura kif ġej:

— uffiċjali fil-Kategorija A jew is-Servizz tal-Lingwa: għall-grad tal-bidu tal-kategorija jew is-servizz tagħhom;

— uffiċjali f'kategoriji oħra: għall-grad tal-bidu għall-post li għalih kienu reklutati.

2. Madankollu, l-awtorità tal-ħatra tista' tagħmel eċċezzjonijiet għad-disposizzjonijiet ta' qabel fil-limiti li ġejjin:

(a) dwar il-gradi A 1, A 2, A 3 u LA 3,

— sa nofs il-ħatriet tal-postijiet li jsiru battala;

— sa żewġ terzi tal-ħatriet għal postijiet maħluqa ġodda;

(b) dwar gradi oħra,

— sa terz tal-ħatriet għall-postijiet li jsiru battala;

— sa nofs il-ħatriet għal postijiet maħluqa ġodda.

Ħlief rigward il-grad LA 3, din id-disposizzjoni għandha tkun applikata minn gruppi ta' sitt postijiet li għandhom jimtlew f'kull grad għall-iskop ta' din id-disposizzjoni.

Artikolu 32 (8) (69)

Uffiċjal jista' jkun reklutat fl-ewwel skala tal-grad tiegħu.

Madankollu, l-awtorità tal-ħatra tista', wara li tikkunsidra t-taħriġ u l-esperjenza speċjali għall-post tal-persuna kkonċernata, tippermetti senjorita' addizzjonali fil-grad tiegħu; dan m'għandux jaqbeż 72 xahar fil-gradi A 1 sa A 4, LA 3 u LA 4 u 48 xahar fi gradi oħra.

Membri tal-persunal temporanju ggradat skond il-kriterji li bih ikunu ggradati adottati mill-istituzzjoni għandhom iżommu s-senjorita' fl-iskala akkwistata f'dik il-kapaċita' jekk ikunu maħtura uffiċjali fl-istess grad immedjatament wara l-perjodu tas-servizz temporanju.

Artikolu 33 (24)

Qabel il-ħatra, kandidat li jirnexxi għandu jkun eżaminat medikament minn wieħed mill-uffiċjali mediċi ta' l-istituzzjoni sabiex l-istituzzjoni tista' tkun sodisfatta li jaqdi l-ħtiġiet ta' l-Artikolu 28(e).

Fejn opinjoni medika negattiva tingħata bħala riżultat ta' l-eżami mediku pprovdut fl-ewwel paragrafu, il-kandidat jista', fi żmien 20 ġurnata minn meta jkun innotifikat b'din l-opinjoni mill-istituzzjoni, jitlob li l-każ tiegħu tintbagħat għall-opinjoni ta' kumitat mediku kompost minn tlett tobba magħżula mill-awtorità tal-ħatra minn fost l-uffiċjali mediċi ta' l-istituzzjoni. L-uffiċjal mediku responsabbli mill-ewwel opinjoni negattiva għandu jinstema' mill-kumitat mediku. Il-kandidat jista' jirreferi l-opinjoni ta' tabib ta' l-għażla tiegħu lill-kumitat mediku. Fejn l-opinjoni tal-kumitat mediku tikkonferma l-konklużjonijiet ta' l-eżami mediku ipprovdut fl-ewwel paragrafu, il-kandidat għandu jħallas 50 % tal-miżati u ta' l-ispejjeż konnessi.

Artikolu 34 (8) (24) (69)

1. Uffiċjali barra dawk fil-gradi A 1 u A 2 għandhom iservu perjodu ta' prova qabel jistgħu jkunu stabbiliti. Il-perjodu għandu jkun disa' xhur għall-uffiċjali fil-Kategorija A, fis-Servizz tal-Lingwi u fil-Kategorija B u sitt xhur għal uffiċjali oħra.

Meta, matul il-perjodu ta' prova tiegħu, uffiċjal ma jitħallix, minħabba mard, *leave* tal-maternita' skond l-Artikolu 58, jew inċident, jaqdi d-dmirijiet tiegħu għal perjodu kontinwu ta' mill-anqas xahar, l-awtorità tal-ħatra tista' ttawwal il-perjodu ta' prova tiegħu bit-tul li jikkorrispondi ta' żmien.

2. Rapport fuq dak taħt prova jista' jsir f'kull mument matul il-perjdu ta' prova jekk ix-xgħol tiegħu qed jidher ovvjament mhux tajjeb.

Dan ir-rapport għandu jkun ikkomunikat lill-persuna kkonċernata, li għandha jkollha d-dritt li tibgħat il-kummenti tagħha bil-miktub fi żmien perjodu ta' tmint ijiem. Ir-rapport u l-kummenti għandhom ikunu trasmessi minnufih mis-superviżur dirett fuq dak taħt prova lill-awtorità tal-ħatra, li għandu, matul perjodu ta' tlett ġimgħat, jikseb l-opinjoni tal-Kumitat Konġunt tar-Rapporti dwar l-azzjoni li għandha tittieħed. L-awtorità tal-ħatra tista' tiddeċiedi li tkeċċi lil dak taħt prova qabel ma jintemm il-perjodu ta' prova, u ttiħ notifika ta' xahar; il-perjodu tas-servizz ma jistax, madankollu, jaqbeż il-perjodu normali ta' prova.

Madankollu, l-awtorità tal-ħatra tista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali, tawtorizza li jkompli l-perjodu ta' prova u tassenja l-uffiċjal f'dipartiment ieħor. F'dan il-każ l-assenjament il-ġdid irid ikun għal mill-anqas sitt xhur; għandu jkun suġġett għal-limiti ppreżentati fil-paragrafu 4.

3. Xahar wieħed l-aktar tard qabel it-tmiem tal-perjodu ta' prova, rapport għandu jsir dwar l-abilita' ta' dak taħt prova biex jaqdi d-dmirijiet marbutin mal-post tiegħu u wkoll dwar l-effiċjenza tiegħu u l-kondotta fis-servizz. Dan ir-rapport għandu jkun ikkomunikat lil dak taħt prova, li għandu jkollu d-dritt li jibgħat il-kummenti tiegħu bil-miktub fi żmien perjodu ta' tmint ijiem.

Jekk jirrakkomanda tkeċċija jew, f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, estensjoni tal-perjodu ta' prova, ir-rapport u l-kummenti għandhom ikunu trasmessi minnufih mis-superviżur dirett fuq dak taħt prova lill-awtorità tal-ħatra, li għandha, matul perjodu ta' tlett ġimgħat, tikkonsulta l-Kumitat Konġunt tar-Rapporti dwar l-azzjoni li għandha tittieħed.

Dak taħt prova li x-xogħol tiegħu ma kienx tajjeb għall-istabbiliment fil-post tiegħu għadu jitkeċċa. Madankollu, l-awtorità tal-ħatra tista', f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, testendi l-perjodu ta' prova għal massimu sa sitt xhur, u possibilment tassenja dak taħt prova f'dipartiment ieħor.

4. It-tul totali tal-perjodu ta' prova fl-ebda ċirkostanza m'għandu jaqbeż 15-il xahar.

5. Ħlief fejn huwa f'posizzjoni 'l quddiem li jibda mpieg x'imkien ieħor, dak taħt prova li tkeċċa għandu jirċievi kumpens daqs tlett xhur paga bażika jekk huwa għamel aktar minn sena servizz, xahrejn paga bażika jekk għamel mill-anqas sitt xhur servizz u xahar paga bażika jekk għamel anqas minn sitt xhur servizz.

6. Il-paragrafi 2, 3, 4, u 5 m'għandhomx jgħoddu għall-uffiċjali li jirriżenjaw qabel it-tmiem tal-perjodu ta' prova tagħhom.

Kapitolu 2: Stat amministrattiv

Artikolu 35

L-uffiċjali għandhom ikunu assenjati wieħed mill-istati amministrattivi li ġejjin:

(a) mpieg attiv;

(b) sekondar;

(ċ) *leave* fuq raġunijiet personali;

(d) stat mhux attiv;

(e) *leave* għal servizz militari.

Taqsima 1: Mpieg attiv

Artikolu 36

Uffiċjal f'impieg attiv huwa wieħed li jwettaq id-dmirijiet tiegħu marbutin mal-post li għalih kien maħtur jew assenjat temporanjament taħt il-kondizzjonijiet fit-Titolu IV.

Taqsima 2: Sekondar

Artikolu 37 (8) (40) (69)

Uffiċjal sekondat huwa uffiċjal stabbilit li, bid-deċiżjoni ta' l-awtorità tal-ħatra:

(a) kien idderiġit fl-interessi tas-servizz:

— biex iservi temporanjament f'post barra l-istituzzjoni tiegħu; jew

— li jassisti temporanjament persuna li żżomm uffiċju pprovduti fit-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet jew it-Trattat li jistabbilixxu Kunsill Wieħed u Kummissjoni Waħda tal-Komunitajiet, jew bi President elett ta' waħda mill-istituzzjonijiet jew organi tal-Komunitajiet jew il-President elett ta' wieħed mill-gruppi politiċi fil-Parlament Ewropew;

— biex iservi temporanjament f'post li huwa nkluż fil-lista ta' postijiet iffinanzjati mill-approprijazzjonijiet tar-riċerka u investiment u li l-awtoritajiet tal-*budget* ikklassifikaw bħala temporanji.

(b) kien fuq talba tiegħu stess:

— tqiegħed għad-disposizzjoni ta' ieħor mill-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej; jew

— tiegħed għad-disposizzjoni ta' organizzazzjoni devota biex tkabbar l-interessi tal-Komunità u nkluża fuq lista li għandha titħejja fuq ftehim bejn l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet wara li jkun ikkonsultat il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal.

Uffiċjal sekondat għandu jkompli jgawdi mid-drittijiet kollha tiegħu taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-Artikoli 38 u 39 u għandu jibqa' suġġett għall-obbligi kollha tiegħu bħala uffiċjal ta' l-istituzzjoni ewlenija. Suġġetti għad-disposizzjonijiet tat-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 77 dwar il-pensjoni, madankollu, id-disposizzjonijiet li japplikaw għall-uffiċjal matul is-sekondar imsemmi fit-tieni inċiż ta' (a) fl-ewwel paragrafu għandhom ikunu dawk applikabbli għal uffiċjal ta' l-istess grad bħal dak assenjat lilu fil-post li għalih huwa sekondat.

Artikolu 38 (8)

Sekondar fl-interessi tas-servizz għandha tkun regolata mir-regoli li ġejjin:

(a) id-deċiżjoni fuq is-sekondar għandha tittieħed mill-awtorità tal-ħatra wara li jinstema' l-uffiċċjal ikkonċernat;

(b) it-tul ta' żmien tas-sekondar għandu jkun stabbilit mill-awtorità tal-ħatra;

(ċ) fl-aħħar ta' kull sitt xhur, l-uffiċjal ikkonċernat jista' jitlob li dan is-sekondar jintemm;

(d) uffiċjal sekondat skond l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 37(a) huwa ntitolat għal pagament differenzali fejn ir-remunerazzjoni totali li jġorr il-post li għalih huwa sekondat hija anqas minn dik li jġorr il-grad tiegħu u l-iskala fl-istituzzjoni ewlenija; huwa għandu l-istess ikun intitolat għal rifużjoni ta' l-ispejjeż addizzjonali kollha marbutin mas-sekondar tiegħu;

(e) uffiċjal sekondat skond l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 37(a) għandu jkompli jħallas il-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni bbażati fuq il-paga ta' mpieg attiv li jġorr il-grad tiegħu u l-iskala ta' l-istituzzjoni ewlenija tiegħu;

(f) uffiċjal sekondat għandu jżomm postu, id-dritt tiegħu għall-avvanzament għal skala ogħla u l-eliġibilita' tiegħu għal promozzjoni;

(g) meta s-sekondar tiegħu tispiċċa uffiċjal għandu minnufih jerġa' jmur lura fil-post li qabel kien okkupat minnu.

Artikolu 39 (8) (40)

Sekondar fuq talba ta' l-uffiċjal innifsu għandha tkun regolata mir-regoli li ġejjin:

(a) id-deċiżjoni fuq is-sekondar għandha tittieħed mill-awtorità tal-ħatra li għandha tistabbilixxi t-tul taż-żmien tagħha;

(b) fi żmien sitt xhur minn meta jibda d-dmirijiet il-ġodda tiegħu uffiċjal jista' jitlob li s–sekondar tiegħu jieqaf; huwa mbagħad għandu jerġa' jitqiegħed minnufih fil-post li kien jokkupa qabel;

(ċ) fl-aħħar ta' dan il-perjodu ta' sitt xhur, persuna oħra tista' tinħatar għall-post tiegħu;

(d) matul il-perjodu tas-sekondar, kontribuzzjonijiet tal-pensjoni u kull dritt tal-pensjoni għandhom jinħadmu b'riferenza għall-paga għal impieġ attiv imwettaq mill-grad tiegħu u l-iskala fl-istituzzjoni ewlenija.

Madankollu, uffiċjal sekondat taħt it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 37(1)(b) li jakkwista drittijiet tal-pensjoni fil-korp li miegħu huwa sekondat ma jibqax magħqud ma' l-iskem tal-pensjoni fl-istituzzjoni oriġinali tiegħu sakemm idum dan is-sekondar.

Uffiċjal li jsir invalidu matul is-sekondar fis-sens ta' l-Artikolu 37(1)(b), it-tieni inċiż, u d-dipendenti ta' uffiċjal li jmut matul l-istess perjodu, għandhom ikunu ntitolati taħt dawn ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Invaliditá jew il-pensjoni għal min jibqa' ħaj imnaqqas b'kull ammonti mħallsa lilhom fuq l-istess bażi u għall-istess perjodu mill-korp li miegħu l-uffiċjal kien sekondat.

Din id-disposizzjoni m'għandhiex tirriżulta fl-uffiċjal jew id-dipendenti tiegħu jkunu ntitolati għal pensjoni totali ogħla mill-ammont massimu li kien jirċievi skond dawn ir-Regolamenti tal-Persunal.

(e) meta s-sekondar tiegħu jintemm uffiċjal għandu jerġa' jitqiegħed fl-ewwel post li jikkorrospondi mal-grad tiegħu li jsir battal fil-kategorija jew is-servizz tiegħu sakemm huwa jissodisfa l-ħtiġiet għal dak il-post. Jekk ma jaċċettax il-post offrut lilu huwa għandu jżomm id-dritt tiegħu biex jerġa' jitqiegħed meta jasal il-post battal li jmiss li jikkorrospondi mal-grad tiegħu fil-kategorija jew is-servizz tiegħu, suġġett għall-istess kondizzjoni; jekk ma jċċettax it-tieni darba, jista' jkun meħtieġ jirriżenja wara li l-Kumitat Konġunt ikun ikkonsultat. Sakemm jerġa' jitqiegħed fil-post effettivament huwa jkompli jkun sekondat iżda bla ħlas.

Taqsima 3: leave fuq raġunijiet personali

Artikolu 40 (8) (24) (40)

1. Uffiċjal stabbilit jista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali u fuq talba tiegħu stess, jingħata *leave* għal raġunijiet personali bla ħlas.

2. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 15, it-tul tat-tali *leave* m'għandux jaqbeż sena.

Il-*leave* jista' jkunu estiż għal żewġ perjodi oħra ta' sena kull wieħed.

Jekk, madankollu, uffiċjal japplika għat-tali *leave* sabiex ikun jista':

— jrabbi tifel/tifla taħt il-ħmes snin u kkunsidrat bħala dipendent ta' l-uffiċjal fis-sens ta' l-Artikolu 2(2) ta' l-Anness VII; jew

— biex irabbi tifel/tifla kkunsidrat bħala dipendent tiegħu fis-sens ta' l-Artikolu 2(2) ta' l-Anness VII u li jsofri minn mankament serju mentali jew fisiku rikonoxxut mill-uffiċjal mediku ta' l-istituzzjoni u li jeħtieġ ħsieb jew superviżjoni kontinwa,

il-*leave* jistgħu jkunu estiżi kull sena għal erba' darbiet, sakemm fil-mument ta' kull estensjoni waħda jew oħra mill-kondizzjonijiet imsemmija fiż-żewġ inċiżi t'ħawn fuq tinkiseb.

Jekk uffiċjal japplika għat-tali *leave* sabiex ikunu jista' jakkumpanja l-għarus/a tiegħu jew tagħha, li ta' l-aħħar ukoll huwa uffiċjal jew impjegat ieħor tal-Kommunitajiet meħtieġ fil-kors tad-dmirijiet tiegħu jew tagħha biex jistabbilixxi r-residenza fejn se joqgħodu f'tali distanza mill-post ta' l-impieġ ta' l-uffiċjal applikant li l-istabbiliment tad-dar konjuġli tagħhom f'tali post se tkun ta' inkonvenjenza għall-uffiċjal applikant fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu jew tagħha, il-*leave* jista' jkunu estiż kull sena ħames darbiet, sakemm, fil-mument ta' kull estenjoni, il-kondizzjonijiet li ġġustifikaw l-għoti tal-vganzi jitħarsu. Uffiċjal jista' jibbenefika mid-disposizzjoni ta' l-aħħar dwar l-estensjoni tal-*leave* darba biss fil-karriera tiegħu jew tagħha.

3. Matul il-*leave*, uffiċjal ma jkunx intitolat għal avvanzament għal skala ogħla jew promozzjoni fil-grad; is-sħubija tiegħu fl-iskema tas-sigurtà soċjali pprovduta fl-Artikoli 72 u 73 u kopertura kontra r-riskji taħt l-iskema għandhom ikunu sospiżi.

Madankollu, uffiċjal li jipprovdi evidenza li ma jistax ikun kopert minn xi skema pubblika oħra ta' assigurazzjoni kontra r-riskji imsemmija fl-Artikoli 72 u 73 jista', mhux aktar tard minn xahar wara dak li fih il-*leave* tiegħu fuq bażi personali jibdew, japplika biex ikomplu jkun kopert skond dawk l-Artikoli, sakemm huwa jħallas nofs l-ispiża tal-kontribuzzjonijiet meħtieġa biex ikopri r-riskji imsemmija fl-Artikoli 72(1) u 73(1) għall-ewwel sena tal-*leave* fuq bażi personali u l-ispiża kollha matul il-bqija tat-tali *leave*; il-kontribuzzjonijiet għandhom jinħadmu b'riferenza għall-aħħar paga bażika ta' l-uffiċjal. Aktar minn hekk, l-uffiċjal li juri li ma jistax jakkwista drittijiet tal-pensjoni minn skema oħra tal-pensjoni jista' japplika biex ikompli jakkwista aktar drittijiet tal-pensjoni għal massimu ta' sena, sakemm iħallas l-ispiża tal-kontribuzzjoni daq tlett darbiet ir-rata mniżżla fl-Artikolu 83(2); il-kontribuzzjonijiet għndhom jinħadmu b'riferenza għall-paga bażika tal-grad u l-iskala ta' l-uffiċjal.

4. *leave* fuq bażi personali għandhom ikunu regolati bir-regoli li ġejjin:

(a) jingħataw fuq it-talba ta' l-uffiċjal ikkonċernat mill-awtorità tal-ħatra;

(b) l-applikazzjoni għall-estensjoni għandha ssir xahrejn qabel il-*leave* jispiċċaw;

(ċ) persuna oħra tista' tinħatar għall-post okkupat mill-uffiċjal;

(d) kif jispiċċaw il-*leave* tiegħu uffiċjal għandu jerġa' jitqiegħed fl-ewwel post li jikkorrospondi mal-grad tiegħu li jsir battal fil-kategorija jew is-servizz tiegħu, sakemm huwa jissodisfa l-ħtiġiet għal dak il-post. Jekk ma jaċċettax il-post offrut lilu, huwa għandu jżomm id-dritt tiegħu biex jerġa' jitqiegħed meta jasal il-post battal li jmiss li jikkorrospondi mal-grad tiegħu fil-kategorija jew is-servizz tiegħu, suġġett għall-istess kondizzjoni; jekk ma jċċettax it-tieni darba, jista' jkun meħtieġ jirriżenja wara li l-Kumitat Konġunt ikun ikkonsultat. Sakemm jerġa' effettivament jitqiegħed fil-post huwa għandu jibqa' fuq *leave* fuq bażi personali bla ħlas.

Taqsima 4: Stat mhux attiv

Artikolu 41 (8) (46) (78) (79)

1. Uffiċjal li għandu stat mhux attiv huwa wieħed li sar żejjed minħabba tnaqqis fin-numru ta' postijiet fl-istituzzjoni tiegħu.

2. Tnaqqis fin-numru tal-postijiet fi grad partikolari għandu jkun deċiż mill-awtorità xierqa tal-budget taħt il-proċedura tal-budget.

L-awtorità tal-ħatra għandha, wara li tikkonsulta l-Kumitat Konġunt, tiddeċiedi liema tipi ta' postijiet m'għandhomx ikunu effettwati mit-tali miżuri.

L-awtorità tal-ħatra għandha tħejji lista ta' l-uffiċjali li għandhom ikunu effettwati mit-tali miżuri, wara li tikkonsulta l-Kumitat Konġunt, wara li tikkunsidra l-abilita' ta' l-uffiċjali, l-effiċjenza, il-kondotta fis-servizz, iċ-ċirkostanzi tal-familja u s–senjorita'. Kull uffiċjal li jokkupa wieħed mill-postijiet imsemmija fis-subparagrafu ta' qabel li juri x-xewqa li jkun assenjat għal stat mhux attiv għandu awtomatikament jiddaħħal f'din il-lista.

L-uffiċjali li isimhom jidher fuq din il-lista għandhom ikunu assenjati tat mhux attiv mid-deċiżjoni ta' l-awtorità tal-ħatra.

3. Waqt li jkollu dan l-istat uffiċjal għandu jieqaf jaqdi d-dmirijiet tiegħu u jgawdi d-drittijiet tiegħu għar-remunerazzjoni jew avvanzament għal skala ogħla, iżda għandu jkompli, għal perjodu li ma jaqbiżx il-ħames snin, jakkumula drittijiet għall-pensjoni ta' l-irtirar ibbażata fuq il-paga marbuta mal-grad u l-iskala tiegħu.

Għal perjdu ta' sentejn mid-data li jkun assenjat stat ta' mhux attiv, uffiċjal għandu jkollu l-prijorita' biex jerġa jitqiegħed f'kull post fil-kategorija jew is-servizz tiegħu li jikkorrospondi mal-grad tiegħu li jista' jitbattal jew jinħoloq, sakemm għandu l-kwalifiki meħtieġa.

Uffiċjal assenjat għal stat mhux attiv għandu jirċievi *allowance* maħduma skond l-Anness IV.

Introjtu riċevut mill-uffiċjal minn kull impieġ ġdid matul dan il-perjodu għandu jitnaqqas mill-*allowance* provduta fis-subparagrafu ta' qabel jekk dak l-introjtu u l-*allowance* flimkien jaqbżu r-remunerazzjoni totali riċevuta l-aħħar mill-uffiċjal, maħduma b'riferenza għat-tabella tal-pagi applikabbli fl-ewwel ġurnata tax-xaħar li għalih l-*allowance* qed titħallas.

L-uffiċjal għandu jipprovdi t-tali evidenza bil-miktub skond kif jista' jkun meħtieġ u jinforma l-istituzzjoni minn xi fatti li x'aktarx jaffettwaw l-intitolament tiegħu.

L-*allowance* u r-remunerazzjoni totali riċevuti l-aħħar, kif imsemmi fir-raba' subparagrafu, għandhom ikunu peżati bir-rata stabbilita għall-pajjiż ġewwa l-Komunitajiet fejn min jirċevihom juri li għandu r-residenza tiegħu.

Jekk min jirċevihom jistabbilixxi r-residenza tiegħu f'pajjiż barra l-Komunitajiet, il-peżati għandhom ikunu daqs 100.

L-*allowance* għanda tkun espressa f'euro. Għandu jitħallas fil-munita tal-pajjiż tar-residenza ta' min jirċevih.

L-*allowance* mħallsa f'munita barra l-euro għandhom jinħadmu bir-rati tal-kambju speċifikati fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 63.

4. Fl-aħħar tal-perjodu ta' l-intitolament tal-*allowance* l-uffiċjal għandu bżonn jirriżenja. Huwa għandu, fejn ikun il-każ, jirċievi pensjoni ta' l-irtirar kif provdut fl-iskema tal-pensjoni.

5. Uffiċjal li qabel jiskadi l-perjodu ta' sentejn speċifikat fil-paragrafu 3 kien offrut post li jikkorrospondi mal-grad tiegħu u ma aċċettaħiex mingħajr raġuni tajba jista', wara li l-Kumitat Konġunt ikun ikkonsultat, jitneħħewlu d-drittijiet tiegħu taħt id-disposizzjonijiet imsemmija qabel u jkun meħtieġ jirriżenja.

Taqsima 5: leave għal servizz militari

Artikolu 42

Uffiċjal mgħajjat għal servizz militari jew għal taħriġ ta' riservi jew mgħajjat mill-ġdid biex iservi fil-forzi armati għandu jkun assenjat l-istat speċjali ta' "*leave* għal servizz militari'."

Uffiċjal mgħajjat għal servizz militari għandu jieqaf jirċievi r-remunerazzjoni tiegħu iżda għandu jżomm id-dritt tiegħu għall-avvanzament għal skala ogħla u promozzjoni taħt dawn ir-Regolamenti tal-Persunal. Huwa għandu wkoll iżomm id-dritt tiegħu li jgawdi minn pensjoni ta' l-irtirar jekk, wara li jlesti s-servizz militari tiegħu, iħallas il-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni tiegħu b'lura.

Uffiċjal mgħajjat għal taħriġ ta' riservi jew mgħajjat mill-ġdid biex iservi fil-forzi armati għandu, matul il-perjodu tat-taħriġ jew is-sejħa mill-ġdid, ikompli jirċievi r-remunerazzjoni tiegħu suġġetta għal tnaqqis daqs il-paga tas-servizz tiegħu.

Il-Kapitolu 3: Rapporti, avvanzament għal skala ogħla u promozzjoni

Artikolu 43

L-abilita', l-effiċjenza u l-kondotta fis-servizz ta' kull uffiċjal, bl-eċċezzjoni ta' dawk fil-gradi A 1 u A 2, għandhom ikunu suġġetti għal rapport perjodiku magħmul mill-anqas darba kull sentejn kif provdut għal kull istituzzjoni skond l-Artikolu 110.

Ir-rapport ġħandu jkun ikkomunikat lill-uffiċjal. Għandu jkun intitolat li jagħmel kull kumment fuqu li jikkunsidra relevanti.

Artikolu 44

Uffiċjal li kien fi skala waħda fil-grad tiegħu għal sentejn għandu awtomatikament jitla' għall-iskala li jmiss f'dak il-grad.

Artikolu 45 (69)

1. Promozzjoni għandha tkun b'deċiżjoni ta' l-awtorità tal-ħatra. Tkun effettwata b'ħatra ta' l-uffiċjal għall-grad aktar għoli li jmis fil-kategorija jew is-servizz li miegħu jappartjeni. Il-promozzjoni għandha tkun esklussivament bl-għażla fost l-uffiċjali li għamlu perjodu minimu fil-grad tagħhom, wara konsiderazzjoni tal-meriti komparabbli ta' l-uffiċjali eliġibbli għal promozzjoni u tar-rapporti dwarhom.

Għall-uffiċjali maħtura fl-ewwel grad tas-servizz jew il-kategorija tagħhom, dan il-perjodu għandu jkun sitt xhur mid-data ta' l-istabbiliment tagħhom; għal uffiċjali oħra għandu jkun ta' sentejn.

2. Uffiċjal jista' jkun trasferit minn servizz wieħed għal ieħor jew promoss minn kategorija waħda għal oħra biss fuq il-bażi ta' kompetizzjoni.

3. Madankollu, jekk il-ħtiġiet partikolari tal-persunal ta' istituzzjoni jiddettaw hekk, deroga tista' ssir għal paragrafu 2 sabiex uffiċjali jitħallew jiċċaqilqu mis-Servizz tal-Lingwi għal Kategorija A u bil-maqlub permezz ta' trasferiment, skond il-paragrafu 4.

4. Hekk tiddeċiedi li tagħmel użu minn din id-deroga, l-awtorità tal-ħatra għandha, wara li tikkunidra sew l-opinjoni tal-Kumitat Konġunt, tistabbilixxi n-numru ta' postijiet li għalihom din il-miżura tista' tkun applikata. Bl-istess proċedura għandha tiddeċiedi fuq il-kriterji u l-kondizzjonijiet għat-trasferimenti maħsuba, inklużi konsiderazzjonijiet tal-meriti, taħriġ u esperjenza professjonali ta' l-uffiċjali kkonċernati.

Għall-uffiċjali li fil-każ tagħhom id-deroga awtorizzata mill-paragrafu 3 kienet applikata, is-senjorita' kif imsemmija fil-paragrafu 1 fil-grad li jkunu trasferiti fih għandha tinħadem mid-data meta t-trasferiment jidħol fis-seħħ.

Fil-grad il-ġdid tiegħu uffiċjal fl-ebda każ m'għandu jirċievi paga bażika anqas minn dik li kieku kien jirċievi fil-grad ta' qabel tiegħu.

Kull istituzzjoni għandha tadotta disposizzjonijiet ġenerali biex timplimenta l-paragrafi 3 u 4, skond l-Artikolu 110, kif meħtieġ.

Artikolu 46 (8)

Uffiċjal maħtur għal grad ogħla għandu, fil-grad il-ġdid tiegħu, jkollu s-senjorita' li tikkorrospondi ma' l-iskala nozjonali daqs jew ta' fuq l-iskala nozjonali li laħaq fil-grad ta' qabel tiegħu, bl-addizzjoni l-ammont taż-żieda tas-sentejn għall-grad il-ġdid tiegħu.

Għall-iskop ta' din id-disposizzjoni, kull grad għandu jkun maqsum fi skali nozzjonali li jikkorrospondu għal xhur ta' servizz u pagi nozjonali li jitilgħu b'waħda ta' erbgħa u għoxrin parti minn żieda ta' sentejn għal dak il-grad matul il-*bracket* ta' l-iskali vera. Uffiċjal maħtur għal grad ogħla fl-ebda każ m'għandu jirċievi paga bażika anqas minn dik li kieku kien jirċievi fil-grad ta' qabel tiegħu.

Uffiċjal maħtur għal skala ogħla għandu jkun ikklassifikat mhux anqas mill-ewwel skala ta' dak il-grad.

Il-Kapitolu 4: Tmiem tas-servizz

Artikolu 47

Is-servizz għandu jintemm b':

(a) riżenja;

(b) riżenja ta' bilfors;

(ċ) irtirar fl-interessi tas-servizz;

(d) tkeċċija fuq inkompetenza;

(e) tneħħija mill-post;

(f) irtirar; jew

(g) mewt.

Taqsima 1: Riżenja

Artikolu 48 (8)

Uffiċjal li jixtieq jirriżenja għandu jistqarr mingħajr dubju bil-miktub l-intenzjoni tiegħu li jitlaq is-servizz ta' l-istituzzjoni definittivament.

L-awtorità tal-ħatra għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha li tikkonferma r-riżenja fi żmien xahar minn meta tirċievi l-ittra tar-riżenja. L-awtorità tal-ħatra tista', madankollu, tirrifjuta li taċċetta r-riżenja jekk proċeduri dixxiplinari għaddejjin kontra l-uffiċjal fid-data ta' l-irċevuta ta' l-ittra tar-riżenja jew jekk it-tali proċeduri bdew fi żmien it-30 ġurnata ta' wara.

Ir-riżenja għandha tidħol fis-seħħ fid-data speċifikata mill-awtorità tal-ħatra; dik id-data m'għandhiex tkun aktar minn tlett xhur wara d-data proposta mill-uffiċjal fl-ittra tiegħu tar-riżenja fil-każ ta' l-uffiċjali fil-Kategorija A u fis-Servizz tal-Lingwi, u mhux aktar minn xahar wieħed fil-każ ta' uffiċjali f'kategoriji oħra.

Taqsima 2: Riżenja ta' bilfors

Artikolu 49 (8)

Uffiċjal jista' jkun meħtieġ jirriżenja biss meta jieqaf iħares il-kondizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 28(a), jew fil-każijiet ipprovduti fl-Artikoli 13, 39, 40 u 41(4) u (5) u fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 14 ta' l-Anness VIII.

Deċiżonijiet raġunati li jeħtieġu l-uffiċjali jirriżenjaw għandhom jittieħdu mill-awtorità tal-ħatra wara li tikkonsulta l-Kumitat Konġunt u wara li tisma' l-uffiċjal ikkonċernat.

Taqsima 3: Irtirar fl-interessi tas-servizz

Artikolu 50 (8) (46)

Uffiċjal li għandu post fil-gradi A 1 or A 2 jista' jkun irtirat fl-interessi tas-servizz b'deċiżjoni mill-awtorità tal-ħatra.

It-tali rtirar ma jikkostitwix miżura dixxiplinari.

Uffiċal hekk irtirat li mhux assenjat post ieħor fil-kategorija jew servizz tiegħu li jikkorrospondi mal-grad tiegħu għandu jirċievi *allowance* maħduma skond l-Anness IV.

Introjtu riċevut mill-uffiċjal minn kull impieg ġdid matul dan il-perjodu għandu jitnaqqas mill-*allowance* pprovduta fil-paragrafu ta' qabel jekk dak l-introjtu u l-*allowance* flimkien jaqbżu r-remunerazzjoni totali l-aħħar riċevut mill-uffiċjal maħdum b'riferenza għat-tabella tal-pagi applikabbli fl-ewwel ġurnata tax-xahar li għalih qed jitħallas l-*allowance*.

Il-ħames sad-disa' subparagrafi ta' l-Artikolu 41(3) għandhom japplikaw.

Meta l-intitolament ta' l-uffiċjal għall-*allowance* jieqaf, huwa għandu, sakemm għalaq il-55 sena, jkun intitolat li jirċievi pagament tal-pensjoni, l-ebda tnaqqis taħt l-Artikolu 9 ta' l-Anness VIII ma jsir.

Taqsima 4: Tkeċċija fuq inkompetenza

Artikolu 51

1. Uffiċjal li jkun inkompetenti fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu jista' jitkeċċa.

L-awtorità tal-ħatra tista', madankollu, tordna li tikklassifika l-uffiċjal fi grad iżgħar.

2. Kull proposta għat-tkeċċija ta' uffiċjal għandha tippreżenta r-raġunijiet li hija bbażata fuqhom u għandha tkun ikkomunikata lill-uffiċjal ikkonċernat. Għandu jkun intitolat li jagħmel kull kumment dwarha li jikkunsidra relevanti.

L-awtorità tal-ħatra għandha tieħu deċiżjoni raġunata, wara li timxi skond il-proċedura mniżżla fl-Anness IX.

Taqsima 5: Irtirar

Artikolu 52 (46)

Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 50, uffiċjal għandu jkun irtirat

— jew awtomatikament fl-aħħar ġurnata tax-xahar li fih jilħaq l-eta' ta' 65 sena,

— jew fuq it-talba tiegħu stess fl-aħħar ġurnata tax-xahar li għalih intefgħet it-talba fejn għandu mill-anqas 60 sena jew fejn għandu bejn 50 u 60 sena u jissodisfa l-ħtiġiet għal pagament immedjat ta' pensjoni skond l-Artikolu 9 ta' l-Anness VIII.

It-tieni sentenza tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 48 għandha tapplika bħala analoġija.

Artikolu 53 (46)

Uffiċal li l-Kumitat ta' Invalidità ssib li d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 78 japplikaw għalih għandu awtomatikament ikun irtirat fl-aħħar ġurnata tax-xahar li fih l-awtorità li taħtar tirrikonoxxi l-inkapaċita' permanenti tiegħu biex jaqdi d-dmirijiet tiegħu.

Taqsima 6: Grad onorarju

Artikolu 54

Mat-tmiem tas-servizz uffiċjal jista' jingħata grad onorarju jew fil-kategorija tal-karriera tiegħu jew fil-kategorija ogħla li jmiss, b'deċiżjoni ta' l-awtorità tal-ħatra.

L-ebda benefiċċji ta' flus m'għandhom ikunu marbutin mat-tali grad onorarju.

It-Titolu IV: Kondizzjonijiet tax-xogħol ta' l-uffiċjali

Il-Kapitolu 1: Sieġħat ta' xogħol

Artikolu 55 (7) (8) (16)

Uffiċjali f'impieg attiv għandhom f'kull ħin ikunu għad-disposizzjoni ta' l-istituzzjoni tagħhom.

Madankollu, il-ġimgħa normali ta' xogħol m'għandhiex taqbeż it-42 siegħa, is-sieġħat ta' ġurnata xogħol għandhom ikunu stabbiliti mill-awtorità tal-ħatra. Taħt l-istess limiti, l-awtorità tal-ħatra għandha, wara li tikkonsulta l-Kumitat tal-Persunal, tistabbilixxi s-sieġħat li għandhom jinħadmu minn ċerti gruppi ta' uffiċjali imqabbda biex jaħdmu fuq dmirijiet partikolari.

Uffiċjal jista', barra minn hekk, ikun meħtieġ minħabba l-esiġenzi tas-servizz jew ir-regoli ta' sigurtà li jibqa' fuq dmirijiet ta' riserva fuq il-post tax-xogħol jew id-dar barra s-sieġħat normali ta' xogħol. L-istituzzjoni għandha tniżżel regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu wara li tikkonsulta l-Kumitat tal-Persunal tagħha.

Artikolu 55a (8)

B'eċċezzjoni, l-awtorità tal-ħatra tista', ma l-applikazzjoni li tistabbilixxi r-raġunijiet għalfejn, tawtorizza uffiċjal li jaħdem nofs il-ħin jekk tikkunsidra li dan ikun kompletament fl-interessi ta' l-istituzzjoni.

Il-proċedura għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni hija mniżżla fl-Anness IVa.

Uffiċjal awtorizzat biex jaħdem nofs il-ħin għandu f'kull xahar, fil-manjiera pprovduta mill-awtorità tal-ħatra, jaħdem nofs il-ħin normali ta' xogħol.

Artikolu 56 (8)

Uffiċjal ma jistax ikun meħtieġ jaħdem sahra ħlief f'każijiet ta' urġenza jew pressjoni eċċezzjonali ta' xogħol; xogħol bil-lejl u kull xogħol fil-Ħdud jew vakanzi pubbliċi jista' jkun awtorizzat biss skond il-proċedura mniżżla mill-awtorità tal-ħatra. Is-sahra totali li uffiċjal jista' jintalab jaħdem m'għandhiex taqbeż 150 siegħa f'kull sitt xhur.

Sahra maħduma minn uffiċjali fil-Kategoriji A u B u fis-Servizz tal-Lingwi ma ġġorr l-ebda dritt għal kumpens jew remunerazzjoni.

Kif provdut fl-Anness VI, sahra maħduma minn uffiċjali fil-Kategorija Ċ u D tintitolahom jew għal *leave* ta' kumpens jew għal remunerazzjoni fejn il-ħtiġiet tas-servizz ma jippermettux *leave* ta' kumpens matul ix-xahar ta' wara dak li fih inħadmet is-saħra.

Artikolu 56a (7) (15)

Uffiċjal li huwa mistenni jaħdem regolarment bil-lejl, is-Sibtijiet, il-Ħdud jew fil-vakanzi pubbliċi għandu jkun intitolat għal *allowances* speċjali meta jinħadem xogħol bix-*shift* li huwa meħtieġ mill-istituzzjoni minħabba l-esiġenzi tas-servizz jew ir-regoli tas-sigurtà u li huwa meqjus minnha bħala karatteristika regolari u permanenti.

Waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni mitfugħa wara li kien ikkonsultat il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Kunsill għandu jistabbilixxi l-kategoriji ta' l-uffiċjali ntitolati għat-tali *allowances*, u r-rati u l-kondizzjonijiet tagħhom.

Is-sieġħat normali tax-xogħol ta' uffiċjal fuq xogħol ta' *shift* m'għandhomx jaqbżu t-total tas-sena tas-sieġħat normali tax-xogħol.

Artikolu 56b (7) (16)

Uffiċjal għandu jkun intitolat għal *allowance* speċjali meta meħtieġ skond deċiżjoni meħuda mill-awtorità tal-ħatra minħabba l-esiġenzi tas-servizz jew ir-regoli ta' sigurtà li jibqa' fuq dmirijiet ta' riserva fuq il-post tax-xogħol jew id-dar barra s-sieġħat normali ta' xogħol.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni mitfugħa wara li kien ikkonsultat il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal, għandu jistabbilixxi l-kategoriji ta' l-uffiċjali ntitolati għat-tali *allowances*, il-kondizzjonijiet għall-għoti tal-*allowance* u wkoll r-rati tagħhom.

Il-Kapitolu 2: leave

Artikolu 57

L-uffiċjali għandhom ikunu intitolati għal *leave* fis-sena ta' mhux anqas minn 24 jiem utli lanqas aktar minn 30 jiem utli għal kull sena kalendarja, skond ir-regoli mniżżla bil-ftehim komuni ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet, wara li jkun ikkonsultat il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal.

Barra dan il-*leave* kull sena uffiċjal, jista', bħala eċċezzjoni b'applikazzjoni, jingħata *leave* speċjali. Ir-regoli dwar it-tali *leave* huma mniżżla fl-Anness V.

Artikolu 58 (8) (24)

Nisa' tqal għandhom, barra l-*leave* pprovduti fl-Artikolu 57, ikunu ntitolati mal-preżentazzjoni ta' ċertifikat mediku għal *leave* li jibdew sitt ġimgħat qabel id-data mistennija ta' l-għeluq muri fiċ-ċertifikat u li jintemmu 10 ġimgħat wara d-data ta' l-għeluq; it-tali *leave* m'għandhomx ikunu għal anqas minn 16-il ġimgħa.

Artikolu 59 (8)

1. Uffiċjali li jipprovdi evidenza li mhux kapaċi jwettaq id-dmirijiet tiegħu minħabba mard jew inċident għandu awtomatikament ikun intitolat għall-*leave* tal-mard.

L-uffiċjal ikkonċernat għandu jinnotifika l-istituzzjoni tiegħu bl-inkapaċita' tiegħu, mill-aktar fis possibbli u fl-istess ġin jiddikjara l-indirizz preżenti tiegħu. Huwa għandu jipproduċi ċertifikat mediku jekk huwa assenti għal aktar minn tlett ijiem. Jista' jkun meħtieġ li jagħmel eżami mediku rranġat mill-istituzzjoni.

Jekk, fuq perjodu ta' 12-il xahar, uffiċjal huwa assenti sa tlett ijiem minħabba mard għal total ta' aktar minn 12-il ġurnata, huwa għandu jipproduċi ċertifikat mediku għal kull assenza oħra minħabba mard.

L-awtorità tal-ħatra tista' tirreferi lill-Kumitat ta' l-Invalidità il-każ ta' kull uffiċjal li l-*leave* tal-mard tiegħu jammontaw għal aktar minn 12-il xahar f'kull perjodu ta' tlett snin.

2. Uffiċjal jista' jkun meħtieġ jieħu l-*leave* wara eżami mill-uffiċjal mediku ta' l-istituzzjoni jekk l-istat ta' saħħa tiegħu titlob hekk jew jekk membru mill-familja tad-dar tiegħu qed isofri minn marda li tittieħed.

3. Il-każijiet b'tilwima għandhom ikunu imsemmija lill-Kumitat ta' l-Invalidità għal opinjoni.

4. L-uffiċjali għandhom jagħmlu eżami mediku kull sena jew għand l-uffiċjal mediku ta' l-istituzzjoni jew għand tabib mediku magħżul minnhom.

Fil-każ ta' l-aħħar, l-ispejjeż tat-tabib għandhom jitħallsu mill-istituzzjoni sa massimu kull sena stabbilit mill-awtorità tal-ħatra wara li jkun ikkonsultat il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 59a (8)

Il-*leave* ta' kull sena ta' uffiċjal li huwa awtorizzat li jaħdem nofs il-ħin għandu, sakemm jibqa' awtorizzat hekk, jinqatgħu bin-nofs. Il-porzjonijiet ta' ġranet li għandhom jitnaqqsu m'għandhomx ikunu kkunsidrati.

Artikolu 60

Ħlief fil-każ ta' mard jew inċident, uffiċjal ma jistax ikun assenti mingħajr permess minn qabel tas-superjur tiegħu dirett fuqu. Mingħajr preġudizzju għal xi miżuri dixxiplinari li jistgħu japplikaw, kull assenza mhux awtorizzata li hija stabbilita sew għandha titnaqqas mill-*leave* ta' kull sena ta' l-uffiċjal konċernat. Jekk uża l-*leave* ta' xogħol tiegħu, għandu jitlef ir-remunerazzjoni tiegħu għal perjodu ekwivalenti.

Jekk uffiċjal jixtieq iqatta' l-*leave* x'imkien ieħor barra l-post fejn huwa mpjegat għandu jikseb il-permess minn qabel ta' l-awtorità tal-ħatra.

Il-Kapitolu 3: Vakanzi pubbliċi

Artikolu 61

Lista tal-vakanzi pubbliċi għandha titħejja bi ftehim bejn l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet wara li jkun ikkonsultat il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal.

It-Titolu V: Emolumenti u benefiċċji tas-sigurtà soċjali ta' l-uffiċjali

Il-Kapitolu 1: Remunerazzjoni u spejjeż

Taqima 1: Remunerazzjoni

Artikolu 62

Skond l-Anness VII u ħlief kif espressament provdut mod ieħor, uffiċjal li għadu kif jinħatar għandu jkun intitolat għar-remunerazzjoni marbuta mal-grad u l-iskala tiegħu.

Uffiċjal ma jistax ineħħi l-intitolment tiegħu għar-remunerazzjoni.

Ir-remunerazzjoni għandha tkun magħmula mill-paga bażika, *allowances* tal-familja u *allowances* oħra.

Artikolu 63

(28) (31) (32) (36) (38) (41) (42) (43) (47) (49) (53) (56) (58) (60) (66) (68) (70) (71) (72) (74) (76) (78) (81) (84) (87) (89) (90) (92)

Ir-remunerazzjoni ta' l-uffiċjal għandha tkun espressa bħala euro. Għandha titħallas fil-munita tal-pajjiż li fih l-uffiċjal iwettaq id-dmirijiet tiegħu.

Ir-remunerazzjoni mħallsa f'munita barra l-euro għandha tinħadem fuq il-bażi tar-rati tal-kambju wżati għall-implimentazzjoni tal-*budget* ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej fl-1 ta' Lulju 2002.

Din id-data għandha tinbidel, fil-ħin tar-reviżjoni ta' kull sena tar-remunerazzjoni pprovduta fl-Artikolu 65, mill-Kunsill li jaġixxu fuq maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni kif provdut fl-ewwel inċiż tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikoli 148(2) tat-Trattat tal-KEE u ta' 118(2) tat-Trattat ta' l-Euratom.

Mingħajr preġdizzju ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 64 u 65, il-peżati stabbiliti skond dawn l-Artikoli għandhom, kull meta d-data t'hawn fuq titbiddel, ikunu aġġustati mill-Kunsill, li, waqt li jaġixxi mal-proċedura msemmija fit-tielet paragrafu, għandhom jikkoreġu l-effett tal-varjazzjoni fil-euro fuq ir-rati imsemmija fit-tieni paragrafu.

Artikolu 64 (78)

Ir-remunerazzjoni ta' uffiċjal espressa f'euro għandha, wara li t-tnaqqis ta' bilfors ippreżentati f'dawn ir-Regolmenti tal-Persunal jew kull regolament ta' implimentazzjoni jkunu saru, tkun peżata bir-rata 'l fuq minn, taħt jew daqs 100 %, skond il-kondizzjonijiet ta' l-għajxien fil-postijiet varji ta' mpieg.

Dawn il-peżati għandhom ikunu adottati mill-Kunsill, li jaġxxi fuq maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni kif provdut fl-ewwel inċiż tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 148(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea u 118(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika. Il-peżati applikabbli għar-remunerazzjoni ta' l-uffiċjali mpjegati f'siġġijiet provviżorji tal-Komunitajiet għandhom ikunu daqs 100 % fl-1 ta' Jannar 1962.

Artikolu 65

1. Il-Kunsill għandu kull sena jirrevedi r-remunerazzjonijiet ta' l-uffiċjali u mpjegati oħra tal-Komunitajiet. Din ir-reviżjoni għandha ssir f'Settembru minħabba r-rapport konġunt tal-Kummissjoni bbażat fuq indiċi konġunt ippreparat mill-Uffiċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej bi ftehim ma' l-uffiċċji ta' l-Istatistika nazzjonali ta' l-Istati Membri; l-indiċi għandu jirrifletti s-sitwazzjoni fl-1 ta' Lulju ta' kull wieħed mill-pajjiżi tal-Komunitajiet.

Matul din ir-reviżjoni l-Kunsill għandu jikkunsidra jekk, bħala parti mill-politika ekonomika u soċjali tal-Komunitajiet, ir-remunerazzjoni għandha tkun aġġustata. Kunsiderazzjoni partikolari għandha tingħata għal xi żidiet fil-pagi tas-servizz pubbliku u l-ħtiġiet tar-reklutaġġ.

2. Fil-każ ta' bidla sostanzjali fl-għoli tal-ħajja, il-Kunsill għandu jiddeċiedi, fi żmien xahrejn, x'aġġustamenti għandhom isiru għall-peżati u jekk ikun il-każ japplikawhom b'lura.

3. Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu, il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni kif provdut fl-ewwel inċiż tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 148(2) tat-Trattat li

jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea u 118(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

Artikolu 65a (62)

Ir-regoli biex ikunu mplimentati l-Artikoli 64 u 65 huma ppreżentati fl-Anness XI.

Artikolu 66

(1) (2) (4) (5) (9) (11) (12) (13) (19) (23) (27) (30) (31) (32) (35) (36) (37) (38) (41) (42) (43) (45) (47) (48) (49) (53) (54) (56) (57) (58) (59) (60) (65) (66) (68) (70) (71) (72) (74) (76) (78) (80) (81) (84) (87) (89) (90) (92)

Il-pagi bażiċi ta' kull xahar huma stabbiliti għal kull grad u skala kif provdut fit-tabella li ġejja (euro):

Gradi	**Skala**							
ta' l-1.7.2002	**1**	**2**	**3**	**4**	**5**	**6**	**7**	**8**
A1	12.179,52	12.826,51	13.473,50	14.120,49	14.767,48	15.414,47		
A2	10.808,33	11.425,71	12.043,09	12.660,47	13.277,85	13.895,23		
A3	8.951,25	9.491,28	10.031,31	10.571,34	11.111,37	11.651,40	12.191,43	12.731,46
A4	7.520,00	7.941,50	8.363,00	8.784,50	9.206,00	9.627,50	10.049,00	10.470,50
A5	6.199,87	6.567,17	6.934,47	7.301,77	7.669,07	8.036,37	8.403,67	8.770,97
A6	5.357,85	5.650,18	5.942,51	6.234,84	6.527,17	6.819,50	7.111,83	7.404,16
A7	4.612,02	4.841,51	5.071,00	5.300,49	5.529,98	5.759,47		
A8	4.078,92	4.243,42						
B1	5.357,85	5.650,18	5.942,51	6.234,84	6.527,17	6.819,50	7.111,83	7.404,16
B2	4.642,16	4.859,80	5.077,44	5.295,08	5.512,72	5.730,36	5.948,00	6.165,64
B3	3.893,81	4.074,78	4.255,75	4.436,72	4.617,69	4.798,66	4.979,63	5.160,60
B4	3.367,80	3.524,74	3.681,68	3.838,62	3.995,56	4.152,50	4.309,44	4.466,38
B5	3.010,37	3.137,37	3.264,37	3.391,37				
C1	3.435,01	3.573,53	3.712,05	3.850,57	3.989,09	4.127,61	4.266,13	4.404,65
C2	2.987,74	3.114,68	3.241,62	3.368,56	3.495,50	3.622,44	3.749,38	3.876,32
C3	2.787,00	2.895,75	3.004,50	3.113,25	3.222,00	3.330,75	3.439,50	3.548,25
C4	2.518,27	2.620,28	2.722,29	2.824,30	2.926,31	3.028,32	3.130,33	3.232,34
C5	2.322,00	2.417,15	2.512,30	2.607,45				
D1	2.624,21	2.738,95	2.853,69	2.968,43	3.083,17	3.197,91	3.312,65	3.427,39
D2	2.392,77	2.494,68	2.596,59	2.698,50	2.800,41	2.902,32	3.004,23	3.106,14
D3	2.227,04	2.322,36	2.417,68	2.513,00	2.608,32	2.703,64	2.798,96	2.894,28
D4	2.099,79	2.185,90	2.272,01	2.358,12				

Artikolu 66a (34) (52) (63) (78) (88)

1. B'mod ta' deroga mill-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68, [1] miżura temporanja dwar ir-remunerazzjoni mħallsa mill-Komunitajiet lill-persunal f'impieg attiv, li għandha tkun magħrufa bħala il-"kontribuzzjoni temporanja", għandha tkun adottata għal perjodu li jdum mill-1 ta' Jannar 1992 sa l-1 ta' Lulju 2003.

2. (a) Ir-rata ta' din il-kontribuzzjoni temporanja, li għandha tgħodd għall-bażi definit fil-paragrafu 3, għandha tkun ta' 5.83 %.

   (b) Il-Kunsill, li jaġixxi skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 24(1) tat-Trattat li jistabbilixxi Kunsill Wieħed u Kummissjoni Waħda tal-Komunitajiet Ewropej wara li jkunu kkonsultati l-istituzzjonijiet l-oħra kkonċernati, jista', jekk ikun il-każ, fil-kuntest tar-reviżjoni pprovduta fl-Artikolu 15(2) ta' l-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal, ibiddel ir-rata tal-kontribuzzjoni temporanja imsemmija fil-punt (a) fuq il-bażi ta' rapport u proposta mill-Kummissjoni.

(1) ĠU L 56, ta' l-4.3.1968, p. 8. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 3736/90 (ĠU L 360, tat-22.12.1990, p. 1).

3. (a) Il-bażi tal-kontribuzzjoni temporanja għandha tkun il-paga bażika għall-grad u l-iskala użata biex tinħadem ir-remunerazzjoni, bit-tnaqqis ta':

— il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tal-pensjonijiet u t-taxxa, qabel kull kontribuzzjoni temporanja, imħallsa minn uffiċjal fl-istess grad u skala mingħajr dependenti fis-sens ta' l-Artikolu 2 ta' l-Anness VII, u

— ammont daqs il-paga bażika ta' uffiċjal fil-grad D 4, skala 1.

(b) Il-komponenti wżati biex tkun stabbilita l-bażi tal-kontribuzzjoni temporanja għandhom ikunu espressi f'euro u peżati għal 100.

4. L-applikazzjoni għall-kontribuzzjoni temporanja m'għandhiex ikollha l-effett li tnaqqas il-pagi taħt l-ammonti netti riċevuti qabel l-introduzzjoni tagħha. ([1])

Il-parti tal-kontribuzzjoni li mhux applikata matul sena speċifika għandha tkun miżjuda mal-kontribuzzjoni għas-sena ta' wara bħala riżultat tad-disposizzjoni fl-ewwel subparagrafu.

5. Il-kontribuzzjoni temporanja għandha titnaqqas fix-xahar minn ras il-għajn; il-qligħ għandu jiddaħħal bħala dħul fil-*budget* ġenerali tal-Komunitajiet.

Artikolu 67

(1) (2) (4) (5) (8) (9) (10) (11) (12) (13) (19) (23) (24) (27) (31) (32) (35) (36) (38) (40) (79)

1. L-*allowances* tal-familja għandhom ikunu magħmula minn:

(a) *allowance* ta' numru ta' nies id-dar;

(b) *allowance* għal tfal dipendenti;

(ċ) *allowance* għall-edukazzjoni.

2. L-uffiċjali li jirċievu *allowance* tal-familja speċifikati f'dan l-Artikolu għandhom jiddikjaraw il-benefiċċji ta' l-istess natura mħallsa minn sorsi oħra; it-tali *allowance* ta' l-aħħar għandhom jitnaqqsu minn dawk imħallsa taħt l-Artikoli 1, 2 u 3 ta' l-Anness VII.

3. L-*allowance* tat-tfal dipendenti jista' jkun iduppjat b'deċiżjoni raġunata speċjali ta' l-awtorità tal-ħatra ibbażata fuq dokumenti mediċi li jistabbilixxu li t-tifel/tifla konċernat qed isofri minn mankament mentali jew fisiku li jdaħħal l-uffiċjal fi spejjeż kbar.

4. Fejn, bis-saħħa ta' l-Artikoli 1, 2 u 3 ta' l-Anness VII, it-tali *allowances* tal-familja jitħallsu lil persuna barra l-uffiċjal, dawn l-*allowances* għandhom jitħallsu fil-munita tal-pajjiż li fih dik il-persuna hija resident, maħdum fejn aplikabbli fuq il-bażi tar-rati tal-kambju imsemmija fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 63. Huma għadhom ikunu suġġetti għall-peżati tal-pajjiż in kwistjoni jekk qiegħed ġewwa l-Komunità jew għal peżati daqs 100 jekk il-pajjiż tar-residenza huwa barra l-Komunitajiet.

Il-paragrafi 2 u 3 għandhom japplikaw meta *allowances* tal-familja jitħallsu lil tali persuna.

Artikolu 68 (8)

L-allowances tal-familja speċifikati fl-Artikolu 67(1) għandhom ikomplu jkunu pagabbli meta l-uffiċjal huwa intitolat għal *allowance* taħt l-Artikolu 41 jew taħt l-Artikoli 34 jew 42 tar-Regolamenti ta' qabel tal-Persunal tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u ta' l-Azzar.

Il-persuna kkonċernata għandha tiddikjara l-*allowance* ta' l-istess natura li tirċievi minn sorsi oħra għall-istess tifel; it-tali *allowances* għandhom jitnaqqsu minn dawk imħallsa taħt l-Artikoli 1, 2 u 3 ta' l-Anness VII.

Artikolu 68a (8)

Uffiċjal li huwa awtorizzat jaħdem nofs il-ħin għandu jkun intitolat għal remunerazzjoni, maħduma kif provdut fl-Anness IVa.

([1]) L-ammonti netti riċevuti qabel il-kontribuzzjoni temporanja għandhom ifissru d-dħul riċevut mingħajr ma jkun ikkunsidrat l-aġġustament ta' kull sena ta' l-1991.

Artikolu 69

(1) (2) (4) (5) (9) (10) (11) (12) (13) (19) (23) (27) (31) (32) (35) (36) (38) (41) (42) (43) (45) (47) (48) (49) (53) (54) (56) (57) (58) (59) (60) (65) (66) (68) (70) (71) (72) (74) (76) (78) (80) (81) (84) (87) (89) (90) (92)

L-*allowance* ta' l-espatrijazzjoni għandu jkun daqs 16 % tat-total tas-salarju bażiku, l-*allowance* tal-familja, u l-*allowance* tat-tfal dipendenti li għalihom huwa intitolat l-uffiċjal. L-*allowance* ta' l-espatrijazzjoni m'għandux ikun anqas minn 424,07 EUR kull xahar.

Artikolu 70 (8)

Fil-każ tal-mewt ta' uffiċjal, il-konsorti u t-tfal dipendenti li jibqgħu ħajjin, għandhom jirċievu r-remunerazzjoni sħiħa tal-mejjet sa l-aħħar tat-tielet xahar ta' wara x-xahar li fih tiġri l-mewt.

Fil-każ tal-mewt ta' persuna intitolata għal pensjoni, id-disposizzjonijiet t'hawn fuq għandhom japplikaw dwar il-pensjoni tal-mejjet.

Artikolu 70a (24)

L-uffiċjali assenjati mill-awtorità tal-ħtra għal dmirijiet ta' tgħalim taħt l-iskema ta' aktar taħrig u struzzjoni pprovduta fit-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 24 jistgħu jingħataw *allowance* taħt il-kondizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 4b ta' l-Anness VII.

Taqsima 2: L-ispejjeż

Artikolu 71

Uffiċjal għandu jkun intitolat, kif ipprovdut fl-Anness VII, għal Rimborsar ta' l-ispejjeż li ħallas malli jieħu l-ħatra, it-trasferiment jew meta jħalli s-servizz, u wkoll għal Rimborsar ta' l-ispejjeż li ħallas matul u f'konnessjoni mal-qadi tad-dmirijiet tiegħu.

Il-Kapitolu 2: Benefiċċji tas-sigurtà soċjali

Artikolu 72 (8) (10) (40)

1. Uffiċjal, il-konsorti tiegħu, fejn it-tali konsorti mhux eliġibbli għall-benefiċċji ta' l-istess natura u fuq l-istess livell bis-saħħa ta' xi disposizzjoni jew regolament ieħor, it-tfal tiegħu u dipendenti oħra fis-sens ta' l-Artikolu 2 ta' l-Anness VII huma assigurati kontra l-mard sa 80 % ta' l-ispejjeż imħallsa, suġġetti għar-regoli mħejjija mill-ftehim bejn l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet wara li jkun ikkonsultat il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal. Din ir-rata għandha tiżdied għal 85 % tas-servizzi li ġejjin: konsulenza u viżiti, operazzjonijiet kirurġiċi, ammissjoni fl-isptar, prodotti farmaċewtiċi, radjoloġija, analiżi, testijiet tal-laboratorju, u protesi fuq preskrizzjoni bl-eċċezzjoni ta' protesi dentali. Tiżdied għal 100 % fil-każijiet ta' tuberkuloži, poljomelite, kankru, mard mentali, u mard ieħor rikonoxxut mill-awtorità tal-ħatra bħala ta' serjetà komparabbli, u għal eżami biex jinstab il-mard mill-ewwel u fil-każijiet ta' għeluq. Madankollu, ir-rimburżar ta' 100 % ma japplikax fil-każ ta' mard jew aċċident fuq il-post tax-xogħol li daħħal fis-seħħ l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 73.

Terz mill-kontribuzzjoni meħtieġa biex tagħmel tajjeb għat-tali kopertura ta' l-assigurazzjoni titħallas mill-uffiċjal iżda sakemm l-ammont li jħallas ma jaqbiżx it-2 % tas-salarju bażiku tiegħu.

1a. Uffiċjali li jispiċċa s-servizz tiegħu u li jiprovdi evidenza li ma jistax ikun kopert minn xi t xi skema pubblika oħra ta' l-assigurazzjoni kontra l-mard, jista' mhux aktar minn xahar wara dak li fih jispiċċa s-servizz tiegħu japplika biex, għal massimu ta' sitt xhur wara li jispiċċa s-servizz, ikompli jkun assigurat kif provdut fil-paragrafu 1. Il-kontribuzzjoni imsemmija fil-paragrafu ta' qabel għandha tinħadem b'riferenza għall-aħħar salarju bażiku li rċieva l-uffiċjal, nofs il-kontribuzzjoni tkun fuqu.

B'deċiżjoni ta' l-awtorità tal-ħatra li tittieħed wara konsultazzjoni ma' l-uffiċjal mediku ta' l-istituzzjoni, il-perjodu ta' xahar biex issir l-applikazzjoni u l-limitu ta' sitt xhur speċifikat fis-subparagrafu ta' qabel ma japplikawx fejn il-persuna kkonċernata qed issofri minn mard serju jew fit-tul li ttieħed qabel ma telqet mis-servizz u fuq liema kienet innotifikat l-istituzzjoni qabel l-aġġar tal-perjodu ta' sitt xhur speċifikat fil-paragrafu ta' qabel, sakemm il-persuna kkonċernata tagħmel eżami mediku rranġat mill-istituzzjoni.

1b. Meta dik li kienet konsorti ta' l-uffiċjal, tifel li ma jibqax dipendenti ta' l-uffiċjal jew persuna li tibqax ittrattata bħala tfal dipendenti fis-sens ta' l-Artikolu 2 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal tista' tipprovdi evidenza li hu jew hija ma tistax tkun koperta minn xi skema pubblika oħra ta' l-assigurazzjoni kontra l-mard, hu jew hija tista' tkompli għal massimu ta' sena li tkun assigurata kontra l-mard kif ipprovdut fil-paragrafu 1, fil-kapaċità tiegħu jew tagħha bħala persuni assigurati koperti taħt l-assigurazzjoni ta' dak l-uffiċjal: din il-kopertura ma ġġibx sisa fuq il-kontribuzzjoni. Dan il-perjodu ta' sena jibda mid-data tad-digriet assoluta tad-divorzju jew tat-telf ta' l-istat ta' tifel dipendenti jew ta' persuna ttrattata bħala tifel dipendenti.

2. Uffiċjal li baqa' fis-servizz tal-Komunitajiet sa l-età ta' 60 sena jew li jirċievi pensjoni ta' l-invalidità, għandu jkun intitolat għall-benefiċċji pprovduti fil-paragrafu 1 wara li jitlaq mis-servizz. L-ammont tal-kontribuzzjoni għandu jinħadem b'riferenza għall-ammont tal-pensjoni.

Dawn il-benefiċċji għandhom japplikaw ukoll għall-persuna intitolata għall-pensjoni ta' l-għajxien, wara l-mewt ta' uffiċjal li kien f'impieg attiv jew li baqa' fis-servizz tal-Komunitajiet sa l-età ta' 60 sena, jew il-mewt ta' persuna intitolata għal pensjoni ta' l-invalidità. L-ammont tal-kontribuzzjoni għandu jinħadem b'riferenza għall-ammont tal-pensjoni tiegħu.

2a. Dawn li ġejjin għandhom l-istess ikunu intitolati għall-benefiċċji pprovduti fil-paragrafu 1, sakemm ma jistgħux jiksbu kopertura taħt xi skema oħra ta' l-assigurazzjoni kontra l-mard:

— dawk li qabel kienu uffiċjali intitolati għall-pensjonijiet ta' l-irtirar, li telqu mis-servizz tal-Komunitajiet qabel agħlqu s-60 sena;

— persuni intitolati għall-pensjoni ta' l-għajxien, bħala riżultat tal-mewt ta' uffiċjal ta' qabel, li telaq mis-servizz tal-Komunitajiet qabel għalaq is-60 sena.

Il-kontribuzzjoni imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tinħadem b'riferenza għall-pensjoni ta' dak li qabel kien uffiċjal, b'nofs il-kontribuzzjoni titħallas mill-persuna intitolata.

Madankollu, persuna intitolata għall-pensjoni ta' ltim, ma tkunx intitolata għall-benefiċċji pprovduti fil-paragrafu 1, ħlief fuq it-talba tagħha. Il-kontribuzzjoni għandha tinħadem b'riferenza għall-ammont tal-pensjoni ta' l-orfni.

3. Fejn l-ispiża totali mhux Rimborsata għal kull perjodu ta' 12-il xahar taqbeż nofs is-salarju bażiku jew il-pensjoni fix-xahar ta' l-uffiċjal, Rimborsar speċjali jkun permess mill-awtorità tal-ħatra, wara li jkunu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi tal-familja tal-persuna kkonċernata, fil-mod ipprovdut fir-regoli imsemmija fil-paragrafu 1.

4. Il-persuni intitolati għall-benefiċċji għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' kull Rimborsar imħallas jew li jistgħu jitolbu taħt xi skema oħra ta' l-assigurazzjoni kontra l-mard ipprovduta mill-liġijiet jew ir-regolament għalihom jew għall-persuni koperti mill-assigurazzjoni tagħhom.

Fejn it-totali li kieku jirċievu b'mod ta' Rimborsar jaqbeż is-somma tar-Rimborsar ipprovdut fil-paragrafu 1, id-differenza għandha titnaqqas mill-ammont li għandu jkun Rimborsat skond il-paragrafu 1, bl-eċċezzjoni tar-Rimborsar miksub taħt skema supplimentari privata ta' l-assigurazzjoni kontra l-mard li tkopri dik il-parti ta' l-ispiża li mhux rimborsata mill-iskema ta' l-assigurazzjoni kontra l-mard tal-Komunitajiet.

Artikolu 73 (24) (46)

1. Uffiċjal huwa assigurat, mid-data ta' meta jibda s-servizz, kontra r-riskju tal-mard minn fuq il-post tax-xogħol u ta' aċċident suġġett għar-regoli mħejjija mill-ftehim komuni ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet wara li jkun ikkonsultat il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal. Huwa għandu jikkontribwixxi għan-nefqa ta' l-assigurazzjoni kontra r-riskji mhux tax-xogħol sa 0.1 % tas-salarju tiegħu.

It-tali regoli għandhom jispeċifikaw liema riskji mhux koperti.

2. Il-benefiċċji pagabbli jkunu kif ġej:

(a) fil-każ ta' mewt:

Pagament lill-persuni mniżżla hawn taħt ta' somma f'daqqa daqs ħames darbiet is-salarju bażiku fis-sena tal-mejjet maħduma b'riferenza għall-ammonti fix-xahar tas-salarju riċevut matul it-tnax il-xahar qabel l-aċċident:

— lill-konsorti u t-tfal tal-mejjet skond il-liġi tas-suċċessjoni li tirregola l-proprjetà ta' l-uffiċjal; madankollu, l-ammont pagabbli lill-konsorti m'għandux ikun anqas minn 25 % tas-somma f'daqqa;

— fejn m'hemmx persuni tal-kategorija t'hawn fuq, lid-dixxedenti l-oħra skond il-liġi tas-suċċessjoni li tirregola l-proprjetà ta' l-uffiċjal;

— fejn m'hemmx persuni mill-ebda waħda miż-żewġ kategoriji t'hawn fuq, lill-qraba ta' warajh skond il-liġi tas-suċċessjoni li tirregola l-proprjetà ta' l-uffiċjal;

— fejn m'hemmx persuni fl-ebda waħda mit-tliet kategoriji t'hawn fuq, lill-istituzzjoni.

(b) Fil-każ ta' invalidità totali permanenti:

Pagament lill-uffiċjal ta' somma f'daqqa daqs tmien darbiet is-salarju bażiku fis-sena tiegħu maħdum b'riferenza għall-ammonti fix-xahar tas-salarju riċevut matul it-tnax il-xahar qabel l-aċċident.

(ċ) Fil-każ ta' invalidita parzjali permanenti:

Pagament lill-uffiċjal ta' proporzjon tas-somma pprovduta fis-subparagrafu (b), maħdum b'riferenza għall-iskala mniżżla fir-regoli imsemmija fil-paragrafu 1.

Kif ipprovdut f'dawn r-regoli, annwalità tista' tieħu post il-pagamenti pprovduti fuq.

Il-benefiċċji mniżżla hawn fuq jistgħu jitħallsu bl-addizzjoni tal-benefiċċji pprovduti fil-Kapitolu 3.

3. Dawn li ġejjin għandhom ikunu koperti wkoll fil-mod ipprovdut fir-regoli imsemmija fil-paragrafu 1: spejjeż mediċi, farmaċewtiċi, ta' l-isptar, kirurġiċi, tal-protesi, tar-radjografija, tal-massaġġi, ortopediċi, kliniċi u tat-trasport u kull spiża simili oħra li tħallset bħala riżultat ta' l-aċċident jew il-mard minn fuq il-post tax-xogħol.

Madankollu, ir-Rimborsar għandu jsir biss fejn l-ammont imħallas lill-uffiċjal taħt l-Artikolu 72 ma jkoprix kompletament l-ispejjeż li tħallsu.

Artikolu 74 (1) (8) (10) (24) (78) (81)

1. Mat-twelid ta' tarbija ta' uffiċjal, il-persuna li attwalment tieħu ħsieb it-tarbija għandha tirċievi għotja ta' 198,31 EUR.

L-istess għotja titħallas lill-uffiċjal li jadotta tifel li għandu anqas minn ħames snin u huwa dipendent fis-sens ta' l-Artikolu 2(2) ta' l-Anness VII.

2. Din l-għotja titħallas ukoll fil-każ li tintemm tqala wara mhux anqas minn seba' xhur.

3. Riċevitur ta' għotja mat-twelid ta' tarbija għandu jiddikjara kull għotja ta' l-istess natura li jirċievi minn sorsi oħra għall-istess tarbija; it-tali għotjiet għandhom jitnaqqsu mis-somma pprovduta hawn fuq. Meta ż-żewġ ġenituri huma uffiċjali tal-Komunitajiet, l-għotja għandha titħallas darba biss.

Artikolu 75 (40)

Fil-każ tal-mewt ta' uffiċjal, il-konsorti jew tifel dipendenti ta' l-uffiċjal, jew kull persuna dipendenti oħra fis-sens ta' l-Artikolu 2 ta' l-Anness VII li għex bħala parti mill-familja ta' l-uffiċjal, l-istituzzjoni għandu tirrifondi l-ispejjeż involuti fit-trasport tal-katavru mill-post ta' l-impieg ta' l-uffiċjal sal-post ta' l-oriġini tiegħu.

Madankollu, fil-każ tal-mewt ta' uffiċċjal waqt missjoni, l-istituzzjoni għandha tħallas l-ispejjeż involuti biex jinġarr il-katavru mill-post fejn isir il-mewt għall-post ta' l-oriġini ta' **l-uffiċjal.**

Artikolu 76

Rigali, self jew avvanzi jistgħu jsiru lill-uffiċjali, lil dawk li qabel kienu uffiċjali, jew fejn uffiċjal miet, lil dawk intitolati taħtu li huma f'posizzjoni partikolarment diffiċli bħala riżultat inter alia ta' mard serju jew fit-tul jew minħabba ċ-ċirkostanzi tal-familja.

Il-Kapitolu 3: Pensjonijiet

Artikolu 77(8)

Uffiċjal li ta mill-anqas 10 snin servizz għandu jkun intitolat għal pensjoni ta' l-irtirar. Madankollu, għandu jkun intitolat għat-tali pensjoni jkun xi jkun it-tul tas-servizz jekk għandu aktar minn 60 snin, jekk ma kienx possibbli li jerġa' jingħata posizzjoni matul perjodu ta' stat mhux attiv jew fil-każ ta' rtirar fl-interessi tas-servizz.

Il-pensjoni massima ta' l-irtirar għandha tkun 70 % ta' l-aħħar slarju bażiku marbut ma' l-aħħar grad li fih l-uffiċjal kien ikklassifikat għal mill-anqas sena. Ikun pagabbli lil uffiċjal li ta 35 sena servizz maħduma skond l-Artikolu 3 ta' l-Anness VIII. Fejn in-numru ta' snin tas-servizz huwa anqas minn 35, il-massimu t'hawn fuq għandu jitnaqqas proporzjonalment.

Madankollu, fil-każ ta' l-uffiċjali li kienu qed jgħinu persuna li żżomm uffiċċju pprovdut fit-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet jew it-Trattat li jistabbilixxi Kunsill Wieħed u Kummissjoni Waħda tal-Komunitajiet, il-President elett ta' waħda mill-istituzzjonijiet jew organi tal-Komunitajiet jew il-President Elett ta' wieħed mill-gruppi politiċi fil-Parlament Ewropew, l-intitolament għall-pensjonijiet li jikkorrospondu għas-snin tas-servizz tal-pensjoni akkwistati matul il-ħidma f'dik il-kapaċità għandu jinħadem b'riferenza għall-aħħar salarju bażiku riċevut matul dak iż-żmien jekk il-salarju bażiku riċevut jaqbeż dak meħud bħala riferenza għall-iskopijiet tat-tieni paragrafu ta' dan l-Artiklu.

L-ammont tal-pensjoni ta' l-irtirar ma jridx ikun anqas minn 4 % tal-figura minima tas-sussistenza għal kull sena ta' servizz.

L-età għall-pensjoni għandha tkun ta' 60 sena.

Artikolu 78 (8)

Uffiċjal għandu jkun intitolat, fil-mod ipprovdut fl-Artikoli 13 sa 16 ta' l-Annes VIII, għall-pensjoni ta' invalidità fil-każ ta' invalidità totali permanenti, li ma tħallihx jaqdi d-dmirijiet tiegħu li jikkorrospondu għall-posizzjoni fil-*bracket* tal-karriera tiegħu.

Meta l-invalidità tinħoloq minn aċċident matul jew f'konnessjoni mal-qadi tad-dmirijiet tiegħu, minn mard ikkaġunat mix-xogħol, minn att ta' spirtu pubbliku jew jipperikola ħajtu biex isalva bniedem ieħor, il-pensjoni ta' l-invalidità ikun 70 % tas-salarju bażiku ta' l-uffiċjal.

Meta l-invalidità hija dovuta għal xi kawża oħra, il-pensjoni ta' l-invalidità għandha tkun daqs il-pensjoni ta' l-irtirar li għalihom l-uffiċjal kien ikun intitolat fl-età ta' 65 sena li kieku baqa' fis-servizz sa dak iż-żmien.

Il-pensjoni ta' l-invalidità għandha tinħadem b'riferenza għas-salarju bażiku li l-uffiċjal kien jirċievi fil-grad tiegħu li kieku kien għadu fis-servizz fil-mument tal-pagament tal-pensjoni.

Il-pensjoni ta' l-invalidità m'għandux ikun anqas minn 120 % tal-figura minima tas-sussistenza.

Fil-każ ta' invalidità li nġiebet deliberatament mill-uffiċjal, l-awtorità tal-ħatra tista' tiddeċiedi li għandu jirċievi biss pensjoni ta' l-irtirar.

Artikolu 79 (8) (24) (46)

L-armla ta' uffiċjal jew ta' dak li qabel kien uffiċjal għandha tkun intitolata, fil-mod ipprovdut fil-Kapitolu 4 ta' l-Anness VIII, għal pensjoni għal min jibqa' ħaj daqs 60 % tal-pensjoni ta' l-irtirar jew ta' l-invalidità li kienet titħallas lil żewġha, jew li, jkun xi jkun it-tul tas-servizz jew ta' l-età, kieku kieket titħallas lilu li kieku kkwalifika għaliha meta miet.

L-ammont tal-pensjoni għal min jibqa' ħaj pagabbli lill-armla ta' l-uffiċjal li miet waqt li kien f'wieħed mill-istati amministrattivi speċifikati fl-Artikolu 35, la għandu jkun anqas mill-figura minima tas-sussistenza u la anqas minn 35 % ta' l-aħħar salarju bażiku li rċieva l-uffiċjal.

Dan l-ammont m'għandux ikun anqas minn 42 % ta' l-aħħar salarju bażiku li rċieva l-uffiċjal meta l-mewt hija dovuta għal waħda miċ-ċirkostanzi ppreżentati fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 78.

Artikolu 79a (46)

Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 79 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-armel ta' uffiċjal ta' dak li qabel kien uffiċjal.

Artikolu 80 (8) (40) (46)

Meta uffiċjal jew persuna hija intitolata għal pensjoni ta' l-irtirar jew ta' l-invalidità, imut u ma jħalli l-ebda konsorti intitolat għall-pensjoni għal min jibqa' ħaj, it-tfal dipendenti fis-sens ta' l-Artikolu 2 ta' l-Anness VII għandhom ikunu intitolati għal pensjoni ta' l-orfni skond l-Artikolu 21 ta' l-Anness VIII.

L-istess intitolment għall-pensjoni għandu japplika għat-tfal li jħarsu l-kondizzjonijiet t'hawn fuq fil-każ tal-mewt jew iż-żwieġ mill-ġdid tal-konsorti li jirċievi pensjoni għal min jibqa' ħaj.

Meta jmut uffiċjal jew persuna intitolata għal pensjoni ta' l-irtirar jew ta' l-invalidità, iżda l-kondizzjonijiet ippreżentati fl-ewwel paragrafu ma jitħarsux, it-tfal dipendenti fis-sens ta' l-Artikolu 2 ta' l-Anness VII għandhom ikunu intitolati għall-pensjoni ta' l-orfni skond l-Artikolu 21 ta' l-Anness VIII; madankollu, il-pensjoni għandha tkun daqs nofs il-pensjoni maħduma skond dak l-Artikolu.

Meta l-konsorti, li m'hijiex uffiċjal jew membru tal-persunal temporanju, ta' uffiċjal jew dak li qabel kien uffiċjal li jirċievi pensjoni ta' l-irtirar jew pensjoni ta' l-invalidità tmut, it-tfal li huma dipendenti fis-sens ta' l-Artikolu 2 ta' l-Anness VII tal-konsorti li jibqa' ħaj ikun intitolat għall-pensjoni ta' l-orfni skond l-Artikolu 21 ta' l-Anness VIII.

L-intitolament kif ipprovdut fl-ewwel, fit-tieni u t-tielet paragrafi għandhom japplikaw fil-każ tal-mewt ta' dak li qabel kien uffiċjal intitolat għal *allowance* taħt l-Artikolu 50 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68, l-Artikolu 3 tar-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 2530/72 jew l-Artikolu 3 tar-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1543/73 u fil-każ tal-mewt ta' dak li qabel kien uffiċjal li telaq mis-servizz qabel jagħlaq is-60 sena u talab li l-pensjoni tiegħu ta' l-irtirar tkun posposta sa l-ewwel ġurnata tax-xahar kalendarju ta' wara dak li fih jagħlaq is-60 sena

Artikolu 81 (8) (10)

Persuna intitolata għal pensjoni ta' l-irtirar pagabbli fl-età ta' 60 sena jew aktar tard, jew għal pensjoni ta' l-invalidità, jew għal pensjoni għal min jibqa' ħaj, għandha tkun intitolata, taħt il-kondizzjonijiet imniżżla fl-Anness VII, għall-*allowance* tal-familja speċifikati fl-Artikolu 67; il-*allowance* tal-familja jinħadem b'riferenza għall-pensjoni tar-riċevitur.

L-ammont tal-*allowance* tat-tfal dipendenti pagabbli lil persuna intitolata għal pensjoni għal min jibqa' ħaj għandu, madankollu, jkun id-doppju tal-*allowance* pprovduta fl-Artikolu 67(1)(b).

Artikolu 81a (46)

1. Minkejja kull disposizzjoni oħra, l-aktar dawk dwar l-ammonti minimi pagabbli lil persuni intitolati għal pensjoni għal min jibqa' ħaj, l-ammont totali pagabbli f'pensjoni għal min jibqa' ħaj bl-addizzjoni tal-*allowance* tal-familja bit-taxxa mnaqqsa u tnaqqis mandatarju ieħor lill-armla u lil persuni intitolati oħra ma jistgħux jaqbżu dan li ġej:

(a) fil-każ tal-mewt ta' uffiċjal li għandu wieħed mill-istati amministrattivi ppreżentati fl-Artikolu 35, l-ammont tar-remunerazzjoni li l-uffiċjali kien jirċievi fl-istess grad u skala li kieku kien għadu fis-servizz, bl-addizzjoni ta' kull *allowance* tal-familja li jirċievi f'dak il-każ u bit-taxxa mnaqqsa u tnaqqis mandatarju ieħor;

(b) għall-perjodu ta' wara d-data meta l-uffiċjal imsemmi f'(a) hawn fuq kien jagħlaq is-65 sena, l-ammont tal-pensjoni ta' l-irtirar li jkun intitolat għalih minn hemm 'il quddiem, li kieku baqa' ħaj, ibbażata fuq l-istess grad u skala ta' meta miet, bl-addizzjoni ta' kull *allowance* tal-familja li kien jirċievi, bit-taxxa mnaqqsa u tnaqqis mandatarju ieħor;

(ċ) fil-każ tal-mewt ta' dak li qabel kien uffiċjal intitolat għal pensjoni ta' l-irtirar jew għal pensjoni ta' l-invalidità, l-ammont tal-pensjoni li kien ikun intitolat, li kieku baqa' ħaj, suġġett għall-*allowances* u t-tnaqqis imsemmi f'(b);

(d) fil-każ tal-mewt ta' dak li qabel kien uffiċjal li ħalla s-servizz qabel għalaq is-60 sena u li talab li l-pensjoni tiegħu ta' l-irtirar tkun posposta sa l-ewwel jum tax-xahar kalendarju ta' wara dak li fih jagħlaq is-60 sena, l-ammont tal-pensjoni ta' l-irtirar li jkun intitolat għalih meta jagħlaq is-60 sena kieku kien għadu ħaj, suġġett għall-*allowance* u t-tnaqqis f'(b);

(e) fil-każ tal-mewt ta' uffiċjal jew ta' dak li qabel kien uffiċjal intitolat, fil-ġurnata tal-mewt tiegħu, għal *allowance* taħt l-Artiklu 41 jew 50 ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68, l-Artikolu 3 tar-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 2530/72, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1543/73, l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 2150/82 jew l-Artikolu 3 tar-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1679/85, l-ammont tal-*allowance* li kieku jkun intitolat għalih, li kieku kien ħaj, suġġett għall-*allowance* u t-tnaqqis ippreżentati f'(b);

(f) għall-perjodu ta' wara d-data li fiha dak li qabel kien uffiċjal irreferut f'(e) kien jieqaf li jkun f'dik id-data, li kieku kien għadu ħaj u kien iħares il-ħtiġiet relevanti ta' l-età għall-għoti tad-drittijiet tal-pensjoni, suġġett għall-*allowances* u t-tnaqqis ippreżentati f'(b).

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, il-peżati m'għandhomx ikunu kkunsidrati, li jistgħu jaffettwaw l-ammonti varji in kwistjoni.

3. L-ammont massimu kif definit fis-subparagrafi (a) sa (f) t'hawn fuq għandu jitqassam fost il-persuni intitolati għal pensjoni għal min jibqa' ħaj fil-proporzjon ta' l-intitolamenti rispettivi tagħhom, il-paragrafu wieħed ma jkunx ikkunsidrat għal dan l-iskop.

It-tieni, it-tielet u r-raba' subparagrafi ta' l-Artikolu 82(1) għandhom japplikaw għall-ammonti mqassma hekk.

Artikolu 82 (40) (78) (79)

1. Il-pensjonijiet ipprovduti hawn fuq għandhom jinħadmu b'riferenza għall-iskali tas-salarju fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tax-xahar li fih jibda l-intitolament.

Ikunu peżati bir-rata stabbilita għall-pajjiż ġewwa l-Komunitajiet fejn ir-riċevitur jipprova li għandu r-residenza tiegħu.

Jekk ir-riċevitur ta' pensjoni jistabbilixxi r-residenza tiegħu f'pajjiż barra l-Komunitajiet, ikunu applikati l-peżati ta' 100.

Il-pensjonijiet espressi f'euro għandhom jitħallsu f'waħda mill-muniti imsemmija fl-Artikolu 45 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, fil-mod ipprovdut fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 63 tar-Regolamenti tal-Persunal.

2. Jekk il-Kunsill, skond l-Artikolu 65(1), jiddeċiedi li jżid ir-remunerazzjonijiet, għandu, waqt li jaġixxi skond il-proċedura ppreżentata fl-Artikolu 65(3), fl-istess ħin jiddeċiedi fuq żieda xierqa fil-pensjonijiet.

Artikolu 83 (8) (64)

1. Il-benefiċċji mħallsa taħt din l-iskema tal-pensjonijiet għandhom jitħallsu mill-estimi tal-Komunitajiet. L-Istati Membri għandhom flimkien jiggarantixxu l-pagament tat-tali benefiċċji skond l-iskala mniżżla għall-iffinanzjar tat-tali spejjeż.

It-tħaddim tal-fondi għall-iskema tal-pensjoni imsemmija fl-Artikolu 83(1) tar-Regolamenti ta' qabel tal-Persunal tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar ikun deċiż mill-Kunill li jaġixxi b'mġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni wara li jikkonsulta l-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal.

2. L-uffiċjali għandhom jikkontribwixxu terz ta' l-ispiża biex tkun iffinanzjat din l-iskema tal-pensjoni. Il-kontribuzzjoni tkun ta' 8.25 % tas-salarju bażiku ta' l-uffiċjal, il-peżati pprovduti fl-Artikolu 64 ma jkunux ikkunsidrati. Titnaqqas kull xahar mis-salarji ta' l-uffiċjali.

3. Il-proċedura biex jinħadmu l-pensjonijiet ta' l-uffiċjali li qattgħu parti mis-servizz tagħhom mal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar jew li jappartjenu lill-istituzzjonijiet jew organi komuni għall-Komunitajiet, u t-tqassim ta' l-ispiża biex tingħata t-tali għotja bejn il-fond tal-pensjoni tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u l-estimi tal-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika isir b'Regolament magħmul bil-ftehim bejn il-Kunsill u l-Kumitat tal-Presidenti tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u ta' l-Azzar wara li jkun ikkonsultat il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal.

4. Jekk stima attwarjali ta' l-iskema tal-pensjoni, li ssir minn espert ikkwalifikat wieħed jew aktar fuq talba tal-Kunsill, turi li l-kontribuzzjonijiet ta' l-uffiċjali mhux biżżejjed biex tiffinanzja terz tal-benefiċċji pagabbli taħt l-iskema tal-pensjoni, l-awtoritajiet ta' l-estimi, billi jaġixxu skond il-proċedura ta' l-estimi u wara li jikkonsultaw il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal ipprovdut fl-Artikolu 10, għandhom jistabbilixxu liema bidliet għandhom isiru fir-rati tal-kontribuzzjonijiet jew fl-età ta' l-irtirar.

Artikolu 84

Regoli dettaljati li jirregolaw l-iskema t'hawn fuq tal-pensjoni qegħdin fl-Anness VIII.

Il-Kapitolu 4: Rkuprar ta' pagament mhux dovut

Artikolu 85 (8)

Kull somma li tħallset żejda għandha tkun irkuprata jekk ir-riċevitur ma kienx jaf li ma kien hemm l-ebda raġuna dovuta għall-pagament jew jekk il-fatt tal-ħlas żejjed kien tali evidenti li ma setax jinduna bih.

Il-Kapitolu 5: Subrogazzjoni favur il-komunitajiet

L-Artikolu 85a (46)

1. Meta l-mewt, weġġħa b'inċident jew mard tal-persuna koperta minn dawn ir-Regolamenti tal-Persunal huwa kkważat minn terza persuna, rigward l-obbligi li għandhom taħt ir-Regolamenti tal-Persunal wara li jiġru t-tali mewt, weġġħa jew mard, Il-Komunitajiet huma subrogati għad-drittijiet, inklużi d-drittijiet għall-azzjoni, tal-vittma jew ta' dawk intitolati taħtu kontra t-terza persuna.

2. Is-subrogazzjoni pprovduta fil-paragrafu 1 għandha testendi *inter alia* għal dan li ġej:

— pagament kontinwu tar-remunerazzjoni skond l-Artikolu 59 lill-uffiċjal matul il-perjodu meta temporanjament mhux tajjeb għax-xogħol,

— pagamenti effettwati skond l-Artikolu 70 wara l-mewt ta' l-uffiċjal jew ta' dak li qabel kien uffiċjal intitolat għal pensjoni,

— benefiċċju mħallsa taħt l-Artikolu 72 u 73 u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom, relatati ma' l-assigurazzjoni kontra l-mard u aċċidenti,

— pagament ta' l-ispejjeż involuti biex jinġarr il-katavru, kif imsemmi fl-Artikolu 75,

— *allowances* supplimentari tal-familja mħallsa skond l-Artikolu 67(3) u skond l-Artikolu 2(3) u (5) ta' l-Anness VII dwar tfal dipendenti li jbatu minn mard serju, debbulezza jew mankament, - pensjonijiet għall-invalidità mħallsa fil-każ ta' aċċident jew mard li jirriżulta f'invalidità permanenti li ma tħallix l-uffiċjal iwettaq id-dmirijiet tiegħu,

— pensjonijiet għal min jibqa' ħaj fil-kż tal-mewt ta' uffiċjal jew ta' dak li qabel kien uffiċjal, jew il-mewt ta' mart uffiċjal jew ta' dak li qabel kien uffiċjal intitolat għal pensjoni, meta l-konsorti m'hijiex uffiċjal u lanqas membru tal-persunal temporanju,

— pensjoni għall-orfni mħallsa mingħajr kas ta' l-età tat-tifel ta' uffiċjal jew ta' dak li qabel kien uffiċjal fejn minħabba mard serju, debbulezza jew mankament, dak it-tifel ma jistax jaqla' x'jiekol wara l-mewt tal-persuna li huwa dipendenti fuqha.

3. Madankollu, il-Komunitajiet m'għandhomx ikunu subrogati għad-drittijiet tal-kumpen dwar ħsara purament personali bħal ħsara mhux materjali, ħsara għal uġiegħ u sofferenza jew kumpens għal sfigurament u telf ta' kumditajiet aktar mill-*allowances* mogħtija għal dawk l-intestaturi taħt l-Artikolu 73.

4. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1, 2 u 3 ma jistgħux ikunu ta' tfixkil għall-azzjoni diretta mill-Komunitajiet.

It-Titolu VI: Miżuri dixxiplinari

Artikolu 86 (24)

1. Kull nuqqas minn uffiċjal jew minn dak li qabel kien uffiċjal biex iħares l-obbligi tiegħu taħt dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, kemm jekk intenzjonalment jew b'negliġenza min-naħa tiegħu, tista' tittieħed azzjoni kontrih.

2. Il-miżuri dixxiplinarji jkunu waħda milli ġejjin:

(a) twissija bil-miktub;

(b) ċanfira;

(ċ) posponiment ta' avvanzament għal skala ogħla;

(d) relegazzjoni fl-iskala;

(e) tnaqqis mill-grad;

(f) tneħħija mill-post u, fejn ikun il-każ, tnaqqis f'kemm ikun intitolat għall-pensjoni ta' l-irtirar, iżda l-konsegwenzi ta' din il-miżura ma taffettwax id-dipendenti ta' l-uffiċjal;

(g) fejn l-uffiċjal telaq mis-servizz, tneħħija kompetament jew parzjali jew temporanja jew permanenti, ta' l-intitolament għall-pensjoni ta' l-irtirar; din id-disposizzjoni ma tapplikax b'md li taffettwa dawk taħtu.

3. Offiża waħda ma twassalx għal aktar minn miżura dixxiplinarja waħda.

Artikolu 87

L-awtorità tal-ħatra jkollha d-dritt li toħroġ twissija bil-miktub jew ċanfira mingħajr ma tikkonsulta l-Bord Dixxiplinarju, fuq proposta tas-superviżur eżatt ta' fuq l-uffiċjal jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess. L-uffiċjal ikkonċernat għandu jinstema' qabel tittieħed it-tali azzjoni.

Miżuri oħra jkunu ordnati mill-awtorità tal-ħatra wara li titlesta l-proċedura dixxiplinarja pprovduta fl-Anness IX. Din il-proċedura għandha tinbeda mill-awtorità tal-ħatra wara li tisma' l-uffiċjal ikkonċernat.

Artikolu 88

Fejn issir allegazzjoni ta' kondotta ħażina serja kontra uffiċjal mill-awtorità tal-ħatra, kemm jekk din twassal biex jonqos li jaqdi d-dmirijiet uffiċjali tiegħu, kif ukoll ksur fil-liġi, l-awtorità tista' tordna li jkun sospiż minnufih.

Id-deċiżjoni li uffiċjal ikun sospiż għandha tispeċifika jekk għandux ikomplu jieħu r-remunerazzjoni tiegħu matul il-perjodu tas-sospensjoni jew liema parti minnha għandha tinżamm: il-parti li tinżamm m'għandhiex tkun aktar minn nofs is-salarju bażiku ta' l-uffiċjal.

Deċiżjoni finali għandha tittieħed fi żmien erbgħa xhur mid-data meta daħlet fis-seħħ id-deċiżjoni biex ikun sospiż l-uffiċjal. Meta ma tittieħidx deċiżjoni sa l-aħħar ta' erbgħa xhur, l-uffiċjal għandu jerġa' jirċievi r-remunerazzjoni sħiħa tiegħu.

Fejn ma ttieħditx azzjoni dixxiplinarja dwar l-uffiċjal, jew ma kienet ordnata l-ebda miżura minbarra twissija bil-miktub, ċanfira, jew posponiment għall-avvanz għal skala ogħla, jew jekk ma ttieħditx deċiżjoni finali fil-perjodu speċifikat fil-paragrafu ta' qabel, l-uffiċjal ikkonċernat għandu jkun intitolat għar-Rimborsar ta' l-ammont tar-remunerazzjoni li nżamm.

Madankollu, meta uffiċjal jitħarrek għal dawk l-istess atti, deċiżjoni finali tittieħed biss wara li verdett finali tintlaħaq mill-qorti li qed jisma' l-kawża.

Artikolu 89

Uffiċjal li kontrih kienet ordnata miżura dixxiplinarja minbarra t-tneħħija mill-posizzjoni, wara tliet snin fil-każ ta' twissija bil-miktub jew ċanfira jew sitt snin fil-każ ta' kull miżura oħra, jista' jagħmel talba biex titħassar kull riferenza tat-tali miżura mill-fajl personali tiegħu.

Wara li tikkonsulta l-Bord Dixxiplinarju fil-każijiet fejn il-Bord ħa sehem fil-proċedura dixxiplinarja, l-awtorità tal-ħatra għandha tiddeċedi jekk tilqax it-talba ta' l-uffiċjal; jekk tiddeċiedi li tagħmel hekk, il-fajl kif kostitwit wara t-tali tneħħija, għandu jkun ikkomunikat lilu.

It-Titolu VII: Appelli

Artikolu 90 (8)

1. Kull persuna li għaliha japplikaw dawn ir-Regolament tal-Persunal tista' tibgħat talba lill-awtorità tal-ħatra biex tieħu deċiżjoni dwaru. L-awtorità għandha tavża l-persuna kkonċernata bid-deċiżjoni rraġunata tagħha fi żmien erbgħa xhur mid-data ta' meta ssir it-talba. Jekk fl-aħħar ta' dak il-perjodu, ma tasal l-ebda tweġiba għat-talba, din titqies li tikkostitwixxi deċiżjoni taċita li ma kenitx aċċettata, li kontriha ilment jista' jsir skond il-paragrafu li ġej.

2. Kull persuna li japplikaw għaliha dawn ir-Regolamenti tal-Persunal tista' tibgħat ilment lill-awtorità tal-ħatra kontra att li taffettwah ħażin, kemm jekk l-imsemmi awtorità ħadet deċiżjoni, jew fejn naqset li tadotta miżura preskritta mir-Regolamenti tal-Persunal. L-ilment irid isir fi żmien tliet xhur. Il-perjodu jibda:

— fid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-att jekk huwa miżura ta' natura ġenerali;

— fid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-persuna kkonċernata, iżda fl-ebda każ mhux aktar tard mid-data meta ta' dan ta' l-aħħar irċieva t-tali notifika, jekk il-miżura taffettwa persuna speċifika; madankollu, jekk att li jaffettwa persuna speċifikata wkoll fih ilment kontra persuna oħra, il-perjodu jibda dwar

dik il-persuna l-oħra fid-data meta tirċievi n-notifika tagħha iżda fl-ebda każ mhux aktar tar mid-data tal-pubblikazzjoni;

— fid-data meta jiskadi l-perjodu preskritt għat-tweġiba fejn l-ilment tikkonċerna deċiżjoni taċita li ma tilqax talba kif ipprovdut fil-paragrafu 1.

L-awtorità għandha tavża l-persuna kkonċernata bid-deċiżjoni rraġunata tagħha fi żmien erbgħa xhur mid-data ta' meta jsir l-ilment. Jekk fl-aħħar ta' dak il-perjodu ma tasal l-ebda tweġiba għall-ilment, din titqies li tikkostitwixxi deċiżjoni taċita li ma taċċettahiex, li kontriha jista' jsir appell taħt l-Artikolu 91.

3. Talba jew ilment minn uffiċjal tista' ssir permezz tas-superviżżur ta' fuqu eżatt, ħlief meta tikkonċerna dik il-persuna, f'liema każ tista' tintbagħat direttament lill-awtorità ta' fuq li jmiss.

Artikolu 91 (8)

1. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għandu jkollu ġurisdizzjoni f'kull tilwima bejn il-Komunitajiet u kull persuna li għaliha japplikaw dawn ir-Regolamenti tal-Persunal dwar il-legalità ta' att li jaffettwa ħażin lit-tali persuna fis-sens ta' l-Artikolu 90(2). F'tilwim ta' karattru finanzjarju, il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollu ġurisdizzjoni mingħajr limitu.

2. Appell lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej jintlaqa' biss jekk:

— l-awtorità tal-ħatra qabel kienet irċevit ilment mitfugħ skond l-Artikolu 90(2) fil-perjodu preskritt fih, u

— l-ilment ma kienx aċċettat b'deċiżjonijiet espressi jew b'deċiżjoni taċita.

3. L-appelli taħt il-paragrafu 2 għandom isiru fi żmien tliet xhur. Il-perjodu għandu jibda:

— fid-data tan-notifika tad-deċiżjoni li tittieħed bħala tweġiba għall-ilment;

— fid-data meta jiskadi l-perjdu preskritt għat-tweġiba meta l-appell huwa kontra deċiżjoni taċita li ma taċċettax ilment li sar skond l-Artikolu 90(2); minkejja dan, fejn ilment mhux aċċettat b'deċiżjoni espressa wara li ma jkunx aċċettat b'deċiżjoni taċita iżda qabel jiskadi l-perjodu li fih jista' jsir appell, il-perjodu li fih jista' jsir appell jerġa' jibda mill-ġdid.

4. B'mod ta' deroga mill-paragrafu 2, wara li tressaq ilment lill-awtorità tal-ħatra skond l-Artikolu 90(2), il-persuna kkonċernata tista' mill-ewwel tagħmel appell lill-Qorti tal-Ġustizzja, sakemm it-tali appell ikun akkumpanjat minn applikazzjoni jew biex tinżamm l-esekuzzjoni ta' l-att ikkontestat jew ta' l-adozzjoni ta' miżuri temporanji. Il-proċeduri fl-azzjoni ewlenija quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mbagħad ikunu sospiżi sa dak iż-żmien meta tittieħed deċiżjoni espressa jew taċita li ma taċċttax l-ilment.

5. L-appelli taħt dan l-Artikolu jkunu investigati u jinstemgħu kif ipprovdut fir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 91a (69)

It-talbiet u l-ilmenti dwar l-oqsma li għalihom kien applikat it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 2, għandhom ikunu depożitati ma' l-awtorità tal-Ħatra fdata bl-eserċiżżju tas-setgħat. Kull appell isir kontra l-istituzzjoni li għaliha hija responsabbli dik l-awtorità tal-ħatra.

It-Titolu VIII: Diposizzjonijiet speċjali applikabbli għall-uffiċjali fis-servizzi xjentifiċi jew tekniċi tal-komunitajiet

Artikolu 92

Dan it-Titolu jniżżel id-disposizzjoni speċjali applikabbli għall-uffiċjali tal-Komunitajiet li jokkupaw posizzjonijiet fil-qasam tax-xjenza nuklejari li jeħtieġu kwalifiki xjentifiċi jew tekniċi u mħallsa minn approprijazzjonijiet fl-estimi tar-riċerka u l-investiment.

Tabella li turi l-postijiet bażiċi u l-meded tal-karrieri li jikkorrospondu għall-uffiċjali fis-servizzi xjentifiċi u tekniċi koperti mill-paragrafu ta' qabel, tingħata fl-Anness I B.

Artikolu 93

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tagħti lill-uffiċjali koperti mill-Artikolu 92 li qegħdin fil-grad A 1 jew A 2 u li għandhom kwalifiki xjentifiċi jew tekniċi għolja ħafna, vantaġġi ta' flus li ma jaqbżux b'aktar minn 25 % dawk ippreżentati fit-Titolu V, eskluża l-*allowances* u l-ispejjeż fissi.

L-ogħla numru ta' uffiċjali li għandhom jingħataw it-tali vantaġġi jkun stabbilit mill-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni.

Artikolu 94

Id-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ma' dawk tat-tieni paragrafu ta' l-Artikoli 17 u 18 għall-uffiċjali koperti mill-Artikolu 92.

Il-pubblikazzjoni minn uffiċjal, kemm jekk miktuba jew xorta oħra, dwar xi affari li titratta x-xogħol tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika tkun suġġetta għall-permess ta' u l-kondizzjonijiet imniżżlin mill-awtorità tal-ħatra. Il-Komunità għandha jkollha d-dritt li bilfors takkwista d-dritt ta' l-awtur fuq it-tali pubblikazzjoni.

Kull invenzjoni li ssir minn uffiċjal matul jew f'konnessjoni mal-qadi ta' dmirijietu għandu jkun il-proprjetà, li ma tistax tkun iddubitata, tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika. L-istituzzjoni tista', a spejjeż tagħha u f'isem il-Komunità, tapplika għal u tikseb patenti għalihom fil-pajjiżi kollha. Kull invenzjoni dwar ix-xogħol tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika li ssir minn uffiċjal matul is-sena ta' wara meta skada l-perjodu tad-dmir tiegħu, għandu, sakemm ippruvat mod ieħor, jitqies li sar matul jew f'konnessjoni mal-qadi ta' dmirijietu. Fejn l-invenzjonijiet huma s-suġġett ta' patenti, l-isem ta' l-investitur jew l-investituri għandu jissemma'.

L-istituzzjoni tista', f'każijiet xierqa, tagħti bonus, li l-ammont tiegħu jkun stabbilit mill-istituzzjoni, lill-uffiċjal li huwa l-awtur ta' invenzjoni patentata.

Artikolu 95

Sal-31 ta' Diċembru 1968 u b'mod ta' deroga mill-Artikoli 31 u 32, l-uffiċjali koperti mill-Artikolu 92 jistgħu jinħatru għal grad għajr il-grad tal-bidu tal-posizzjoni li huma reklutati fiha u jistgħu jkunu kklassifikati, dwar mhux aktar minn nofs il-posizzjonijiet li għandhom jimtlew, fi skala għajr dik imsemmija fl-Artikolu 32.

Għall-perjodu wara dik id-data, fuq proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill għandu jniżżel id-disposizzjonijiet definittivi li jirregolaw ir-reklutaġġ tat-tali persuni.

Artikolu 96

B'mod ta' deroga mill-Artikolu 34(1), il-perjodu ta' prova jista' jdum minn tlieta sa sitt xhur għall-uffiċjali koperti mill-Artikolu 92 li jappartjenu għall-Kategorija Ċ jew D.

Artikolu 97

1. B'mod ta' deroga mill-Artikolu 44, l-awtorità tal-ħatra tista' tagħti l-uffiċjali koperti mill-Artikolu 92 promozzjoni addizzjonali bil-quddiem b'rikonoxximent ta' meritu ta' eċċezzjoni; in-numru ta' uffiċjali f'kull kategorija li jingħataw promozzjoni f'sena partikolari ma jaqbiżx wieħed minn tmienja tal-persunal kollu f'dik il-kategorija.

Il-promozzjoni tingħata darba biss f'kull grad.

Il-promozzjoni ma tagħtix uffiċjal salarju bażiku ogħla minn dak ta' l-ogħla skala fil-grad tiegħu.

2. B'mod ta' deroga mill-Artikolu 44, uffiċjal kopert mill-Artikolu 92 li l-kompetenza, xogħol magħmul jew kondotta tiegħu mhux sodisfaċenti, b'deċiżjoni ta' l-awtorità tal-ħatra, jista' jkollu l-promozzjoni tiegħu fl-iskala posposta għal aktar minn sentejn, mingħajr ma jkun hemm bżonn tkun segwita l-proċedura mniżżla fl-Artikolu 87.

3. Dan l-Artikolu m'għandux japplika għall-uffiċjali koperti mill-Artikolu 92 li qegħdin fil-grad A 1 jew A 2.

Artikolu 98

Aktar mill-Artikolu 34, kull uffiċjal kopert mill-Artikolu 92, hekk kif ilesti l-perjodu ta' prova tiegħu, jista' jkollu l-klassifikazzjoni oriġinali tiegħu mibdula.

L-Artikolu 45(2) m'għandux japplika għall-uffiċjali koperti mill-Artikolu 92.

Sabiex l-awtorità tal-ħatra tista' tagħti promozzjoni lill-uffiċjali l-aktar li jixirqilhom koperti mill-Artikolu 92, eċċezzjonijiet li ma jaqbżux sena f'każijiet ta' ċirkostanzi sewwa ta' eċċezzjoni, jistgħu jsiru dwar it-tul tas-servizz imniżżel fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 45(1). Uffiċjal m'għandux jibbenefika mid-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu aktar minn darba f'perjodu ta' ħames snin.

Artikolu 99

L-awtorità tal-ħatra tista' tagħti lill-uffiċjali koperti mill-Artiklu 92 bonus għal servizz eċċezzjonali; dan m'għandux jaqbeż tliet darbiet l-ammont tas-salarju bażiku fix-xahar ta' sena partikolari waħda għajr fejn issir deroga mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni.

Għotjiet totali ta' bonus għal servizz eċċezzjonali m'għandhomx jaqbżu 3 % tas-salarji bażiċi totali pagabbli fis-sena lill-persunal xjentifiku u tekniku kollu kopert mill-Artikolu 92.

Kull sena, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fuq l-ammont tal-bonus u l-persuni lil min għandu jingħata u għandha tippreżenta rapport lill-Kunsill fuq in-numru u l-ammont tal-bonus mogħtija, u tagħti kif inhuma mqassma bħala grad u servizz u r-raġunijiet ewlenin għall-għotjiet.

Artikolu 100

Allowances speċjali jistgħu jingħataw lil ċerti uffiċjali koperti mill-Artikolu 92, bħala kumpens għal kondizzjonijiet partikolarment diffiċli ta' xogħol.

Il-Kunsill għandu, fuq proposta mill-Kummissjoni, jistabbilixxi r-rati u l-kondizzjonijiet tat-tali *allowances* speċjali, u l-persuni li għandhom jirċevuhom.

Artikolu 101

B'mod ta' deroga mit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 56, u f'każijiet eċċezzjonali biss, is-sahra maħduma minn ċerti uffiċjali koperti mill-Artikolu 92 tal-Kategorija B tista' tintolahom għal kumpens jew remunerazzjoni kif ipprovdut fl-Anness VI.

L-awtorità tal-ħatra tista' tinnomina l-posizzjonijiet li d-detenturi tagħhom għandu jkun intitolat li jibbenefika mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

It-Titolu VIIIA (51): Disposizzjonijiet speċjali u eċċezzjonali applikabbli għall-uffiċjali li jservu f'pajjiż terz

Artikolu 101a

Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Anness X iniżżel id-disposizzjonijiet speċjali u eċċezzjonali applikabbli għall-uffiċjali li jservi f'pajjiż terz

It-Titolu IX: Disposizzjonijiet transitorji u finali

Il-Kapitolu 1: Disposizzjonijiet transitorji

Artikolu 102

1. Ħaddiem tal-Komunitajiet li jokkupa post permanenti f'waħda mill-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet meta dawn ir-Regolamenti tal-Persunal [1] jidħlu fis-seħħ, jista' b'deċiżjoni ta' l-awtorità tal-ħatra, jkun stabbilit fil-grad u fl-iskala, u fl-iskala tar-remunerazzjoni mniżżla minn dawn ir-Regolamenti tal-Persunal li jikkorrospondu mal-grad u l-iskala li ngħatawlu espressament u taċitament qabel dawn ir-Regolamenti tal-Persunal kienu applikati għalih, uġġetti għal xi deċiżjonijiet li jistgħu jittieħdu bil-ftehim bejn il-Kunsilli tal-Komunità Ewropea Ekonomika u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika biex il-prattika tkun standardizzata dwar il-gruppi tal-karrieri u l-kriterji li għandhom jintużaw fil-klassifikazzjoni, sakemm:

[1] ta' l-1.1.1962

— dwar kull tali ħaddiem, li jħares il-ħtiġiet ta' l-Artikolu 28(a), (b), (ċ), (e) u (f);

— dwar kull tali ħaddiem, għajr dawk fil-grad A 1 u A 2:

(a) kien fis-servizz ta' waħda mill-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet għal aktar minn sitt xhur meta dawn ir-Regolamenti tal-Persunal daħlu fis-seħħ; ħaddiem tal-Komunitajiet li ma jħarisx din il-ħtieġa jista' jinħatar għal perjodu ta' prova u jkun stabbilit bħala uffiċjal kif ipprovdut fl-Artikolu 34;

(b) ma kienx is-suġġett ta' xi rapport sfavorevoli mill-Bord ta' l-Istabbiliment ipprovdut fis-subparagrafu li ġej.

Mad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, f'kull istituzzjoni jiġi stabbilit Bord ta' l-Istabbiliment magħmul minn ħaddiema ta' l-istituzzjoni impjegati f'kapaċità superviżorja, li jinħatru magħha mill-awtorità tal-ħatra.

Dan il-Bord javża l-awtorità tal-ħatra kemm huma xierqa għad-dmirijiet tal-posizzjonijiet tagħhom dawk il-ħaddiema ta' l-istituzzjoni li huma eliġibbli għall-istabbiliment taħt id-disposizzjonijiet t'hawn fuq, bl-eċċezzjoni ta' dawk fil-gradi A 1 jew A2; dan isir fuq il-bażi ta' rapport dwar l-abbiltà ta' l-uffiċjal, l-effiċjenza u l-kondotta fis-servizz, imħejji mis-superjuri tiegħu.

2. Il-kuntratt ta' kull tali ħaddiem li l-Bord ta' l-Istabbiliment tirrapporta ħażin fuqu jiġi stabbilit. L-awtorità tal-ħatra tista', madankollu, toffri lit-tali persuna stabbiliment fi grad anqas jew fi skala aktar baxxa fl-iskala tar-remunerazzjoni mniżżla minn dawn ir-Regolamenti tal-Persunal minn dawk miksuba kemm jekk mogħtija lilu espressament jew taċitament qabel. Ħaddiem li ntemmlu l-kuntratt jirċievi kumpens kif ipprovdut fl-aħħar subparagrafu ta' l-Artikolu 34(2).

3. Kull ħaddiem tl-Komunitajiet impjegat bħala tali meta jidħlu fis-seħħ dawn ir-Regolamenti tal-Persunal li ma kienx assenjat espressament jew taċitament grad jew skala qabel dawn ir-Regolamenti tal-Persunal huma applikati għalih ikun assenjat it-tali grad u l-iskala fi żmien sena mid-data meta jidħlu fis-seħħ dawn ir-Regolamenti tal-Persunal mill-awtorità tal-ħatra li, fejn ikun il-każ, tidderoga mill-Artikolu 32.

4. B'mod ta' deroga mill-paragrafu 1,

(a) uffiċjal li l-posizzjoni tiegħu taqa' taħt il-Kategorija D fit-tabella murija fl-Anness I ikun ikklassifikat fil-grad ta' dik il-posizzjoni u fl-iskala taħt dak il-grad fejn is-salarju bażiku, bit-taxxa tal-Komunità u l-kontribuzzjoni ta' l-uffiċjal għall-iskema tal-pensjoni mnaqqsa, huwa daqs jew eżatti taħt, is-somma tas-salarju bażiku bl-addizzjoni tal-*allowance* lokali, bit-tnaqqis tal-kontribuzzjoni għall-iskema temporanja tal-provvidenza konġunta ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet, li kien qed jirċievi meta dawn ir-Regolamenti tal-Persunal daħlu fis-seħħ;

(b) uffiċjal fis-Servizz tal-Lingwi jkun ikklassifikat fil-grad tal-posizzjoni tiegħu u fl-iskala f'dak il-grad eżatt fuq l-iskala li fiha kien ikun ikklassifikat skond il-paragrafu 1.

5. Id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 1 tat-Titolu VIII tar-Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar għandhom japplikaw għal ħaddiem li, qabel dawn ir-Regolamenti tal-Persunal daħlu fis-seħħ, kien uffiċjal stabbilit tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u ngħata *leave* fuq raġunijiet personali f'waħda mill-istituzzjonijiet ta' dik il-Komunità, sabiex jidħol fis-servizz ta' istituzzjoni tal-Komunità Ekonomika Ewropea jew tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, dwar il-grad u l-iskala li fihom ikun stabbilit skond il-paragrafi 1 sa 4 t'hawnn fuq, sakemm dan ma jtiħx vantaġġi akbar minn dawk li kieku kien igwadi minnhom li kien stabbilit fl-istess grad taħt ir-Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar.

L-Artikoli 103 u 104 (8)

Imħassra

L-Artikolu 105 (46)

Imħassar

Artikolu 106

Kull uffiċjal li jirċievi *allowance* ta' separazzjoni qabel dawn ir-Regolamenti tal-Persunal kienu applikati li ma jikkwalifikax għal *allowance* ta' l-espatrijazzjoni taħt l-Artikolu 4 ta' l-Annes VII għandu jieħu l-istess ammont daqs dak li kien jirċievi f'forma ta' *allowance* ta' separazzjoni taħt l-iskala tar-remunerazzjoni li

kienet teżisti qabel dawn ir-Regolamenti tal-Persunal daħlu fis-seħħ. It-tali ammont fil-futur ma jkunx varjat għall-ebda raġuni tkun xi tkun, għajr fejn l-uffiċjal jikkwalifika għal *allowance* ta' l-espatrijazzjoni billi jħares il-ħtiġiet tagħhom.

Artikoli u 107 (8)

1. L-uffiċjal li għalih kienu applikati dawn ir-Regolamenti tal-Persunal skond dawn id-disposizzjonijiet transitorji u li jipprovdi evidenza li kien obbligat minħabba li daħal fis-servizz ta' waħda mill-Komunitajiet li jitlob kompletament jew parzjalment id-drittijiet għall-pensjoni li kienu akkumulawlu fil-pajjiż ta' l-oriġini tiegħu u li ma setgħax jikeb l-ekwivalent attwarjali tat-tali drittijiet, għandu jkun ikkreditat, għall-iskopijiet tal-pensjoni ta' l-irtirar tiegħu fil-Komunitajiet u mingħajr pagament ta' arretrati ta' kontribuzzjonijiet, b'kontribuzzjonijiet fis-sena li jikkorrospondu man-numru ta' snin tas-servizz tal-pensjoni li akkumula fil-pajjiż ta' l-oriġini tiegħu.

2. In-numru ta' snin tas-servizz tal-pensjoni hekk ikkreditati jkunu stabbiliti mill-awtorità tl-ħatra ta' l-istituzzjoni li l-uffiċjal qiegħed magħha wara li tikkonsulta l-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal ipprovdut fl-Artikolu 10. M'għandux jaqbeż:

— in-numru ta' snin tas-servizz attwali li jkun possibbli għall-uffiċjal li jilħaq sa l-età ta' 65 sena;

— nofs in-numru ta' snin tas-servizz li malli jagħlaq 65 sena ikunu meħtieġa biex jilħaq 35 sena ta' servizz ta' pensjoni.

3. L-uffiċjal li għalih japplikaw id-disposizzjonijiet ta' qabel għandu jħallas lill-Komunitajiet proporzjoni tas-somom li thallsu lilu minħabba d-drittijiet tiegħu għal pensjoni fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu li ma jikkorrospondux mal-ekwivalenza attwarjali ta' dawk id-drittjiet; dak il-proporzjon għandu jkun daqs il-proporzjon bejn in-numru ta' snin tas-servizz tal-pensjoni li bih huwa kkreditat u n-numru ta' snin tas-servizz li tilef fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu.

4. Ħlief fil-każ ta' mewt jew fejn l-Artikolu 41 jew 50 ikun applikat, uffiċjal li jitlaq qabel ma jagħlaq il-65 sena ma jkunx ikkreditat hekk.

5. Mal-mewt ta' uffiċjal li għalih japplikaw id-disposizzjonijiet tal-paragrafi ta' qabel, in-numru totali ta' snin tas-servizz tal-pensjoni li kien ikun ikkreditat bihom kieku laħaq l-età ta' 65 sena għandu jkun imbagħad ikkreditat lil dawk intitolati taħtu għall-iskopijiet tal-kalkolu tad-drittijiet tagħhom tal-pensjoni.

6. L-uffiċjal li għalih japplikaw id-disposizzjonijiet tal-paragrafi ta' qabel, jekk affettwat minn xi miżuri mill-Artikoli 41 u 50, għandu jkun ikkreditat meta jibda jieħu pensjoni ta' l-irtirar fil-proporzjon tan-numru tas-snin tas-servizz tal-pensjoni li bih kien ikun ikkreditat kieku laħaq l-età ta' 65 sena. Dak il-proporzjon għandu jkun daqs il-proporzjon ta' bejn in-numru tas-snin tas-servizz tal-pensjoni meħuda fil-kalkolu tad-drittijiet tiegħu tal-pensjoni u n-numru ta' snin tas-servizz tal-pensjoni li seta' jaqla' sa l-età ta' 65 sena.

Artikoli 108 u 109 (8)

Imħassar

Il-Kapitolu 2: Disposizzjonijiet finali

Artikolu 110 (8)

Id-disposizzjonijiet ġenerali biex idaħħlu fis-seħħ dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, għandhom ikunu adottati minn kull istituzzjoni, wara li jkunu kkonsultati l-Kumitat tal-Persunal u l-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal tagħhom, iprovdut fl-Artikolu 10.

It-tali disposizzjonijiet ġenerali u r-regoli kollha adottati bi ftehim bejn l-istituzzjonijiet għandhom jinġiebu għall-attenzjoni tal-persunal.

Id-dipartimenti ta' l-amministrazzjoni ta' l-istituzzjonijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin regolarment dwar l-applikazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal.

Anness I Posizzjonijiet bażiċi u l-gruppi li jikkorrospondu tal-karrieri (8) (24) (69)

A. Posizzjonijiet bażiċi u l-gruppi tal-karrieri li jikkorrospondu f'kull Kategorija u fis-Servizz tal-Lingwi, kif ipprovdut fl-Artikolu 5(4) tar-Regolamenti tal-Persunal

Kategorija A

A 1	Direttur-Ġenerali
A 2	Direttur
A 3	Kap tad-Diviżjoni
A 4 - A5	Amministratur Ewlieni
A 6 A 7	Amministratur
A 8	Assistent Amministratur

Kategorija B

B 1	Assistent Amministrattiv Ewlieni
B 2 - B3	Assistent Amministrattiv Anzjan – Assistent Tekniku Anzjan (1) – Assistent Segretarjali Anzjan (1)
B 4 - B5	Assistent Amministrattiv – Assistent Tekniku (1) – Assistent Segretarjali (1)

Kategorija C

C 1	Segretarju Eżekuttiv – Segretarju Ewlieni – Uffiċjal Klerikali Ewlieni
C 2 - C 3	Segretarju/Stenografu – Uffiċjal Klerikali
C 4 - C 5	Tajpista – Assistent Klerikali

Kategorija D

D 1	Kap tal-Unit
D 2 - D 3	Impjegat tas-Sengħa – Ħaddiem tas-Sengħa
D 4	Impjegat Mingħajr Sengħa – Ħaddiem Mingħajr Sengħa

Servizz tal-Lingwa

LA 3	Kap tad-Diviżjoni tat-Traduzzjoni jew ta' l-Interpretazzjoni
LA 4 - LA 5	Kap tal-Grupp ta' Traduzzjoni jew Interpretazzjoni – Reviżur, Traduttur Ewlieni, Interpretu Ewlieni
LA 6 - LA 7	Traduttur – Interpretu
LA 8	Assistent traduttur – Assistent Interpretu

(1) In-numru ta' posizzjonijiet li jikkorrospondi għal din il-posizzjoni bażika huwa eżatt u speċifikament stabbilit fil-lista ta' posizzjonijiet marbutin ma' l-estimi

B. Postijiet bażiċi u l-gruppi tal-karrieri li jikkorrospondu ta' l-uffiċjali fis-servizzi xjentifiċi u tekniċi tal-Komunitajiet, kif ipprovdut fl-Artikolu 92 tar-Regolamenti tal-Persunal (8)

Kategorija A

Persunal amministrattiv u ta' konsulenza

A 1	Direttur-Ġenerali
A 2	Direttur
A 3	Kap tad-Diviżjoni
A 4	Uffiċjal Ewlieni Xjentifiku jew Tekniku
A 5 - A6 - A7 - A8	Uffiċjal Xjentifiku jew Tekniku

Kategorija B

(a) Persunal ta' l-uffiċċju tad-disinn

B 1 - B 2	Disinjatur Tekniku – Mexxej tat-Taqsima
B 2 - B 3	Disinjatur

(b) Persunal tal-Laboratorju

B 1 - B 2	Kap tal-Laboratorju -Tekniku
B 3 - B 4 - B 5	Tekniku tal-Laboratorju (B'mod ta' deroga mill-Artikoli 62 u 66 tar-Regolamenti tal-Persunal, Tekniċi tal-Laboratorju li nħatru għal Grad B 5 jirċievu remunerazzjoni fuq l-iskala għal Grad B 5 estiżi fuq erba' skali: kull skala ġdida ta' wara r-raba' hija maħduma billi tingħad ma' l-iskala ta' qabel iż-żieda ta' sentejn għal dak il-grad).

(ċ) Persunal ta' Work shop tal-manifattura

B 1 - B 2	Supretendent tax-Xogħol
B 2 - B 3	Superviżur tal-*Work shop*
B 2 - B 3 - B 4	Min jippjana
B 3 - B 4	Formen

Kategorija C

(a) Persunal ta' l-uffiċċju

C 1 - C 2 - C 3 - C 4	Disinjatur tekniku

(b) Persunal tal-Work shop

C 1	Bniedem Espert tas-Sengħa
C 2 - C 3 - 4 - C 5	Bniedem tas-sengħa

(ċ) Persunal tal-laboratorju

C 1	Kap Attendent tal-Laboratorju
C 2 - C 3 - 4 - C 5	Attendent tal-Laboratorju
C 3	Tekniku tal-Laboratorju (B'mod ta' deroga mill-Artikolu 62 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-iskala tar-remunerazzjoni għat-Tekniċi tal-Laboratorju maħtura għal Grad C 3 titla' għall-Skala 4 biss).

Kategorija D

(a) Persunal ta' l-Uffiċċju

D 1	Operatur Anzjann tar-Riproduzzjoni
D 2 - D 3	Assistent tar-Riproduzzjoni – Skrivan tal-Filing

(b) Persunal tat-trasport u ġarr

D 1 - D 2	Chargehand
D 3 - D 4	Ħaddiem

(ċ) Persunal tal-laboratorju

D 1 - D 2	Assistent tal-Laboratorju
D 3 - D 4	Purtinar tal-Laboratorju

Anness II Komposizzjoni u proċedura tal-korpi pprovduti fl-Artikolu 9 tar-Regolamenti tal-Persunal

Taqsima 1: Kumitat tal-Persunal

Artikolu 1 (8) (75)

Il-Kumitat tal-Persunal ikun magħmul mill-membri tiegħu, flimkien mas-sostituti tagħhom jekk ikun hemm, li l-perjodu ta' l-uffiċċju tagħhom ikun tliet snin. Madankollu, l-istituzzjoni tista' tiddeċiedi li tistabbilixxi perjodu iqsar ta' l-uffiċċju, li ma jistax ikun anqas minn sena. Kull uffiċjal ta' l-istituzzjoni jkun intitolat biex jivvota u jikkontesta għal elezzjoni.

Il-kondizzjonijiet għall-elezzjoni tal-Kumitat tal-Persunal jekk ma jkunx organizzat f'taqsimiet lokali jew għat-taqsima lokali, jekk il-Kumitat tal-Persunal huwa organizzat f'taqsimiet lokali, jitniżżlu mill-laqgħa ġenerali ta' l-istituzzjoni fis-servizz fil-post relevanti ta' l-impieg. L-elezzjoni tkun b'polza sigriet.

Jekk il-Kumitat tal-Persunal ikun organizzat f'taqsimiet lokali, il-mod li fiha l-membri tal-Kumitat Ċentrali jinħatru għal kull post ta' impieg, jitniżżel mill-laqgħa ġenerali ta' l-uffiċjali ta' l-istituzzjoni fis-servizz tal-post relevanti ta' l-impieg. Il-membri tat-taqsima lokali kkonċernata biss jistgħu jinħatru membri tal-Kumitat Ċentrali.

Is-sħubija tal-Kumitat tal-Persunal jekk ma jkunx organizzat f'taqsimiet lokali, jew għat-taqsima lokali, jekk il-Kumitat tal-Persunal huwa organizzat f'taqsimiet lokali, ikunu tali sabiex jiżuraw ir-rappreżentanza tal-kategoriji kollha ta' l-uffiċjali u tas-servizzi kollha pprovduti fl-Artikolu 5 tar-Regolamenti tal-Persunal u wkoll tal-ħaddiema imsemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 7 tal-Kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet. Il-Kumitat Ċentrali ta' Kumitat tal-Persunal organizzat f'taqsimiet lokali għandu jkun kostitwit validament mal-ħatra ta' maġġoranza tal-membri tiegħu.

L-elezzjonijiet tal-Kumitat tal-Persunal jekk ma jkunx organizzat f'taqsimiet lokali, jew għat-taqsima lokali jekk il-Kumitat tal-Persunal huwa organizzat f'taqsimiet lokali, ikunu validi biss jekk żewġ terzi ta' l-uffiċjali intitolati biex jivvutaw jieħdu sehem. Madankollu, jekk dan il-proporzjon ma jintlaħaqx, it-tieni vot ikun validu jekk il-maġġoranza ta' dawk intitolati jieħdu sehem.

Id-dmirijiet li jieħdu l-membri tal-Kumitat tal-Persunal u l-uffiċjali maħtura mill-Kumitat ta' organi stabbiliti taħt ir-Regolamenti tal-Persunal jew mill-istituzzjoni jitqiesu parti mi-servizz normali tagħhom fl-istituzzjoni tagħhom. Il-fatt li jitwettqu t-tali dmirijiet bl-ebda mod ikun ta' preġudizzju għall-persuna kkonċernata.

Taqsima 2: Il-Kumitat Konġunt

Artikolu 2 (69)

Il-Kumitat jew Kumitati Konġunti ta' istituzzjoni jkunu magħmula minn:

— president maħtur kull sena mill-awtorità tal-ħatra,

— membri u sostituti maħtur fl-istess ħi f'numri ndaqs mill-awtorità tal-ħatra u mill-Kumitat tal-Persunal .

Il-Kumitat Konġunt komuni għal żewġ istituzzjonijiet jew aktar ikun magħmul minn:

— president maħtur mill-awtorità tal-ħatra imsemmi fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 2 tar-Regolamenti tal-Persunal,

— membri u sostituti maħtura f'numri ndaqs mill-awtoritajiet tal-ħatra ta' l-istituzzjonijiet irrappreżentati mill-Kumitat Konġunt komuni u mill-Komunitajiet tal-Persunal.

Il-proċeduri għall-istituzzjoni tal-Kumitat Konġunt Komuni għandhom ikunu adottati bi ftehim bejn l-istituzzjonijiet irrappreżentati fuq il-Kumitat Konġunt komuni, wara li jkun ikkonsultat il-Kumitat tal-Persunal tagħhom.

Sostitut jivvota biss fl-assenza ta' membru.

Artikolu 3 (8)

Il-Kumitat Konġunt jiltaqa' meta msejjaħ mill-awtorità tal-ħatra jew fuq talba tal-Kumitat tal-Persunal.

Il-proċeduri tal-Kumitat ikunu validi biss jekk il-membri kollha jew, fl-assenza tagħhom, is-sostituti tagħhom huma preżenti.

Il-president tal-Kumitat m'għandux jivvota għajr dwar kwistjonijiet ta' proċedura.

L-opinjoni tal-Kumitat għandha tkun ikkomunikata bil-miktub lill-awtorità tal-ħatra u lill-Kumitat tal-Persunal fi żmien ħamest ijiem mill-adozzjoni tagħha.

Kull membru tal-Kumitat jista' jeħtieġ li l-opinjonijiet tiegħu jkunu rreġistrati fl-opinjoni tal-Kumitat.

Artikoli u 3a (69)

Il-Kumitat Konġunt komuni għadu jiltaqa' fuq it-talba jew ta' l-awtorità tal-ħatra imsemmija fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 2 tar-Regolamenti tal-Persunal, jew ta' l-awtorità tal-ħatra jew ta' Kumitat tal-Persunal ta' waħda mill-istituzzjonijiet irrappreżentati fuq dak il-Kumitat Konġunt.

Il-proċeduri tal-Kumitat Konġunt komuni jkunu validi biss jekk il-membri kollha jew is-sostituti tagħhom huma preżenti.

Il-President tal-Kumitat Konġunt komuni m'għandux jivvota għajr dwar kwistjonijiet ta' proċedura.

L-opinjoni tal-Kumitat Konġunt komuni għandha tkun ikkomunikata bil-miktub lill-awtorità tal-ħatra fis-sens tat-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 2 tar-Regolamenti tal-Persunal, lill-awtoritajiet l-oħra tal-ħatra u lill-Kumitati tal-Persunal tagħhom fi żmien ħamest ijiem mill-adozzjoni tagħha.

Kull membru tal-Kumitat Konġunt komuni jista' jeħtieġ li l-opinjonijiet tiegħu jkunu rreġistrati fl-opinjoni tal-Kumitat Konġunt.

Taqsima 3: Bord Dixxiplinarju

Artikolu 4

Il-Bord or Bordi Dixxiplinarji għandhom ikunu magħmula minn president u erba' membri. Ikunu assistiti minn segretarju.

Artikolu 5

1. Kull sena l-awtorità tal-ħatra għandha taħtar il-presidenti tal-Bordi Dixxiplinarji. Dawn il-presidenti fl-ebda ċirkostanzi ma jkunu wkoll membri tal-Kumitat Konġunt jew tal-Kumitat tar-Rapporti.

L-awtorità tal-ħatra għandha wkoll tħejji lista ta' kull Bord li jkun fiha, jekk possibbli, l-ismijiet ta' żewġ uffiċjali minn kull grad f'kull kategorija.

Il-Kumitat tal-Persunal għandu fl-istess ħin jittrasmetti lista simili lill-awtorità tal-ħatra.

2. Fi żmien ħamest ijiem mir-rapport li jibda l-proċeduri dixxiplinarji jew il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 22 jew l-Artikolu 51 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-president tal-Bord Dixxiplinarju, fil-presenza tal-persuna kkonċernata, għandu jtella' l-lottijiet minn fost l-ismijiet mil-listi fuq imsemmija, biex jiddeċiedi liema erba' membri se jikkostitwixxu l-Bord, tnejn jittellgħu minn kull lista.

Il-membri tal-Bord Dixxiplinarju m'għandhomx ikunu ta' grad anqas minn dak ta' l-uffiċjal li l-Bord irid ikkunsidra l-każ tiegħu.

Il-president għandu javża bil-komposizzjoni tal-Bord lil kull membru.

3. Fi żmien ħamest ijiem minn meta jkun iffurmat il-Bord Dixxiplinarju, l-uffiċjal akkużat jista' jagħmel oġġezzjoni dwar kull wieħed mill-membri tiegħu minbarra l-president.

Matul l-istess perjodu kull membru tal-Bord Dixxiplinarju jista' jitlob li jitneħħa milli jservi, sakemm ikollu raġunijiet leġittimi.

Il-president tal-Bord Dixxiplinarju għandu, billi jtella' l-lottijiet, jimla kull post battal li jinqala'.

Artikolu 6

Il-membri tal-Bord Dixxiplinarju għandhom ikunu kompletament indipendenti fil-qadi tad-dmirijiet tagħhom.

Il-proċeduri tal-Bord għandhom ikunu sigrieti.

Taqsima 4: Kumitat ta' Invalidità

Artikoli 7 (8) (24)

Il-Kumitat ta' l-Invalidità għandu jkun magħmul minn tliet tobba:

— wieħed maħtur mill-istituzzjoni li magħha jagħmel l-uffiċjal ikkonċernat;

— wieħed maħtur mill-uffiċjal ikkonċernat; u

— wieħed maħtur bi ftehim bejn l-ewwel żewġ tobba.

Jekk l-uffiċjal ikkonċernat jonqos li jaħtar tabib, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għandu jaħtar wieħed.

Fil-każ ta' nuqqas ta' ftehim fuq il-ħatra tat-tielet tabib fi żmien xahrejn mill-ħatra tat-tieni tabib, it-tielet jinħatar mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fuq it-talba ta' wieħed mill-partijiet ikkonċernati.

Artikolu 8

L-ispejjeż imħallsa li għandhom x'jaqsmu mal-proċeduri tal-Kumitat ta' l-Invalidità għandhom jitħallsu mill-istituzzjoni li qiegħed magħha l-uffiċjal ikkonċernat.

Meta t-tabib maħtur mill-uffiċjal ikkonċernat huwa residenti x'imkien ieħor minbarra l-post fejn impjegat l-uffiċjal, l-uffiċjal għandu jħallas l-ispiża tal-miżati addizzjonali li għandhom x'jaqsmu, bl-eċċezzjoni ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar fl-ogħla klassi, li jitħallsu lura mill-istituzzjoni.

Artikolu 9

L-uffiċjal jista' jibgħat lill-Kumitat ta' l-Invalidità kull rapport jew ċertifikat mit-tabib regolari tiegħu jew minn kull tabib mediku li seta' kkonsulta.

Il-konklużjonijiet tal-Kumitat ta' l-Invalidità għandhom ikunu kkomunikati lill-awtorità tl-ħatra u lill-uffiċjal ikkonċernat.

Il-proċeduri tal-Kumitat għandhom ikunu sigrieti.

Taqsima 5: Il-Kumitat tar-Rapporti

Artikolu 10

Il-membri tal-Kumitat tar-Rapporti għandhom jinħatru kull sena mill-awtorità tal-ħatra minn fost l-uffiċjali anzjani ta' l-istituzzjoni. Il-Kumitat għandu jtella' l-President tiegħu. Il-membri tal-Kumitat Konġunt m'għandhomx ikunu membri tal-Kumitat tar-Rapporti.

Meta l-Kumitat jissejjaħ biex jagħti rakkomandazzjoni dwar uffiċjal li s-superjur ta' fuqu huwa membru tal-Kumitat, dak il-membru m'għandux jieħu sehem fil-kunsiderazzjoni tal-każ tiegħu.

Artikolu 11

Il-proċeduri tal-Kumitat tar-Rapporti għandhom ikunu sigrieti.

Anness III Kompetizzjonijiet

Artikolu 1 (8) (69)

1. L-avviż tal-kompetizzjonijiet jitħejja mill-awtorità tal-ħatra wara li jkun ikkonsultat il-Kumitat Konġunt.

Irid jispeċifika:

(a) l-għamla tal-kompetizzjoni (kompetizzjoni interna għall-istituzzjoni, kompetizzjoni interna għall-istituzzjonijiet, kompetizzjoni miftuħa, fejn ikun il-każ, komuni għal żewġ istituzzjonijiet jew aktar);

(b) it-tip ta' kompetizzjoni (jekk mhux fuq bażi ta' jew il-kwalifiki jew l-eżamijiet, jew ta' kemm il-kwalifiki kif ukoll l-eżamijiet);

(ċ) it-tip ta' dmirijiet u l-kompiti involuti fil-posizzjoni li għandha timtela;

(d) id-diplomi u evidenza oħra ta' kwalifiki formali jew il-livell ta' esperjenza meħtieġa għall-posizzjonijiet li għandhom jimtlew;

(e) meta l-kompetizzjoni hija fuq bażi ta' eżamijiet, x'tip ikunu u kif ikunu mmarkati;

(f) fejn applikabbli, l-għarfien tal-lingwi meħtieġa minħabba n-natura speċjali tal-posizzjonijiet li għandhom jimtlew;

(g) fejn ikun il-każ, il-limitu taż-żmien u xi estensjoni tal-limitu taż-żmien fil-każ tal-ħaddiema tal-Komunitajiet li taw mhux anqas minn sena servizz;

(h) id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet;

(i) kull eċċezzjoni skond l-Artikolu 28(a) tar-Regolamenti tal-Persunal.

L-avviż tal-kompetizzjonijiet miftuħa komuni għal żewġ istituzzjonijiet jew aktar jitħejja mill-awtorità tal-ħatra imsemmija fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 2 tar-Regolamenti tal-Persunal, wara li jkun ikkonsultat il-Kumitat Konġunt komuni.

2. L-avviż tal-kompetizzjonijiet miftuħa jkun ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* mhux anqas minn xahar qabel id-data ta' l-għeluq għall-applikazzjonijiet u, fejn ikun il-każ, mhux anqas minn xahrejn qabel id-data ta' l-eżamijiet.

3. Il-kompetizzjonijiet kollha jkunu rreklamati ġewwa l-istituzzjonijiet tat-tlett Komunitajiet Ewropej, jitħarsu l-istess limiti ta' żmien.

Artikolu 2

Il-kandidati għandhom jimlew formola preskritta mill-awtorità tal-ħatra.

Jistgħu jkunu meħtieġa jipprovdu dokumenti jew informazzjoni addizzjonali.

Artikolu 3 (69)

Il-Bord ta' l-Għażla jkun magħmul minn president, persuna waħda jew aktar maħtura mill-awtorità tal-ħatra u uffiċjal maħtur mill-Kumitat tal-Persunal.

Għall-kompetizzjonijiet miftuħa komuni għal żewġ istituzzjonijiet jew aktar, il-Bord ta' l-Għażla jkun magħmul minn president maħtur mill-awtorità tal-ħatra imsemmija fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 2 tar-Regolamenti tal-Persunal u mill-membri maħtura mill-awtorità tal-ħatra imsemmija fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 2 tar-Regolamenti tal-Persunal fuq proposta mill-istituzzjonijiet, kif ukoll mill-membri maħtura bi ftehim bejn il-Kumitati tal-Persunal ta' l-istituzzjonijiet, b'tali mod li jiżguraw rappreżentanza ndaqs.

Għal ċerti eżamijiet, il-Bord ta' l-Għażla jista' jkun assistit minn eżaminatur wieħed jew aktar li jservi f'kapaċità ta' konsulenza.

Il-membri tal-Bord ta' l-Għażla għandhom jintgħażlu mill-uffiċjali li l-grad tagħhom huw mill-anqas daqs dak tal-posizzjoni li għandha timtela.

Artikolu 4

L-awtorità tal-ħatra għandha tħejji lista tal-kanndidati li jaqgħu taħt il-kondizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 28(a), (b) u (ċ) tar-Regolament tal-Persunal u għandha tibgħatha, flimkien mal-fajls tal-kandidati, lill-president tal-Bord ta' l-Għażla.

Artikolu 5

Wara li teżamina dawn il-fajls, il-Bord ta' l-Għażla għandha tħejji lista ta' kandidati, li jħarsu l-ħtiġiet ippreżentati fl-avviż tal-kompetizzjoni.

Meta l-kompetizzjonijiet huma fuq il-bażi ta' l-eżamijiet, il-kandidati kollha fuq il-lista jkunu ammessi għall-eżamijiet.

Meta l-kompetizzjoni hija bbażata fuq il-kwalifiki, wara li jistabbilixxi kif il-kwalifiki tal-kandidati għandu jkunu valutati, il-Bord ta' l-Għażla għandu jikkunidra l-kwalifiki tal-kandidati li jidhru fuq il-lista pprovduta fl-ewwel paragrafu.

Meta l-kompetizzjonijiet huma bbażati kemm fuq l-eżamijiet kif ukoll fuq il-kwalifiki, il-Bord ta' l-Għażla għandu jgħid min mill-kandidati fuq il-lista se jkunu ammessi għall-eżamijiet.

Meta jkunu lesti l-proċeduri tagħha, il-Bord ta' l-Għażla għndha tħejji lista ta' kandidati xierqa pprovduti fl-Artikolu 30 tar-Regolamenti tal-Persunal; kulmeta possibbli l-lista għandu jkun fiha mill-anqas ismijiet id-doppju tan-numru tal-posizzjonijiet li għandhom jimtlew.

Il-Bord ta' l-Għażla għandha tgħaddi din il-lista lill-awtorità tal-ħatra, flimkien ma' rapport bir-raġunijiet mill-Bord ta' l-Għażla, inklużi xi kummenti li l-membri tagħha jitgħu jixtieq jagħmlu.

Artikolu 6

Il-proċeduri tal-Bord ta' l-Għażla għandhom ikunu sigrieti.

Anness IV: Allowances taħt l-Artikoli 41 u 50 tar-Regolamenti tal-Persunal

Artikolu Waħdieni (8) (24)

1. Uffiċjal li fuqu jkun applikat l-Artikolu 41 jew 50 tar-Regolamenti tal-Persunal ikun intitolat:

(a) għal tliet xhur, għal *allowance* fix-xahar daqs is-salarju bażiku tiegħu;

(b) għal perjodu li jvarja skond iż-żmien u t-tul tas-servizz skond it-tabella li tidher fil-paragrafu 3, għal *allowance* fix-xahar daqs:

— 85 % tas-salarju bażiku tiegħu mir-raba' sas-sitt xahar;

— 70 % ta-salarju bażiku tiegħu għall-ħames snin li jmiss;

— 60 % tas-salarju bażiku tiegħu minn hemm 'l quddiem.

L-*allowance* għandha tieqaf mill-ġurnata meta l-uffiċjal jagħlaq is-60 sena.

Madankollu, 'il fuq minn dak iż-żmien u sa l-età ta' 65 sena, l-uffiċjal għandu jkompli jirċievi l-*allowance* sakemm jilħaq il-pensjoni massima ta' l-irtirar.

Is-salarju bażiku għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu jkunu dawk li jidhru fit-tabella fl-Artikolu 66 tar-Regolamenti tal-Persunal li huwa fis-seħħ fix-xahar li fih l-*allowance* għandu jitħallas.

1a. Matul il-perjodu ta' l-intitolament għall-*allowance*, u għall-ewwel sitt xhur ta' wara, l-uffiċjal għandu jkun intitolat, għalih u għall-persuni koperti mill-assigurazzjoni tiegħu, għall-benefiċċji taħt l-iskema ta' l-assigurazzjoni kontra l-mard, ipprovduta fl-Artikolu 72 tar-Regolmenti tal-Persunal, bil-kondizzjoni li l-uffiċjal iħallas il-kontribuzzjoni xierqa maħduma b'riferenza, skond il-każ xi jkun, jew għas-salarju bażiku tiegħu jew għal persentaġġ minnha specifikat fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u ma jistax ikun kopert minn xi skema pubblika oħra kontra l-istess riskji.

Fl-aħħar tal-perjodu imsemmi fl-ewwel subparagrafu u bil-kondizzjonijiet imniżżla fih, l-uffiċjal ikkonċernat jista', fuq it-talba tiegħu, ikompli jirċievi l-benefiċċji taħt l-imsemmija skema ta' l-assigurazzjoni kontra l-mard bil-kondizzjoni li jħallas sħiħa l-kontribuzzjoni imsemmija fl-Artikolu 72(1) tar-Regolmenti tal-Persunal.

Meta l-intitolament ta' l-uffiċjal għall-*allowance* jieqaf, il-kontribuzzjoni għandha tinħadem b'riferenza għall-*allowance* fix-xahar li rċieva l-aħħar.

Meta uffiċjal jibda jieħu pensjoni taħt l-iskema tal-pensjoni pprovduta fir-Regolamenti tal-Persunal, għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 72 tar-Regolamenti tal-Persunal, huwa għandu jkun ittrattat bl-istess mod bħal uffiċjal li baqa' fis-servizz sa l-età ta' 60 sena.

2. Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Anness għandhom ikunu riveduti wara li r-Regolamenti tal-Perunal jidħlu fis-seħħ.

3. Il-perjodu li għalih l-uffiċjal għadu jirċievu l-*allowance* pprovdut fl-Artikolu 41 jew 50 tar-Regolamenti tal-Persunal ikun stabbilit billi t-tul tas-servizz tiegħu jkun immoltiplikat bil-persentaġġ xieraq għall-età tiegħu kif jidher fit-tabella li ġejja; dan il-perjodu, meta meħtieġ, għandu jkun imdawwar għax-xahar li jmiss taħtu.

Età	%	Età	%	Età	%	Età	%
20	18	30	33	40	48	50	63
21	19,5	31	34,5	41	49,5	51	64,5
22	21	32	36	42	51	52	66
23	22,5	33	37,5	43	52,5	53	67,5
24	24	34	39	44	54	54	69
25	25,5	35	40,5	45	55,5	55	70,5
26	27	36	42	46	57	56	72
27	28,5	37	43,5	47	58,5	57	73,5
28	30	38	45	48	60	58	75
29	31,5	39	46,5	49	61,5	59–64	76,5

Anness IVa (8): Xogħol ta' nofs il-ħin

Artikolu 1

L-awtorizzazzjoni imsemmija fl-Artikolu 55a għandha tingħata ma' l-applikazzjoni mill-uffiċjal għal massimu ta' sena.

Madankollu, l-awtorizzazzjoni tista' tiġġedded bl-istess kondizzjonijiet. L-applikazzjonijiet għat-tiġdid għandhom isiru mill-uffiċjal ikkonċernat mill-anqas xahar qabel jiskadi l-perjodu li għalih ingħatat l-awtorizzazzjoni.

Artikolu 2

Jekk ir-raġunijiet li għalihom ngħatat l-awtorizzazzjoni imsemmija fl-Artikolu 55a m'għadhomx japplikaw, l-awtorità tal-ħatra tista' tirtira l-awtorizzazzjoni qabel jiskadi l-perjodu li għalih ingħatat, wara li tagħti xahar avviż.

L-awtorità tal-ħatra tista' l-istess, ma' l-applikazzjoni mill-uffiċjal ikkonċernat, tirtira l-awtorizzazzjoni qabel jiskadi l-perjodu li ngħatat għalih.

Artikolu 3

Matul il-perjodu li fih li huwa awtorizzat jaħdem nofs il-ħin, l-uffiċjal għandu jkun intitolat għal 50 % tar-remunerazzjoni tiegħu. Madankollu, huwa għandu jkompli jirċievi l-*allowance* sħiħa tat-tfal dipendenti u l-*allowance* sħiħa ta' l-edukazzjoni.

Matul dak il-perjodu ma jistax jaħdem f'xi attività oħra mħallsa.

Il-kontribuzzjonijiet għall-iskema ta' l-assigurazzjoni kontra l-mard u l-iskema tal-pensjoni għandhom jinħadmu b'riferenza għas-salarju bażiku totali.

Anness V: leave

Taqsima 1: *leave* fis-sena

Artikolu 1

Fis-sena li fiha l-uffiċjal jidħol jew jitlaq mis-servizz, għandu jkun intitolat għal *leave* daqs jumejn xogħol għal kull xahar sħiħ ta' servizz, għal jumejn xogħol għal xahar mhux komplut li jikkonsisti f'aktar minn 15-il ġurnata u għal ġurnata xogħol għal xahar mhux komplut ta' 15-il ġurnata jew anqas.

Artikolu 2

Leave fis-sena jistgħu jittieħdu f'daqqa jew fuq ħafna perjodi kif mixtieq mill-uffiċjal u skond il-ħtiġiet tas-servizz. Madankollu, għandhom jinkludu mill-anqas perjodu wieħed ta' ġimgħatejn konsekuttivi. Uffiċjal li jibda s-servizz għandu jingħata *leave* tas-sajf biss wara li jagħmel daqs tliet xhur xogħol; *leave* jistgħu jkunu approvati qabel dan f'każijiet ta' eċċezzjoni għal raġunijiet sostanzjati tajjeb.

Artikolu 3

Jekk, matul il-*leave*, uffiċjal ilaqqat marda li kieku ma kenitx tħallih jattedi għax-xogħol kieku ma kienx bil-*leave*, il-*leave* fis-sena tiegħu jittawwlu bil-perjodu ta' l-inkapaċità tiegħu, suġġetta għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat mediku.

Artikolu 4

Meta uffiċjal, għal raġunijiet barra l-ħtiġiet tas-servizz, m'użax il-*leave* kollha tas-sena tiegħu qabel l-aħħar tas-sena kalendarja kurrenti, l-ammont ta' *leave* li jista' jinġarr għas-sena ta' wara m'għandux jaqbeż it-12-il ġurnata.

Meta uffiċjal fil-mument li jitlaq mis-servizz m'użax il-*leave* tas-sena kollha tiegħu, għandu jitħallas kumpens daqs wieħed minn tletin tar-remunerazzjoni fix-xahar tiegħu fil-mument li jitlaq mis-servizz għal kull ġurnata ta' *leave* dovuta lilu.

Somma maħduma fil-mod ipprovdut fil-paragrafu ta' qabel għandha titnaqqas mill-pagament dovut lil uffiċjal li fil-mument meta jitlaq mis-servizz ħa *leave* tas-sena aktar mill-intitolament tiegħu sa dik id-data.

Artikolu 5

Meta uffiċjal jissejjaħ lura għax-xogħol għal raġunijiet tas-servizz meta jkun fuq *leave* tas-sena jew kellu l-*leave* tiegħu kkanċellati, kull spiża li jonfoq għandha tkun timborżata, suġġetta għall-preżentazzjoni ta' l-evidenza xierqa, u ż-żmien ta' l-ivvjaġġar għandu jingħata mill-ġdid.

Taqsima 2: leave speċjali

Artikoli u 6 (24)

Barra dawn il-vaganzi fis-sena, uffiċjal jista', b'applikazzjoni, jingħata *leave* speċjali. B'mod partikolari, fil-każijiet li ġejjin, *leave* speċjali jistgħu jingħataw kif muri:

— żwieġ ta' l-uffiċjal: erbat' ijiem;

— bidla fir-residenza ta' l-uffiċjal: sa jumejn;

— mard serju tal-konsorti: sa tliet ijiem;

— mewt tal-konsorti: erbat' ijiem;

— mard serju ta' qraba ta' qablu: sa jumejn;

— mewt ta' qraba ta' qablu: jumejn;

— twelid jew żwieġ ta' tifel/tifla: jumejn;

— mard serju tat-tifel/tifla: sa jumejn;

— mewt tat-tifel/tifla: erba' ġranet.

L-istituzzjoni tist' wkoll tagħti *leave* speċjali fil-każ ta' aktar taħriġ u struzzjoni, fil-limiti mniżżla fil-programm għal aktar taħriġ u struzzjoni mħejji mill-istituzzjoni skond it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Taqsima 3: Ħin ta' l-ivvjaġġar

Artikoli u 7 (24)

Mal-perjodu tal-*leave* pprovdut fit-Taqsima 1 t'hawn fuq għandu jkun miżjud il-ħin ibbażat fuq id-distanza bil-linja tal-ferrovija bejn il-post tal-*leave* u l-post ta' l-impieg, maħdum kif ġej:

— 50 sa 250km: ġurnata għall-vjaġġ tat-tluq u lura,

— 251 sa 600km: jumejn għall-vjaġġ tat-tluq u lura,

— 601 sa 900km: tliet ijiem għall-vjaġġ tat-tluq u lura,

— 901 sa 1 400 km: erbat ijiem għall-vjaġġ tat-tluq u lura,

— 1 401 sa 2 000 km: ħamet ijiem għall-vjaġġ tat-tluq u lura,

— aktar minn 2 000 km: sitt ijiem għall-vjaġġ tat-tluq u lura.

Meta uffiċjal jibbenefik mit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 8(2) ta' l-Anness VII, il-ħin ta' l-ivvjaġġr ibbażat fuq id-distanza bil-linja tal-ferrovija bejn il-post tal-*leave* u l-post ta' l-impieg, ikun kif ġej:

— sa 900 km: ġurnata għall-vjaġġ tat-tluq u lura,

— aktar minn 900 km: jumejn għall-vjaġġ tat-tluq u lura.

Eċċezzjonijiet speċjali jistgħu jingħataw ma' l-applikazzjoni mill-uffiċjal ikkonċernat mal-preżentazzjoni ta' l-evidenza li l-vjaġġ tat-tluq u lura ma jistax isir fiż-żmien permess.

Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu, il-post tal-*leave* dwar il-*leave* tas-sena jkun il-post ta' l-oriġini.

Id-disposizzjonijiet ta' qabel għandhom japplikaw għall-uffiċjali li l-post ta' l-impieg tagħhom u l-post ta' l-oriġini qegħdin fl-Ewropa. Jekk il-post ta' l-impieg u/jew l-oriġini qiegħed barra l-Ewropa, il-ħin ta' l-ivvjaġġar għandu jkun stabbilit b'deċiżjoni speċjali, li tikkunsidra l-ħtiġiet partikolari.

Meta *leave* speċjali jingħataw skond it-Taqsima 2, kull ħin ta' l-ivvjaġġar għandu jkun stabbilit b'deċiżjoni speċjali, li tikkunsidra l-ħtiġiet partikolari.

Anness VI: leave ta' kumpens u remunerazzjoni ta' sahra

Artikolu 1 (24)

Fil-limiti mniżżla fl-Artikolu 56 tar-Regolamenti tal-Persunal, sahra maħduma minn uffiċjal fil-Kategorija C jew D tintitolah għal *leave* ta' kumpens jew għal remunerazzjoni kif ġej:

(a) Għal kull siegħa ta' sahra, ikun intitolat għal siegħa u nofs mhux xogħol bħala *leave* ta' kumpens; jekk is-siegħa tas-sahra tinħadem bejn l-22.00 u s-7.00 jew nhar ta' Ħadd jew f' vakanza pubblika, l-intitolament għall-*leave* ta' kumpens ikun ta' sagħtejn; fl-għoti tal-*leave* ta' kumpens, il-ħtiġiet tas-servizz u l-preferenza ta' l-uffiċjal ikkonċernat ikunu kkunsidrati.

(b) Meta l-ħtiġiet tas-servizz ma jippermettux li jittieħdu *leave* ta' kumpen matul ix-xahar ta' wara dak li fih inħadmet is-sahra, l-awtorità tal-ħatra għandha tawtorizza remunerazzjoni għal siegħat mhux kumpensati ta' sahra bir-rata ta' 0.56 % tas-salarju bażiku fix-xahar għal kull siegħa ta' sahra fuq il-bażi ppreżentat fis-subparagrafu (a).

(ċ) Biex jikkwalifika għal *leave* ta' kumpens jew remunerazzjoni għal siegħa sahra, il-ħin li nħadem żejjed irid ikun aktar minn 30 minuta.

Artikolu 2

Jekk uffiċjal qed jivvjaġġa fuq missjoni, il-ħin li jieħu biex jilħaq il-post ta' l-inkarigu ma jitqisx bħala sahra għall-iskopijiet ta' dan l-Anness. Dwar il-ħiniet li nħadmu fil-post ta' l-inkarigu iżjed min-numru normali tas-siegħat tax-xogħol, *leave* ta' kumpen jew remunerazzjoni, skond xi jkun il-każ, jistgħu jitħallew b'deċiżjoni ta' l-awtorità tal-ħatra.

Artikolu 3

Minkejja d-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Anness, ir-remunerazzjoni għal sahra li tinħadem minn ċerti gruppi ta' l-uffiċjali fil-kategoriji C u D taħt kondizzjonijiet speċjali jistgħu jitħallsu f'forma ta' *allowance* fissa, li l-ammont u l-kondizzjonijiet tiegħu jkunu stabbiliti mill-awtorità tal-ħatra wara li jkun ikkonsultat il-Kumitat Konġunt.

Anness VII: Ir-remunerazzjoni u r-Rimborsar ta' spejjeż

Taqsima 1: *L-allowance* tal-familja

Artikolu 1

(1) (2) (4) (5) (8) (9) (10) (11) (12) (13) (19) (23) (24) (27) (31) (32) (35) (36) (38) (40) (41) (42) (43) (45) (47) (48) (49) (53) (54) (56) (57) (58) (59) (60) (65) (66) (68) (70) (71) (72) (74) (76) (78) (80) (81) (84) (87) (89) (90) (92)

1. L-*allowance* tal-familja għandu jkun stabbilit għal 5 % tas-salarju bażiku ta' uffiċjal jew 184,33 EUR, liema jkun l-ogħla.

2. L-*allowance* tal-familja għandu jingħata lil:

(a) uffiċjal miżżewweġ;

(b) uffiċjal li huwa armel, iddivorzjat, separat legalment, jew mhux miżżewweġ u għandu tifel dipendenti wieħed jew aktar fis-sens ta' l-Artikolu 2(2) jew (3) t'hawn taħt;

(ċ) b'deċiżjoni raġunata speċjali ta' l-awtorità tal-ħatra bbażata fuq dokumenti ta' appoġġ, uffiċjal li, għalkemm ma jaqax taħt il-kondizzjonijiet imniżżla f'(a) u (b), xorta waħda attwalment jassumi responsabbiltajiet tal-familja.

3. Jekk il-konsorti ta' l-uffiċjal taħdem bi qligħ, bi dħul fis-sena qabel it-tnaqqis ta' taxxa, ta' aktar mis-salarju bażiku fis-sena ta' uffiċjal fit-tielet skala tal-grad C 3, pożat bir-rata tal-pajjiż fejn il- konsorti twettaq l-okkupazzjoni tagħha, l-uffiċjal intitolat għall-*allowance* tal-familja ma jirċevix din l-*allowance* ħlief b'deċiżjoni speċjali ta' l-awtorità tal-ħatra. Madankollu, l-uffiċjal għandu jkun intitolat għal *allowance* fejn il-koppja miżżewġa għandhom tifel dipendenti wieħed jew aktar.

4. Fil-każijiet fejn, taħt id-diposizzjonijiet ta' qabel, ir-raġel u l-konsorti li huma impjegati fis-servizz tal-Komunitajiet, huma t-tnejn intitolati għall-*allowance* tal-familja, dan għandu jitħallas biss lill-persuna bl-ogħla salarju bażiku.

5. Jekk l-uffiċjal huwa intitolat għall-*allowance* tal-familja biss bis-saħħa tal-paragrafu 2(b) u persuna oħra minbarra l-uffiċjal ingħatat bil-liġi jew b'ordni mill-qorti jew mill-awtorità amministrattiva kompetenti, kustodja tat-tfal dipendenti kollha tiegħu fis-sens ta' l-Artikoli 2(2) u (3) t'hawn taħt, l-*allowance* tal-familja għandu jitħallas lil dik il-persuna l-oħra f'isem u għan-nom ta' l-uffiċjal. Din il-kondizzjonijiet titqies li tħarset fil-każ tat-tfal dipendenti li saru maġġorenni jekk it-tali tfal għandhom ir-residenza normali tagħhom mal-ġenitur l-ieħor.

Madankollu, jekk it-tfal ta' l-uffiċjali qed jieħdu ħsiebhom bosta persuni differenti, l-*allowance* tal-familja għandu jinqasam bejniethom skond in-numru ta' tfal li qed jieħdu ħsieb.

Jekk il-persuna eliġibbli bis-saħħa ta' dan t'hawn fuq li tirċievi l-*allowance* tal-familja mħallas f'isem l-uffiċjal hija wkoll eliġibbli li tirċievi din l-*allowance* minħabba l-istat tiegħu jew tagħha bħala uffiċjal jew membri ieħor tal-persunal, dik il-persuna għandha tirċievi biss l-ogħla taż-żewġ *allowances*.

Artikolu 2

(1) (2) (4) (5) (9) (11) (12) (13) (19) (23) (27) (31) (32) (35) (36) (38) (40) (41) (42) (43) (45) (47) (48) (49) (53) (54) (56) (57) (58) (59) (60) (65) (66) (68) (70) (71) (72) (74) (76) (78) (80) (81) (84) (87) (89) (90) (92)

1. Skond il-paragrafi 2 u 3 t'hawn taħt, uffiċjal li għandu tifel dipendenti wieħed jew aktar għandu jirċievi *allowance* ta' 237,38 EUR fix-xahar għal kull tifel dipendenti.

2. "Tifel dipendenti" ifisser it-tifel leġittimu, naturali jew adottat ta' uffiċjal, jew tal-konsorti tiegħu li attwalment mantnut mill-uffiċjal.

L-istess għandu japplika għal tifel li għalih saret applikazzjoni għall-adozzjoni u nbdiet il-proċedura ta' l-adozzjoni.

3. Il-benefiċċju għandu jkun jingħata:

(a) awtomatikament lit-tfal taħt it-18-il sena;

(b) bl-evidenza ta' appoġġ, ma' l-applikazzjoni mill-uffiċjal għat-tfal bejn it-18 u s-26 sena li jirċievu taħriġ edukazzjonali jew vokazzjonali.

4. Kull persuna li l-uffiċjal għandu reponsabbiltà legali li jżomm u li l-manteniment tagħha jinvolvi spejjeż kbar tista', bħala eċċezzjoni, titqies li hija tifel indipendenti b'deċiżjoni raġunati speċjali ta' l-awtorità tal-ħatra, ibbażata fuq dokumenti ta' appoġġ.

5. Il-pagament tal-*allowance* dwar tifel li ma jitħallix minħabba mard serju jew invalidità milli jaqla' biex jgħix, għandu jkompli matul il-perjodu ta' dak il-mard jew invliditá, tjkun xi tkun l-età.

6. Mhux aktar minn *allowance* waħda għat-tfal dipendenti ma jitħallas għal kull tifel dipendenti fis-sens ta' dan l-Artikolu, anki meta l-ġenituri qegħdin fis-servizz ta' żewġ istituzzjonijiet differenti tat-tliet Komunitajiet Ewropej.

7. Jekk il-kustodja tat-tifel dipendenti fis-sens tal-paragrafi 2 u 3 kienet fdata mill-liġi jew minn ordni tal-qorti jew ta' l-awtorità amministrattiva kompetenti lil persuna oħra, l-*allowance* tat-tifel dipendenti jitħallas lil dik il-persuna f'isem u għan-nom ta' l-uffiċjal.

Artikolu 3

(1) (2) (4) (5) (8) (9) (11) (12) (13) (14) (19) (23) (24) (27) (31) (32) (35) (36) (38) (40) (41) (42) (43) (45) (47) (48) (49) (53) (54) (56) (57) (58) (59) (60) (65) (66) (68) (70) (71) (72) (74) (76) (78) (80) (81) (84) (87) (89) (90) (92)

Uffiċjal għandu jirċievi *allowance* ta' l-edukazzjoni daqs l-ispejjeż attwali ta' l-edukazzjoni li tħallsu minnu sa massimu ta' 212,14 EUR fix-xahar għal kull tifel dipendenti fis-sens ta' l-Artikolu 2(2) t'hawn fuq, li qiegħed f'attendenza regolari l-ħin kollu f'istabbiliment edukazzjonali.

L-intitolament għal din l-*allowance* jibda fl-ewwel ġurnata tax-xahar li fiha t-tifel jibda jattendi stabbiliment edukazzjonali primarja u jieqaf fl-aħħar tax-xahar li fih it-tifel jagħlaq is-26 sena.

Il-massimu preskritt fl-ewwel paragrafu għandu jkun irduppjat għal:

— uffiċjal li l-post ta' l-impieg huwa mill-anqas 50km minn, jew:

— skola Ewropea, jew

— stabbiliment edukazzjonali li jaħdem fil-lingwa tiegħu li t-tifel jattendi għal raġunijiet edukazzjonali importanti appoġġati sew b'evidenza;

— uffiċjal li l-post ta' l-impieg tiegħu huwa mill-anqas 50km minn stabbiliment ta' edukazzjoni ogħla fil-pajjiż li fih huwa ċittadin jew jaħdem fil-lingwa tiegħu, sakemm it-tifel attwalment jattendi stabbiliment ta' edukazzjoni ogħla ta' mill-anqas 50km mill-post ta' l-impieg u l-uffiċjal huwa intitolat għall-*allowance* ta' l-espatrijazzjoni; il-kondizzjoni ta' l-aġġar m'għandhiex tapplika jekk m'hemmx it-tali stabbiliment fil-pajjiż li l-uffiċjal huwa ċittadin tiegħu.

Jekk il-kustodja tat-tifel li fuqu jitħallas l-*allowance* ta' l-edukazzjoni kienet fdata mill-liġi jew minn ordni tal-qorti jew ta' l-awtorità amministrattiva kompetenti lil persuna oħra, l-*allowance* ta' l-edukazzjoni titħallas lil dik il-persuna f'isem u għan-nom ta' l-uffiċjal. Fit-tali każ, id-distanza ta' mill-anqas 50km imsemmija fil-paragrafu ta' qabel għandha tinħadem mill-post tar-residenza tal-persuna li għandha l-kustodja tat-tifel.

Taqsima 2: *Allowance* ta' l-espatrijazzjoni

Artikolu 4

(1) (2) (4) (5) (9) (10) (11) (12) (13) (19) (23) (24) (27) (31) (32) (35) (36) (37) (41) (42) (43) (45) (47) (48) (49) (53) (54) (56) (57) (58) (59) (60) (65) (66) (68) (70) (71) (72) (74) (76) (78) (80) (81) (84) (87) (89) (90) (92)

1. L-*allowance* ta' l-espatrijazzjoni għandu jitħallas, daqs 16 % ta' l-ammont totali tas-salarju bażiku, bl-addizzjoni tal-*allowance* tal-familja, u l-benefiċċju tat-tfal dipendenti mħallsa lill-uffiċjal:

(a) lill-uffiċjali:

— li m'humiex u qatt ma kienu ċittadini ta' l-Istat li fih territorju tiegħu qiegħed il-post fejn huma impjegati, u

— li matul il-ħames snin li jispiċċaw sitt xhur qabel daħlu fis-servizz ma kienux jgħixu jew iwettqu l-okkupazzjoni ewlenija tagħhom ġewwa t-territorju Ewropej ta' dak l-Istat. Għall-iskopijiet ta' din id-disposizzjoni, iċ-ċirkostanzi li jinħolqu minn xogħol li sar fi Stat ieħor jew għal organizzazzjoni internazzjonali ma jkunux ikkunsidrati;

(b) għall-uffiċjali li huma jew kienu ċittadini ta' l-Istat li fit-territorju jinsab il-post fejn huma impjegati iżda li matul l-għaxar snin li jispiċċaw fid-data ta' meta daħlu fis-servizz jgħixu barra t-territorju Ewropew ta' dak l-Istat għal raġunijiet minbarra l-qadi tad-dmirijiet fis-servizz ta' Stat jew ta' organizzazzjoni internazzjonali.

L-*allowance* ta' l-espatrijazzjoni m'għandux ikun anqas minn 424,07 EUR kull xahar.

2. Uffiċjal li m'huwiex u qatt ma kien ċittadin ta' l-Istat li huwa impjegat fit-territorju tiegħu u ma jħarisx il-kondizzjonijiet imniżżla fil-pragrafu 1 ikun intitolat għal benefiċċju ta' residenza barranija daqs kwart ta' l-*allowance* ta' l-espatrijazzjoni.

3. Għall-iskopijiet tal-paragrafi 1 u 2, uffiċjal li, biż-żwieġ, awtomatikament akkwista, mingħajr il-possibbiltà li jirrinunzja, iċ-ċittadinanza fl-Istat li fit-territorju tiegħu jinsab il-post ta' l-impieg tiegħu jew tagħha, ikun ittrattat bl-istess mod bħall-uffiċjal kopert mill-ewwel inċiż tal-paragrafu 1(a).

Taqsima 2a: *allowance* fissa

Artikoli u 4a (25)

Uffiċjal fil-Kategorija C impjegat bħala tajpista tli tikkopja, stenografu, operatur tat-telex, varitypist, segretarju eżekuttiv jew segretarju ewlieni jita' jitħallas allowance fissa. L-ammont ta' din l-*allowanc* jkun stabbilit mill-Kunsill skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 65(3) tar-Regolamenti tal-Persunal.

Taqsima 2b: *allowance* tat-tgħallim

Artikoli u 4b (24)

L-awtorità tal-ħatra tista' tagħti lill-uffiċjal imsemmi fl-Artikolu 70a tar-Regolamenti tal-Persunal *allowance* daqs 0.45 % tas-salarju bażiku tiegħu fix-xahar dwar kull siegħa ta' istruzzjoni li ngħatat barra s-siegħat normali tax-xogħol.

L-*allowance* għandha titħallas flimkien mar-remunerazzjoni għal wieħed mix-xhur ta' wara dak li matul ingħatat l-istruzzjoni.

Taqsima 3: Rimbors ta' l-ispejjeż

A. A*llowance* ta' l-istallazzjoni

Artikoli u 5 (8) (10)

1. *Allowance* ta' l-istallazzjoni daqs xahrejn salarju bażiku fil-każ ta' uffiċjal li huwa intitolat għall-*allowance* tal-familja, jew daqs salarju bażiku ta' xahar wieħed f'każijiet oħra, għandu jitħallas lil uffiċjal stabbilit li jikkwalifika għal *allowance* ta' l-espatrijazzjoni jew li jipprovdi evidenza li kien obbligat jibdel il-post tar-residenza tiegħu sabiex iħares l-Artikolu 20 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Fil-każijiet fejn ir-raġel u l-konsorti, li huma uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, huma t-tnejn intitolati għall-*allowance* ta' tgħammir, dan għandu jitħallas biss lill-persuna bl-ogħla salarju bażiku.

L-*allowance* ta' l-istallazzjoni għandu jkun peżat bir-rata stabbilita għall-post fejn l-uffiċjal huwa impjegat.

2. L-*allowance* ta' l-istallazzjoni ta' l-istess ammont għandu jitħallas lil kull uffiċjal li jkun ittrasferit għal post ġdid ta' impieg u huwa b'hekk obbligat li jbiddel il-post tar-residenza tiegħu sabiex iħares l-Artikolu 20 tar-Regolamenti tal-Persunal.

3. L-*allowance* ta' l-installazzjoni għandu jinħadem b'riferenza għall-istat maritali u s-salarju ta' l-uffiċjal jew fuq id-data effettiva ta' l-istabbiliment tiegħu jew fuq id-data tat-trasferiment tiegħu għall-post il-ġdid ta' l-impieg.

L-*allowance* ta' l-installazzjoni għandu jitħallas mal-preżentazzjoni tad-dokumenti li jistabbilixxu l-fatt li l-uffiċjal, flimkien mal-familja tiegħu huwa intitolat jekk huwa intitolat għal *allowance* tal-familja, stabbilixxa ruħu fil-post fejn huwa impjegat.

4. Uffiċjal li huwa intitolat għal *allowance* tal-familja u ma jistabbilixxix ruħu mal-familja tiegħu fil-post fejn huwa impjegat, għandu jirċievi biss nofs l-*allowance* li kieku kien ikun intitolat għalih; it-tieni nofs għandu jitħallas meta l-familja tiegħu tiġi toqgħod fil-post fejn hu impjegat, sakemm tagħmel dan matul il-perjodi mniżżla fl-Artikolu 9(3). Meta l-uffiċjal huwa ttrasferit għall-post fejn toqgħod il-familja tiegħu qabel il-familja tiegħu stabbilixxiet ruħha fil-post fejn huwa impjegat, huwa b'hekk m'għandux ikun intitolat għal *allowance* ta' l-istallazzjoni.

5. Uffiċjal stabbilit li rċieva *allowance* ta' l-istallazzjoni u li volontarjament telaq mis-servizz tal-Komunitajiet fi żmien sentejn mid-data li jibdih, għandu hekk kif jitlaq mis-servizz, jirrifondi parti mill-*allowance*, fil-proporzjon tal-porzjoni li ma skadietx f'dak il-perjodu ta' sentejn.

6. Uffiċjal li jirċievi *allowance* ta' l-istallazzjoni għandu jiddikjara kull *allowance* ta' l-istess natura li jirċievi minn sorsi oħra; it-tali *allowances* ta' l-aħħar għandhom jitnaqqsu mill-*allowance* pprovdut f'dan l-Artikolu.

B. allowance ta' rinstallazzjoni

Artikoli u 6 (8) (10)

1. Uffiċjal stabbilit li jħares il-ħtiġiet ta' l-Artikolu 5(1) għandu jkun intitolat meta jieqaf mis-servizz għal *allowance* ta' rinstallazzjoni daqs xahrejn salarju bażiku fil-każ ta' uffiċjal intitolat għal *allowance* tal-familja jew għal xahar salarju bażiku f'każijiet oħra, sakemm ta erba' snin servizz u ma jirċevix *allowance* simili fl-impieg il-ġdid tiegħu. Fil-każijiet ta' raġel u l-konsorti, li huma uffiċjali tal-Komunitajiet, huma t-tnejn intitolati għall-*allowance* ta' rinstallazzjoni, dan għandu jitħallas biss lill-persuna bl-ogħla salarju bażiku.

Għall-iskopijiet biex jinħadem dan is-servizz, għandhom ikunu kkunsidrati s-snin li għamel f'xi stat amministrattiv imniżżel fl-Artikolu 35 tar-Regolamenti tal-Persunal barra l-*leave* għal raġunijiet personali.

Dan il-perjodu minimu ma japplikax fil-każ ta' rtirar fl-interessi tas-servizz.

Il-*allowance* ta' rinstallazzjoni għandha tkun peżata bir-rata stabbilita għall-post fejn l-uffiċjal kien impjegat l-aħħar.

2. Fil-każ tal-mewt ta' uffiċjal stabbilit, l-*allowance* ta' rinstallazzjoni għandha titħallas lill-konsorti li għadu ħaj jew, fl-assenza tat-tali persuna, lid-dipendenti fis-ens ta' l-Artikolu 2 t'hawn fuq, anki jew il-ħtiġiet tas-servizz imniżżlin fil-paragrafu 1 mhux imħarsa.

3. L-*allowance* ta' rinstallazzjoni għandha tinħadem b'riferenza għall-istat maritali u s-salarju ta' l-uffiċjal fid-data meta jitlaq mis-servizz.

4. L-*allowance* ta' rinstallazzjoni titħallas fuq evidenza li l-uffiċjal u l-familja tiegħu, jew, meta l-uffiċjal miet, il-familja tiegħu biss, reċgħu stabbilixxew ruħhom f'post li qiegħed mhux anqas minn 70km mill-post fejn l-uffiċjal kien impjegat.

Stabbiliment mill-ġdid ta' uffiċjal jew tal-familja ta' uffiċjal li miet għandu jsir fi żmien tliet snin mid-data meta spiċċa mis-servizz.

Dan il-limitu ta' żmien m'għandux japplika kontra persuni intitolati taħtu li jistgħu jippruvaw li ma kienux jafu bid-disposizzjonijiet t'hawn fuq.

Ċ. Spejjeż ta' l-ivvjaġġar

Artikolu 7 (24)

1. Uffiċjal ikun intitolat għar-Rimborsar ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar għalih, għall-konsorti tiegħu u għad-dipendenti tiegħu li attwalment jgħixu f'daru:

(a) malli jieħu l-ħatra tiegħu, mill-post fejn kien reklutat għall-post fejn huwa impjegat;

(b) mat-tmiem mis-servizz fis-sens ta' l-Artikolu 47 tar-Regolamenti tal-Persunal, mill-post fejn hu impjegat għall-post ta' l-oriġini kif definit fil-paragrafu 3 hawn taħt;

(ċ) ma' kull trasferiment li jinvolvi bidla fil-post fejn huwa impjegat.

Fil-każ tal-mewt ta' uffiċjal, l-armla u d-dipendenti għandhom ikunu intitolati għar-Rimborsar ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar taħt l-istess kondizzjonijiet.

L-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar għandhom jinkludu l-ispiża għall-postijiet miżmuma, trasport ta' bagalji u, fejn ikun il-każ, l-ispejjeż tal-lukandi li jkun hemm bżonn jintefqu.

2. Il-bażi tal-kalkolu tar-Rimborsar ikun:

— l-iqsar u l-aktar rotta normali ekonomika bil-linji tal-ferrovija bejn il-post ta' l-impieg u l-post tar-reklutaġġ jew oriġini;

— biljett ta' l-ogħla klassi għall-uffiċjali fil-Kategoriji A u B u fis-Servizz tal-Lingwi; it-tieni klassi għal uffiċjali oħra. Madankollu, jekk il-vjaġġ tat-tluq u lura jkopri distanza ta' 800km jew aktar, l-uffiċjali fil-kategoriji C u D għandhom ikunu Rimborsati għall-biljett ta' l-ewwel klassi;

— fejn il-vjaġġ jinkludi mhux anqas minn sitt siegħat ta' vjaġġ matul il-lejl bejn l-22.00 u s-7.00 alloġġ għall-irqad sa l-ispiża tal-klassi jew kuċċetta tat-turisti, mal-preżentazzjoni tal-biljett relevanti.

Meta r-rotta imsemmija fl-ewwel inċiż ta' l-ewwel subparagrafu taqbeż il-500km, u fil-każijiet fejn r-rotta tas-soltu tinkludi li jinqasam il-baħar, l-uffiċjal ikkonċernat għandu jkun intitolat, mal-preżentazzjoni tal-biljetti, għar-Rimborsar ta' l-ispiża tal-vjaġġ bl-ajru fil-klassi eżatti taħt il-klassi kummerċjali, jew l-ogħla klassi.

Fejn jintuża mezz tat-trasport barra dawk imsemmija hawn fuq, il-kalkolu tar-Rimborsar għandu jkun ibbażat fuq l-ispiża bil-ferrovija fil-klaassi x-xierqa, eskluż l-akkomodazzjoni ta' l-alloġġ. Meta l-kalkolu fuq din il-bażi mhux possibbli, il-kondizzjonijiet tar-Rimborsar għandhom ikunu stabbiliti b'deċiżjoni speċjali ta' l-awtorità tal-ħatra.

3. Il-post ta' l-oriġini ta' l-uffiċjal għandu jkun stabbilit meta jieħu l-ħatra tiegħu, wara li jkunu kkunsidrati fejn kien reklutat jew iċ-ċentru ta' l-interessi tiegħu. Il-post ta' l-oriġini li jkun stabbilit hekk jista' b'deċiżjoni speċjali ta' l-awtorità tal-ħatra jitbiddel sakemm l-uffiċjal qiegħed fis-servizz jew meta jitlaq mis-servizz. Madankollu, waqt li huwa qiegħed fis-servizz, it-tali deċiżjoni għandha tittieħed biss bħala eċċezzjoni, u mal-preżentazzjoni mill-uffiċjal ta' l-evidenza xierqa ta' appoġġ.

Madankollu, l-effett tat-tali bidla m'għandux ikun tant li jirrikonoxxi bħala ċ-ċentru ta' l-interessi ta' l-uffiċjal, post barra t-territorji ta' l-Istati Membri tal-Komunitajiet jew tal-pajjiżi u t-territorji mniżżla fl-Anness IV tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea.

Artikolu 8 (8) (10) (24) (40)

1. L-uffiċjal għandu jkun intitolat li jitħallas f'kull sena kalendarja s-somma ekwivalenti għall-ispiża tal-vjaġġ mill-post fejn huwa impjegat għall-post ta' l-oriġini, kif definit fl-Artikolu 7 għalihom stess u, jekk huwa intitolat għall-*allowance* tal-familja, għall-konsorti u d-dipendenti tiegħu, fis-sens ta' l-Artikolu 2:

— darba f'kull sena kalendarja jekk id-distanza bil-ferrovija bejn il-post ta' l-impieg u l-post ta' l-oriġini hija aktar minn 50km iżda anqas minn 725km;

— darbtejn f'kull sena kalendarja jekk id-distanza bil-ferrovija bejn il-post ta' l-impieg u l-post ta' l-oriġini huwa aktar minn 725km;

it-tali distanzi għandhom jinħadmu skond il-metodi mniżżla fl-Artikolu 7(2).

Meta r-raġel u l-mara t-tnejn huma uffiċjali tal-Komunitajiet, kull wieħed għandu d-dritt għalih u għaliha, u għad-dipendenti, għal pagament b'rata fissa ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar, skond id-disposizzjonijiet t'hawn fuq; kull dipendent għandu jkun intitolat għal pagament wieħed biss. Il-pagament dwar it-tfal dipendenti huwa stabbilit fuq it-talba tar-raġel jew il-mara, fuq il-bażi tal-post ta' oriġini ta' wieħed minnhom.

Meta uffiċjal jiżżewweġ, u għal dik ir-raġuni jkun rikonoxxut li huwa intitolat għal *allowance* tal-familja, l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar pagabbli mill-konsorti għandhom jinħadmu fil-proporzjon tal-perjodu mid-data taż-żwieġ sa l-aħħar tas-sena.

Kull bidla fil-bażi tal-kalkolu li tista' tinħoloq minn bidliet fl-istat tal-familja wara d-data tal-pagament tas-somom in kwistjoni, ma tagħmilx l-uffiċjal ikkonċernat suġġett li jagħmel pagament.

L-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar tat-tfal li għandhom minn erbgħa sa għaxar snin għandhom jinħadmu fuq il-bażi ta' nofs il-prezz tal-biljett, it-tfal jitqiesu għall-iskopijiet tal-kalkoli, li lestew ir-raba' jew l-għaxar sena tagħhom fl-1 ta' Jannar tas-sena kurrenti.

2. Il-pagament bir-rata fissa huwa bbażat fuq l-ispiża tal-biljett bir-ritorn ta' l-ogħla klassi bil-ferrovija fil-każ ta' l-uffiċjali fil-Kategoriji A u B u fis-Servizz tal-Lingwi u l-biljett bir-ritorn tat-tieni klassi fil-każ ta' uffiċjali oħra. Madankollu, jekk id-distanza tal-vjaġġ tat-tluq u lura hija 800km jew aktar, il-pagament lill-uffiċjali fil-kategoriji C u D għandu jkun ibbażat fuq l-ispiża tal-biljett ta' l-ogħla klassi. Meta l-kalkolu fuq dawn il-bażijiet mhux possibbli, il-kondizzjonijiet tal-pagament għandhom ikunu stabbiliti b'deċiżjoni speċjali mill-awtorità tal-ħatra.

Meta d-distanza bil-ferrovija bejn il-post ta' l-impieg ta' l-uffiċjal u l-post ta' l-oriġini tiegħu taqbeż il-500km, u fil-każijiet fejn r-rotta tas-soltu tinkludi li jinqasam il-baħar, huwa jkun intitolat, mal-preżentazzjoni tal-biljetti, għar-Rimborsar ta' l-ispiża tal-vjaġġ bl-ajru fi klassi kummerċjali jew l-ogħla klassi.

3. Uffiċjal li s-servizz tiegħu jintemm matul sena kalendarja għal kull raġuni minbarra l-mewt jew ikun fuq *leave* fuq raġunijiet personali matul parti mis-sena, jekk kien f'servizz attiv fis-servizz ta' istituzzjoni mit-tliet Komunitajiet Ewropej għal anqas minn disa' xhur ta' dik is-sena, għandu jkun intitolat biss għal parti mill-pagament ipprovdut fil-paragrafu 1, maħdum fil-proporzjon taż-żmien li għamel f'impieg attiv.

4. Id-disposizzjonijiet t'hawn fuq għandhom japplikaw għall-uffiċjali li l-post ta' l-impieg tagħhom u l-post ta' l-oriġini qegħdin fl-Ewropa. Uffiċjal li l-post ta' l-impieg tiegħu u/jew il-post ta' l-oriġini qegħdin barra l-Ewropa għandu jkun intitolat għalih innifsu u, jekk intitolat jirċievi *allowance* tal-familja, għall-konsorti tiegħu u dipendenti oħra fis-sens ta' l-Artikolu 2, f'kull sena kalendarja, suġġett għal li jibgħat id-dokumenti t'appoġġ, għall-pagament ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar għall-post ta' l-oriġini tiegħu, jew għall-pagament ta' spejjeż ta' l-ivvjaġġar għal post ieħor li ma jaqbżux l-ispiża ta' l-ivvjaġġar lejn il-post ta' l-oriġini tiegħu.

Madankollu, jekk il-konsorti u l-persuni imsemmija fl-Artikolu 2(2) ma jgħixux ma' l-uffiċjal fil-post ta' l-impieg tiegħu, ikunu intitolati darba f'kull sena kalendarja, suġġetti għal li jibagħtu d-dokumenti t'appoġġ, għall-pagament ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar mill-post ta' l-oriġini lejn il-post ta' l-impieg, jew għall-pagament ta' spejjeż ta' l-ivvjaġġar għal post ieħor li ma jaqbżux l-ispiża tal-vjaġġ ta' qabel.

D. Spejjeż tat-tneħħija

Artikolu 9

1. L-ispejjeż li ntefqu dwar it-tneħħija ta' l-għamara u l-effetti personali, inkluża l-ispiża ta' l-assigurazzjoni kontra r-riskji ordinarji (tkissir, serq, ħruq), għandhom ikunu Rimborsati lil uffiċjal li huwa obbligat jibdel il-post tar-residenza tiegħu biex iħares l-Artikolu 20 tar-Regolamenti tal-Persunal u li ma kienx Rimborsat dwar l-istess spejjeż minn sors ieħor. It-tali Rimborsar m'għandux jaqbeż l-ammont ta' stima approvata minn qabel. Mhux anqas minn żewġ stimi għandhom jintbagħtu lid-dipartimenti xierqa ta' l-istituzzjoni, li jekk jikkunsidraw li l-istimi huma eċċessivi, jistgħu jagħżlu ditta oħra tat-tneħħija. Fil-każ ta' l-aħħar, l-intitolament għar-Rimborsar jist' jkun limitat għall-ammont ta' l-istima ta' dik id-ditta.

2. Mat-tmiem tas-servizz jew mal-mewt ta' uffiċjal, l-ispejjeż li ntefqu dwar it-tneħħija mill-post fejn hu impjegat lejn il-post ta' l-oriġini tiegħu għandhom ikunu Rimborsati.

Meta l-uffiċjal li miet ma kienx miżżewweġ, l-ispejjeż għandhom ikunu Rimborsati lil dawk intitolati taħtu.

3. Fil-każ ta' uffiċjal stabbilit, it-tneħħija ssir fi żmien sena mit-tmiem tal-perjodu ta' prova tiegħu.

Mat-tmiem tas-servizz, it-tneħħija għandha ssir fi żmien tliet snin kif ipprovdut fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 6(4).

L-ispejjeż tat-tneħħija li jkun hemm wara li jiskadu l-limiti ta' żmien stabbiliti hawn fuq għandhom ikunu Rimborsati biss f'każijiet ta' eċċezzjoni b'deċiżjoni speċjali ta' l-awtorità tal-ħatra.

E. *Allowance* tas-sussistenza ta' kuljum

Artikolu 10

(8) (10) (12) (13) (19) (23) (27) (31) (32) (35) (36) (38) (41) (42) (43) (45) (47) (48) (49) (53) (54) (56) (57) (58) (59) (60) (65) (66) (68) (70) (71) (72) (74) (76) (78) (80) (81) (84) (87) (89) (90) (92)

1. Fejn uffiċjal jipprovdi evidenza li jrid jibdel il-post tar-residenza tiegħu sabiex ikun jista' jimxi ma' l-Artikolu 20 tar-Regolamenti tal-Persunal, huwa għandu jkun intitolat għal perjodu speċifikat fil-paragrafu 2 għal benefiċċju ta' l-għajxien kif ġej:

	Intitolat għal *allowance* tal-familja		Mhux intitolat għal *allowance* tal-familja	
	L-1 sal-15-il ġurnata	Mis-16-il ġurnata	l-1 sal-15-il ġurnata	Mis-16-il ġurnata
	EUR għal kull sena kalendarja			
A 1 – A 3 sa LA 3	71,91	33,88	49,37	28,37
A 4 – A 8 sa LA 4 – LA 8 u Kategorija B	69,78	31,60	47,36	24,71
Gradi oħra	63,31	29,48	40,75	20,38

Fejn ir-raġel u l-mara, li huma uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, huma t-tnejn intitolati għall-*allowance* tas-sussistenza ta' kuljum, ir-rati li jidhru fl-ewwel żewġ kolonni għandhom ikunu applikabbli biss għall-persuna li għandha l-ogħla salarju bażiku. Ir-rati murija fiż-żewġ kolonni l-oħra għandhom ikunu applikabbli lill-persuna l-oħra.

L-iskala t'hawn fuq għandha tkun riveduta kull darba li r-remunerazzjonijiet huma riveduti skond l-Artikolu 65 tar-Regolamenti tal-Persunal.

2. Il-perjodu li matulu jingħata l-*allowance* tas-sussistenza ta' kuljum ikun kif ġej:

(a) fil-każ ta' uffiċjal li mhux intitolat għall-*allowance* tal-familja: 120 ġurnata;

(b) fil-każ ta' uffiċjal li intitolat għall-*allowance* tal-familja: 180 ġurnata jew, jekk l-uffiċjal għadu taħt prova, il-perjodu tal-prova bl-addizzjoni ta' xahar wieħed.

Fil-każijiet fejn ir-raġel u l-mara, li huma uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, huma t-tnejn intitolati għall-*allowance* tas-sussistenza ta' kuljum, il-perjodu li matulu jingħata kif imniżżel f'(b) għandu japplika għall-persuna li għandha l-ogħla salarju bażiku. Il-perjodu mniżżel f'(a) għandu japplika għall-persuna l-oħra.

Fl-ebda każ il-*allowance* tas-sussistenza ta' kuljum ma jingħata wara d-data ta' l-uffiċjal ineħħi sabiex iħares il-ħtiġiet ta' l-Artikolu 20 tar-Regolamenti tal-Persunal.

3. Il-*allowance* tas-sussistenza ta' kuljum ipprovdut fil-paragrafu 1 għandu jitnaqqas bin-nofs matul kull perjodu meta l-uffiċjal jirċieva *allowance* tas-sussistenza ta' kuljum għall-uffiċjali fuq missjoni pprovduti fl-Artikolu 13.

F. Spejjeż tal-missjoni

Artikolu 11

1. Uffiċjal li li jivvjaġġa fuq missjoni u li jżomm ordni xierqa ta' l-ivvjaġġar għandu jkun intitolat għar-Rimborsar ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar u għall-*allowance* tas-sussistenza ta' kuljum skond id-disposizzjonijiet li ġejjin.

Uffiċjal li jirċievi benefiċċju differenzali taħt l-Artikolu 7(2) tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun intitolat għar-Rimborsar ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar u għall-benefiċċju ts-sussistenza ta' kuljum pagabbli lil uffiċjal li jaġixxi taħt il-grad tiegħu.

2. L-ordni tal-vjaġġ għandha tindika t-tul probabbli tal-missjoni, li fuq dik il-bażi jinħadem xi avvanz li l-uffiċjal jista' jiġbed kontra l-benefiċċju tas-sussistenza. Għajr fejn ittieħdet deċiżjoni speċjali, l-ebda avvanz m'għandu jitħallas fejn il-missjoni mhux mistennija tinvolvi assenza ta' aktar minn 24 siegħa u għandu jsir f'pajjiż li juża l-istess munita bħal dik użata fil-post fejn l-uffiċjal impjegat.

Artikoli u 12 (8) (14) (24) (78) (81)

1. Spejjeż ta' l-ivjaġġar għall-uffiċjali fuq missjoni għandhom ikopru n-nefqa tat-trasport bil-ferrovija fl-iqsar rotta, ta' l-ewwel klassi għall-uffiċjali tal-Kategoriji A u B u fis-servizz tal-lingwa u fit-tieni klassi għall-uffiċjali l-oħra.

Fejn il-vjaġġ lil-hinn ikun ta' 800 km jew aktar, l-uffiċjali tal-kategoriji C u D għandhom ikunu intitolati għar-rimbors tal-biljett fl-ewwel klassi fir-rigward ta' l-ispejjez imsemmija.

B' deċiżjoni ta' l-awtorita' tal-ħatra, uffiċjali fil-kategoriji C u D li jivjaġġaw fuq missjoni li tinvolvi vjaġġ bir-ritorn ta' anqas minn 800 km għandhom ikunu intitolati għal rimbors tal-biljett fl-ewwel klassi meta jakkumpanjaw membru ta' l-istituzzjoni jew uffiċjal li qed jivjaġġa fl-ewwel klassi.

Spejjeż ta' l-ivjaġġar jinkludu wkoll:

— in-nefqa tar-riservazzjoni tal-postijiet u t-transport tal-bagalji meħtieġa;

— żidiet għal ferroviji speċjali veloċi (rimborsati fuq il-preżentazzjoni ta' biljetti speċjali meta dawn jinħarġu);

— żidiet għal akkomodazzjoni għall-irqad (rimborsati fuq il-preżentazzjoni ta' biljetti ta' l-irqad) fejn il-vjaġġ jinkludi mhux anqas minn sitt siegħat ta' vjaġġar bil-lejl bejn l-22.00 u s-7.00;

  — fi *sleeper* wieħed jew, jekk mhux disponibbli, *sleeper* speċjali għal uffiċjali fil-Gradi A 1 sa A 3 u LA3;

  — fi *sleeper* doppju għal uffiċjali oħra;

  — meta l-ferrovija li ser tingħażel ma jkolliex akkomodazzjoni ta' l-irqad tal-kategorija speċifikata għal uffiċjali taħt il-Gradi A 3 u LA 3, ir-rimbors għandu, bil-kunsens ta' l-awtorita' xierqa, jikkorispondi mal-kategorija li tiġi fuq jew dik ta' *sleeper* wieħed jekk dik tkun l-unika kategorija ta' akkomodazzjoni ta' l-irqad disponibbli.

2. Uffiċal jista' jkun awtorizzat jivjaġġa bl-ajru. F'dak il-każ ir-rimbors iseħħ fuq il-preżentazzjoni ta' biljetti għall-klassi ta' taħt il-klassi ta' lussu jew l-ewwel klassi.

B' deċiżjoni ta' l-awtorita' tal-ħatra, uffiċjali li jakkumpanjaw membru ta' l-istituzzjoni fuq missjoni jistgħu fuq il-preżentazzjoni ta' biljetti, ikunu rimborsati bin-nefqa tal-vjaġġ fl-istess klassi bħal dik użata mill-membru f' dak il-vjaġġ.

Taħt il-kondizzjonjiiet imniżżla fir-regoli adottati bi ftehim bejn l-istituzzjonijeit tal-Komunitajiet wara li jikkonsultaw mal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal, uffiċjali li jivjaġġaw fuq missjoni f' kondizzjonijiet partikolarmanet fatiganti jistgħu, b' deċiżjoni ta' l-awtorita' tal-ħatra, jiġu rimborsati n-nefqa tal-vjaġġ fil-klassi użata fuq il-preżentazzjoni ta' biljetti.

B' deċiżjoni speċjali ta' l-awtorita' tal-ħatra, uffiċjal jista' jkun awtorizzat jieħu bagalji l-fuq mill-allokazzjoni b' xejn.

3. Għal vjaġġi bil-baħar, il-klassi ta' l-ivjaġġar għandha tkun determinata f' kull każ mill-awtorita' tal-ħatra.

Uffiċjali li jivjaġġa bil-baħar għandu jirċievi, minflok l-*allowance* għas-sussistenza ta' kuljum prevista f' l-Artikolu 13, *allowance* ta' EUR 5,58 għal kull perjodu ta' 24 siegħa ta' vjaġġ.

4. Uffiċjal jista jkun awtorizzat juża l-karozza tiegħu stess fuq missjoni, sakemm id-dewmien tal-missjoni ma jkunx hekk miżjud.

Ir-rimbors ta' l-ispejjeż ta' l-ivjaġġar f' dak il-każ ikun kalkolat fuq il-bażi standard preskritta fil-paragrafu 1.

Fil-każ ta' uffiċjal li jivjaġġa regolarment fuq missjoni f' ċirkostanzi speċjali, madanakollu, l-awtorita' tal-ħatra tista' tiddeċiedi li tagħti lil dak l-uffiċjal *allowance* għal kull kilometru kopert minflok rimbors ta' biljetti ferrovjarji, jekk l-użu tat-trasport pubbliku u r-rimbors ta' l-ispejjeż ta' l-ivjaġġar fuq il-bażi normali jinvolvu żvantaġġi definiti.

Uffiċjal awtorizzat juża l-karozza tiegħu stess għandu jibqa' kompletament responsabbli għal kull aċċident fil-karozza tiegħu jew lejn terzi persuni; għandu jkollu fil-pusess tiegħu polza ta' l-assigurazzjoni li tkopri lijabilità ċivili sa ammont meqjus biżżejjed mill-awtorità tal-ħatra.

Artikolu 13

(3) (6) (14) (17) (20) (22) (26) (29) (33) (39) (50) (55) (61) (78) (81) (82) (83) (85)

1. (a) Il-*allowance* tas-sussistenza ta' kuljum għall-uffiċjali fuq missjoni għandu jitħallas fuq l-iskala li ġejja:

(f'EUR)

	I	II	III
	Gradi A 1–A 3 u LA 3	**Gradi A 4–A 8, LA 4–LA 8 u Kategorija B-**	**Gradi oħra**
Il-Belġju	84,06	149,63	138,47
Id-Danimarka	91,70	179,28	165,82
Il-Ġermanja	74,14	127,10	117,63
Il-Greċja	66,04	113,19	104,74
Spanja	68,89	141,30	130,76
Franza	72,58	130,29	120,60
L-Irlanda	80,94	165,20	152,73
L-Italja	60,34	129,82	120,10
Il-Lussemburgu	82,00	143,48	132,65
L-Olanda	78,26	147,69	136,66
Il-Portugal	68,91	142,98	132,30
Ir-Renju Unit	86,89	199,21	184,31
L-Awstrija	74,47	121,81	121,81
Il-Finlandja	92,34	155,60	155,60
L-Isvezja	92,91	156,54	156,54

(b) Fil-każ tal-missjonijiet barra t-territorju Ewropew ta' l-Istati Membri, l-awtoritajiet tal-ħatra jistgħu jiddeċiedu li japplikaw rati oħra.

2. Barra r-rati mniżżla fil-kolonna I ta' l-iskala t'ħawn fuq, il-kont tal-lukanda li jkopri l-kamra, is-servizz u t-taxxi, iżda jeskludi l-kolazzjon, għandu jkun Rimborsat sa massimu ta':

— 117,08 EUR għall-Belġju,

— 148,07 EUR għad-Danimarka,

— 97,03 EUR għall-Ġermanja,

— 99,63 EUR għall-Greċja,

— 126,57 EUR għal Spanja,

— 97,27 EUR għal Franza,

— 139,32 EUR għall-Irlanda,

— 114,33 EUR għall-Italja,

— 106,92 EUR għal-Lussemburgu,

— 131,76 EUR għall-Olanda,

— 124,89 EUR għall-Portugal,

— 149,03 EUR għar-Renju Unit

— 128,58 EUR għall-Awstrija

— 140,98 EUR għall-Finlandja

— 141,77 EUR għall-Isvezja

Fejn ma jiġix preżentat kont tal-hotel, somma fissa ekwivalenti għal 40 % ta' l-ammonti speċifikati hawn fuq għandha tiġi mħallsa lill-uffiċjal, ħlief fejn dan ikun daħal f' nefqiet rimborsabbli ta' rqad jew fejn dan ma kellux għalfejn jgħaddi l-lejl il-bogħod mill-post ta' l-impjieg tiegħu.

3. Ir-rati ta' sussistenza stabbiliti fil-kolonni II u III għandhom jiġu mnaqqsa b' 25 % għal kull jum ta' nuqqas mill-missjoni, rikonoxxuti skond il-paragrafu 5, waqt liema l-uffiċali daħal f' nefqa ta' rqad rimborsabbli mill-Komunitajiet.

4. L-istess tnaqqis għandu jsir fejn l-uffiċjal ma kellux jgħaddi l-lejl il-bogħod mill-post ta' l-impjieg fejn ikun impjegat.

5. Suġġett għal paragrafu 3 u 4, l-*allowance* għas-sussistenza ta' kuljum għal uffiċali fuq missjoni għandha tiġi kalkulata skond ir-regoli segwenti:

(a) Missjoni ta' 24 siegħa jew anqas:

— 6 siegħat jew anqas: rimbors ta' spejjeż li saru sa kwart ta' l-*allowance* għas-sussistenza ta' kuljum;

— 12-il-siegħa jew anqas, iżda aktar minn sitt siegħat: nofs l-*allowance* għas-sussistenza ta' kuljum;

— 24 siegħa jew anqas, iżda aktar minn 12-il-siegħa: - *allowance* għas-sussistenza ta' kuljum għal jum sħiħ.

(b) Missjoni ta' aktar minn 24 siegħa:

— għal kull perjodu ta' 24 siegħa: *allowance* għas-sussistenza ta' kuljum għal jum sħiħ;

— għal kull perjodu ta' sitt siegħat jew anqas: l-ebda *allowance* għas-sussistenza ta' kuljum;

— għal kull perjodu ta' 12-il-siegħa jew anqas, iżda aktar minn sitt siegħat: nofs *allowance* għas-sussistenza ta' kuljum;

— għal kull perjodu ta' aktar minn 12-il-siegħa: *allowance* għas-sussistenza ta' kuljum għal jum sħiħ.

6. L-*allowance* għas-sussistenza ta' kuljum għal uffiċjali fuq missjoni għandha tiġi kkunsidrata li tkopri l-ispiża kollha li daħal fiha l-uffiċal, inkluż l-ivjaġġar lokali fuq il-post tal-missjoni, ħlief għal spejjeż imsemmija hawn isfel, li jiġu rimborsati mal-preżentazzjoni ta' dokumenti ta' appoġġ:

(a) nefqa ta' *inland trunk* jew ċempil bit-telefon internazzjonali meta dawn isiru għal għanijiet uffiċjali;

(b) spejjeż ta' intratteniment fil-każijiet koperti mill-Artikolu 14;

(ċ) spejjeż eċċezzjonali li kellom isiru għall-għanijiet tal-missjoni, jew wara struzzjonijiet speċali jew minħabba *force majeure* u fl-interess ta' l-istituzzjoni, u li jwasslu għal sbors ta' proporzjonijiet irraġonevoli meta mqabbla ma' l-*allowance* prevista.

7. Fejn il-missjoni tkun mistennija ddum għal mill-inqas erbgħa ġimgħat fl-istess post u l-uffiċjal konċernat kien hekk avżat qabel ma telaq, ir-rati ta' sussistenza jistgħu jitnaqqsu bi kwart.

Dan it-tnaqqis jista' jiġi deċiż matul il-kors tal-missjoni; f' dak il-każ dan għandu jibda jseħħ mhux anqas minn tmien t' ijiem wara li l-uffiċjal ikkonċernat ġie notifikat b' dan, sakemm ikun baqa' mhux anqas minn erba' ġimgħat ta' missjoni x' jiġu kompletati, mgħoduda mid-data tan-notifika.

8. Meta uffiċjali fuq missjoni ikollu l-ikel jew l-akkomodazzjoni meħuda ħsieb jew rimborsati minn waħda mill-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet jew minn amministrazzjoni jew organizzazzjoni nazzjonali jew internazzjonali, dan għandu jiddikjarah.

L-*allowance* għas-sussistenza ta' kuljum għandha tiġi mnaqqsa b' 23 % ta' l-*allowance* prevista fil-Kolonna I u b' 16 % ta' l-*allowance* prevista fil-Kolonni II u III għal kull ikla provduta; l-*allowances* previsti fil-Kolonni II u III għandhom jitnaqqsu b' 34 % għal kull akkomodazzjoni ta' ġurnata provduta. Meta uffiċjal fuq missjoni ikollu l-ikliet u l-akkomodazzjoni kollha provduta u rimborsata minn waħda mill-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet jew minn amministrazzjoni jew organizzazzjoni nazzjonali jew internazzjonali huwa għandu jirċievi, flok l-*allowance* għas-sussistenza ta' kuljum għal missjonijiet previsti hawn fuq, *allowance* ta' 26 % ta' l-ammont previst fil-Kolonna I jew 17 % ta' l-ammonti previsti fil-Kolonni II u III.

9. Ir-rati mogħtija fil-paragrafi 1, 2, 3 u 8 jistgħu jiġu alterati mill-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, b' maġġoranza kwalifikata kif previst fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 148(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea u l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 118(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika.

G. Rimborsar fiss ta' l-ispejjeż

Artikolu 14

1. L-uffiċjali li, minħabba d-dmirijiet tagħhom, regolarment jonfqu spejjeż għad-divertiment jistgħu jingħataw benefiċċju b'rata fissa mill-awtorità tal-ħatra, li għandha tistabbilixxi l-ammont tiegħu.

F'każijiet speċjali, l-awtorità tal-ħatra tista' minbarra hekk tiddeċiedi li parti mill-ispiża ta' l-alloġġ għall-uffiċjali kkonċernati titħallas ukoll mill-istituzzjoni.

2. Fil-każ ta' l-uffiċjali li, bħala riżultat ta' istruzzjonijiet speċjali, kultant jonfqu spejjeż ta' divertiment għal skopijiet uffiċjali, l-ammont tal-benefiċċju għad-divertiment ikun stabbilit f'kull istanza fuq il-bażi tad-dokument t'appoġġ u bil-kondizzjonijiet li għandhom jitniżżlu mill-awtorità tal-ħatra.

Artikolu 14a

Uffiċjal impjegat f'post fejn il-problema ta' l-akkomodazzjoni hija rikonoxxuta li hija partikolarment diffiċli jista' jingħata benefiċċju għall-kera. Il-lista tal-postijiet li fuqhom jista' jingħata t-tali benefiċċju, l-ogħla ammont tat-tali benefiċċju u r-regoli ta' l-għoti għandhom jitniżżlu mill-Kunsill skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 65(3) tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 14b

Uffiċjal impjegat f'post fejn il-problema tat-trasport hija rikonoxxuta li hija partikolarment diffiċli u kbira minħabba d-distanza bejn il-postijiet tar-residenza u l-post tax-xogħol jista' jingħata benefiċċju għat-trasport.

Il-lista tal-postijiet li fuqhom jista' jingħata t-tali benefiċċju, l-ogħla ammont tat-tali benefiċċju u r-regoli ta' l-għoti għandhom jitniżżlu mill-Kunsill skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 65(3) tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 15 (78) (81)

B'deċiżjoni ta' l-awtorità tal-ħatra, l-uffiċjali fil-Gradi A 1 u A 2 li m'għandhomx karozza uffiċjali għad-disposizzjoni tagħhom jistgħu jirċievu allowance fissa, li ma jaqbiżx 892,42 EUR f'sena biex ikopri l-ivvjaġġar normali ġewwa l-fruntieri tar-raħal fejn huma impjegati.

B'deċiżjoni raġunata mill-awtorità tal-ħatra, il-benefiċċju jista' jingħata lill-uffiċjal li d-dmirijiet tiegħu kostantament jeħtieġuh jagħmel il-vjaġġi fejn huwa awtorizzat li juża l-karozza tiegħu stess.

Taqsima 4: Ħlas ta' somom dovuti

Artikolu 16 (78)

1. Il-ħlas tar-remunerazzjoni lill-uffiċjali għandu jsir fil-15-il ġurnata ta' kull xahar ta' dak ix-xahar li jkun kurrenti. L-ammont tar-remunerazzjoni għandu jiddawwar 'l fuq għall-eqreb ċenteżmu.

2. Fejn ir-remunerazzjoni mhux dovuta għal xahar sħiħ, l-ammont jinqasam fi tletinijiet, u

(a) fejn in-numru attwali tal-ġranet pagabbli huwa 15 jew anqas, in-numru ta' tletinijiet dovuti għandu jkun daqs in-numru attwali ta' ġranet pagabbli;

(b) fejn in-numru attwali tal-ġranet pagabbli huwa aktar minn 15, in-numru ta' tletinijiet dovuti għandu jkun daqs id-differenza bejn in-numru attwali tal-ġranet mhux pagabbli u 30.

3. Meta l-intitolament għall-benefiċċji tal-familja u l-benefiċċji ta' l-espatrijazzjoni jibda wara d-data tad-dħul fis-servizz, l-uffiċjal għandu jirċievi dawn mill-ewwel ġurnata tax-xahar li fih jibda t-tali intitolament. Mal-waqfien tat-tali intitolament, l-uffiċjal għandu jirċievi s-somma dovuta sa l-aħħar ġurnata tax-xahar li fih l-intitolament jieqaf.

Artikolu 17 (28)

1. Il-ħlas għandu jsir lil kull uffiċjal fil-post u fil-munita tal-pajjiż fejn iwettaq id-dmirijiet tiegħu.

2. Taħt il-kondizzjonijiet imniżżlin fir-regoli mħejjija bi qbil komuni mill-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet, wara l-konsultazzjoni tal-Kumitat Tar-Regolamenti tal-Persunal, uffiċjal jista':

(a) mill-istituzzjoni li jservi magħha, regolarment ikollu parti mill-emolumenti tiegħu trasferiti sa ammont massimu daqs il-benefiċċju tiegħu ta' l-espatrijazzjoni jew tar-residenza barranija:

— jew fil-munita ta' l-Istat Membru li huwa ċittadin tiegħu,

— jew fil-munita ta' l-Istat Membru li fih jew għandu d-domiċilju tiegħu jew fejn jinsab il-post tar-residenza ta' qraba dipendenti,

— jew fil-munita tal-pajjiż ta' qabel tiegħu ta' l-impieg jew tal-pajjiż li fih l-istituzzjoni tiegħu għandha siġġu, sakemm l-uffiċjal in kwistjoni kien assenjat għal post barra t-territorju tal-Komunitajiet Ewropej;

(b) jkollu trasferimenti regolari magħmulin biż-żieda ta' fuq il-massimu ddikjarat fil-bidu tal-paragrafu (a) sakemm huma maħsuba biex ikopru l-ispiża li tinħoloq partikolarment mid-doveri li huma ppruvati li saru b'mod regolari mill-uffiċjal barra l-pajjiż fejn l-istituzzjoni għandha s-siġġu tagħha jew barra l-pajjiż fejn iwettaq id-dmirijiet tiegħu;

(ċ) jkun awtorizzat, f'ċirkostanzi veru eċċezzjonali u għal raġunijiet tajbin appoġġati b'evidenza, li jkunulu ttrasferiti, minbarra t-trasferimenti regolari msemmija qabel, somom li jixtieq ikollu għad-disposizzjoni fil-muniti imsemmija fil-paragrafu (a).

3. It-trasferimenti pprovduti fil-paragrafu 2 għandhom isiru bir-rati tal-kambju speċifikati fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 63 tar-Regolamenti tal-Persunal; l-ammonti ttrasferuti għandhom ikunu mmoltiplikati b'koeffiċċjent li jirrappreżenta r-relazzjoni bejn il-peżati tal-pajjiż fil-munita li biha jsir it-trasferiment, u l-peżati għall-pajjiż li fih huwa mpjegat l-uffiċjal.

Anness VIII: Skema tal-pensjoni

Il-Kapitolu 1: Disposizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

1. Meta l-eżami mediku li sar qabel l-uffiċjal jibda d-dmirijiet tiegħu, juri li qed isofri minn mard jew invalidità, l-awtorità tal-ħatra, sa fejn jidħlu r-riskji li jinqalgħu mit-tali mard jew invalidità, tista' tiddeċiedi li tagħti lil dak l-uffiċjal benefiċċji garantiti dwar l-invalidità jew mewt biss wara perjodu ta' ħames snin mid-data ta' meta jidħol fis-servizz ta' l-Komunitajiet.

L-uffiċjal jista' jappella kontra t-tali deċiżjoni lill-Kumitat ta' l-Invalidità.

2. Uffiċjal fuq *leave* għal servizz militari għandu jieqaf jibbenefika mill-garanziji daw l-invalidità jew il-mewt li jseħħu direttament minn aċċident li ġarraf, jew mard li ħa, minħabba s-servizz militari. Id-disposizzjonijiet fuq imsemmija m'għandhomx jaffettwaw l-intitolament għal min jibqa' ħaj għal pensjoni fuq il-bażi tad-drittijiet akkwistati mill-uffiċjal fid-data meta jitqiegħed fuq *leave* mis-servizz militari.

Il-Kapitolu 2: Pensjoni ta' rtirar u għotja għal firda

Taqsima 1: Pensjoni ta'l-irtirar

Artikolu 2 (8)

Pensjoni ta' l-irtirar għandu jitħallas fuq il-bażi tan-numru totali ta' snin tas-servizz tal-pensjoni akkwistati mill-uffiċjal. Kull sena tas-servizz maħduma kif ipprovdut fl-Artikolu 3 għandha tintitolah għal sena ta' servizz tal-pensjoni u kull xahar sħiħ għal wieħed minn tnax ta' sena ta' servizz tal-pensjoni.

L-ogħla numru ta' snin ta' servizz tal-pensjoni li jista' jkun ikkunidrat għall-kalkolu tad-drittijiet tal-pensjoni ta' l-irtirar ikun ta' 35.

Artikolu 3 (24)

Bil-għan li jinħadmu s-snin tas-servizz tal-pensjoni fis-sens ta' l-Artikolu 2, li j għandu jkun ikkunsidrat:

(a) il-perjodu tas-servizz bħala uffiċjal ta' waħda mill-istituzzjonijiet tat-tliet Komunitajiet the f'wieħed mill-istat amministrattiv ippreżentat fl-Artikolu 35(a), (b) u (e) tar-Regolamenti tal-Persunal, u, fuq il-kondizzjonijiet imniżżla fl-aħħar sentenza tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 40(3) tar-Regolamenti tal-Persunal, l-istat amministrattiv imsemmi fl-Artikolu 35(ċ) tar-Regolamenti tal-Persunal;

(b) perjodi ta' intitolament għall-benefiċċju taħt l-Artikoli 41 u 50 tar-Regolamenti tal-Persunal, sa massimu ta' ħames snin;

(ċ) perjodi tas-servizz f'kull kapaċità oħra skond il-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet;

sakemm il-ħaddiem ikkonċernat ħallas is-seħem tiegħu tal-kontribuzzjoni tal-pensjoni dwar it-tali perjodi tas-servizz.

Artikolu 4 (46)

L-uffiċjal li qabel kien lesta perjodu ta' attività fis-servizz ta' waħda mill-istituzzjonijiet jew bħala uffiċjal jew bħala membru tal-persunal temporanju, li jerġa' jkollu mpieg attiv ma' istituzzjonu tal-Komunità, għandu jkollu aktar drittijiet tal-pensjoni. Jista' jitlob li, bil-għan li jinħadmu d-drittijiet tiegħu tal-pensjoni, il-perjodu kollu tas-servizz bħala uffiċjal jew bħala membru tal-persunal temporanju li għalih tħallsu l-kontribuzzjonijiet għandhom ikunu kkunsidrati, sakemm iħallas lura kull somma li tħallset lilu skond l-Artikolu 12 ta' dan l-Anness jew l-Artikolu 39 tal-kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' ħaddiema oħra, jew li rċieva permezz ta' pensjoni ta' l-irtirar, bl-addizzjoni ta' imgħax kompost bir-rata ta'3. 5 % kull sena.

Meta l-uffiċjal, li huwa intitolat għal pensjoni ta' l-irtirar, ma jħallasx lura s-somom imsemmija fl-ewwel paragrafu, somma kapitali li tirrappreżenta l-ekwivalenza attwarjali tal-pensjoni ta' l-irtirar tiegħu fid-data meta t-tali pensjoni waqfet titħallas lilu, bl-addizzjoni ta' imgħax kompost ta' 3.5 % kull sena, għandha titħalla lilu f'forma ta' pensjoni differita ta' l-irtirar li titħalla fl-età meta jieqaf jaqdi d-dmirijiet tiegħu.

Meta uffiċjal, kif iwaqqaf is-servizz tiegħu, huwa intitolat għal għotja tal-firda, din l-għotja titnaqqas bl-ammont tal-pagamenti li saru taħt l-Artikolu 42 tal-kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' ħaddiema oħra; fejn huwa intitolat għal għal pensjoni ta' l-irtirar, id-drittijiet tiegħu għal pensjoni għandhom jitnaqqsu bil-proporzjon tal-pagamenti li saru taħt dak l-Artikolu.

Artikolu 5 (8)

Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 2, uffiċjal b'anqas minn 35 sena ta' servizz tal-pensjoni fl-età ta' 60 sena u li jkompli jakkwista d-drittijiet tal-pensjoni taħt l-Artikolu 3, għandu, għal kull sena tas-servizz bejn l-età ta' 60 sena u l-età meta jibda jieħu pensjoni ta' l-irtirar, jkun intitolat għal żieda fil-pensjoni daqs 5 % tad-drittijiet tal-pensjoni li akkwista fl-età ta' 60 sena, iżda tant li l-pensjoni totali tiegħu ma taqbiżx is-70 % tas-salarju bażiku finali tiegħu kif imsemmi fit-tieni u t-tielet paragrafu, skond xi jkun il-każ, ta' l-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal.

It-tali żieda xorta waħda titħallas fil-każ tal-mewt ta' uffiċjal li baqa' fis-servizz wara l-età ta' 60 sena.

Artikolu 6 (8)

Is-somma minima tas-sussistenza bil-għan li jinħadmu l-benefiċċji tal-pensjoni għandhom jikkorrospondu mas-salarju bażiku ta' uffiċjal fi Grad 4, l-ewwel skala.

Artikolu 7

L-ekwivalenza attwarjali tal-pensjoni ta' l-irtirar m'għandhiex tkun anqas mill-ammont li l-uffiċjal kien jirċievi li kieku l-Artikolu 12 kien applikat għalih.

Meta l-ekwivalenza attwarjali tal-pensjoni ta' l-irtirar pagabbli skond id-disposizzjonijiet ta' qabel hija anqas minn dan l-ammont, l-uffiċjal għandu jirċievi pensjoni ta' l-irtirar li l-ekwivalenza attwarjali tiegħu għandu tkun daqs l-ammont ipprovdut fil-paragrafu ta' qabel.

Artikolu 8

"Ekwivalenza attwarja tal-pensjoni ta' l-irtirar" tfisser il-valur kapitali tal-benefiċċji li jakkumulaw favur l-uffiċjal, maħduma b'riferenza għall-aħħar tabelli tal-mortalità, li jitħejjew mill-awtoritajiet ta' l-estimi skond l-Artikolu 39, ir-rata ta' imgħax applikabbli tkun ta' 3,5 % fis-sena.

Artikolu 9

Uffiċjal li jitlaq mis-servizz qabel jagħlaq is-60 sena jista' jitlob li l-pensjoni ta' l-irtirar tiegħu:

— tkun posposta sa l-ewwel ġurnata tax-xahar kalendarju li fih jilħaq l-eta' ta' 60 sena; jew

— titħallas minnufih, sakemm m'għandux anqas minn 50 sena. F'dan il-każ, il-pensjoni ta' l-irtirar għandu jitnaqqas b'ammont maħdum b'riferenza għall-età ta' l-uffiċjal meta jibda jieħu l-pensjoni, kif muri fit-tabella li ġejja:

Pensjoni pagabbli ma' rtirar kmieni espressa f'termini tal-pensjoni pagabbli ma' l-irtitar fl-età ta' 60 sena

Irtirar fl-età	Koeffiċjent
50	0.50678
51	0.53834
52	0.57266
53	0.61009
54	0.65099
55	0.69582
56	0.74508
57	0.79936
58	0.85937
59	0.92593

Artikolu 10

Id-dritt għall-pagament tal-pensjoni ta' l-irtirar jidħol fis-seħħ mill-ewwel ġurnata tax-xahar kalendarju ta' wara dak li fih l-uffiċjal, jew awtomatikament jew fuq it-talba tiegħu stess, isir eliġibbli għal dik il-pensjoni; għandu jkompli jirċievi r-remunerazzjoni tiegħu sakemm il-pensjoni tiegħu ssir pagabbli.

Artikolu 11 (40) (67)

1. Uffiċjal li jitlaq mis-servizz tal-Komunitajiet biex:

— jidħol fis-servizz ta' amministrazzjoni tal-gvern jew organizzazzjoni nazzjonali jew internazzjonali li kkonkludiet ftehim mal-Komunitajiet;

— biex isegwi attività f'kapaċità ta' impjegat jhew għal rasu, li bis-saħħa tagħha jakkwista d-drittijiet għal pensjoni taħt skema li l-korpi amministrattivi tagħha kkonkludew ftehim mal-Komunitajiet,

għandu jkun intitolat li jkollu l-ekwivalenza attwarjali tad-drittijiet għall-pensjoni ta' l-irtirar tiegħu fil-Komunitajiet ittrasferiti għal ġol-fond tal-pensjoni ta' dik l-organizzazzjoni jew għal ġol-fond tal-pensjoni li fiha jakkwista d-drittijiet għal pensjoni ta' l-irtirar bis-saħħa ta' l-attività segwita f'kapaċità ta' impjegat jew ta' għal rasu.

2. Uffiċjal li jidħol fis-servizz tal-Komunitajiet wara:

— li jitlaq mis-servizz ta' amministrazzjoni tal-gvern jew ta' organizzazzjoni nazzjonali jew internazzjonali; jew

— li jsegwi attività f'kapaċità ta' impjegat jew ta' għal rasu;

għandu jkun intitolat meta jkun stabbilit li ħallas lill-Komunitajiet jew l-ekwivalenza attwarjali jew il-valur tar-redenzjoni b'rata fissa tad-drittijiet tal-pensjoni ta' l-irtirar akkwistati bis-saħħa tat-tali servizz jew attivitajiet.

Fit-tali każ l-istituzzjoni li fiha jervi l-uffiċjal għandha, wara li tikkunsidra l-grad tiegħu ma' l-istabbiliment, tistabbilixxi n-numru ta' snin tas-servizz tal-pensjoni li għandu jkun ikkreditat bihom taħt l-iskema tal-pensjoni tiegħu stess dwar il-perjodu ta' qabel tas-servizz, fuq il-bażi ta' l-ammont ta' l-ekwivalenza attwarjali jew is-somom li tħallsu lura kif imsemmi qabel.

3. Il-paragrafu 2 għandu wkoll japplika għal uffiċjal li jerġa jkun stabbilit wara perjodu ta' sekondar taħt it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 37(1)(b) tar-Regolamenti tal-Persunal u għal uffiċjal li jerġa' jkun stabbilit wara li jiskadi perjodu ta' *leave* fuq raġunijiet personali taħt l-Artikolu 40 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Taqsima 2: Għotja għal firda

Artikolu 12

Uffiċjal li għandu anqas minn 60 sena, li s-servizz tiegħu jintemm b'mod ieħor minbarra minħabba mewt jew invalidità u li m'huwiex intitolat għal pensjoni ta' l-irtirar u ma jistax jibbenefika mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 11(1), għandu jkun intitolat hekk kif jitlaq mis-servizz għal:

(a) is-somma dovuta għall-kreditu tal-kont tiegħu taħt l-iskema konġunta temporanja ta' provvidenza ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet fid-data meta r-Regolamenti tal-Persunal daħlu fis-seħħ, bl-addizzjoni ta' imgħax kompost bir-rata ta' 3.5 % fis-sena;

(b) l-ammont totali mnqqas mis-salarju bażiku dwar il-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni tiegħu, bl-addizzjoni ta' imgħax kompost ta' 3.5 % fis-sena;

(ċ) sakemm ma tneħħix mill-posizzjoni tiegħu, għotja għal firda fil-proporzjon tat-tul attwali tas-servizz minn meta r-Regolamenti tal-Persunal daħlu fis-seħħ, maħduma fuq il-bażi ta' xahar u nofs għal kull sena ta' servizz ta' l-aħħar salarju bażiku qabel it-tnaqqis. Fil-każijiet koperti mill-Artikolu 11(2), il-perjodu tas-servizz ta' qabel għandu xorta waħda jitqies bħala servizz attwali, sal-punt tan-numru ta' snin tas-servizz tal-pensjoni li l-instituzzjoni ta' l-uffiċjal ikkreditatu meta dawn ir-Regolamenti tal-Persunal daħlu fis-seħħ, skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 11(2);

(d) is-somma totali mħallsa lill-Komunitajiet, skond l-Artikolu 11(2), meta dik is-somma tikkorrospondi mal-perjodi qabel ir-Regolamenti tal-Persunal daħlu fis-seħħ, u terz ta' dik is-somma dwar perjodi li jibdew wara li r-Regolamenti tal-Persunal daħlu fis-seħħ, bl-addizzjoni ta' imgħax kompost bir-rata ta' 3.5 % fis-sena.

Artikolu 12a

Uffiċjal li jitlaq mis-servizz qabel l-1 ta' Lulju 1969 wara li jservi anqas minn 11-il sena, iżda li huwa intitolat għal pensjoni ta' l-irtirar jista' jagħżel li jieħu l-pensjoni jew għotja għal firda maħduma skond l-Artikolu 12(a) sa (d).

Il-Kapitolu 3: Pensjoni ta' l-invalidita

Artikolu 13 (8)

Suġġett għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 1(1), uffiċjal li għandu anqas minn 65 sena li fi kwalunkwe żmien li fih ikun qed jakkwista drittijiet għal pensjoni ikun rikonoxxut mill-Kumitat ta' l-Invalidita bħala li qed isofri minn invalidita permanenti totali li tiprevenih milli jwettaq id-doveri li jikkorispondu ma post fil-bracket tal-karriera tiegħu, u li jkun obbligat li jispiċċa s-servizz tiegħu mal-Komunitajiet għal dawn ir-raġunijiet ikun intitolat, sakemm tibqa din l-inkapaċita, għal pensjoni ta' invalidita kif prevista mill-Artikolu 78 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Pensjoni ta' l-invalidita u ta' l-irtirar m' għandhomx jiġu mħallsa flimkien.

Artikolu 14 (8) (46)

Id-dritt ta' riċeviment ta' pagament ta' pensjoni ta' invalidita għandu jieħu effett mill-ewwel jum tax-xahar kalendarju wara l-irtirar ta' l-uffiċjal taħt l-Artikolu 53 tar-Regolamenti tal-persunal.

Meta dak li kien uffiċjal jieqaf jissodisfa r-rekwiżiti għall-pagament tal-pensjoni huwa għandu jiġi mdaħħal mill-ġdid fl-ewwel post li jikkorrispondi mal-*bracket* tal-karriera tiegħu li jsir battal fil-kategorija jew servizz tiegħu, sakemm ikun jissodisfa r-rekwiżiti għal dak il-post. Jekk jirrifjuta l-post li jkun offrut lilu, huwa għandu jżomm id-dritt tiegħu ta' dħul mill-ġdid meta titfaċċa l-posizzjoni battala li jkun imiss fil-kategorija jew servizz tiegħu suġġett għall-istess proviso; jekk jirrifjuta għat-tieni darba, jista' jiġi mitlub sabiex jirreżenja; f'dak il-każ għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 16 ta' l-Anness.

Meta dak li kien uffiċjal li kien jirċievi pensjoni ta' l-invalidita jmut, l-intitolament għall-pensjoni jieqaf fl-aħħar tax-xahar kalendarju li fih ikun miet.

Artikolu 15 (46)

Waqt li dak li kien uffiċjal li jieħu pensjoni ta' l-invalidita ikollu anqas minn 60 sena, l-istituzzjoni tista' teżaminah medikalment perjodikament sabiex tiżgura li jkun għadu jissodisfa r-rekwiżiti għall-pagament tal-pensjoni.

Artikolu 16 (46)

Meta dak li kien uffiċjal li kien qed jieħu pensjoni ta' l-invalidita jkun imdaħħal mill-ġdid fl-istituzzjoni tiegħu jew f' istituzzjoni oħra tal-Komunitajiet, iż-żmien li fih ikun ħa pensjoni ta' l-invalidita għandu jkun inkluż għall-għanijiet ta' kalkolazzjoni tal-pensjoni ta' l-irtirar tiegħu, minghajr pagament ta' arretrati min naħa tiegħu.

Il-Kapitolu 4: Pensjoni għas-Sopravissut

Artikolu 17 (8) (46)

Meta uffiċjali imut waqt li jkollu wieħed mill-istatus amministrattivi mniżżla fl-Artikolu 35 tar-Regolament tal-Persunal, l-armel tiegħu għandu jkun intitolat, sakemm dan ikun miżżewweġ mieghu għall-anqas sena fil-hin tal-mewt tiegħu u suġġett għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 1(1) u 22, għal pensjoni tar-romol daqs 60 % tal-pensjoni ta' l-irtirar li l-uffiċjali ikun jiġi mħallas kieku kien kwalifikat, irrispettivament mid-dewmien tas-servizz jew l-eta, għal tali pensjoni fil-hin tal-mewt tiegħu.

Id-dewmien taż-żwieġ m' għandhux jittieħed in konsiderazzjoni jekk hemm wild wieħed jew aktar miż-żwieġ jew minn żwieġ ieħor ta' l-uffiċjal sakemm l-armel imantni jew kien imantni dawk l-ulied, jew jekk il-mewt ta' l-uffiċjal tirriżulta jew minn disabilta fiżika jew mard li ġie waqt it-twettiq tad-doveri tiegħu jew minn aċċident.

Artikolu 17a (40)

Suġġett għal l-Artikoli 1(1) u 22, l-armel ta' dak li kien uffiċjal li kien tneħħa mill-post tiegħu jew li s-servizz tiegħi kien terminat skond Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68, (Euratom, KEFA, KEE) Nru 2530/72 jew (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1543/73 u li miet waqt li kien qed jirċievi *allowance* ta' kull xahar taħt l-Artikolu 50 tar-Regolamenti tal-persunal jew taħt wieħed mir-Regolamenti msemmija għandu jkun intitolat, sakemm dan ikun miżżewweġ mieghu għal mill-anqas sena meta dan telaq servizz ta' istituzzjoni, għal pensjoni tar-romol, daqs 60 % tal-pensjoni ta' l-irtirar li għaliha l-konsorti kien ikun intitolat li kieku kien jikkwalifika, irrispettivament mit-tul tas-servizz jew eta', għal tali pensjoni fil-hin tal-mewt tiegħu.

L-ammont tal-pensjoni tar-romol prevista fl-ewwel paragrafu m' għandiex tkun anqas mill-ammont previst fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 79 tar-Regolament tal-Persunal. L-ammont tal-pensjoni tar-romol m' għandiex, fl-ebda każ, taqbeż l-ammont ta' l-ewwel pagament tal-pensjoni ta' l-irtirar li għaliha dak li kien uffiċjal kien ikun intitolat bis-supposizzjoni li, kieku baqa' ħaj u uża d-drittijiet kollha tiegħu għal wieħed jew ieħor mill-benefiċċji fuq imsemmija, kien ikun intitolat għal pensjoni ta' l-irtirar.

It-tul taż-żwieġ speċifikat fl-ewwel paragrafu m'għandux ikun ikkunsidrat jekk hemm tifel wieħed jew aktar minn żwieġ ikkuntrattat mill-uffiċjal qabel telaq mis-servizz, sakemm l-armla tmantni jew mantniet it-tali tfal dipendenti fis-sens ta' l-Artikolu 2(2) ta' l-Anness VII.

Lanqas m'għandu jkun ikkunsidrat iż-żwieġ jekk il-mewt ta' l-uffiċjal ta' qabel jiġri f'waħda miċ-ċirkostanzi deskritti fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 17.

Artikolu 18 (8)

Meta wieħed li qabel kien uffiċjal rċieva pensjoni ta' l-irtirar, l-armla tiegħu għandha tkun intitolata, sakemm kienet miżżewġa lilu għal mill-anqas sena meta telaq mis-servizz ta' l-istituzzjoni, u suġġett għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 22, għal pensjoni ta' l-armla daqs 60 % tal-pensjoni ta' l-irtirar li kien jirċievi fil-mument meta miet. Il-pensjoni minima ta' l-armla għandha tkun 35 % ta' l-aħħar salarju bażiku; l-ammont tal-pensjoni ta' l-armla fl-ebda każ, madankollu, m'għandu jaqbeż il-pensjoni ta' l-irtirar li r-raġel tagħha kien jirċievi fil-mumemt tal-mewt tiegħu.

It-tul taż-żwieġ m'għandux ikun ikkunsidrat jekk hemm tifel wieħed jew aktar minn żwieġ ikkuntrattat mill-uffiċjal qabel telaq mis-servizz, sakemm l-armla tmantni jew mantniet dawk it-tfal.

Artikolu 18a (8)

L-armla ta' dak li qabel kien uffiċjal li telaq mis-servizz qabel laħaq is-60 sena u talab li l-pensjoni ta' l-irtirar ikun pospost sa l-ewwel ġurnata tax-xahar kalendarju ta' wara dak li fih laħaq is-60 sena għandu jkun intitolat, sakemm kienet miżżewġa lilu għal mill-anqas sena meta telaq mis-servizz ta' l-istituzzjoni, u suġġett għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 22, għal pensjoni ta' armla daqs 60 % tal-pensjoni ta' l-irtirar li kien ikun pagabbli lir-raġel tagħha fl-età ta' 60 sena. Il-pensjoni minima ta' l-armla għandha tkun 35 % ta' l-aħħar salarju bażiku; l-ammont tal-pensjoni ta' l-armla fl-ebda każ, madankollu, m'għandha taqbeż l-ammont tal-pensjoni ta' l-irtirar li għaliha kien ikun intitolat l-uffiċjal fl-età ta' 60 sena.

It-tul taż-żwieġ m'għandux ikun ikkunsidrat jekk hemm tifel wieħed jew aktar minn żwieġ ikkuntrattat minn dak li qabel kien uffiċjal qabel telaq mis-servizz, sakemm l-armla tmantni jew mantniet dawk it-tfal.

Artikolu 19 (8) (46)

Meta wieħed li qabel kien uffiċjal rċieva pensjoni ta' l-invaliditá, l-armla tiegħu għandha tkun intitolata, suġġett għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 22, sakemm kienet miżżewġa lilu meta sar eliġibbli għall-pensjoni, għal pensjoni ta' armla daqs 60 % tal-pensjoni ta' l-invaliditá li kien qed jirċievi fil-mument meta miet.

L-anqas pensjoni ta' l-armla għandha tkun 35 % ta' l-aħħar salarju bażiku; l-ammont tal-pensjoni ta' l-armla fl-ebda każ, madankollu, m'għandu jaqbeż l-ammont tal-benefiċċju ta' l-invaliditá li r-raġel tagħha kien jirċievi qabel miet.

Artikolu 20 (46)

Għall-iskopijiet ta' l-Artikoli 17a, 18, 18a u 19, it-tul taż-żwieġ ma jkunx ikkunsidrat meta ż-żwieġ, għalkemm ikkuntrattat wara li jintemm is-servizz ta' l-uffiċjal, dam għal mill-anqas ħames snin.

Artikolu 21 (8) (46)

1. Il-pensjoni ta' l-orfni pprovduta fl-Artikolu 80, l-ewwel, it-tieni u t-tielet paragrafi tar-Regolamenti tal-Persunal għandha għall-ewwel orfni tkun daqs tmienja minn għaxra tal-pensjoni għal min jibqa' ħaj li armla ta' uffiċjal jew ta' dak li qabel kien uffiċjal li jirċievi pensjoni ta' l-irtirar jew ta' l-invaliditá kienet tkun intitolata għaliha, mingħajr kas tat-tnaqqis ippreżentati fl-Artikolu 25.

M'għandhiex tkun anqas mis-somma minima tas-sussistenza, suġġetta għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 22.

2. Il-pensjoni għandha tiżdied, għal kull tifel wara l-ewwel, b'ammont id-doppju tal-benefiċċju tat-tifel dipendenti.

L-orfni għandhom ikunu intitolati għal benefiċċju ta' l-edukazzjoni skond l-Artikolu 3 ta' l-Anness VII.

3. L-ammont totali tal-pensjoni u l-benefiċċju maħdum b'dan il-mod għandu jkun diviż indaqs fost l-orfni intitolati.

Artikolu 22 (46)

Meta uffiċjal jitlaq armla u wkoll orfni ta' żwieġ ta' qabel jew persuni oħra intitolati taħtu, il-pensjoni totali, maħduma daqs li kieku l-armla jkollha dawn il-persuni kollha dipendenti fuqha, għandha tinqasam fost il-persuni varji kkonċernati fil-proporzjon tal-pensjonijiet li kienu jkunu pagabbli f'kull kategorija tagħhom kieku ttrattati separatament.

Meta uffiċjal jitlaq orfni ta' żwieġijiet differenti, il-pensjoni totali, maħduma daqs li kieku t-tfal kollha kienu mill-istess żwieġ,għandha tinqasam fost il-persuni varji kkonċernati fil-proporzjon tal-pensjonijiet li kienu jkunu pagabbli f'kull kategorija tagħhom kieku ttrattati separatament.

Għall-iskopijiet biex jinħadem dan it-tqassim, tfal minn żwieġ ta' qabel ta' wieħed mill-isħab, li ma rikonoxxuti bħala dipendenti fis-sens ta' l-Artikolu 2 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom ikunu nklużi fil-kategorija tat-tfal tal-żwieġ ta' l-uffiċjal jew ta' dak li qabel kien uffiċjal li jirċievi pensjoni ta' l-irtirar jew ta' l-invaliditá.

Fil-każ mistenni mit-tieni paragrafu, axxendenti li huma rikonoxxuti bħala dipendenti kif ipprovdut fl-Artikolu 2 ta' l-Anness VII tar-Regolament tal-Persunal għandhom ikunu ttrattati bl-istess mod bħala tfal dipendenti u, għall-iskopijiet biex jinħadem it-tqassim, inklużi fil-kategorija tad-dixxendenti.

Artikolu 23 (46)

Imħassar

Artikolu 24 (8) (46)

Id-dritt li jitħallas pagament għal min jibqa' ħaj għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tax-xahar kalendarju ta' wara dak li fih miet l-uffiċjal jew dak li kien uffiċjal li jirċievi pensjoni ta' l-irtirar jew ta' l-invaliditá. Madankollu, meta l-pagament ipprovdut fl-Artikolu 70 tar-Regolamenti tal-Persunal isir mal-mewt ta' l-uffiċjal jew tal-persuna intitolata għal pensjoni, it-tali dritt għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tar-raba' xahar ta' wara dak li fih il-mewtseħħet.

Id-dritt li jitħallas pagament għal min jibqa' ħaj għandu jispiċċa fl-aħħar ġurnata tax-xahar kalendarju li fih imut min jirċievi l-pensjonijiet jew ma jibqax jimxi mal-ħtiġiet tal-pagament tal-pensjoni.

Artikolu 25 (46)

Meta d-differenza fiż-żmien bejn l-uffiċjal li miet jew dak li qabel kien uffiċjal li jirċievi pensjoni ta' l-irtirar jew ta' l-invaliditá u l-konsorti tiegħu li għadha ħajja, bit-tnaqqis tat-tul ta' żmien li ilhom miżżewġin, hija aktar minn għaxar snin, il-pensjoni għal min jibqa' ħaj, maħduma skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, għandha tkun suġġetta għal tnaqqis, għal kull sena shiħa ta' differenza, li tammonta għal:

— 1 % għas-snin bejn l-10 u l-20;

— 2 % għas-snin 20 'il fuq sa iżda ma tinkludix il-25;

— 3 % għas-snin 25 'il fuq sa iżda ma tinkludix it-30;

— 4 % għas-snin 30 'il fuq sa iżda ma tinkludix il-35;

— 5 % għas-snin minn 35 'il fuq.

Artikolu 26

L-intitolament ta' armla għal penjoni għal min jibqa' ħaj għandu jieqaf maż-żwieġ mill-ġdid. Hija għandha tkun intitolata għall-pagament immedjat ta' soma kapitali daqs id-doppju ta' l-ammont fis-sena tal-pensjoni għall-għajxien tagħha, sakemm it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 80 tar-Regolamenti tal-Persunal ma japplikax.

Artikolu 27 (24) (46)

Il-mara ddivorzjata ta' uffiċjal jew ta' dak li qabel kien uffiċjal, għandha tkun intitolata għall-pensjoni għal min għadu ħaj, kif definita f'dan il-Kapitolu, sakemm, mal-mewt tar-raġel tagħha ta' qabel, hija tista' tiġġustifika l-intitolament lejha li tirċievi manteniment mingħandu bis-saħħa ta' ordni mill-qorti jew bħala riżultat ta' ftehim bejnha u bejn ir-raġel tagħha ta' qabel.

Il-pensjoni għal min għadu ħaj ma tistax, madankollu, taqbeż l-ammont ta' manteniment imħallas mal-mewt tar-raġel tagħha ta' qabel, l-ammont kien aġġustat skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 82 tar-Regolamenti tal-Persunal .

L-intitolament tal-mara ddivorzjata jieqaf, jekk hija terġa' tiżżewweġ qabel ir-raġel tagħha ta' qabel imut. Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 26 għandhom japplikaw jekk hija terġa' tiżżewweġ wara li r-raġel tagħha ta' qabel imut.

Artikolu 28 (24) (46)

Meta l-uffiċjal li miet jitlaq aktar minn mara ddivorzjata waħda intitolata għall-pensjoni għal min jibqa' ħaj jew mara ddivorzjata jew aktar u armla intitolati għall-pensjoni għal min jibqa' ħaj, dik il-pensjoni għandha tkun diviża fil-proporzjon taż-żmien rispettiv kemm idumu ż-żwiġijiet. Id-disposizzjonijiet tat-tieni u t-tielet paragrafi ta' l-Artikolu 27 għandhom japplikaw.

Jekk xi waħda mill-persuni intitolati għall-pensjoni tmut jew tirrinunzja għas-sehem tagħha, is-sehem tagħha jiżdied mas-sehem tal-persuni l-oħra, minbarra fejn hemm drittijiet ta' l-orfni taħt it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 80 tar-Regolamenti tal-Persunal.

It-tnaqqis dwar id-differenza fl-età, kif ipprovdut fl-Artikolu 25, għandu jkun applikat separatament għall-pensjonijiet diviżi skond dan l-Artikolu.

Artikolu 29

Meta taħt l-Artikolu 42 il-mara ddivorzjata ma tibqax intitolata għal pensjoni, il-pensjoni totali għandha tkun pagabbli lill-armla, sakemm it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 80 tar-Regolamenti tal-Persunal ma japplikax.

Il-Kapitolu 5: Pensjonijiet provvisorji

Artikolu 30 (46)

Il-konsorti jew il-persuni rikonoxxuti bħala dipendenti ta' uffiċjal li għandu wieħed mill-istati mniżżla fl-Artikolu 35 tar-Regolamenti tal-Persunal li ma jafux fejn jinsab għal aktar minn sena jirċievi provvisorjament il-pensjoni għal min jibqa' ħaj li jkunu intitolati għalih taħt dan l-Anness.

Artikolu 31 (46)

Il-konsorti jew il-persuni rikonoxxuti bħala dipendenti ta' dak li kien uffiċjal li jirċievi pensjoni ta' l-irtirar jew ta' l-invalidità, li ma jafux fejn jinsab għal aktar minn sena jirċievu provvisorjament il-pensjoni għal min jibqa' ħaj li jkunu intitolati għalih taħt dan l-Anness.

Artikolu 31a (46)

Il-konsorti jew il-persuni rikonoxxuta bħala dipendenti ta' dak li kien uffiċjal fis-sens ta' l-Artikolu 18a ta' l-Anness VIII, jew ta' dak li kien uffiċjal intitolat għal benefiċċju jew taħt l-Artikolu 50 tar-Regolamenti tal-Persunal jew taħt ir-Regolamenti (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 jew (Euratom, KEFA, KEE) Nru 2530/72 jew (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1543/73 jew (KEFA, KEE, Euratom) Nru 2150/82 jew (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1679/85 jistgħu, jekk ma jkunux jafu fejnu dak li kien uffiċjal għal aktar minn sena, jirċievu provvisorjament pensjoni għal min jibqa' ħaj li għalih ikunu intitolati taħt dan l-Anness.

Artikolu 32 (46)

Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 31 għandhom japplikaw għall-persuni rrikonoxxuti bħala dipendent ta' persuna li tirċievi jew hija intitolata għall-pensjoni għal min jibqa' ħaj li ma jafux fejnha għal aktar minn sena.

Artikolu 33 (46)

Il-pensjonijiet provvisorji taħt l-Artikolu 30, 31, 31a u 32 għandhom jinqalbu f'pensjonijiet definittivi meta l-mewt ta' l-uffiċjal jew ta' dak li kien uffiċjal tkun ikkonfermata uffiċjalment jew ikun legalment iddikkjarat nieqes, maħsub mejjet.

Il-Kapitolu 6: Żidiet fil-pensjoni dwar tfal dipendenti

Artikolu 34 (8) (46)

Id-disposizzjonijiet tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 81 tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw għall-persuni li jirċievi pensjoni provvisorja.

Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 81 tar-Regolamenti tal-Persunal m'għandhomx japplikaw għal tfal li jitwieldu anqas minn 300 ġurnata wara l-mewt ta' l-uffiċjal jew ta' dak li qabel kien uffiċjal li jirċievi pensjoni ta' l-irtirar jew ta' l-invalidità.

Artikolu 35 (8)

L-għotja tal-pensjoni ta' l-irtirar, ta' l-invalidità jew għal min jibqa' ħaj jew ta' pensjoni provvisorja m'għandhiex tintitola lil min jieħu l-pensjoni għal benefiċċju ta' l-espatrijazzjoni.

Il-Kapitolu 7

Taqsima 1: L-iffinanzjar ta' l-iskema tal-pensjoni

Artikolu 36

Is-salarji fil-każijiet kollha għandhom ikunu suġġetti għal tnaqqis tal-kontribuzzjoni ta' l-iskema tal-pensjoni pprovduta fl-Artikoli 77 sa 84 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 37 (24)

Uffiċjal fuq sekondar għandu jkompli jħallas il-kontribuzzjoni imsemmija fl-Artikolu ta' qabel fuq il-bażi tas-salarju marbut ma' l-iskala u l-grad tiegħu. Dan għandu japplika wkoll, sa massimu ta' ħames snin kif ipprovdut fl-Artikolu 3, għall-uffiċjali li jirċievu l-benefiċċju pprovdut rigward stat mhux attiv jew irtirar fl-interessi tas-servizz, u għall-uffiċjali fuq *leave* fuq raġunijiet personali li qed ikomplu jakkwistaw aktar drittijiet tal-pensjoni bil-kondizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 40(3) tar-Regolamenti tal-Persunal.

Il-benefiċċji kollha li għalihom it-tali uffiċjal jew dawk intitolati taħtu jistgħu jkunu intitolati taħt din l-iskema tal-pensjoni għandhom jinħadmu fuq il-bażi tat-tali salarju.

Artikolu 38

Il-kontribuzzjoni li tnaqqsu sewwa ma jitħallsux lura. Il-kontribuzzjonijiet li tnaqqsu ħażin ma jagħtux id-dritt li titħallas pensjoni; huma jkunu Rimborsati mingħajr imgħax fuq it-talba ta' l-uffiċjal jew ta' dawk intitolati taħtu.

Artikolu 39

L-awtoritajiet ta' l-estimi, wara li jkunu kkonsultati attwarju kkwalifikat wieħed jew aktar u l-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal ipprovdut fl-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Persunal, għandhom iniżżlu t-tabelli tal-mortalità u ta' l-invaliditá u ż-żidiet mistennija tas-salarji għall-użu biex jinħadmu l-valuri attwarjali pprovduti fir-Regolamenti tal-Persunal u f'dan l-Anness.

Taqsima 2: Kalkolu tal-pensjoni

Artikolu 40 (8)

L-istituzzjoni li magħha kien iservi l-uffiċjal fil-mument meta ntemm l-impieg attiv tiegħu għandha tkun responsabbli biex taħdem l-ammont tal-pensjoni ta' l-irtirar, ta' l-invaliditá, għal min jibqa' ħaj jew il-pensjoni provvisorja. Prospett dettaljat tal-kalkolu għandu jkun ikkomunikat lill-uffiċjal jew lil dawk intitolati taħtu u lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, li hija l-aġenzija li tħallas, fl-istess ħin mad-deċiżjoni li tagħti l-pensjoni.

Pensjoni ta' l-irtirar jew ta' l-invaliditá ma jitħallsux flimkien mas-salarju pagabbli minn istituzzjoni tat-tliet Komunitajiet Ewropej, lanqas mal-benefiċċji pagabbli taħt l-Artikoli 41 u 50 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 41

L-ammont tal-pensjoni jista' f'kull ħin jerġa' jinħdem mill-ġdid jekk ikun xi żball jew ommissjoni ta' kull tip.

Il-pensjonijiet jistgħu jkunu mmodifikati jew irtirati jekk l-għotja kienet kontra d-disposizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal jew ta' dan l-Anness.

Artikolu 42 (46)

Meta jmut uffiċjal jew dak li qabel kien uffiċjal li jirċievi pensjoni ta' l-irtirar jew ta' l-invaliditá u dawk intitolati taħtu ma japplikawx għall-pensjoni tagħhom fi żmien sena mid-data tal-mewt tiegħu, huma jitilfu l-intitolament tagħhom, ħlief fejn forza maġġura tista' tkun stabbilita.

Artikolu 43 (46)

Dak li kien uffiċjal u dawk intitolati taħtu li favurhom jinħolqu benefiċċji taħt din l-iskema tal-pensjoni għandhom jipprovdu t-tali evidenza bil-miktubkif jista' jkun meħtieġ u jinformaw l-istituzzjoni imsemmija fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 45 ta' kull fatt li jista' jaffettwa l-intitolament tagħhom.

Artikolu 44

Meta uffiċjal kien imċaħħad, kompletament jew parzjalment, mid-drittijiet tal-pensjoni tiegħu taħt l-Artikolu 86 tar-Regolamenti tal-Persunal, għandu jkun intitolat li jitlob rifużjoni fil-proporzjon ta' l-ammont li bih tnaqqset il-pensjoni tiegħu tal-kontribuzzjonijiet li ħallas.

Taqsima 3: Ħlas ta' benefiċċji

Artikolu 45 (46)

Il-benefiċċji taħt din l-iskema tal-pensjoni għandhom jitħallsu fix-xahar b'lura.

Dawn il-benefiċċji, f'isem il-Komunitajiet, għandhom ikunu pprovduti mill-istituzzjoni nnominata mill-awtoritajiet ta' l-estimi; l-ebda istituzzjoni, taħt kull deskrizzjoni li tkun, ma tista' tħallas mill-fondi tagħha stess benefiċċji pprovduti taħt din l-iskema tal-pensjoni.

Il-benefiċjarji jistgħu jagħżlu li l-pensjoni tagħhom titħallas fil-munita jew tal-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom jew tal-pajjiż tar-residenza tagħhom jew tal-pajjiż fejn għandu s-siġġu tagħha l-istituzzjoni li qiegħed magħha l-uffiċjal; l-għażla tagħhom għandha tibqa' applikabbli għal mill-anqas sentejn.

Artikolu 46 (46)

Kull somma dovuta minn uffiċjal jew dak li kien uffiċjal li jirċievi pensjoni ta' l-irtirar jew ta' l-invalidità lill-Komunitajiet fid-data meta benefiċċju huwa pagabbli taħt din l-iskema tal-pensjoni għandha titnaqqas mill-ammont tal-benefiċċju u mill-benefiċċji pagabbli lil dawk intitolati taħtu. It-tnaqqis jista' jitqassam fuq numru ta' xhur.

Artikolu 47 (46)

imħassar:

Il-Kapitolu 8: Disposizzjonijiet transitorji

Artikolu 48

Uffiċjal li għalih ikunu applikati r-Regolamenti tal-Persunal skond il-provvisorji transitorji għandu jkun intitolat għad-drittijiet tal-pensjoni maħduma mid-data ta' meta jidħol fl-iskema konġunta temporanja tal-provvidenza ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet.

Jekk uffiċjal jitlob hekk, minkejja kull disposizzjoni kontra fir-Regolamenti tal-Persunal, id-drittijiet għal pensjoni tiegħu għandhom jinħadmu mid-data ta' meta beda s-servizz f'istituzzjoni ta' waħda mit-tliet Komunitajiet Ewropej f'kull kapaċità li tkun. Fejn matul is-servizz kollha jew parti minnu ta' qabel tiegħu, huwa ma kienx ikkontribwixxa taħt l-iskema tal-provvidenza, għandu jkun intitolat, b'pagament bil-kambjali, li jixtri fid-drittijiet tal-pensjoni li għalihom ma kienx jista' jikkontribwixxi. L-ammonti kkontribwiti mill-uffiċjal, flimkien ma' l-ammonti li jikkorrospondu kkontribwiti mill-istituzzjoni, għandhom jitqiesu li kien dovuti għall-kreditu ta' l-uffiċjal taħt l-iskema temporanja tal-provvidenza fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 49

Meta uffiċjal eserċita l-opzjoni tiegħu li jirtira mill-kont tiegħu ma' l-iskema konġunta temporanja tal-provvidenza ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet somom li kien meħtieġ jikkontribwixxi fil-pajjiż ta' l-oriġini tiegħu sabiex iżomm id-drittijiet għall-pensjoni hemmhekk, id-drittijiet għal pensjoni tiegħu, dwar il-perjodu meta kien membru ta' l-iskema temporanja tal-provvidenza, għandhom jitnaqqsu fil-proporzjon tas-somom irtirati mill-kont tiegħu.

Il-paragrafu ta' qabel m'għandux japplika meta uffiċjal talab, fi żmien tliet xhur minn meta r-Regolamenti tal-Persunal kienu applikati għalih, li jitħalla jħallas dawk is-somom bl-addizzjoni ta' imgħax kompost bir-rata ta' 3. 5 % fis-sena.

Artikolu 50

Meta uffiċjal li dwaru kienu applikati r-Regolamenti tal-Persunal skond id-disposizzjonijiet transitorji għandu jkun intitolat, jekk jitlaq mis-servizz fl-età ta' 65 sena mingħajr ma jkun għamel l-10 snin meħtieġa taħt l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal, li jagħżel pagament ta' għotja maħduma skond l-Artikolu 12 ta' dan l-Anness jew għal pensjoni proporzjonali maħduma skond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 51

Din l-iskema tal-pensjoni għandha tapplika għall-armla ta', u dawk intitolati taħt, kull ħaddiem tal-Komunitajiet li miet waqt impieg attiv qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal u ta' kull ħaddiem tal-Komunitajiet li, qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal, kien qed ibati minn invalidità permanenti totali fis-sens ta' l-Artikolu 78 tar-Regolamenti tal-Persunal, suġġetta għat-traferiment lill-Komunitajiet ta' l-ammonti dovuti għall-kreditu taħt l-iskema konġunta temporanja tal-provvidenza ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet. Il-Komunitajiet għandhom jassuma r-responsabbiltà tal-pagament tal-benefiċċji pprovduti f'din l-iskema tal-pensjoni.

Anness IX: Proċeduri dixxiplinari

Artikolu 1

Rapport għandu jintbagħat mill-Bord tad-Dixxiplina mill-awtorità tal-ħatra, fejn jgħid fiċ-ċar il-fatti li lmentaw fuqhom u, fejn ikun il-każ, iċ-ċirkostanzi kif inħolqu.

Ir-rapport għandu jkun ikkomunikat lill-president tal-Bord Dixxiplinari, li fuqu għandu jiġbed l-attenzjoni tal-membri tal-Bord u lill-uffiċjal mixli.

Artikolu 2

Hekk kif jirċievi r-rapport, l-uffiċjal ikkonċernat għandu d-dritt jara l-fajl personali sħiħ tiegħu u jieħu kopja tad-dokumenti kollha dwar il-proċedura.

Artikolu 3

Fl-ewwel laqgħa tal-Bord Dixxiplinari l-president għandu jaħtur wieħed mill-membri tiegħu biex iħejji rapport ġenerali dwar l-affari.

Artikolu 4

L-uffiċjal mixli jkollu mhux anqas minn 15-il ġurnata mid-data ta' l-irċevuta tar-rapport li jibda l-proċeduri dixxiplinarji biex iħejji d-difiża tiegħu.

Meta l-uffiċjal jidher quddiem il-Bord Dixxiplinari għandu d-dritt li jagħmel osservazzjonijiet bil-miktub jew bil-fomm, li jtella' xhieda u li jkun assistit fid-difiża tiegħu minn persuna ta' l-għażla tiegħu.

Artikolu 5

L-istituzzjonijiet għandhom l-istess ikollhom id-dritt li jtellgħu xhieda.

Artikolu 6

Jekk il-Bord Dixxiplinari jeħtieġ aktar informazzjoni dwar il-fatti ilmentati jew iċ-ċirkostanzi kif inħolqu, jista' jordna inkjesta fejn kull naħa tista' tippreżenta l-każ tagħha u twieġeb għall-każ tan-naħa l-oħra.

L-inkjesta għandha titmexxa mir-relatur. Għall-iskop ta' l-inkjesta, il-Bord jista' jitlob li xi dokumenti dwar il-kwistjoni jingiebu quddiemu.

Artikolu 7

Wara li jkunu kkunsidrati d-dokumenti mibgħuta u wara li jkun ikkunsidrati xi dikjarazzjonijiet li saru bil-fomm jew bil-kitba mill-uffiċjal ikkonċernat u mix-xhieda, u wkoll xi riżultati ta' xi inkjesta li saret, il-Bord Dixxiplinari, b'vot ta' maġġoranza, għandu jagħmel opinjoni rraġunata tal-miżura dixxiplinarja xierqa jekk il-fatti lmentati u jwassal l-opinjoni lill-awtorità tal-ħatra u lill-uffiċjal ikkonċernat fi żmien xahar mid-data meta l-kwistjoni kienet imsemmija lill-Bord. Il-limitu ta' żmien għandu jkun ta' tliet xhur meta inkjesta saret fuq istruzzjonijiet tal-Bord.

Fil-każ ta' proċeduri kriminali, il-Bord Dixxiplinari jista' jiddeċiedi li ma jagħtix l-opinjoni tiegħu sakemm il-qorti tgħid id-deċiżjoni tagħha.

L-awtorita' tal-ħatra għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar minn meta tisma' l-uffiċjal ikkonċernat.

Artikolu 8

Il-president tal-Bord Dixxiplinari m'għandux jivvota fuq kwistjonijiet li tressqu quddiem il-Bord, għajr fuq kwistjonijiet ta' proċedura u fejn il-voti huma ndaqs.

Huwa għandu jiżgura li d-deċiżjonijiet tal-Bord huma implimentati u għandu jġib l-informazzjoni u d-dokumenti kollha relevanti għall-attenzjoni ta' kull wieħed mill-membri tiegħu.

Artikolu 9

Is-segretarju għandu jżomm il-minuti tal-laqgħat tal-Bord Dixxiplinari.

Ix-xhieda għandhom jiffirmaw il-minuta li tirreġistra d-disposizzjonijiet tagħhom.

L-opinjoni rraġunata pprovduta fl-Artikolu 7 għandha tkun iffirmata mill-membri kollha tal-Bord Dixxiplinari.

Artikolu 10

L-ispejjeż li tħallsu fuq l-inizjattiva ta' l-uffiċjal matul il-proċeduri dixxiplinarji, b'mod partikolari l-ispejjeż lil persuna magħżula biex tgħin fid-difiża tiegħu minn barra t-tliet Komunitajiet Ewropej, għandhom jitħallsu mill-uffiċjal fejn il-proċeduri dixxiplinarji jirriżultaw li waħda mill-miżuri pprovduti fl-Artikolu 86(2)(ċ) sa (g) tar-Regolamenti tal-Persunal jew fejn il-proċedura taħt l-Artikolu 51 tar-Regolamenti tal-Persunal tirriżulta fit-tkeċċija minħabba inkompetenza.

Artikolu 11

Meta jkun hemm fatti ġodda appoġġati bl-evidenza relevanti, proċeduri dixxiplinarji jistgħu jerġgħu jinfetħu mill-awtorità tal-ħatra fuq l-inizzjattiva tagħha stess jew fuq l-applikazzjoni ta' l-uffiċjal ikkonċernat.

Anness X: Disposizzjonijiet speċjali u eċċezzjonali applikabbli għall-uffiċjali li jservu f'pajjiż terz (51)

Il-Kapitolu 1: Disposizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

Dan l-Anness iniżżel id-disposizzjonijiet speċjali u eċċezzjonali applikabbli għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej li jservi f'pajjiż terz.

Iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri biss tal-Komunitajiet jistgħu jkunu reklutati biex iservu fali pajjiż, l-awtorità tal-ħatra ma titħallix tapplika l-eċċezzjoni pprovduta fl-Artikolu 28(a) tar-Regolamenti tal-Persunal.

Disposizzjonijiet ġenerali ta' l-implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skond l-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 2

B'deċiżjoni ta' l-awtorità tal-ħatra fl-interessi tas-servizz, uffiċjali jkunu ttrasferiti perjodikament, kif ikun hemm bżonn mingħajr każ tal-posizzjonijiet battala.

Il-posizzjonijiet li għandhom jimtlew mill-uffiċjali li jservu barra l-Komunità hemm bżonn ikunu ddikkjarati battala sakemm il-proċedura tat-trasferiment imsemmija fl-ewwel subparagrafu ("il-proċedura tal-mobilità") titlesta.

Artikolu 3

Sabiex tippermetti perjodi ta' taħriġ mill-ġdid ta' tul limitat bħala parti mill-proċedura tal-mobilità pprovduta fl-Artikolu 2, l-awtorità tal-ħatra tista' tiddeċiedi li tassenja uffiċjċl li jservi barra l-Komunità f'posizzjoni fi Stat Membru tal-Komunitajiet Ewropej; it-tali assenjamenti, li m jkunux ippreċeduti minn avviż ta' posizzjoni battal, ma jistgħux ikunu għal aktar minn erba' snin. B'mod ta' deroga mill-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 1, l-l-awtorità tal-ħatra tista' tiddeċiedi, fuq il-bażi tad-disposizzjonijiet ġenerali ta' l-implimentazzjoni, li l-uffiċjal għandu jibqa' suġġett għal ċerti disposizzjonijiet ta' dan l-Anness għat-tul ta' dan l-assenjament temporanju, esklużi l-Artikoli 5, 10 u 12 tiegħu.

Il-Kapitolu 2: Obbligi

Artikolu 4

Uffiċjal għandu jwettaq id-dmirijiet tiegħu fil-post li huwa assenjat fih meta reklutat jew mat-trasferiment fl-interessi tas-servizz wara l-proċedura tal-mobilità.

Artikolu 5

Jekk l-istituzzjoni tipprovdi 'l-uffiċjal bl-alloġġ li jikkorrospondi mal-komposizzjoni tal-familja dipendenti tiegħu, huwa jkun meħtieġ jgħix fiha.

Il-Kapitolu 3: Kondizzjonijiet tax-xogħol

Artikolu 6

Kull sena kalendarja, l-uffiċjal ikun intitolat għal *leave* fis-sena ta' ħamest ijiem kalendarji għal kull xahar ta' servizz.

Artikolu 7

Fis-sena li fiha l-uffiċjal jibda jew jieqaf jaqdi d-dmirijiet tiegħu f'terza pajjiż, għandu jkun intitolat għal ħamest ijiem kalendarja *leave* għal kull xahar sħiħ ta' servizz, għal ħamest ijiem kalendarji għal xahar mhux komplut li jikkonsisti f'aktar minn 15-il ġurnata u għal jumejn kalendarji u nofs għal xahar mhux komplut ta' 15-il ġurnata jew anqas.

Meta uffiċjal, għal raġunijiet barra l-ħtiġiet tas-servizz, m'użax il-*leave* tas-sena tiegħu qabel l-aħħar tas-sena kalendarja kurrenti, l-ammont ta' *leave* li jista' jinġarr għas-sena ta' wara m'għandux jaqbeż l-20 ġurnata.

Artikolu 8

B'mod ta' eċċezzjoni, l-awtorità tal-ħatra tista', b'deċiżjoni speċjali rraġunata, tagħti lill-uffiċjal *leave* ta' mistrieħ minħabba l-kondizzjonijiet partikolarment diffiċli ta' l-għajxien fuq il-post ta' l-impieg tiegħu. Għal kull tali post, l-awtorità tal-ħatra tista' tistabbilixxi l-pajjiż(i) fejn il-*leave* tal-mistrieħ jistgħu jittieħdu.

Artikolu 9

1. Il-*leave* fis-sena jistgħu jittieħdu f'daqqa jew fuq ħafna perjodi, skond kif jixtieq l-uffiċjal u wara li jkunu kkunsidrati l-ħtiġiet tas-servizz. Madankollu, iridu jinkludu mill-anqas perjodu wieħed ta' 20 ġurnata kalendarja konsekuttiva.

2. Il-*leave* tal-mistrieħ imsemmija fl-Artikolu 8 ma jistgħux jaqbżu perjodu ta' 15-il ġurnata kalendarja għal kull sena ta' servizz. Ma jistgħux ikunu miżjuda mal-*leave* tas-sena, lanqas ma jistgħu jinġarru minn sena għall-oħra.

Il-perjodu tal-*leave* tal-mistrieħ jista' jittawwal bl-addizzjoni taż-żmien ta' l-ivvjaġġar maħdum skond l-Artikolu 7 ta' l-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal.

Il-Kapitolu 4: Emolumenti u benefiċċji tas-sigurtà soċjali

Taqsima 1: Emolumenti u benefiċċji tal-familja

Artikolu 10

1. Il-benefiċċju għall-kondizzjonijiet ta' l-għajxien għandu jkun stabbilit kond il-post ta' l-impieg ta' l-uffiċjal, bħala persentaġġ ta' ammont ta' riferenza. Dan l-ammont tar-riferenza għandu jkun magħmul mis-salarju bażiku totali, bl-addizzjoni tal-benefiċċju ta' l-espatrijazzjoni, il-*allowance* tal-familja u l-benefiċċju tat-tfal dipendenti, u mnaqqsin it-tnaqqis mandatarji imsemmija fir-Regolamenti tal-Persunal jew fir-regolamenti adottati biex jimplimentawhom.

Meta uffiċjal huwa impjegat f'pajjiż fejn il-kondizzjonijiet ta' l-għajxien jistgħu jitqiesu ekwivalenti għal dawk li normalment jinkisbu fil-Komunità, l-ebda tali benefiċċju m'huwa pagabbli.

Fil-każ ta' postijiet oħra ta' impieg, il-benefiċċju għall-kondizzjonijiet ta' l-għajxien għandhom ikunu stabbiliti kif ġej.
Il-parametri li għandhom ikunu kkunsidrati biex jistabbilixxu l-benefiċċju għall-kondizzjonijiet ta' l-għajxien għandhom ikunu dawn li ġejjin:

— saħħa u ambjent ta' l-isptar,

— sigurtà,

— it-temp,

li għal dawn it-tliet parametri għandu jkun applikat peżat ta' 1:

— livell ta' iżolazzjoni,

— kondizzjonijiet oħra lokali,

li għal dawn iż-żewġ parametri għandu jkun applikat peżat ta' 0.5.

Kull parametru jkollu l-valur li ġej:

0: fejn il-kondizzjonijiet huma normali iżda mhux ekwivalenti għal dawk li normalment jinkisbu fil-Komunità,

2: fejn il-kondizzjonijiet huma diffiċli mqabbla ma' dawk li normalment jinkisbu fil-Komunità,

4: fejn il-kondizzjonijiet huma diffiċli ħafna mqabbla ma' dawk li normalment jinkisbu fil-Komunità.

Il-benefiċċju għandu jkun stabbilit bħala persentaġġ ta' l-ammont tar-riferenza imsemmi fl-ewwel subparagrafu, skond l-iskala li ġejja:

— 10 % fejn il-valur huwa 0,

— 15 % fejn il-valur huwa aktar minn 0 iżda mhux aktar minn 2,

— 20 % fejn il-valur huwa aktar minn 2 iżda mhux aktar minn 5,

— 25 % fejn il-valur huwa aktar minn 5 iżda mhux aktar minn 8,

— 35 % fejn il-valur huwa aktar minn 8.

Il-benefiċċju għall-kondizzjoniet ta' l-għajxien għal kull post ta' l-impieg ikun rivedut u, fejn ikun il-każ, aġġustat kull sena mill-awtorità tal-ħatra wara li tinkiseb l-opinjoni tal-Kumitat tal-Persunal.

2. Jekk il-kondizzjonijiet ta' l-għajxien fil-post ta' l-impieg huma tali li jpoġġu l-uffiċjal taħt riskju personali, benefiċċju addizzjonali temporanju għandu jitħallas lilu b'deċiżjoni speċjali rraġunata mill-awtorità tal-ħatra. Dan il-benefiċċju għandu jkun stabbilit bħala persentaġġ ta' l-ammont tar-riferenza imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1:

— bħala 5 % fejn l-awtorità tavża l-persunal tagħha biex ma tistabbilix il-familja tagħha fil-post ta' l-impieg,

— bħala 10 % fejn l-awtorità tiddeċiedi li tnaqqas temporanjament in-numru ta' persunal li jservi fil-post ta' l-impieg.

Artikolu 11 (78)

Ir-remunerazzjoni, kif ukoll il-benefiċċji imsemmija fl-Artikolu 10, għandha titħallas f'euro fil-Belġju. Huma jkunu soġġetti għall-peżati applikabbli għar-remunerazzjoni ta' l-uffiċjali mpjegati fil-Belġju.

Artikolu 12

Fuq it-talba ta' l-uffiċjal, l-awtorità tal-ħatra tita' tiddeċiedi li tħallas ir-remunerazzjoni sħiħa jew parti minnha fil-munita tal-pajjiż ta' l-impieg. F'dak il-każ, tkun suġġetta għall-peżati għall-pot ta' l-impieg u tinqaleb fuq il-bażi tar-rata tal-kambju li tikkorropondi.

F'każijiet ta' eċċezzjoni sostanzjati sew, l-awtorità tal-ħatra tista' tagħmel dan il-pagament kollu jew parti minnu f'munita oħra barra tal-pajjiż ta' l-impieg b'tali mod li żżomm il-kapaċità ta' l-akkwist.

Artikolu 13

Sabiex ikun żgurat sa fejn possibbli li l-uffiċjali jgawdu kapaċità ta' l-akkwist ekwivalenti ikun fejn ikun il-post ta' l-impieg tagħhom, il-Kunsill għandu jistabbilixxi l-peżati imsemmija fl-Artikolu 12 kull sitt xhur. Il-Kunsill għandu, bi proċedura bil-miktub fi żmien xahar, jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, b'maġġoranza kkwalifikata, kif provdut fl-ewwel każ ippreżentat fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 148(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Artikolu 118 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika. Jekk Stat Membru jitlob eżami formali tal-proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill għandu jaġixxi fi żmien xahrejn.

Meta madankollu, fil-każ ta' pajjiż relevanti, il-varjazzjoni fl-għoli tal-ħajja mkejla fuq il-bażi tal-peżati u r-rata tal-kambju li tikkorropondi tinstab li qabżet 5 % mill-aħħar aġġustament, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fuq il-miżuri temporanji biex taġġusta l-peżati u tinforma lill-Kunsill b'hekk mill-aktar fis possibbli.

Artikolu 14

Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport fis-sena lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Anness u partikolarment fuq l-istabbiliment tal-benefiċċju għall-kondizzjonijiet ta' l-għajxien kif ipprovdut fl-Artikolu 10.

Artikolu 15

Fuq il-kondizzjonijiet imniżżla mill-awtorità tal-ħatra, l-uffiċjal għandu jirċievi benefiċċju ta' l-edukazzjoni biex ikopri l-ispejjeż attwali ta' l-edukazzjoni li ntefqu, bil-pagament tal-benefiċċju jsir mal-preżentazzjoni tad-dokumenti ta' l-appoġġ. Għajr b'każijiet meqjusa ta' eċċezzjoni mill-awtorità tal-ħatra, dan il-benefiċċju m'għandux jaqbeċtliet darbiet il-benefiċċju massimu rduppjat ta' l-edukazzjoni.

Artikolu 16 (78)

Ir-Rimborsar dovut lill-uffiċjali għandu jitħallas jew f'euro jew fil-munita tal-pajjiż ta' l-impieg, fuq il-bażi ta' talba rraġunata mill-uffiċjal.

L-uffiċjali jistgħu jagħżlu li l-benefiċċju ta' l-istallazzjoni jew ta' l-istabbiliment mill-ġdid jitħallas jew f'euro jew fil-munita tal-post ta' l-istallazzjoni jew ta' l-istabbiliment mill-ġdid; fil-każ ta' l-aħħar, għandhom ikunu suġġetti għall-peżati stabbiliti għall-post in kwistjoni u maqluba bir-rata tal-kambju li tikkorrospondi.

Taqsima 2: Regoli dwar ir-Rimborsar ta' l-ispejjeż

Artikolu 17

Uffiċjal li mhux fl-alloġġ bl-għamara pprovdut mill-istituzzjoni li, minħabba raġuni li m'għandux kontroll fuqhom, huwa obbligat li jibdel il-post tar-residenza tiegħu fil-post ta' l-impieg għandu, b'deċiżjoni speċjali rraġunata ta' l-awtorità tal-ħatra, jkun Rimborsat ta' l-ispejjeż li nefaq dwar it-tneħħija ta' għamara u effetti personali, mal-preżentazzjoni tad-dokumenti t'appoġġ u skond ir-regoli dwar it-tneħħija.

Fit-tali każijiet, ikollu l-ispejjeż attwali ta' l-istallazzjoni Rimborsati mal-preżentazzjoni tad-dokumenti t'appoġġ, suġġett għal massimu daqs nofs il-benefiċċju ta' l-istallazzjoni.

Artikolu 18

Uffiċjal li, fil-post ta' l-impieg tiegħu, qed joqgħod f'lukanda għax l-akkomodazzjoni pprovduta fl-Artikolu 5 ma tistax tkun allokata lilu jew m'għadhiex disponibbli għalih jew li, minħabba raġunijiet li m'għandux kontroll fuqhom, ma kienx kapaċi jieħu pussess ta' l-akkomodazzjoni tiegħu għandu jkun Rimborsat l-ispejjeż tal-lukanda tiegħu u tal-familja tiegħu mal-preżentazzjoni tal-kontijiet tal-lukanda, wara l-awtorizzazzjoni minn qabel ta' l-awtorità tal-ħatra.

Għandu jirċievi wkoll nofs il-benefiċċju ta' kuljum.

L-ispejjeż imsemmija fl-ewwel u t-tieni paragrafi għandhom ikunu Rimborsati suġġetti għal-limiti mniżżla fl-Artikolu 10 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, għajr fejn l-awtorità tal-ħatra tieħu deċiżjoni speċjali li hemm każ ta' forza maġġuri.

Fejn l-akkomodazzjoni tal-lukanda ma tistax tkun ipprovduta, l-uffiċjal għandu jkun intitolat għar-Rimborsarta' l-ispiża attwali għall-kiri ta' l-akkomodazzjoni temporanja, wara approvazzjoni minn qabel ta' l-awtorità tal-ħatra.

Artikolu 19

L-uffiċjal li m'għandux l-użu għal karozza tal-persunal għall-ivvjaġġar fuq xogħol uffiċjali ġewwa ż-żona ta' l-attività tiegħu, għandu jirċievi benefiċċju għall-mili għall-użu tal-karozza tiegħu. L-ammont tal-benefiċċju għandu jkun stabbilit mill-awtorità tal-Ħatra.

Artikolu 20

Uffiċjal ikun intitolat għall-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar għall-*leave* tal-mistrieħ mill-post ta' l-impieg tiegħu għall-post awtorizzat tal-*leave* għalih innifsu u, jekk huwa intitolat għall-*allowance* tal-familja, għall-konsorti u d-dipendenti tiegħu jekk jgħixu miegħu.

Fejn l-ivvjaġġar bil-ferrovija huwa impossibbli jew mhux prattiku, ir-Rimborsar għandu jkun b'deċiżjoni speċjali mal-preżentazzjoni tal-biljetti ta' l-ajru, tkun xi tkun id-distanza.

Artikolu 21

Uffiċjal li huwa obbligat jibdel il-post tar-residenza tiegħu sabiex jimxi m' l-Artikolu 20 tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 4 ta' dan l-Anness u ma jiċċaqlaqx minn daru għandu jkun intitolat, meta jibda d-dmirijiet tiegħu, għar-Rimborsar ta' l-ispiża tat-trasport ta' l-effetti personali tiegħu, suġġett għall-kondizzjonijiet imniżżla mill-awtorità tal-ħatra, mal-preżentazzjoni tad-dokumenti t'appoġġ.

Meta, wara trasferiment, uffiċjal huwa obbligat li jbiddel il-post tar-residenza tiegħu sabiex jimxi ma' l-Artikolu 20 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-istituzzjoni għandha, skond it-tip ta' akkomodazzjoni li tista' tkun ipprovduta fil-post ta' l-impieg u suġġetta għall-kondizzjonijiet imniżżlin mill-awtorità tal-ħatra, tieħu fuqha l-ispiża attwali tal-ġarr ta' l-għamara kollha jew parti minnha u l-effetti personali mill-lokalità tagħhom f'dak il-ħin għall-post ta' l-impieg jew tat-trasport ta' l-effetti personali tiegħu jew ta' ħażna. Ir-Rimborsar jista' jsir għal xi spejjeż minn dawn jew għal kollha.

Fil-każ tat-tmiem tas-servizz jew mewt, l-istituzzjoni għandha, suġġetta għall-kondizzjonijiet imniżżla mil-awtorità tal-ħatra, tieħu fuqha l-ispiża attwali tal-ġarr ta' l-għamara ta' l-uffiċjal u l-effetti personali mil-lokalità f'dak il-mument għall-post ta' l-oriġini tiegħu u tat-trasport ta' l-effetti personali tiegħu mill-post ta' l-impieg għall-post ta' l-oriġini tiegħu. Ir-Rimborsar jista' jsir għal xi spejjeż minn dawn jew għal kollha.

Fil-każ tal-mewt ta' uffiċjal mhux miżżewweġ, ir-Rimborsar għandu jsir li dawk intitolati taħtu.

Artikolu 22

Il-benefiċċju ta' l-akkomodazzjoni temporanja u l-ispiża tat-trasport ta' l-effetti personali tal-konsorti u d-dipendenti tiegħu jingħataw lill-uffiċjal taħt prova mill-istituzzjoni.

F'każ li l-uffiċjal taħt prova ma jkunx stabbilit fl-aħħar tal-perjodu ta' prova, l-istituzzjoni tista' f'każijiet ta' eċċezzjoni tieħu l-passi sabiex tiġbor sa nofs dawn is-somom fuq il-bażi tad-disposizzjonijiet imniżżla mill-awtorità tal-ħatra.

Artikolu 23

Meta l-uffiċjal mhux ipprovdut bl-akkomodazzjoni mill-istituzzjoni, il-kera tiegħu għandha tkun Rimborsata, sakemm l-akkomodazzjoni tikkorrospondi mal-livell tad-dmirijiet tiegħu u għall-komposizzjoni tal-familja dipendenti tiegħu.

Taqsima 3: Benefiċċji tas-sigurtà soċjali

Artikolu 24

L-uffiċjal, il-konsorti tiegħu, it-tfal tiegħu, u persuni oħra dipendenti fuqu għandhom ikunu koperti mill-assigurazzjoni supplimentari kontra l-mard għad-differenza bejn l-ispiża attwalment imħallsa u l-pagamenti mill-iskema pprovduta fl-Artikolu 72 tar-Regolamenti tal-Persunal; l-ebda rimbrżar ma jsir taħt l-Artikolu 72(3).

Nofs il-premium għandu jitħallas mill-uffiċjal u nofs mill-istituzzjoni. Madankollu, il-kontribuzzjoni ta' l-uffiċjal m'għandhiex taqbeż il-0.6 % tas-salarju bażiku tiegħu, kull bilanċ jitħallas mill-istituzzjoni.

L-uffiċjal, il-konsorti tiegħu, it-tfal tiegħu u persuni oħra dipendenti minnu għandhom ikunu assikurati għar-ripatrijazzjoni fuq bażi ta' saħħa fil-każ ta' emerġenza jew emerġenza estrema; il-premium għandu jitħallas kollu mill-istituzzjoni.

Artikolu 25

Il-konsorti, it-tfal u persuni oħra dipendenti fuq l-uffiċjal għandhom ikunu assikurati kontra aċċidenti li jiġru barra l-Komunità f'pajjiżi li jidhru fuq lista adottata għal dan l-iskop mill-awtorità tal-ħatra.

Nofs il-premium għandu jitħallas mill-uffiċjal u nofs mill-istituzzjoni.

Il-Kapitolu 5: Dixxiplina

Artikolu 26

L- Jekk uffiċjal kopert mit-Titolu VIIIa tar-Regolamenti tal-Persunal ikun suġġett għal proċedura dixxiplinarja, il-Bord Dixxiplinari għandu jinkludi żewġ membri bbażati f'siġġu ta' l-istituzzjoni u mtellgħin bil-polza rispettivament minn kull lista imsemmija fit-tieni u t-tielet subparagrafi ta' l-Artikolu 5(1) ta' l-Anness II tar-Regolamenti tal-Persunal.

Il-Kapitolu 6: Disposizzjonijiet transitorji

Artikolu 27

Skond ir-regoli ta' l-implimentazzjoni li għandhom ikunu adottati mill-awtorità tal-ħatra wara li tinkiseb l-opinjoni tal-Kumitat tal-Persunal, uffiċjal jew membru tal-persunal kopert mir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 3018/87 [1] għandu, għandu għal perjodu li ma jaqbiżx it-tul ta' l-assenjament li qed isir meta dawn id-disposizzjonijiet jidħlu fis-seħħ u għal massimu ta' ħames snin, jirċievi remunerazzjoni mill-anqas daqs dik li kien jirċievi ġurnata qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn id-disposizzjonijiet.

[1] ĠU L 286, tad-9.10.1987, p. 1.

Anness XI: Regoli biex ikunu implimentati l-Artikoli 64 u 65 tar-Regolamenti tal-Persunal (62)

Il-Kapitolu 1: Reviżjoni kull sena tar-remunerazzjoni

(L-Artikolu 65(1) tar-Regolamenti tal-Persunal)

Taqsima 1: Il-fatturi li jistabbilixxu l-aġġustamenti ta' kull sena

Artikolu 1

1. *Rapport mill-Uffiċċju ta' l-Istatistiċi tal-Komunitajiet Ewropej*

Għall-iskopijiet tar-reviżjoni pprovduta fl-Artikolu 65(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Uffiċċju ta' l-Istatistiċi tal-Komunitajiet Ewropej – minn issa "l quddiem imsejjaħ" l-Uffiċċju ta' l-Istatitiċi' – għandu jħejji kull sena qabel l-aħħar ta' Settembru rapport dwar il-bidliet fl-għoli tal-ħajja fi Brussel, il-partijiet ekonomiċi bejn Brussel u postijiet oħra ta' impieg fl-Istati Membri, u l-bidliet fil-kapaċità ta' l-akkwist tas-salarji tas-servizzi nazzjonali ċivili minn issa "l quddiem imsejħa" bidliet fil-kapaċità ta' l-akkwist'.

Il-perjodu ta' riferenza għal din l-informazzjoni jkun 12-il xahar qabel l-1 ta' Lulju tas-sena li fih issir ir-reviżjoni.

2. *Bidliet fl-għoli tal-ħajja fi Brussel (indiċi konġunt)*

L-Uffiċċju tbi ftehim ma' l-istituti ta' l-istatistiċi nazzjonali ta' l-Istati Membri – minn issa "l quddiem imsejħa" l-istituti nazzjonali' – għandhom iħejju indiċi konġunt biex ikejjel tibdil fl-għoli tal-ħajja għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej fi Brussel.

3. *Paritajiet ekonomiċi*

(a) L-Uffiċċju ta' l-Istatistika, bi ftehim ma' l-istituzzjonijiet nazzjonali, għandu jaħdem il-paritajiet ekonomiċi li jistabbilixxu l-kapaċità ta' l-akkwist tas-salarji ta' l-Uffiċjali Ewropej li jservu fil-kapitali ta' l-Istat Membri u f'ċerti postijiet oħra ta' l-impjieg speċifikati fl-Artikolu 9 b'riferenza għal Brussel.

(b) Il-paritajiet ekonomiċi għandhom jinħadmu b'tali mod li kull komponent bażiku jista' jkun ikkontrollat bi stħarriġ dirett mill-anqas darba kull ħames snin.

4. *Bidliet fil-kapaċità ta' l-akkwist tas-salarji tal-ħaddiema nazzjonali taċ-ċivil fil-gvern ċentrali (indikaturi speċifiċi)*

(a) Bil-għan li jitkejjel il-persentaġġ ta' bidla, jew 'il fuq jew 'l isfel, fil-kapaċità ta' l-akkwist fis-servizzi ċivili nazzjonali, l-Uffiċċju ta' l-Istatistiċi għandu, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni pprovduta mid-dipartimenti nazzjonali kkonċernati, jaħdem l-indikaturi speċifiċi li jirriflettu l-bidliet fir-remunerazzjoni f'termini reali tal-ħaddiema taċ-ċivil f'kull gvern ċentrali matul il-perjodu ta' riferenza.

L-indikaturi speċifiċi għandhom ikollhom żewġ forom:

— indikatur wieħed għal kull waħda mill-erba' kategoriji A, B, C, u D,

— indikatur medju peżat biex jirrifletti n-numru tal-ħaddiema taċ-ċivil nazzjonali f'kull kategorija.

Kull wieħed minn dawn l-indikaturi għandu jkun stabbilit f'termini totali reali u netti reali. Għat-transizzjoni mit-total għan-nett, għandhom ikunu kkunsidrati t-tnaqqis statutorji u l-fatturi ġenerali tat-tassazzjoni.

Biex ikunu stabbiliti l-indikaturi totali u netti għall-Istati Membri kollha flimkien, ir-riżultati ta' kull pajjiżi għandhom ikunu peżati bis-salarji totali tal-ħaddiema taċ-ċivil tal-gvern ċentrali kif muri fl-aktar statistiċi riċenti ppubblikati fil-kontijiet nazzjonali.

(b) Fuq it-talba ta' l-Uffiċċju ta' l-Istatistiċi, id-dipartimenti nazzjonali għandhom jipprovduha bl-informazzjoni addizzjonali li huwa jqis meħtieġa sabiex iħejji indikatur speċifiku li jkejjel bl-eżatt il-bidliet fil-kapaċità ta' l-akkwist tas-ħervizz taċ-ċivil nazzjonali.

Jekk, wara aktar konsulenza mad-dipartimenti nazzjonali, l-Uffiċċju ta' l-Istatitiċi jsib anomaliji statistiċi fl-informazzjoni miksuba jew isibha impossibbli biex iħejji indikaturi li jkejlu bi

preċiżjoni statistika. It-tibdil fil-qligħ reali tal-ħaddiema taċ-ċivil fi Stat Membru kkonċernat, għandu jirrapporta lill-Kummissjoni u jipprovdiha bil-materjal kollu meħtieġ biex tagħmel eżami.

(ċ) L-Uffiċċju ta' l-Istatistiċi għandu wkoll jeżamina statistikament id-differenza bejn ir-rati totali u netti ta' l-indikaturi speċifiċi.

(d) Minbarra l-indikaturi speċifiċi, l-Uffiċċju ta' l-Istatistiċi għandu jibgħat indikaturi tal-kontroll f'forma ta' informazzjoni dwar emolumenti reali għal kull ras fi gvern ġenerali u fi gvern ċentrali, imħejjin skond id-definizzjonijiet tal-kontijiet nazzjonali.

Ir-rapport ta' l-Uffiċċju ta' l-Istatistiċi dwar l-indikaturi speċifiċi għandu jkun akkumpanjat bl-ispjegazzjonijiet tad-differenzi bejn dawn l-indikaturi u l-indikaturi fuq imsemmija ta' kontroll.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha tipproduċi, qabel l-aħħar ta' l-1992 u kull tliet snin wara, rapport sħiħ dwar il-ħtiġiet tar-reklutaġġ ta' l-istituzzjonijiet u tibgħatu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Fuq il-bażi ta' dan ir-rapport il-Kummissjoni, jekk hemm bżonn, għandu jagħmel proposti bbażati fuq il-fatturi relevanti kollha lill-Kunsill wara li jikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fil-qafas tar-Regolamenti tal-Persunal.

Taqsima 2: Arranġamenti għall-aġġustamenti ta' kull sena tar-remunerazzjoni

Artikolu 3

1. B'effett mill-1 ta' Lulju u skond l-Artikolu 65(3) tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni u fuq il-bażi tal-kriterji ppreżentati fl-Ewwel Taqsima, għandu jieħu deċiżjoni qabel l-aħħar ta' kull sena li jaġġusta r-remunerazzjonijiet.

2. L-ammont ta' l-aġġustament għandu jinkiseb billi l-indiċi konġunt, peżat b'tali mod li l-indiċi Belġjan (il-komponent kapitali ta' Brussel) jgħodd għal 25 %, ikun immoltiplikat bl-indikatur speċifiku. L-aġġustament għandu jkun f'termini netti u jista' jkun espress bħala persentaġġ uniformi fuqhom kollha jew f'manjiera mhux proporzjonali.

L-aġġustament jista' għalhekk ikun espress bħala:

— persentaġġ wieħed jew aktar,

u/jew

— ammont assolut.

Jekk l-aġġutament mhux espress bħala persentaġġ wieħed, għandu jkun effettwat b'tali mod li l-bidla fl-emolumenti għandha tikkorrispondi għal aġġustament espress bħala persentaġġ.

3. L-ammont ta' l-aġġustament stabbilit hekk u l-peżati applikabbli għall-uffiċjali li jservu fil-Belġju wara l-applikazzjoni tar-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 63 tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun inkorporat, skond il-metodu li ġej, fit-tabelli tas-salarji li jidhru fl-Artikolu 66 tar-Regolamenti tal-Persunal u fl-Artikoli 20 u 63 tal-Kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' ħaddiema oħra:

— ir-remunerazzjoni netta għal peżata ta' 100 marbuta ma' kull skala ta' kull grad ta' uffiċjal u għal kull klassi f'kull grupp ta' ħaddiema oħra għandha tiżdied bil-peżata t'hawn fuq, u bl-ammont ta' l-aġġustament fis-sena imsemmi hawn fuq, kemm bħala persentaġġ u/jew bħala ammont assolut;

— it-tabella l-ġdida tas-salarji bażiċi f'termini totali għandha titħejja billi jinħadem għal kull skala jew kategorija l-ammont totali li wara li jsir it-tnaqqis tat-taxxa, wara li jkun ikkunsidrat il-paragrafu 4 u t-tnaqqis obbligatorju tas-sigurtà soċjali u l-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni, jikkorrospondi għall-ammont nett;

— il-konverżjoni ta' l-ammonti netti f'ammonti totali għandha tkun ibbażata fuq is-sitwazzjoni ta' uffiċjal mhux miżżewweġ li ma jirċevix il-benefiċċji varji pprovduti fir-Regolamenti tal-Persunal;

— il-peżati għall-Belġju kif ukoll għal-Lussemburgu għandhom ikunu stabbiliti bħala 100.

4. Bil-għan li jkun applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jniżżel il-kondizzjonijiet u l-proċedura biex tkun applikata t-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej, l-ammonti fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament għandhom ikunu mmoltiplikati b'fattur magħmul minn:

— il-fattur li jirriżulta mill-aġġustament ta' qabel;

— il-pożat kurrenti applikabbli għar-remunerazzjonijiet ta' l-uffiċjali li jservu fil-Belġju wara l-applikazzjoni tar-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 63 tar-Regolamenti tal-Persunal, u qabel ikun inkorporat, kif ippreżentat fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu;

— ir-rata ta' l-aġġustament tar-remunerazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2;

u/jew

— jekk l-aġġustament magħmul f'forma ta' ammont assolut, il-persentaġġ medju ekwivalenti.

5. Il-pożati applikabbli fil-kapitali u l-postijiet ta' l-impieg barra Brussel u l-Lussemburgu għandhom ikunu stabbiliti fuq il-bażi tar-relazzjonijiet bejn il-paritajiet ekonomiċi imsemmija fl-Artikolu 1 u r-rati tal-kambju speċifikati fl-Artiklu 63 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-pajjiżi relevanti.

Madankollu, il-proċeduri mniżżlin fl-Artikolu 8 dwar l-applikazzjoni b'effett b'lura tal-pożati f'postijiet ta' mpieg b'rata għolja ta' inflazzjoni, għandhom japplikaw.

6. Għall-postijiet ta' impieg barra Brussel u l-Lussemburgu, il-bidliet fl-għoli tal-ħajja matul il-perjodu tar-riferenza għandhom jinstabu indirettament billi l-indiċi konġunt għal Brussel ikun immoltiplikat bil-bidla fil-parità ekonomika tal-post ta' l-impieg in kwistjoni.

Il-Kapitolu 2: Aġġustamenti intermedji tar-remunerazzjoni

(L-Artikolu 65 (2) tar-Regolamenti tal-Persunal)

Artikolu 4

1. Aġġustament intermedji tar-remunerazzjoni skond l-Artikolu 65(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, li jidħlu fi-seħħ fl-1 ta' Jannar, għandhom isiru f'każ ta' bidla sostanzjali fl-għoli tal-ħajja jekk jintlaħaq il-livell ta' sensittività u b'konċessjoni dovuta tingħata għat-tbassir fil-bidla fil-kapaċità ta' l-akkwist matul il-perjodu kurrenti tar-riferenza fis-sena.

2. Il-proposta tal-Kummissjoni għandha tintbagħat lill-Kunsill mhux aktar tard mit-tieni nofs t'April.

3. Dawn l-aġġustamenti interimi għandhom ikunu kkunsidrati fl-aġġustamenti fis-sena tas-salarji.

Artikolu 5

1. F'Marzu ta' kull sena l-Uffiċċju ta' l-Istatistiċi għandu jbassar il-bidliet fil-kapaċità ta' l-akkwist tul il-perjodu kkonċernat fuq il-bażi ta' l-informazzjoni pprovduta fil-laqgħa, ipprovduta fl-Artikolu 12.

Jekk dan it-tbassir jipproduċi persentaġġ negattiv, nofs dan il-persentaġġ għandu jkun ikkunsidrat fil-kalkolu ta' l-aġġustament.

2. It-tibdil fl-għoli tal-ħajja għal Brussel għandu jitkejjel bl-indiċi konġunt għall-perjodu tar-riferenza kostitwit mit-tieni nofs tas-sena kalendarja ta' qabel.

3. Għall-postijiet ta' l-impieg minbarra Brussel u l-Lussemburgu, parità ekonomika għandha tinħadem b'riferenza għal Brussel. Il-bidla fl-għoli tal-ħajja għandha tinħadem skond ir-regoli ppreżentati fl-Artikolu 3(6).

Artikolu 6

1. Il-livell ta' sensittività għandu jkun 55 % tal-bidla medja fl-għoli tal-ħajja tal-Komunità, irreġistrat fuq it-tieni perjodu ta' sitt xhur tas-sena kalendarja ta' qabel u kif ippubblikat mill-Uffiċċju ta' l-Istatistika fl-aġġornament ta' kull xahar tiegħu tal-prezzijiet għall-konsumatur. Madankollu, l-ogħla u lanqas limiti għandhom ikunu ta' 5 % u ta' 2.75 % rispettivament.

2. Il-limitu minimu stabbilit hekk għandu jkun applikat skond il-proċedura li ġejja, suġġett, dwar il-kalkolu tal-pożati, għall-applikazzjoni tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 5(1):

— jekk il-limitu kif definit hawn fuq jintlaħaq jew jinqabeż fi Brussel, il-pożati għall-postijiet kollha ta' l-impieg għandhom ikunu aġġustati,

— jekk il-limitu tas-sensittività ma jintlaħaqx fi Brussel, il-peżati biss għall-postijiet fejn l-inflazzjoni qabżet il-limitu għandhom ikunu aġġustati.

Artikolu 7

1. L-ammont ta' l-aġġustament għandu jkun l-indiċi konġunt għal Brussel, immoltiplikat, fejn ikun il-każ, b'nofs l-indikatur speċifiku mbassar jekk dan it-tbassir huwa fin-negattiv.

2. Suġġett għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6:

— il-peżati għal Brussel u għal-Lussemburgu jkunu l-ammont ta' l-aġġustament immoltiplikat bil-peżati ta' qabel;

— il-peżati għal kull post ieħor ta' l-impieg ikunu l-ammont ta' l-aġġustament immoltiplikat bir-relazzjoni ta' bejn il-parità ekonomika relevanti u r-rata tal-kambju pprovduta fl-Artikolu 63 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Il-Kapitolu 3: Pajjiżi b'rata għolja ta' inflazzjoni

(Id-data meta l-peżati jidħlu fis-seħħ)

Artikolu 8

1. Għall-pajjiżi b'rata għolja ta' inflazzjoni, il-peżati għandhom jidħlu fis-seħħ qabel l-1 ta' Jannar fil-każ ta' l-aġġustament ta' interim, jew l-1 ta' Lulju fil-każ ta' l-aġġustament ta' kull sena, sabiex it-telf fil-kapaċità ta' l-akkwist jinġieb in linea ma' dak li kien ikun f'post ta' impieg fejn il-bidla fl-għoli tal-ħajja kkorrospondiet mal-livell minimu tas-sensittività. In-numru teoretiku ta' ġranet bih id-data effettiva trid tinġieb 'il quddiem sabiex twassal għat-telf li jikkorrospondi għandu jinħadem għal kull post ta' impieg bl-użu tal-formula li ġejja:

$$N = \frac{\dfrac{-6 + \left[\dfrac{1-b}{1-\sqrt[6]{b}}\right]}{b} - \dfrac{-6 + \left[\dfrac{1-a}{1-\sqrt[6]{a}}\right]}{a}}{1 - \dfrac{1}{a}} \times 30$$

fejn N hija n-numru teoretiku ta' ġranet, a hija l-persentaġġ tal-bidla fl-għoli tal-ħajja fil-post + 1, u b hija l-livell tas-sensittività + 1.

2. Fuq il-bażi tan-numru teoretiku ta' ġranet, id-dati effettivi jkunu kif ġej:

— fl-ewwel ġurnata tax-xahar għall-postijiet ta' l-impieg li għandhom data teoretika li taqa' bejn it-22 tax-xahar ta' qabel u s-sitta tax-xahar in kwistjoni, u

— is-16 tax-xahar għall-postijiet ta' l-impieg li għandhom data teoretika li taqa' bejn is-sebgħa u l-21 ta' l-istess xahar.

Fl-ebda każ id-data effettiva ma tkun l-1 jew is-16 ta' Diċembru għall-aġġustament ta' l-interim, jew l-1 jew is-16 ta' Ġunju għall-aġġustament tas-sena.

Il-Kapitolu 4: Ħolqien ta' peżati

(L-Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal)

Artikolu 9

Fuq il-bażi ta' rapport mill-Uffiċju ta' l-Istatistika u meta fatturi oġġettivi juru distorzjoni apprezzabbli fil-kapaċità ta' l-akkwist f'post relevanti ta' l-impieg imqabbel ma' dak fil-kapitali ta' l-Istat Membru kkonċernat, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni u skond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal, għandu jiddeċiedi biex jistabbilixxi peżati għal dak il-post.

Il-Kapitolu 5: Klawżola ta' eċċezzjoni

L-Artikolu 10

Jekk ikun hemm deterjorament serju u mhux mistenni fis-sitwazzjoni ekonomika u soċjali ġewwa l-Komunità, eżaminata fuq bażi ta' informazzjoni oġġettiva pprovduta għal dan l-iskop mill-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandha tibgħat proposti xierqa li fuqhom jagħixxi l-Kunsill b'maġġoranza kkwalifikata wara li jikkonsulta l-istituzzjonijiet ikkonċernati l-oħra skond il-proċedura mniżżla fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 24(1) tat-Trattat li jistabbilixxi Kunsill Wieħed u Kummissjoni Waħda tal-Komunitajiet Ewropej.

Il-Kapitolu 6: L-irwol ta' l-Uffiċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej u r-Relazzjonijiet ma' l-istituzzjonijet ta' l-Istatistika nazzjonali ta' l-Istati Membri l-

Artikolu 11

Ikun kompitu ta' l-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej li jissorvelja l-kwalità ta' l-informazzjoni bażika u l-metodi ta' l-Istatistika wżati biex jinħadmu l-fatturi kkunsidrati għall-aġġustament tar-remunerazzjonijiet. B'mod partikolari, huwa għandu jagħmel kull eżami u jwettaq kull studju meħtieġ għat-tali sorveljanza.

Artikolu 12

F'Marzu ta' kull sena, l-Uffiċċju ta' l-Istatistika għandu jlaqqa' parti tal-ħidma magħmula minn esperti minn istituzzjonijiet nazzjonali li tkun magħrufa bħala "il-Parti tal-Ħidma fuq l-Artikolu 65 tar-Regolamenti tal-Persunal'."

Fil-laqgħa, il-problemi statistiċi kollha dwar l-indikaturi speċifiċi, b'mod partikolari problemi li jinvolvu l-kalkolu ta' dawn l-indikaturi f'termini netti, għandhom ikunu eżaminati.
Fil-laqgħa, li ġej ukoll ikun ipprovdut:

— informazzjoni dwar ix-xejra fis-siegħat tax-xogħol f'dipartimenti tal-gvern ċentrali,

— l-informazzjoni meħtieġa biex tipproduċi tbassir tal-bidliet fil-kapaċità ta' l-akkwist għall-iskopijiet ta' l-aġġustament ta' l-interim tar-remunerazzjoni.

Artikolu 13

Mill-anqas darba f'sena u mhux aktar tard minn Settembru, l-Uffiċċju ta' l-Istatistika għandu jlaqqa' parti tal-ħidma magħmula minn esperti minn istituzzjonijiet nazzjonali li tkun magħrufa bħala "l-Parti tal-Ħidma fuq l-Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal'."

Fil-laqgħa, il-problemi ta' l-Istatistika kollha dwar l-istabbiliment ta' l-indiċi konġunt u l-paritajiet ekonomiċi, għandhom ikunu eżaminati.

Artikolu 14

Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Uffiċċju ta' l-Istatitika b'kull fattur li jkollu impatt dirett jew indirett fuq il-konsum u l-bidliet fir-remunerazzjoni tal-ħaddiema taċ-ċivil tal-gvern ċentrali.

Il-Kapitolu 7: Disposizzjonijiet finali u l-klawżola tar-reviżjoni

Artikoli u 15 (88)

1. Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Anness għandhom jgħoddu mill-1 ta' Lulju 1991 sat-30 ta' Ġunju 2003.

2. Għandhom ikunu riveduti fl-aħħar tal-ħames sena u riveduti, jekk ikun il-każ, fuq il-bażi ta' rapport trasmess lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u fuq proposta mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni ma' l-istituzzjonijiet l-oħra ġewwa l-qafas tar-Regolamenti tal-Persunal.

II

Kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej

		Artikolu	*Paġna*
Titolu I:	**Disposizzjonijiet ġenerali**	1 - 7a	95
Titolu II:	**Persunal temporanju**		96
Il-Kapitolu 1:	Disposizzjonijiet ġenerali	8 - 10	96
Il-Kapitolu 2:	Drittijiet u obbligi	11	97
Il-Kapitolu 3:	Kondizzjonijiet ta' l-ingaġġ	12 - 15	98
Il-Kapitolu 4:	Kondizzjonijiet tax-xogħol	16 - 18	99
Il-Kapitolu 5:	Remunerazzjoni u spejjeż	19 - 27	100
Il-Kapitolu 6:	Benefiċċji tas-sigurtà soċjali		102
	Taqsima A: Assigurazzjoni kontra mard u aċċidenti, benefiċċji tas-sigurtà soċjali	28 - 30	102
	Taqsima B: Assigurazzjoni kontra invaliditá u mewt	31 - 38a	104
	Taqsima Ċ: Pensjoni ta' rtirar u għotja għal firda	39 - 40	107
	Taqsima D: Iffinanzjar ta' l-iskema ta' l-assigurazzjoni ta' l-invaliditá u l-ħajja u ta' l-iskema tal-pensjoni	41 - 42	108
	Taqsima E: Ħlas ta' talbiet minn personal temporanju	43	108
	Taqsima F: Ħlas ta' benefiċċji	44	108
	Taqsima G: Subrogazzjoni favur il-Komunitajiet	44a	108
Il-Kapitolu 7:	Irkuprar ta' pagamenti żejda	45	108
Il-Kapitolu 8:	Appelli	46	109
Il-Kapitolu 9:	Tmiem ta' l-impieg	47 - 50a	109
Titolu III:	**Persunal awżiljari**		110
Il-Kapitolu 1:	Disposizzjonijiet ġenerali	51 - 53	110
Il-Kapitolu 2:	Drittijiet u obbligi	54	111
Il-Kapitolu 3:	Kondizzjonijiet ta' l-ingaġġ	55 - 56	112
Il-Kapitolu 4:	Kondizzjonijiet tax-xogħol	57 - 60	112
Il-Kapitolu 5:	Remunerazzjoni u spejjeż	61 - 69	113
Il-Kapitolu 6:	Benefiċċji tas-sigurtà soċjali	70 - 71	114
Il-Kapitolu 7:	Irkuprar ta' pagamenti żejda	72	115
Il-Kapitolu 8:	Appelli	73	115
Il-Kapitolu 9:	Tmiem ta' l-impieg	74 - 78	115
Titolu IV:	**Persunal lokali**	79 - 81	116
Titolu V:	**Konsulenti speċjali**	82 - 83	117
Titolu VI:	**(mħassar)**		117
Titolu VII:	**Disposizzjonijiet transitorji**	92 - 101	118
Titolu VIII:	**Disposizzjonijiet finali**	102 - 103	118

Titolu I

Disposizzjonijiet ġenerali

Artikoli u 1 (18)

Il-kondizzjonijiet ta' l-impieg għandhom jgħoddu għall-impjegati mqabbda biex jaħdem taħt kuntratt mill-Komunitajiet.

It-tali mpjegati għandhom ikunu:

— persunal temporanju,

— persunal awżiljari,

— persunal lokali,

— konsulenti speċjali.

Artikoli u 2 (18)

Għall-iskopijiet ta' dawn il-kondizzjonijiet ta' l-impieg, "persunal temporanju" tfisser:

(a) persunal imqabbad biex jimla post li huwa nkluż fil-lista tal-postijiet imwaħħla mat-taqsima tal-*budget* rigward kull istituzzjoni u li l-awtoritajiet ta' l-estimi kklassifikaw bħala temporanji;

(b) persunal imqabbad biex jimla temporanjament post permanenti inkluż fil-lista tal-postijiet marbutin mat-taqsima ta' l-estimi relatat ma' kull istituzzjoni;

(ċ) persunal, barra uffiċjali tal-Komunitajiet, imqabbad biex jassisti jew persuna li għandha uffiċċju pprovdut fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet, jew Trattat li jistabbilixxi Kunsill Wieħed u Kummissjoni waħda tal-Komunitajiet Ewropej, jew il-President elett ta' waħda mill-istituzzjonijiet jew organi tal-Komunitajiet jew il-President Elett ta' wieħed mill-gruppi politiċi fil-Parlament Ewropew;

(d) persunal imqabbad biex jimla temporanjament post permanenti mħallas mill-approprjazzjonijiet tar-riċerka u l-investiment u inkluż fil-lista tal-postijiet marbutin ma' l-estimi li jirrelata għall-istituzzjoni kkonċernata.

Artikolu 3

Għall-iskopijiet ta' dawn il-kondizzjonijiet ta' l-impieg, "persunal awżiljarju" ifisser:

(a) persunal imqabbad, fil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 52, għall-qadi ta' dmirijiet ta' xogħol regolari jew xogħol bis-siegħa f'istituzzjoni iżda mhux asenjat għal post inkluż fil-lista ta' postijiet marbutin mat-taqsima ta' l-estimi relatat ma' dik l-istituzzjoni;

(b) persunal imqabbad, wara li l-possibiltajiet ta' ingaġġ temporanju ta' uffiċjali minn ġewwa l-istituzzjoni kienu eżaminati, biex jibdel ċerti persuni li għalissa ma' jistgħux jaqdu d-dmirijiet tagħhom, jiġifieri:

— uffiċjali jew persunal temporanju fil-Kategorija B, Ċ, jew D jew fis-Servizzi tal-Lingwi;

— bħala eċċezzjoni, uffiċjali jew persunal temporanju fil-Kategorija A, barra dawk fil-Grad A 1 jew A 2, li jokkupaw post speċjaliżżat ħafna;

it-tali persunal għandu jitħallas mill-approprijazzjonijiet totali għall-iskop taħt it-taqsima ta' l-estimi relatati ma' l-istituzzjoni.

Artikolu 4 (8) (18) (24)

Għall-iskopijiet ta' dawn il-kondizzjonijiet ta' l-impieg, "persunal lokali" ifisser persunal imqabbad biex jaħdem skond il-prattika lokali tad-dmirijiet manwali jew tas-servizz, assenjat għal posizzjoni mhux

inkluż fil-lista tal-posizzjonijiet marbutin mat-taqsima ta' l-estimi relatati ma' kull istituzzjoni u mħallsa mill-approprijazzjonijiet totali għall-iskop taħt dik it-taqsima ta' l-estimi. B' mod ta' eċċezzjoni, il-persunal imqabbad biex jaqdi dmirijiet eżekuttivi fl-Uffiċċji ta' l-Istampa u ta' l-Informazzjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej jistgħu jitqiesu wkoll bħala personal lokali.

F'postijiet ta' impieg barra l-pajjiżi tal-Komunità, il-persunal imqabbad biex jaqdi d-dmirijiet barra dawk imsemmija fl-ewwel paragrafu, li, fl-interessi tas-servizz, ma setgħux ikunu assenjati lil uffiċjal jew ħaddiem li għandu kapaċità oħra fis-sens ta' l-Artikolu 1, ukoll għandu jitqies bħala persunal lokali.

Artikolu 5

Għall-iskopijiet ta' dawn il-kondizzjonijiet ta' l-impieg, "konsulent speċjali" ifisser persuna li, minħabba l-kwalifiki speċjali tagħha u minkejja impieg bi qligħ f'xi kapaċità oħra, hija mqabbda biex tassisti waħda mill-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet jew regolarment jew għal perjodu speċifikat u li titħallas mill-approprijazzjonijiet totali għall-iskop taħt it-taqsima ta' l-estimi relatati ma' l-istituzzjoni li taħdem magħha.

Artikolu 6

Kull istituzzjoni għandha tistabbilixxi min huwa awtorizzat jikkonkludi l-kuntratti riferuti fl-Artikolu 1.

Id-disposizzjonijiet tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 1 u t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 2 tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw bħala analoġija.

Artikolu 7 (8)

Impjegat li l-kuntratt tiegħu huwa għal aktar minn sena jew għall-perjodu mhux definit għandu jkun intitolat biex jivvota f'elezzjonijiet u jikkontesta elezzjonijiet tal-Kumitat tal-Persunal ipprovdut fl-Artikolu 9 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Impjegat li l-kuntratt tiegħu huwa għal anqas minn sena għandu jkun intitolat biex jivvota jekk ilu impjegat għal mill-anqas sitt xhur.

Il-Kumitat Konġunt ipprovdut fl-Artikolu 9 tar-Regolamenti tal-Persunal jista' jkun ikkonsultat mill-istituzzjoni jew mill-Kumitat tal-Persunal dwar kwestjonijiet ta' natura ġenerali dwar ħaddiema li għalihom japplika l-Artikolu 1.

Artikolu 7a (8)

L-Artikolu 24a tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jgħodd għall-ħaddiema riferuti fl-Artikolu 1.

Titolu II

Persunal temporanju

Il-Kapitolu 1

Disposizzjonijiet ġenerali

Artikolu 8 (18) (44)

Persunal temporanju li għalih japplika l-Artikolu 2(a) għandu jitqabbad jaħdem għal perjodu stabbilit jew indefinit.

Il-persunal temporanju li għalih japplika l-Artikolu 2(b), ma jitqabbadx jaħdem għal aktar minn sentejn, u l-kuntratti tagħhom ma jiġġeddux aktar minn darba għal perjodu massimu ta' sena. Fl-aħħar ta' dak iż-żmien, ma jibqgħux impjegati aktar bħala persunal temporanju. Meta jiskadu l-kuntratti tagħhom, it-tali ħaddiema jistgħu jkunu assenjati f'posizzjonijiet stabbiliti fl-istituzzjonijiet biss jekk jinħatru bħala uffiċjali skond ir-Regolamenti tal-Persunal.

Il-persunal temporanju li għalih japplika l-Artikolu 2(ċ) għandu jitqabbad jaħdem għal perjodu indefinit.

Il-persunal temporanju li għalih japplika l-Artikolu 2(d) għandu jitqabbad jaħdemtaħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

— persunal temporanju fil-Kategorija A jew B meħtieġ biex jaqdi dmirijiet li għandhom bżonn kwalifiki xjentifiċi jew tekniċi għandu jitqabbad biex jaħdem għal mhux aktar minn ħames snin; il-kuntratti tagħhom jistgħu jiġġeddu;

— persunal fil-Kategorija A jew B meħtieġ biex jaqdi dmirijiet amministrattivi għandu jitqabbad jaħdem għal perjodu indefinit;

— persunal fil-Kategorija C jew D għandu jitqabbad jaħdem għal perjodu indefinit jew definit.

Il-kuntratti tal-persunal li għalihm japplika l-Artikolu 2(a) jew l-Artikolu 2(d) li huma mqabbdin għal perjodu fiss jistgħu jiġġeddu għal mhux aktar minn darba għal perjodu fiss. Kull tiġdid ieħor ikun għal perjodu indefinit.

Artikolu 9

Persunal temporanju ma jkunx imqabbad għal xi skop ieħor minbarra biex jimla, skond dan it-Tirolu, posizzjonijiet battala nkluż fil-lista tal-posizzjonijiet marbutin mat-taqsima ta' l-estimi relatati ma' kull istituzzjoni.

Artikolu 10 (77)

L-Artikolu 1a, l-Artikolu 5(1), (2) u (4) u l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Persunal dwar trattament indaqs ta' l-uffiċjali, il-klassifikazzjoni tal-posizzjonijiet fil-kategoriji, fis-servizzi u l-gradi u l-assenjament ta' l-uffiċjali fil-posizzjonijiet għandhom japplikaw b'analoġija.

Il-grad u l-iskala li fihom se jkun ingaġġat il-persunal temporanju għandhom jingħadu fil-kuntratt tagħhom.

L-assenjament ta' persunal temporanju għal posizzjoni li ġġorr grad ogħla minn dak li kienu ngaġġati fih għandu jkun irreġistrat fil-ftehim supplimentari mal-kuntratt tas-servizz tagħhom.

L-Artikoli 93 sa 101 tar-Regolamenti tal-Perunal u l-Anness I B tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw b'analoġija għall-persunal temporanju tal-Kummissjoni li jokkupaw posizzjonijiet fil-qasam tax-xjenza nuklejari li jeħtieġu kwalifiki xjentifiċi jew tekniċi u mħallsa minn approprijazzjonijiet fl-estimi tar-riċerka u l-investiment.

Persunal temporanju li għalihom japplika l-paragrafu ta' qabel għandhom ikunu nklużi fin-numru massimu stabbilit skond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 93 tar-Regolament tal-Persunal.

Il-Kapitolu 2

Drittijiet u obbligi

Artikoli u 11 (44)

Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 11 sa 26 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar id-drittijiet u l-obbligi ta' l-uffiċjali, għandhom japplikaw b'analoġija. Madankollu, meta membru tal-persunal temporanju għandu kuntratt għal perjodu stabbilit, it-tul ta' żmien ta' *leave* fuq raġunijiet personali riferuti fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Persunal għandu jkun limitat għall-bqija taż-żmien tal-kuntratt.

Kull deċiżjoni li trid tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mill-Komunitajiet bħala riżultat ta' kondotta serjament ħażina, kif ipprovdut fl-Artikolu 22 tar-Regolamenti tal-Persunal, għandha tittieħed mill-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 wara li jkunu osservati l-formalitajiet ipprovduti fil-każijiet tat-tkeċċija minħabba kondotta serjament ħażina .

Deċiżjonijiet dwar membri individwali tal-persunal temporanju għandhom ikunu ppubblikati kif ipprovdut fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 25 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Il-Kapitolu 3

Kondizzjonijiet ta' l-ingaġġ

Artikolu 12 (77)

1. L-ingaġġ tal-persunal temporanju għandu jkun dirett biex jiżgura għall-istituzzjoni s-servizzi ta' persuni ta' l-ogħla livell ta' abilita', effiċjenza u integrità, reklutati mill-aktar bażi ġeografika wisgħa possibbli minn fost iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tal-Komunitajiet.

Persunal temporanju għandu jintgħażel mingħajr distinzjoni dwar razza, twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż, sess jew xejriet sesswali u mingħajr riferenza għall-istat maritali jew is-sitwazzjoni tal-familja tiegħu.

2. Membru tal-persunal temporanju jista' jitqabbad jaħdem biss bil-kondizzjoni li:

(a) ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Komunitajiet, sakemm eċċezzjoni mhux awtorizzata mill-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6, u jgawdi mid-drittjiet kollha tiegħu bħala ċittadin;

(b) huwa wettaq kull obbligu impost fuqu mil-liġijiet dwar is-servizz militari;

(ċ) huwa jipproduċi r-riferenzi tal-karattru xierqa li juru li huwa tajjeb biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu;

(d) huwa fiżikament b'saħħtu biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu; u

(e) huwa jipproduċi evidenza ta' għarfien komplut ta' waħda mill-lingwi tal-Komunitajiet u ta' għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra tal-Komunitajiet sal-punt meħtieġ biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu.

Artikolu 13 (46)

Qabel ikun imqabbad jaħdem, membru tal-persunal temporanjugħandu jkun eżaminat medikalment minn wieħed mill-uffiċjali mediċi ta' l-istituzzjoni sabiex l-istituzzjoni tista' tkun sodisfatta li jaqdi l-ħtiġiet ta' l-Artikolu 12(2)(d).

L-Artikolu 33 tar-Regolamenti tal-Persunal għandu japplika b'analoġija.

Artikolu 14 (24) (44)

Membru tal-persunal temporanju jista' jkun meħtieġ iservi perjodu ta' prova li ma jaqbiżx is-sitt xhur.

Meta matul il-perjodu ta' prova tiegħu, minħabba mard jew aċċident, membru tal-persunal temporanju ma jithalliex iwettaq id-dmirijiet tiegħu għal xahar jew aktar, l-awtorità awtorizzatabiex tikkonkludi l-kuntratt ta' l-ingaġġ ittawwal il-perjodu ta' prova tiegħu bil-tul ta' żmien li jikkorrospondi.

Mhux anqas minn xahar qabel jiskadi l-perjodu ta' prova, rapport għandu jsir dwar l-abilità tal-membru tal-persunal temporanju li jaqdi d-dmirijiet marbutin mal-posizzjoni tiegħu u wkoll dwar il-kondotta u l-effiċjenza tiegħu fis-servizz. Dan ir-rapport għandu jkun ikkomunikat lill-persuna kkonċernata, li għandha jkollha d-dritt li tibgħat il-kummenti tagħha bil-miktub. Membru tal-persunal temporanju li x-xogħol tiegħu ma kienx tajjeb biex jiġġustifika li jinżamm fil-posizzjoni għandu jitkeċċa.

Rapport fuq il-membru tal-persunal temporanju taħt prova jista' jsir f'kull mument matul il-perjodu ta' prova jekk ix-xogħol tiegħu qed ovvjament jidher mhux tajjeb. Ir-rapport għandu jkun ikkomunikat lill-persuna kkonċernata, li għandha jkollha d-dritt li tibgħat il-kummenti tagħha bil-miktub. Fuq il-bażi tar-rapport, l-awtorità awtorizzata tikkonkludi l-kuntratti ta' l-ingaġġ tista' tiddeċiedi li tkeċċi l-membru tal-persunal temporanju qabel l-aħħar tal-perjodu ta' prova billi tagħtih notifika ta' xahar; il-perjodu tas-servizz, madankollu, ma jistax jaqbeż il-perjodu normali ta' prova.

Membru mkeċċi tal-persunal temporanju jkun intitolat għal kumpens daqs terz tas-salarju bażiku tiegħu għal kull xahar ta' prova kompluta.

Artikolu 15 (46)

1. Persunnal temporanju għandu fil-bidu ikun ikklassifikat skond l-Artikolu 32 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Meta membru tal-persunal temporanju huwa assenjat għal posizzjoni li tikkorrospondi ma' grad ogħla, kif ipprovdut fit-tielet paragrafu ta' l-Artikolu, 10, il-klassifikazzjoni tiegħu għandha tkun stabbilita skond l-Artikolu 46 tar-Regolamenti tal-Persunal.

2. Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 43 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar rapporti, għandhom jgħoddu b'analoġija għall-ħaddiema fis-sens ta' l-Artikolu 2(a), (ċ) u (d).

Il-Kapitolu 4

Kondizzjonijiet tax-xogħol

Artikol u 16 (7) (46)

L-Artikoli 55 sa 61 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar is-siegħat ta' xogħol, sahra, xogħol tax-xift, ħin lesti għal li jista' jinqala' fuq ix-xogħol jew id-dar, il-*leave* u l-btajjel pubbliċi, għandhom japplikaw b'analoġija.

Il-*leave* mħallsa tal-mard ipprovduti fl-Artikolu 59 tar-Regolamenti tal-Persunal m'għandhomx, madankollu, jaqbżu tliet xhur jew it-tul ta' ħin maħdum mill-membru tal-persunal temporanju, fejn dan ta' l-aħħar huwa itwal. Il-*leave* m'għandhomx jestendu aktar mill-perjodu tal-kuntratt tiegħu.

Malli jiskadu dawn il-limiti ta' żmien, ħaddiem li l-kuntratt tiegħu ma ntemmx, minkejja li ma jistax jerġa' jibda jaqdi d-dmirijiet tiegħu, għandu jitqiegħed fuq *leave* bla ħlas.

Madankollu, meta ħaddiem jieħu marda minn fuq il-post tax-xogħol jew isofri xi aċċident waqt il-qadi tad-dmirijiet tiegħu, għandu jkompli jirċievi r-remunerazzjoni kollha tiegħu matul il-perjodu li matulu huwa mhux kapaċi jaħdem sa dak iż-żmien meta jingħata pensjoni ta' l-invaliditá taħt l-Artikolu 33.

Artikolu 17 (44)

F'ċirkostanzi eċċezzjonali membru tal-persunal temporanju fuq it-talba tiegħu stess, jista' jingħata *leave* għal raġunijiet personali mandatorji bla ħlas. L-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 għandha tistabbilixxi it-tul tat-tali *leave*, li m'għandhomx jaqbżu kwart tat-tul ta' żmien diġà maħdum mill-ħaddiem jew:

— tliet xhur jekk l-anzjanità tal-ħaddiem hija anqas minn erba' snin;

— sitt xhur fil-każijiet l-oħra kollha.

Kull perjodu ta' *leave* mogħtija skond il-paragrafu ta' qabel m'għandux jgħodd għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni tat-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 20.

Meta membru tal-persunal temporanju qiegħed bil-*leave* bla ħlas, is-sħubija tiegħu fl-iskema tas-sigurtà soċjali pprovduta fl-Artikolu 278 tkun sospiża.

Madankollu, membru tal-persunal temporanju li jipprovdi evidenza li ma jistax ikun kopert minn xi skema pubblika oħra ta' assigurazzjoni kontra r-riskji riferuti fl-Artikolu 28 jista', mhux aktar tard minn xahar wara dak li fih il-*leave* bla ħlas tiegħu jibdew, japplika biex ikompli jkun kopert skond dawk l-Artikoli, sakemm huwa jħallas nofs l-ispiża tal-kontribuzzjonijiet meħtieġa biex ikopri r-riskji riferuti fl-Artikoli 28 għal kemm idumu l-*leave* tiegħu; il-kontribuzzjoni għandha tinħadem b'riferenza għall-aħħar salarju bażiku tiegħu.

Barra minn hekk, membru tal-persunal li għalih japplika l-Artikolu 2(*ċ*) jew (*d*) li juri li ma jistax jakkwista drittijiet għall-pensjoni taħt skema oħra tal-pensjoni jista' japplika biex ikompli jakkwista aktar drittijiet għall-pensjoni matul il-perjodu ta' *leave* bla ħlas, sakemm iħallas l-ispiża tal-kontribuzzjoni ta' daqs tliet darbiet ir-rata mniżżla fl-Artikolu 41; il-kontribuzzjonijiet għandhom jinħadmu b'riferenza għas-salarju bażiku tal-grad u l-iskala tiegħu.

Artikolu 18 (44)

Membru tal-persunal temporanju msejjaħ għal servizz militari, servizzi alternattivi jew għal taħriġ ta' riservi jew msejjaħ mill-ġdid biex iservi fil-forzi armati għandu jkun assenjat *leave* għal servizz nazzjonali; għall-persunal temporanju mqabbad għal perjodu stabbilit it-tali *leave* fl-ebda ċirkostanzi ma jistgħu jaqbżu t-tul tal-kuntratt.

Membru tal-persunal temporanju msejjaħ għal servizz militari jew ervizz alternattiv għandu jieqaf jirċievi r-remunerazzjoni tiegħu iżda għandu jżomm id-dritt tiegħu taħt dawn il-kondizzjonijiet tax-xogħol għall-avvanzament għal skala ogħla. Huwa għandu jżomm id-dritt tiegħu għal pensjoni ta' l-irtirar jekk, wara li jlesti s-servizz militari tiegħu, iħallas il-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni tiegħu b'lura.

Membru tal-persunal temporanju msejjaħ għal taħriġ ta' riservi jew msejjaħ mill-ġdid biex iservi fil-forzi armati għandu, matul il-perjodu tat-taħriġ jew is-sejħa mill-ġdid, ikompli jirċievi r-remunerazzjoni tiegħu suġġetta għal tnaqqis daqs il-paga tas-servizz tiegħu.

Il-Kapitolu 5

Remunerazzjoni u spejjeż

Artikolu 19

Ir-remunerazzjoni tal-persunal temporanju għandha tkun magħmula mis-salarju bażiku, benefiċċji tal-familja u benefiċċji oħra.

Artikolu 20

(18) (19) (23) (24) (27) (30) (31) (32) (34) (35) (36) (37) (38) (41) (42) (43) (44) (45) (62) (63)

L-Artikoli 63, 64, 65 u 65a tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar il-munita li fiha hija espressa r-remunerazzjoni u l-aġġustamenti tat-tali remunerazzjoni, għandhom japplikaw b'analoġija.

L-Artikoli 66, 67, 69, 70, u 70(a) tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar is-salarji bażiċi, benefiċċji tal-familja, benefiċċju għall-espatrijazzjoni u l-pagament tal-benefiċċju tat-tagħlim fil-każ ta' mewt, għandhom japplikaw b'analoġija.

Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 66a tar-Regolamenti tal-Persunal dwar il-kontribuzzjoni temporanja għandhom japplikaw b'analoġija għall-persunal temporanju.

Membru tal-persunal temporanju li kien fi skala waħda fil-grad tiegħu għal sentejn għandu awtomatikament jitla' għall-iskala li jmiss f'dak il-grad.

Artikolu 21

L-Artikoli 1, 2, 3, 4, u 4a ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar il-pagament tal-benefiċċji tal-familja, il-benefiċċju għall-espatrijazzjoni u l-benefiċċji stabbiliti temporanji, għandhom japplikaw b'analoġija.

Artikolu 22

Suġġett għall-Artikoli 23 sa 26, membru tal-persunal temporanju għandu jkun intitolat, skond l-Artikoli 5 sa 15 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, għal Rimborsar ta' l-ispejjeż li ħallas malli jieħu l-ħatra, it-trasferiment jew meta jitlaq mis-servizz, u wkoll għal Rimborsar ta' l-ispejjeż li ħallas matul u f'konnessjoni mal-qadi tad-dmirijiet tiegħu.

Artikolu 23

Membru tal-persunal temporanju imqabbad għal perjodu stabbilit ta' mhux anqas minn 12-il xahar, jew meqjus mill-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 li huwa imqabbad għal perjodu ekwivalenti jekk il-kuntratt tiegħu huwa għal perjodu indefinit, għandu, kif ipprovdut fl-Artikolu 9 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, ikun intitolat għal Rimborsar ta' l-ispejjeż tat-tneħħija.

Artikolu 24 (10) (44) (78) (81)

1. Membru tal-persunal temporanju imqabbad għal perjodu stabbilit ta' mhux anqas minn sena, jew meqjus mill-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 li huwa imqabbad għal perjodu ekwivalenti jekk il-kuntratt tiegħu huwa għal perjodu indefinit, għandu jirċievi *allowance* ta' l-istallazzjoni, kif ipprovdut fl-Artikolu 5 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal li jammonta għal, għal perjodu mistenni ta' servizz ta':

— mhux anqas minn sena iżda anqas minn sentejn,	għal terz	tar-rata mniżżla fl-Artikolu 5 ta' l-Anness VII tar-Regolament tal-Persunal.
— mhux anqas minn sentejn iżda anqas minn tliet snin,	għal żewġ terzi	
tliet snin jew aktar,	għal tliet terzi	

2. Il-*allowance* ta' l-istabbiliment mill-ġdid ipprovdut fl-Artikolu 6 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jingħata lill-persunal temporanju li lesta erba' snin servizz. Ħaddiem li għamel aktar minn sena iżda anqas minn erba' snin servizz għandu jirċievi *allowance* ta' l-istabbiliment mill-ġdid fil-proporzjon tat-tul tas-servizz tiegħu, mingħajr ma jkunu kkunsidrati snin mhux kompluti.

3. Madankollu, il-benefiċċju għall-istallazzjoni pprovdut fil-paragrafu 1 u l-*allowance* ta' l-istallazzjoni mill-ġdid ipprovdut fil-paragrafu 2 m'għandux ikun anqas minn:

— 917,21 EUR għal ħaddiem intitolat għall-*allowance* tal-familja; u

— 545,37 EUR għal ħaddiem mhux intitolat għall-*allowance* tal-familja.

Fil-każijiet fejn ir-raġel u l-mara li huma membri tal-persunal temporanju tal-Komunitajiet, huma t-tnejn intitolati għall-*allowance* ta' l-istallazzjoni jew għall-*allowance* ta' l-istallazzjoni mill-ġdid, dan għandu jitħallas biss lill-persuna bl-ogħla salarju bażiku.

Artikolu 25 (8) (44)

L-Artikolu 10 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal dwar il-*allowance* tas-sussistenza ta' kuljum, għandu jgħodd. Madankollu, membru tal-persunal temporanju imqabbad għal perjodu stabbilit ta' anqas minn 12-il xahar, jew meqjus mill-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 li huwa imqabbad għal perjodu ekwivalenti jekk il-kuntratt tiegħu huwa għal perjodu indefinit, u li jipprovdi evidenza li jkun impossibbli għalih li jkompli jgħix fil-post tar-residenza tiegħu, għandu jirċievi benefiċċju għas-sussistenza ta' kuljumgħal perjodu tal-kuntratt tiegħu jew għl massimu ta' sena.

Artikolu 26

L-Artikolu 8 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar il-pagament fis-sena ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar mill-post ta' l-impieg għall-post ta' l-oriġini, għandu jgħodd biss għall-persunal temporanju li għamel mhux anqas minn disa' xhur servizz.

Artikolu 27

L-Artikoli 16 u 17 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar pagament ta' somom dovuti, għandhom jgħoddu b'analoġija.

Il-Kapitolu 6

Benefiċċji tas-sigurtà soċjali

Taqsima A

Assigurazzjoni kontra mard u aċċidenti, benefiċċji tas-sigurtà soċjali

Artikolu 28 (18) (44) (46)

L-Artikoli 72 u 73 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar il-kopertura għall-mard u l-aċċidenti, għandhom jgħoddu b'analoġija għall-persunal temporanju matul il-perjodu ta' impieg, matul il-*leave* minħabba mard u matul il-perjodi ta'*leave* bla ħlas riferuti fl-Artikoli 11 u 17 skond il-kondizzjonijiet imniżżla fihom; l-Artikolu 72 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar il-kopertura fuq il-mard, għandhom jgħoddu b'analoġija għall-persunal temporanju li jirċievi pensjonijiet ta' invaliditá u għal min jirċievi pensjoni għal min jibqa' ħaj. L-Artikolu 72 għandu jgħodd ukoll għall-persunal riferut fl-Artikolu 39(2) li jirċievu pensjoni ta' l-irtirar.

Jekk, madankollu, l-eżami mediku pprovdut fl-Artikolu 13 juri li l-ħaddiem isofri minn mard jew invaliditá, l-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 tista' tiddeċiedi li l-ispejjeż li jinħolqu mit-tali mard jew invaliditá għandhom ikunu eskluži mir-Rimborsar ta' l-ispejjeż ipprovduti fl-Artikolu 72 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Jekk membru tal-persunal temporanju juri li ma jistax jikseb kopertura taħt xi skema ta' assigurazzjoni oħra kontra l-mard ipprovduta bil-liġi jew bir-regolament, jista', ma' l-applikazzjoni li ssir l-aktar tard fi żmien xahar wara li jiskadi l-kuntratt tiegħu, ikompli jibbenefika minn kopertura tal-mard ipprovduta fl-ewwel paragrafu, għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur wara li jiskadi l-kuntratt tiegħu. Il-kontribuzzjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 72(1) tar-Regolament tal-Persunal għandhom ikunu bbażati fuq l-aħħar salarju bażiku tiegħu u n-nofs tiegħu għandu jitħallas minnu.

L-awtorità tal-ħatra tista', wara li tikseb il-parir ta' l-uffiċjal mediku ta' l-istituzzjoni, tiddeċiedi li l-limitu ta' żmien ta' xahar li fih trid issir l-applikazzjoni u l-limitu ta' sitt xhur ipprovdut fil-paragrafu ta' qabel ma japplikawx fejn il-persuna kkonċernata qed issofri minn mard serju jew fit-tul li ttieħed matul l-impieg tagħha, li kienet irrapurtat lill-istituzzjoni qabel it-tmiem tal-perjodu ta' sitt xhur ipprovdut fil-paragrafu ta' qabel, bil-kondizzjoni li l-persuna kkonċernata tagħmel eżami mediku ppreparat mill-istituzzjoni.

Artikolu 28a (46) (78) (81)

1. Dak li kien membru tal-persunal temporanju li huwa qiegħed meta s-servizz tiegħu ma' istituzzjoni tal-Komunitajiet Ewropej spiċċaw:

— li ma jirċevix pensjoni ta' l-irtirar jew pensjoni ta' l-invaliditá mill-Komunitajiet Ewropej,

— li s-servizz tiegħu ma spiċċax b'riżenja jew bil-kanċellament tal-kuntratt minħabba raġunijiet dixxiplinarji,

— li ta minimu ta' sitt xhur servizz,

— u li huwa reidenti fi Stat Membru tal-Komunitajiet,

għandu jkun eliġibbli għal benefiċċju tal-qgħad fix-xahar bil-kondizzjonijiet imniżżlin hawn taħt.

Fejn huwa intitolat għal benefiċċji tal-qgħad taħt skema nazzjonali, huwa obbligat jiddikjara dan lill-istituzzjoni li kien magħha, li għandha tavża lill-Kummissjoni b'dan minufih. Fit-tali każijiet, l-ammont ta' dawk il-benefiċċji jitnaqqas mill-benefiċċju mħallas taħt il-paragrafu 3.

2. Biex ikun eliġibbli għal dan il-benefiċċju tal-qgħad, dak li qabel kien membru tal-persunal temporanju għandu:

(a) jkun irreġistrat, fuq it-talba tiegħu stess, li qed ifittex xogħol ma' l-awtoritajiet ta' l-impieg ta' l-Istati Membri fejn jistabbilixxi r-residenza tiegħu;

(b) iħares l-obbligi mniżżla mill-liġi ta' dak l-Istat Membru għall-persuni li jirċievu l-benefiċċji tal-qgħad taħt dik il-liġi;

(ċ) jibgħat kull xahar lill-istituzzjoni li kien magħha, li mill-ewwel għandha tgħaddih lill-Kummissjoni, ċertifikat maħruġ mill-awtorità nazzjonali kompetenti ta' l-impieg li jgħid jekk ħarisx l-obbligi u l-kondizzjonijiet riferuti f'(a) u (b) jew le.

Il-benefiċċju jista' jingħata jew ikun mantnut mill-Komunità, anki meta l-obbligi nazzjonali riferuti taħt (b) ma tħarsux, f'każijiet ta' mard, aċċident, maternità, invalidità jew sitwazzjoni rikonoxxuta li hija simili, jew meta awtorità nazzjonali, kompetenti biex twettaq dawk l-obbligi, tat dispensa.

Wara li tikseb l-opinjoni tal-Kumitat ta' l-esperti, il-Kummissjoni għandha tniżżel it-tali disposizzjonijiet li tqis meħtieġa biex ikun applikat dan l-Artikolu.

3. Il-benefiċċju tal-qgħad għandu jkun stabbilit b'riferenza għas-salarju bażiku miksub minn dak li qabel kien membru tal-persunal temporanju fil-mument tat-tmiem tas-servizz tiegħu. Il-benefiċċju għandu jkun stabbilit bħala:

— 60 % tas-salarju bażiku għal perjodu inizjali ta' tnax-il xahar,

— 45 % tas-salarju bażiku għat-13 sat-18-il xahar,

— 30 % tas-salarju bażiku għad-19 sa l-24 xahar,

L-ammonti maħdumin hekk l għandhom ikunu anqas minn 743,68 EUR lanqas aktar minn 1 487,36 EUR.

L-ogħla u l-anqas ammonti riferuti hawn fuq jistgħu jkunu eżaminati kull sena mill-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni.

4. Il-benefiċċju tal-qgħad għandu jitħalla lil dak li kien membru tal-persunal temporanju għall-massimu ta' 24 xahar mid-data tat-tmiem tas-servizz. Madankolli, jekk matul dan il-perjodu dak li qabel kien membru tal-persunal temporanju ma jibqax iħares il-kondizzjonijiet imniżżla fil-paragrafi 1 u 2, il-pagament tal-benefiċċju tal-qgħad ikun sospiż. Il-pagament jerġa' jibda jekk, qabel jispiċċa dak il-perjodu, dak li qabel kien membru tal-persunal temporanju jerġa' jibda jħares it-tali kondizzjonijiet u m'akkwistax id-dritt għal benefiċċju nazzjonali tal-qgħad.

5. Dak li qabel kien membru tal-persunal temporanju li huwa eliġibbli għall-benefiċċju tal-qgħad, għandu jkun intitolat għall-benefiċċji tal-familja pprovduti fl-Artikolu 67 tar-Regolamenti tal-Persunal. *L-allowance* tal-familja jinħadem fuq il-bażi tal-benefiċċju tal-qgħad taħt il-kondizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 1 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Il-persuna kkonċernata tkun obbligata li tiddikjara kull *allowance* ta' l-istess tip imħallas minn sorsi oħra lilha jew lill-konsorti tagħha; it-tali benefiċċji għandhom jitnaqqsu minn dawk li għandhom jitħallsu fuq bażi ta' dan l-Artikolu.

Dak li qabel kien membru tal-persunal temporanju li huwa eliġibbli għall-benefiċċju tal-qgħad, għandu jkun intitolat, kif ipprovdut fl-Artikolu 72 tar-Regolamenti tal-Persunal, għal kopertura ta' l-assigurazzjoni kontra l-mard mingħajr ma jkollu jagħmel ebda kontribuzzjoni..

6. Il-peżati għall-Istati Membri li fihom dak li qabel kien membru tal-persunal temporanju juri li huwa residenti għandu jkun applikat għall-benefiċċju tal-qgħad u l-benefiċċji tal-familja. Il-peżati applikabbli għall-benefiċċju tal-qgħad għandu jkun dejjem dak li jirriżulta mill-aħħar reviżjoni ta' kull sena. Dawn l-ammonti għandhom jitħallsu mill-Kummissjoni fil-munita tal-pajjiż tar-residenza; huma jinqalbu

bir-rata tal-kambju pprovduti fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 63 tar-Regolamenti tal-Persunal.

7. Membru tal-persunal temporanju għandu jikkontribwixxi terz ta' l-iffinanzjar ta' l-iskema ta' l-assigurazzjoni kontra l-qgħad. Dik il-konribuzzjoni għandha tkun stabbilita bħala 0,4 % tas-salarju bażiku tal-persuna kkonċernata, mingħajr ma jkunu kkunsidrati l-peżati pprovduti fl-Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali. Dik il-kontribuzzjoni għandha titnaqqas kull xahar mis-salarju tal-persuna kkonċernata u mħallsa, flimkien maż-żewġ terzi li jibqa' li tħallashom l-istituzzjoni, f'Fond Speċjali għall-Qgħad. Dak il-Fond għandu jkun komuni għall-istituzzjonijiet u dawn ta' l-aħħar għandhom iħallsu l-kontribuzzjonijiet tagħhom lill-Kummissjoni kull xahar, mhux aktar tard minn tmint ijiem wara l-pagament tar-remunerazzjonijiet. L-ispejjeż kollha li jinħolqu mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu awtorizzati u mħallsa mill-Kummissjoni skond id-disposizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju li jirregola l-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

8. Il-benefiċċji tal-qgħad imħallsa lil dak li kien membru tal-persunal temporanju li mhux impjegat għandhom ikunu suġġetti għar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 li jniżżel il-kondizzjonijiet u l-proċedura biex tkun applikata t-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej.

9. Id-dipartimenti nazzjonali bir-responabbiltà għall-impieg u l-qgħad, li jaġixxu skond il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, u l-Kummissjoni għandhom jikkoperaw flimkien b'manjiera effettiva biex jiżguraw li dan l-Artikolu ikun applikat sewwa.

10. L-arranġamenti ddettaljati biex ikun applikat dan l-Artikolu għandhom ikunu suġġetti għar-regoli mniżżla bil-ftehim lejn xulxin bejn l-Istituzzjonijiet tal-Komunitajiet, wara li tinkiseb l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-aħħar subparagrafu tal-paragrafu 2.

11. Sena wara l-introduzzjoni ta' din l-iskema ta' l-assigurazzjoni kontra l-qgħad u kull sentejn wara, il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport dwar is-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-iskema lill-Kunsill. Indipendement minn dan ir-rapport, il-Kummissjoni tista' tibgħat lill-Kunsill proposti biex taġġusta l-kontribuzzjonijiet ipprovduti fil-paragrafu 7 jekk l-applikazzjoni ta' l-iskema teħtieġ hekk. Il-Kunsill għandu jaġixxi fuq dawn il-proposti skond il-kondizzjonijiet imniżżla fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3.

Artikolu 29

L-Artikolu 74 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar l-għotja tat-twelid, u l-Artikolu 75 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar is-supposizzjoni ta' obbligu mill-istituzzjoni lejn l-ispejjeż riferuti fih, għandhom japplikaw b'analoġija.

Artikolu 30

L-Artikolu 76 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar ir-rigali, self u avvanzi, għandu japplika b'analoġija għall-persunal temporanju matul il-perjodu tal-kuntratt tagħhom, jew wara li jiskadi l-kuntratt fejn, bħala riżultat ta' mard serju li ħa, jew aċċident li sofra, matul l-impieg tiegħu, il-ħaddiem mhux kapaċi jaħdem u juri li t-tali mard jew aċċident mhux kopert minn skema oħra tas-sigurtà soċjali.

Taqsima B

Assigurazzjoni kontra invalidita' u mewt

Artikolu 31

Il-persunal temporanju għandu jkun assigurat skond id-disposizzjonijiet li ġejjin kontra r-riskju tal-mewt jew l-invaliditá li jiġri matul l-impieg tiegħu.

Il-pagamenti u l-benefiċċji pprovduti f'din it-Taqsima għandhom ikunu sospiżi jekk ir-remunerazzjoni li jirċievi membru tal-persunal dwar l-impieg tiegħu, hija sospiża skond dawn il-kondizzjonijiet ta' l-impieg.

Artikolu 32 (46)

Meta l-eżami mediku li sar qabel ħaddiem ikun ingaġġat, juri li qed isofri minn mard jew invalidità, l-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6, sa fejn jidħlu r-riskji li jinqalgħu mit-tali mard jew invalidità, tista' tiddeċiedi li tagħtih benefiċċji garantiti dwar il-benefiċċji jew mewt biss wara perjodu ta' ħames snin mid-data ta' meta jidħol fis-servizz ta' l-istituzzjoni.

Il-ħaddiem jista' jappella kontra din id-deċiżjoni lill-Kumitat ta' l-Invalidità pprovdut fl-Artikolu 4 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 33 (8) (46)

1. Ħaddiem li jsofri minn invalidità totali li huwa kostrett, minħabba dik ir-raġuni, jitlaq mis-servizz ta' l-istituzzjoni, għandu jkun intitolat għal *allowance* ta' l-invalidità, li l-ammont tiegħu jkun stabbilit kif ġej.

Meta l-invalidità tinħoloq minn aċċident matul jew f'konnessjoni mal-qadi tad-dmirijiet tiegħu, minn mard ikkaġunat mix-xogħol, minn att ta' spirtu pubbliku jew jipperikola ħajtu biex isalva bniedem ieħor, il-pensjoni ta' l-invalidità tkun 70 % tas-salarju bażiku tal-ħaddiem temporanju.

Meta l-invalidità hija dovuta għal xi kawża oħra, il-pensjoni ta' l-invalidità, maħduma b'riferenza għall-aħħar salarju bażiku tal-ħaddiem temporanju, għandu jkun daqs 2 % għal kull sena bejn id-data ta' meta jibd s-servizz u d-data meta jagħlaq il-65 sena; din ir-rata għandha tiżdied bi 2 % għal kull sena tas-servizz tal-pensjoni li kien ikkreditat bih taħt l-Artikolu 11(2) u (3) ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal u b'25 % ta' l-ammont tad-drittijiet tal-pensjoni tiegħu fl-età ta' 60 sena, iżda tant li t-total m'għandux jaqbeż 70 % ta' l-aħħar salarju bażiku tiegħu.

Il-pensjoni ta' l-invalidità ma tistax tkun anqas minn 120 % tas-somma minima ta' l-għajxien, definita fl-Artikolu 6 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Fil-każ ta' invalidità li deliberatament inġiebet mill-ħaddiem, l-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 tista' tiddeċiedi li għandu jirċievi biss l-għotja pprovduta fl-Artikolu 39.

Il-persuni intitolati għal pensjoni ta' l-invalidità għandhom ikunu intitolati wkoll għall-benefiċċji tal-familja pprovduti fl-Artikolu 67 tar-Regolamenti tal-Persunal skond l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, *l-allowance* tal-familja għandu jkun stabbilit fuq bażi tal-pensjoni tar-riċevitur.

2. L-invalidità għandha tkun stabbilita mill-Kumitat ta' l-Invalidità pprovduti fl-Artikolu 9 tar-Regolamenti tal-Persunal.

3. L-intitolament għall-pensjoni ta' l-invalidità jidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara dik meta jintemm l-ingaġġ tal-ħaddiem skond l-Artikoli 47 u 48.

4. L-istituzzjoni msemmija fl-Artikolu 43 tista' f'kull ħin teħtieġ evidenza li r-riċevitur ta' *allowance* ta' l-invalidità għadu jħares il-kondizzjonijiet għall-pagament ta' dak il-benefiċċju. L-intitolament għall-pensjoni għandu jieqaf jekk il-Kumitat ta' l-Invalidità jsib li dawk il-kondizzjonijiet ma baqgħux jitħarsu.

Jekk ħaddiem ma jerġax ikun imqabbad biex jaħdem mill-Kumitat, ikun intitolat, bl-għażla tiegħu:

— jew għal għotja tal-firda pprovduta fl-Artikolu 39 maħduma fuq bażi tat-tul attwali tas-servizz,

— jew, meta huwa ħaddiem fis-sens ta' l-Artikolu 2(a), (ċ) jew (d) u għalaq mill-anqas 50 sena, għal pensjoni ta' l-irtirar skond il-Kapitolu 3 tat-Titolu V tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Iż-żmien li matulu rċieva pensjoni ta' l-invalidità għandu jkun inkluż bil-għan li tinħadem il-pensjoni ta' l-irtirar tiegħu, mingħajr pagament minnu ta' arretrati ta' kontribuzzjonijiet.

Artikolu 34 (18) (46)

Il-persuni intitolati taħt ħaddiem mejjet, kif definit fil-Kapitolu 4 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, għandhom ikunu intitolati għal pensjoni għal min jibqa' ħaj, kif provdut fl-Artikolu 35 sa 38.

Meta dak li qabel kien ħaddiem li kien jirċievi pensjoni ta' l-invalidità, jew dak li qabel kien ħaddiem fis-sens ta' l-Artikolu 2(a), (ċ) jew (d) li kien jirċievi pensjoni ta' l-irtirar jew li ħalla s-servizz qabel jagħlaq is-60 sena u talab li l-pensjoni ta' l-irtrar tiegħu tkun posposta għall-ewwel ġurnata tax-xahar kalendarju ta' wara dak li fih jagħlaq 60 sena, imut, il-persuni intitolati taħt il-ħaddiem mejjet, kif definit fil-Kapitolu 4 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, għandhom ikunu intitolati għal pensjoni għal min jibqa' ħaj kif ipprovdut f'dak l-Anness.

Meta ma jkunx magħruf għal aktar minn sena fejn qiegħed membru tal-persunal temporanju, jew ta' dak li qabel kien membru tal-persunal temporanju li jirċievi pensjoni ta' l-invalidità jew ta' l-irtirar, jew dak li qabel kien membru tal-persunal temporanju li telaq mis-servizz qabel agħlaq is-60 sena u talab li l-pensjoni ta' l-irtirar tiegħu tkun posposta għall-ewwel ġurnata tax-xahar kalendarju ta' wara dak li fih jagħlaq is-60 sena, id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 5 u 6 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, li jieħdu ħsieb il-pensjonijiet temporanji, għandhom japplikaw b'analoġija għall-konsorti tiegħu u għall-persuni rikonoxxuti bħala dipendenti tiegħu.

Artikolu 35

Id-dritt li jirċievu l-pagament tal-pensjoni jidħol fis-seħħ mill-ewwel ġurnata tax-xahar ta' wara dik li fih miet jew, fejn ikun il-każ, fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara l-perjodu li matulu l-armla, l-orfni jew id-dipendenti tal-mejjet jirċievu l-emolumenti tiegħu taħt l-Artikolu 70 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 36 (8) (46)

L-armla tal-ħaddiem għandha tkun intitolata għal pensjoni ta' armla skond il-Kapitolu 4 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal. Il-pensjoni ma tkunx anqas minn 35 % ta' l-aħħar salarju bażiku ta' kull xahar li jirċievi l-ħaddiem, lanqas anqas mis-somma minima tas-sussistenza, definita fl-Artikolu 6 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal. Meta ħaddiem fis-sens ta' l-Artikolu 2(a), (ċ) jew (d) imut, l-ammont tal-pensjoni ta' l-armla għandu jiżdied b'60 % tal-pensjoni ta' l-irtirar li l-ħaddiem kien jirċievi kieku kkwalifika, ikun xi jkun is-servizz jew l-età, għat-tali pensjoni fil-mument tal-mewt tiegħu.

Il-persuna li tieħu pensjoni ta' armla għandha tkun intitolata, taħt il-kondizzjonijiet imniżżla fl-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, għall-benefiċċji tal-familja speċifikati fl-Artikolu 67 tar-Regolamenti tal-Persunal. Madankollu, il-benefiċċju tat-tfal dipendenti jkun daqs id-doppju ta' l-ammont tal-benefiċċju pprovdut fl-Artikolu 67(1)(b) tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 37 (8) (24) (46)

Meta ħaddiem jew persuna intitolata għal pensjoni ta' l-irtirar jew ta' l-invalidità, imut u ma jħalli l-ebda konsorti intitolat għall-pensjoni għal min jibqa' ħaj, it-tfal meqjusa li huma dipendenti tal-mejjet għandhom ikunu intitolati għal pensjoni ta' l-orfni skond l-Artikolu 80 tar-Regolamenti tal-Persunal.

L-istess intitolment għandu japplika għat-tfal li jħarsu l-kondizzjonijiet t'hawn fuq fil-każ tal-mewt jew iż-żwieġ mill-ġdid ta' konsorti li huwa intitolat għal pensjoni għal min jibqa' ħaj.

Meta jmut ħaddiem jew persuna intitolata għal pensjoni ta' l-irtirar jew ta' l-invalidità, iżda l-kondizzjonijiet ippreżentati fl-ewwel paragrafu ma jitħarsux, it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 80 tar-Regolamenti tal-Persunal għandu japplika.

Fil-każ tal-mewt ta' dak li qabel kien membru tal-persunal temporanju fis-sens ta' l-Artikolu 2(a), (ċ) jew (d) li telaq s-servizz qabel jagħlaq is-60 sena u talab li l-pensjoni ta' l-irtrar tiegħu tkun posposta għall-ewwel ġurnata tax-xahar kalendarju ta' wara dak li fih jagħlaq 60 sena, it-tfal meqjusa dipendenti tiegħu skond l-Artikolu 2 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom ikunu intitolati għal pensjoni ta' l-orfni bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk ippreżentati fil-paragrafi ta' qabel.

Meta l-konsorti, li m'hihiex uffiċjal jew membru tal-persunal temporanju, ta' membru tal-persunal temporanju jew ta' membru tal-persunal temporanju li jirċievi pensjoni ta' l-irtirar jew ta' invalidità tmut, it-tfal dipendenti fuq il- konsorti li għadu ħaj fis-sens ta' l-Artikolu 2 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom ikunu intitolati għal pensjoni ta' l-orfni stabbilita kond ir-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 80 tar-Regolamenti tal-Persunal.

L-orfni għandhom ikunu intitolati għall-*allowance* ta' l-edukazzjoni skond l-Artikolu 3 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 38

Fil-każ ta' divorzju jew fejn hemm aktar minn kategorija waħda ta' min baqa' ħaj, li jikkwalifika biex jieħu l-pensjoni għal min jibqa' ħaj, it-tali pensjoni għandha titqassam fil-mod ipprovdut fil-Kapitolu 4 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 38a (46)

Ir-regoli relatati mal-massimi u t-tqassim ippreżentati fl-Artikolu 81a tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw b'analoġija.

Taqsima Ċ

Pensjoni ta' rtirar u għotja għal firda (8)

Artikolu 39 (8) (18) (46)

1. Meta jitlaq mis-servizz ħaddiem fis-sens ta' l-Artikolu 2(b) għandu jkun intitolat għal pensjoni għal firda maħdum skond l-Artikolu 12 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Din l-għotja għandha titnaqqas mill-ammonti mħallsa skond l-Artikolu 42.

2. Malli jitlaq mis-servizz, ħaddiem fis-sens ta' l-Artikolu 2(a), (ċ) jew (d) għandu jkun intitolat għal pensjoni ta' l-irtirar jew għotja għall-firda kif ipprovdut fit-Titolu V, Kapitolu 3 tar-Regolamenti tal-Persunal u fl-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal. L-għotja għall-firda għandha titnaqqas bl-ammonti mħallsa skond l-Artikolu 42. Fejn il-ħaddiem huwa intitolat għall-pensjoni ta' l-irtirar, id-drittijiet tiegħu għal pensjoni għandhom jitnaqqsu fil-proporzjon ta' l-ammonti mħallsa skond l-Artikolu 42.

3. Il-persuna li saret intitolata għall-pensjoni ta' l-irtirar fl-età ta' 60 sena u minn hemm 'l quddiem għandha tkun intitolata għall-*allowance* tal-familja pprovdut fl-Artikolu 67 tar-Regolamenti tal-Persunal skond l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, l-*allowance* tal-familja għandu jinħadem fuq bażi tal-pensjoni tar-riċevitur.

Artikolu 40

Jekk ħaddiem jinħatar uffiċjal tal-Komunitajiet, m'għandux jirċievi l-għotja pprovduta fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 39.

Kull perjodu tas-servizz tal-persunal temporanju ta' waħda mit-tliet Komunitajiet Ewropej għandu jkun ikkunsidrat bil-għan li jinħadmu s-snin tas-servizz tal-pensjoni kif ipprovdut fl-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Fejn il-ħaddiem eserċita l-opzjoni pprovduta fl-Artikolu 42, id-drittijiet tal-pensjoni ta' l-irtirar tiegħu għandhom jitnaqqsu proporzjonalment dwar il-perjodu li fih is-somom inġibdu.

Il-paragrafu ta' qabel m'għandux japplika għal ħaddiem li, fit-tliet xhur ta' wara l-applikazzjoni fuqu tar-Regolamenti tal-Persunal, talab li jitħalla jħallas it-tali somom bl-addizzjoni ta' imgħax kompost bir-rata ta' 3.5 % fis-sena.

Taqsima D

Iffinanzjar ta' l-iskema ta' l-assigurazzjoni ta' l-invalidita' u l-ħajja u ta' l-iskema tal-pensjoni

Artikolu 41 (46)

Rigward l-iffinanzjar ta' l-iskema tas-sigurtà soċjali pprovduta fit-Taqsimiet B u Ċ, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 36 u 38 ta' l-Anness VIII tiegħu għandhom japplikaw b'analoġija.

Artikolu 42 (8) (64)

Skond il-kondizzjonijiet li għandhom jitniżżlu mill-istituzzjoni, ħaddiem jista' jitlob 'l-istituzzjoni biex tagħmel xi pagamenti li huwa meħtieġ jagħmel sabiex jikkostitwixxu jew iżomm id-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż ta' l-oriġini tiegħu.

It-tali pagamenti m'għandhmx jaqbżu s-16.5 % tas-salarju bażiku tiegħu u għandhom jitħallu mill-estimi tal-Komunitajiet.

Taqsima E

Ħlas ta' talbiet minn persunal temporanju

Artikolu 43 (46)

L-Artikoli 40 sa 44 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw b'analoġija.

Taqsima F

Ħlas ta' benefiċċji

Artikolu 44 (46)

L-Artikolu 81a u 82 tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 45 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar il-pagament tal-benefiċċji, għandhom japplikaw b'analoġija

Kull somma dovuta minn membru tal-persunal temporanju lill-Komunitajiet taħt din l-iskema ta' l-assigurazzjoni fid-data meta l-benefiċċji huma pagabbli, titnaqqas mill-ammont tal-benefiċċju tiegħu jew mill-benefiċċji pagabbli lil dawk intitolati taħtu fil-mod li għandu jkun stabbilit mill-istituzzjoni msemmija fl-Artikolu 45 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal. It-tnaqqis jista' jitqassam fuq numru ta' xhur.

Taqsima G

Subrogazzjoni favur il-Komunitajiet

Artikolu 44a (46)

Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 85a tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar is-subrogazzjoni favur il-Komunitajiet, għandhom japplikaw b'analoġija.

Il-Kapitolu 7

Irkuprar ta' pagamenti żejda

Artikolu 45 (8)

L-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar l-irkuprar ta' pagamenti żejda, għandhom japplikaw.

Il-Kapitolu 8

Appelli

Artikolu 46

Titolu VII tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar l-appelli, għandu japplika b'analoġija.

Il-Kapitolu 9

Tmiem ta' l-impieg

Artikolu 47 (18) (44)

Minbarra t-tmiem mal-mewt, l-impieg tal-persunal temporanju għandu jieqaf:

1. Meta l-kuntratt huwa għal perjodu stabbilit:

(a) fid-data ddikjarata fil-kuntratt;

(b) fl-aħħar tal-perjodu tan-notifika speċifikata fil-kuntratt, fejn din ta' l-aħħar fiha klawżola li tagħti 'l-ħaddiem jew l-istituzzjoni l-opzjoni li ttemm qabel. It-tali perjodu ta' notifika m'għandux ikun aktar minn tliet xhur u lanqas anqas minn xahar. Għall-persunal tremporanju li l-kuntratti tagħhom iġġeddu, it-tali perjodu tan-notifika m'għandux ikun anqas minn xahar għal kull sena ta' servizz, suġġett għal minimu ta' xahar u għal massimu ta' sitt xhur. Il-kuntratti tal-ħaddiema reklutati biex jokkupaw posizzjonijiet fil-Grad A 1 jew A 2 għandhom jinkludu t-tali klawżola;

(ċ) fl-aħħar tax-xahar li fih il-ħaddiem jilħaq l-età ta' 65 sena.

Jekk l-istituzzjoni ttemm il-kuntratt, il-ħaddiem għadu jkun intitolat għal kumpens daqs terz tas-salarju bażiku tiegħu għall-perjodu bejn id-data meta d-dmirijiet tiegħu jintemmu u d-data meta l-kuntratt tiegħu jiskadi.

2. Meta l-kuntratt huwa għal perjodu indefinit:

(a) fl-aħħar tal-perjodu tan-notifika stipulat fil-kuntratt; it-tul tal-perjodu tan-notifika ma jkunx anqas minn jumejn għal kull xahar komplut ta' servizz, suġġett għal minimu ta' 15-il ġurnata u massimu ta' tliet xhur. fil-każ ta' ħaddiem fis-sens ta' l-Artikolu 2(*d*), il-perjodu tan-notifika ma jkunx anqas minn xahar għal kull sena kompluta ta' servizz, suġġett għal minimu ta' tliet xhur u massimu ta' għaxar xhur. Madankollu, il-perjodu tan-notifika m'għandux jibda għaddej matul il-*leave* tal-maternità jew il-*leave* għall-mard, sakemm it-tali *leave* tal-mard ma jaqbżux it-tliet xhur. Barra minn hekk, ikun sospiż matul il-maternità jew *leave* għall-mard suġġett għal-limiti msemmija qabel;

(b) fl-aħħar tax-xahar li fih il-ħaddiem jilħaq l-età ta' 65 sena.

Artikolu 48 (44)

Impieg, kemm jekk għal perjodu stabbilit jew indefinit, jista' jitwaqqaf mill-istituzzjoni mingħajr notifika:

(a) matul jew fl-aħħar tal-perjodu ta' prova skond l-Artikolu 14;

(b) jekk il-ħaddiem ma jibqax iħares il-ħtiġiet ta' l-Artikolu 12(2)*(a)* u (*d*); madankollu; jekk il-ħaddiem ma jibqax iħares il-ħtiġiet ta' l-Artikolu 12(2)(*d*), il-kuntratt jista' jitwaqqaf biss skond l-Artikolu 33;

(ċ) jekk il-ħaddiem mhux kapaċi jerġa' jibda jaqdi d-dmirijiet tiegħu fit-tmiem ta' perjodu ta' *leave* mħallsin ta' mard ipprovduti fl-Artikolu 16. Fit-tali każ, il-ħaddiem għandu jirċievi benefiċċju daqs dan is-salarju bażiku, bl-addizzjoni tal-benefiċċji tal-familja bir-rata ta' jumejn għal kull xahar ta' servizz komplut.

Artikolu 49 (46)

1. Wara li tkun segwita l-proċedura dixxiplinari pprovduta fl-Anness IX tar-Regolament tal-Persunal, li għandha tapplika b'analoġija, l-impieg jista' jitwaqqaf mingħajr avviż minħabba raġunijiet dixxiplinari f'każijiet serji ta' nuqqas intenzjonali jew ta' negliġenza tal-persunal temporanju biex jimxi ma' l-obbligi tagħhom. Deċiżjoni raġunata għandha tittieħed mill-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6, wara li l-ħaddiem ikkonċernat ingħata opportunità li jippreżenta d-difiża tiegħu.

Qabel l-impieg tiegħu jintemm, membru tal-persunal temporanju jista' jkun sospiż, skond l-Artikolu 88 tar-Regolament tal-Persunal, li għandu japplika b'analoġija.

2. Meta l-impieg jintemm skond il-paragrafu 1, l-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 tista' tiddeċiedi:

(a) li tillimita l-għotja għal firda pprovduta fl-Artikolu 39 għall-pagament tal-kontribuzzjoni pprovdut fl-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal, bl-addizzjoni ta' imgħax kompost bir-rata ta' 3.5 % fis-sena;

(b) li żżomm il-*allowance* ta' l-istabbiliment mill-ġdid kollu jew parti minnu pprovdut fl-Artikolu 24(2).

Artikolu 50 (46)

1. L-impieg ta' membru tal-persunal temporanju għandu jitwaqqaf mill-istituzzjoni mingħajr avviż jekk l-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 issib:

(a) li fl-istess ħin ta' l-ingaġġ tiegħu huwa deliberatament ipprovda informazzjoni falza jew dwar l-abbiltà professjonali tiegħu jew dwar il-ħtiġiet ta' l-Artikolu 12(2), u

(b) li l-informazzjoni falza pprovduta kienet fattur determinanti biex kien ingaġġat.

2. Fit-tali każijiet l-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 għandha, wara li tisma' l-ħaddiem ikkonċernat, u wara li tkun segwita l-proċedura dixxiplinari pprovduta fl-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, li għandu japplika b'analoġija, tiddikjara li l-impieg tiegħu ntemm.

Qabel jintemm l-impieg tiegħu, membru tal-persunal temporanju jista' jkun sospiż, skond l-Artikolu 88 tar-Regolament tal-Persunal, li għandu japplika b'analoġija.

Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 49(2) għandhom jgħoddu.

Artikolu 50a (46)

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 49 u 50, kull nuqqas intenzjonali jew ta' negliġenza minn membru tal-persunal temporanju jew ta' dak li qabel kien membru tal-persunal temporanju biex iħares l-obbligi tiegħu taħt dawn il-kondizzjonijiet jagħmluh suġġett għal azzjoni dixxiplinari skond it-Titolu VI tar-Regolamenti tal-Persunal u fejn applikabbli l-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, li d-disposizzjonijiet tiegħu għandhom japplikaw b'analoġija.

Titolu III

Persunal awżiljari

Il-Kapitolu 1

Disposizzjonijiet ġenerali

Artikolu 51

Il-kuntratti tal-persunal awżilarju jistgħu jkunu għal perjodu stabbilit jew indefinit; ikunu jiġġeddu.

Artikolu 52 (91)

Il-perjodu attwali ta' l-impieg tal-persunal awżiljarju, inkluż kull perjodu għat-tiġdid, ma jaqbiżx:

(a) jekk il-ħaddiem ikun imqabbad biex jieħu post uffiċjal jew membru tal-persunal temporanju li mhux għalissa mhux kapaċi jaqdi d-dmirijiet tiegħu, il-perjodu ta' l-assenjament għal dak l-iskop;

(b) tliet snin, fil-każijiet l-oħra kollha.

Artikolu 53 (77)

Il-persunal awżiljarju jkun maqsum f'erba' kategoriji, subdiviżi fi gruppi li jikkorrospondu għad-dmirijiet li għandhom jitwettqu.

Ġewwa kull grupp, il-persunal awżiljarju għandu jkun ikklassifikat f'erba' klassijiet. Din il-klassifikazzjoni għandha tikkunsidra l-kwalifiki u l-esperjenza tal-persuni kkonċernati.

Il-posizzjonijiet bażiċi u l-gruppi li jikkorrospondu jintwerew fit-tabella li ġejja:

Kategorija	Grupp	Posizzjoni
A	I	Riċerkatur b'livell għoli ta' esperjenza f'qasam wieħed jew aktar; Reviżur bl-esperjenza tat-traduzzjonijiet; Interpretu b'esperjenza speċjali.
	II	Riċerkatur b'xi livell ta' esperjenza; Reviżur tat-traduzzjonijiet; Traduttur jew interpretu bl-esperjenza.
	III	Riċerkatur; Traduttur jew interpretu.
B	IV	Persunal li qed jagħmel xogħol diffiċli (abbozzi, jikkoreġi, jżomm il-kotba jew ta' natura teknika).
	V	Persunal li qed jagħmel xogħol sempliċi (abbozzi, jżomm il-kotba jew ta' natura teknika).
C	VI	Segretarju bl-esperjenza; Ħaddiem f'uffiċċju bl-esperjenza.
	VII	Segretarju, tajpista jew telefonista; Ħaddiem f'uffiċċju.
D	VIII	Ħaddiem tas-sengħa; Uxxier jew xufier.
	IX	Ħaddiem mingħajr sengħa, messaġġier.

L-Artikolu 1a tar-Regolamenti tal-Persunal dwar trattament indaqs ta' l-uffiċjali għandu japplika b'analoġija.

Il-Kapitolu 2

Drittijiet u obbligi

Artikolu 54

L-Artikoli 11 sa 25 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar id-drittijiet u l-obbligi ta' l-uffiċjali, għandhom japplikaw b'analoġija, ħlief l-Artikolu 13, dwar impieg bi qligħ min-naħa tal-konsorti, l-Artikolu 15, dwar uffiċjali li huma kandidati għal uffiċċju pubbliku elettiv, it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 23, dwar permessi, u t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 25, dwar il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar individwi speċifiċi.

Deċiżjoni li trid tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mill-Komunitajiet bħala riżultat ta' kondotta serjament ħażina, kif ipprovdut fl-Artikolu 22 tar-Regolamentti tal-Persunal, għandha tittieħed mill-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 wara li jkunu osservati l-formalitajiet ipprovduti fil-każijiet tat-tkeċċija minħabba kondotta serjament ħażina.

Il-Kapitolu 3

Kondizzjonijiet ta' l-ingaġġ

Artikolu 55

1. Membru tal-persunal awżiljarju jista' jitqabbad jaħdem biss bil-kondizzjoni li:

(a) huwa ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Komunitajiet, sakemm eċċezzjoni mhux awtorizzata mill-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6, u jgawdi mid-drittjiet kollha tiegħu bħala ċittadin;

(b) huwa wettaq kull obbligu impost fuqu mil-liġijiet dwar is-servizz militari;

(ċ) huwa jipproduċi r-riferenzi tal-karattru xierqa li juru li huwa tajjeb biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu; u

(d) huwa fiżikament b'saħħtu biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu.

2. L-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 tista' tneħħi l-ħtieġa li l-persuna kkonċernata tipproduċi evidenza dokumentarja li hija tħares dawn il-kondizzjonijiet fejn l-ingaġġ tagħha huwa għal mhux aktar minn tliet xhur.

Artikolu 56

Il-kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju għandu jispeċifika partikolarment:

(a) it-tul ta' żmien tal-kuntratt;

(b) id-data meta għandu jibda l-impieg;

(ċ) l-għamla tax-xogħol tiegħu;

(d) il-klasifikazzjoni tiegħu;

(e) il-post fejn għandu jkun impjegat.

Il-Kapitolu 4

Kondizzjonijiet tax-xogħol

Artikolu 57 (7)

L-Artikoli 55 sa 56b tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar is-siegħat ta' xogħol, sahra, xogħol tax-xift, ħin lesti għal li jista' jinqala' fuq ix-xogħol jew id-dar, għandhom japplikaw b'analoġija.

Artikolu 58

Il-persunal awżiljarju għandu jkun intitolat għall-*leave* mħallsa bir-rata ta' jumejn xogħol għal kull xahar ta' servizz; kull perjodu ta' anqas minn15-il ġurnata jew nofs xahar servizz ma jaagħti l-ebda intitolament għal *leave*.

Fejn ma kienx possibbli, minħabba l-ħtiġijeit tas-servizz, għal membru tal-persunal awżiljarju li jingħata *leave* kif ipprovdut fil-paragrafu ta' qabel matul l-impieg tiegħu, kull ġurnata li ma ttieħditx għandha titħallas bħala ġurnata maħduma żejda.

Aktar mit-tali *leave*, membru tal-persunal awżiljarju jista', f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni u fuq it-talba tiegħu stess, jingħata *leave* speċjali skond ir-regoli mniżżla mill-istituzzjoni fuq il-bażi tal-prinċipji ppreżentati fl-Artikolu 57 tar-Regolamenti tal-Persunal u fl-Artikolu 6 ta' l-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 59 (46)

L-Artikolu 16, dwar il-*leave* tal-mard, għandu jgħodd għall-persunal awżiljarju. Il-*leave* mhallsa tal-mard m'għandhomx, madankollu, jaqbżu xahar jew it-tul ta' ħin maħdum mill-membru tal-persunal awżiljarju, fejn dan ta' l-aħħar huwa itwal. L-Artikolu 58 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar il-*leave* tal-maternità, għandu japplika b'analoġija.

Artikolu 60

L-Artikoli 60 u 61 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar pagament assenza mhux awtorizzata u btajjel pubbliċi, għandhom jgħoddu b'analoġija.

Il-Kapitolu 5

Remunerazzjoni u spejjeż

Artikolu 61

Ir-remunerazzjoni tal-persunal awżiljarju għandha tkun magħmula mis-salarju bażiku, benefiċċji tal-familja u benefiċċji oħra.

Matul it-tul tal-kuntratt tiegħu, il-persunal awżiljarju għandu jibqa' fil-klassi tas-salarju speċifikata fil-kuntratt tiegħu.

Artikolu 62

Il-persunal awżiljarju għandu jitħallas bil-ġurnata jew bix-xahar.

Fil-każ tal-persunal awżiljarju li jitħallas bil-ġurnata, il-ġranet li attwalment inħadmu biss għandhom jitħallsu.

Artikolu 63

(1) (2) (4) (5) (9) (11) (12) (13) (19) (20) (23) (27) (30) (31) (32) (35) (36) (37) (38) (41) (42) (43) (45) (47) (48) (49) (53) (54) (56) (57) (58) (59) (60) (65) (66) (68) (70) (71) (72) (74) (76) (78) (80) (81) (84) (87) (89) (90) (92)

L-iskali tas-salarji bażiċi jkunu kif ipprovduti fit-tabella li ġejja:

ta' l-1.07.2002	**Skala**				
Kategorija	**Grupp**	**1**	**2**	**3**	**4**
A	**I**	5 718,30	6 426,62	7 134,94	7 843,26
	II	4 150,26	4 554,68	4 959,10	5 363,52
	III	3 487,64	3 643,00	3 798,36	3 953,72
B	**IV**	3 350,33	3 678,31	4 006,29	4 334,27
	V	2 631,64	2 805,11	2 978,58	3 152,05
C	**VI**	2 502,88	2 650,23	2 797,58	2 944,93
	VII	2 240,15	2 316,37	2 392,59	2 468,81
D	**VIII**	2 024,75	2 144,00	2 263,25	2 382,50
	IX	1 949,91	1 977,07	2 004,23	2 031,39

Artikolu 63a (34)

Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 66a tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw b'analoġija.

Artikolu 64

L-Artikoli 63, 64, u 65 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar il-munita li fiha għandha tkun espressa r-remunerazzjoni u l-aġġustamenti tat-tali remunerazzjoni, għandhom japplikaw b'analoġija.

Artikolu 65 (10) (24)

L-Artikolu 67, bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 1(ċ), u l-Artikolu 69 tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikoli 1, 2, 4, u 4a ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal dwar il-pagament tal-benefiċċji tal-familja, ta' l-espatrijazzjoni jew ta' dawk fissi, għandhom japplikaw b'analoġija.

Artikolu 66

Ir-remunerazzjoni dovuta għal kull ġurnata xogħol pagabbli tkun ta' waħda minn għoxrin tar-remunerazzjoni fix-xahar.

Artikolu 67

L-Artikoli 7, 11, 12, 13, 14a u 14b tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar ir-Rimborsar ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar u l-ispejjeż tal-missjoni, u l-għoti tal-*allowance* ta' l-akkomodazzjoni u t-trasport, għandhom japplikaw b'analoġija.

Il-persunal awżiljarju fil-Kategoriji A u B għandu jkun intitolat għall-benefiċċju tas-sussistenza kif ippreżentat fil-Kolonna II tat-tabella fl-Artikolu 13 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal; persunal awżiljarju ieħor ikun intitolat għall-benefiċċju tas-sussistenza kif ippreżentat fil-Kolonna III ta' dik it-tabella.

Artikolu 68

Fil-każ ta' l-awżiljarji mħallsa fix-xahar, ir-remunerazzjoni għandha titħallas skond l-Artikolu 16 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Fil-każ tal-persunal awżiljarju mħallas bil-ġurnata, ir-remunerazzjoni għandha titħallas fl-aħħar ta' kull ġimgħa ta' dik il-ġimgħa.

Artikolu 69 (8)

Membru tal-persunal awżiljarju li jipprovdi evidenza li ma jistax ikompli joqgħod fl-indirizz ta' qabel tiegħu għandu jkun intitolat għal mhux aktar minn sena għall-*allowance* tas-sussistenza ta' kuljum ipprovdut fl-Artikolu 10 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Il-Kapitolu 6

Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali

Artikolu 70

1. Biex dak il-persunal awżiljarju huwa assikurati kontra l-mard, aċċident, invalidità jew mewt u jista' jibni pensjoni ta' l-irtirar, għandu jkun imieħeb ma' skema mandatarja tas-sigurtà soċjali, preferibbilment dik tal-pajjiż li l-aħħar kien imsieħeb fiha jew dik tal-pajjiż ta' l-oriġini tiegħu.

L-istituzzjoni għandha tkun reponsabbli għall-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem meħtieġa taħt il-leġislazzjoni fis-seħħ meta l-ħaddiem huwa mieħeb ta' bilfors mat-tali skema tas-sigurtà soċjali, jew għal żewġ terzi tal-kontribuzzjonijiet tal-ħaddiem meta jibqa' msieħeb voluntarjament ma' l-iskema nazzjonali tas-sigurtà soċjali li kien membru magħha qabel beda s-servizz tal-Komunità jew meta ngħaqad volontarjament ma' skema nazzjonali tas-sigurtà soċjali.

2. Meta mhux possibbli li jkunu applikati d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1, il-persunal awżiljarju għandu jkun assikurat kontra l-mard, aċċidenti, invalidità u mewt u għall-provvediment ta' pensjoni ta' l-irtirar, a spejjez ta' l-istituzzjoni li timpjeghom ekwivalenti għas-sehem taż-żewġ terzi speċifikat fil-paragrafu 1. Disposizzjonijiet biex ikunu applikati dawn t'hawn fuq għandhom jitniżżlu bi qbil bejn l-istituzzjonijiet wara li jkun ikkonsultat il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal ipprovdut fl-Artikolu 10 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 71

L-Artikolu 76 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar rigali, self jew avvanzi, għandu japplika b'analoġija għall-persunal awżiljarju matul it-tul taż-żmien tal-kuntratt tiegħu..

Il-Kapitolu 7

Irkuprar ta' pagamenti żejda

Artikolu 72 (8)

L-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar l-irkuprar tal-pagamenti żejda, għandu jgħodd.

Il-Kapitolu 8

Appelli

Artikolu 73

Titolu VII tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar l-appelli, għandu japplika b'analoġija.

Il-Kapitolu 9

Tmiem ta' l-impieg

Artikolu 74

Minbarra t-tmiem mal-mewt, l-impieg tal-persunal awżiljarju għandu jieqaf:

1. meta l-kuntratt huwa għal perjodu stabbilit:

   (a) fid-data ddikjarata fil-kuntratt;

   (b) fl-aħħar tax-xahar li fih il-ħaddiem jilħaq l-età ta' 65 sena;

2. meta l-kuntratt huwa għal perjodu indefinit:

   (a) fl-aħħar tal-perjodu tan-notifika speċifikat fil-kuntratt; it-tul tal-perjodu tan-notifika ma jkunx anqas minn jumejn għal kull xahar komplut ta' servizz, suġġett għal massimu ta' tliet xhur. Madankollu, il-perjodu tan-notifika m'għandux jibda għaddej matul il-*leave* tal-maternità jew il-*leave* għall-mard, sakemm it-tali *leave* tal-mard ma jaqbżux it-tliet xhur. Barra minn hekk, ikun sospiż matul il-maternità jew *leave* għall-mard suġġett għal-limiti msemmija qabel;

   (b) fl-aħħar tax-xahar li fih il-ħaddiem jilħaq l-età ta' 65 sena.

Artikolu 75

L-impieg tal-persunal awżiljarju, kemm jekk għal perjodu stabbilit jew indefinit:

1. jitwaqqaf mill-istituzzjoni mingħajr avviż jekk il-ħaddiem jissejjaħ biex iservi fil-forzi armati;

2. jista' jitwaqqaf mill-istituzzjoni mingħajr avviż:

   (a) jekk il-ħaddiem jissejjaħ għas-servizz fil-forzi armati u d-dmirijiet tiegħu taħt il-kuntratt tiegħu ma' l-istituzzjoni jkunu tali li m'hemm l-ebda prospettiva li jerġa' jkun impjegat fil-kapaċità ta' qabel tiegħu meta l-perjodu tas-servizz tiegħu jispiċċa. Fit-tali każ il-ħaddiem għandu jirċievi benefiċċju daqs is-salarju bażiku tiegħu bl-addizzjoni tal-benefiċċji tal-familja bir-rata ta' jumejn għal kull xahar komplut ta' servizz;

(b) jekk il-ħaddiem ikun elett għal uffiċċju pubbliku u l-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 tikkunsidra li t-tali uffiċċju pubbliku ma jkunx kompatibbli mal-qadi tad-dmirijiet normali tiegħu;

(ċ) jekk il-ħaddiem ma jibqax jaqa' taħt il-ħtiġiet ta' l-Artikolu 55(1)(a) u (d). Madankollu, jekk il-ħaddiem ma jibqax jaqa' taħt il-ħtiġiet imniżżla fl-Artikolu 55(1)(d), il-kuntratt tiegħu jintemm biss meta huwa intitolat għal pensjoni ta' l-invaliditá;

(d) jekk il-ħaaddiem mhux kapaċi jerġa' jibda jaqdi d-dmirijiet tiegħu fit-tmiem ta' perjodu ta' *leave* mħallsin ta' mard ipprovduti fl-Artikolu 59. Fit-tali każ, il-ħaddiem għandu jirċievi benefiċċju daqs is-salarju bażiku tiegħu, bl-addizzjoni tal-benefiċċji tal-familja bir-rata ta' jumejn għal kull xahar ta' servizz komplut.

Artikolu 76

L-impieg ta' membru tal-persunal awżiljarju jista' jitwaqqaf mingħajr avviż fuq raġunijiet dixxiplinari f'każijiet serji ta' nuqqas li jħarsu dawn l-obbligi, kemm intenzjonalment jew b'negliġenza min-naħa tagħhom. Deċiżjoni raġunata għandha tittieħed mill-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6, wara li l-ħaddiem ikkonċernat kellu l-opportunità li jippreżenta d-difiża tiegħu.

Artikolu 77

L-impieg ta' membru tal-persunal awżiljarju għandu jitwaqqaf mill-istituzzjoni mingħajr avviż jekk l-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 issib:

(a) li fl-istess ħin ta' l-ingaġġ tiegħu huwa deliberatament ipprovda informazzjoni falza jew dwar l-abbiltà professjonali tiegħu jew dwar il-ħtiġiet ta' l-Artikolu 55(1); u

(b) li l-informazzjoni falza pprovduta kienet fattur determinanti biex kien ingaġġat.

Fit-tali każ, l-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6, tista', wara li tisma' l-ħaddiem ikkonċernat, tiddikjara li l-impieg tiegħu twaqqaf.

Artikolu 78 (86)

B'mod ta' deroga mid-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu, il-persunal awżiljarju mqabbad mill-Parlament Ewropew għat-tul taż-żmien tax-xogħol tas-seduti tiegħu jkun suġġett għll-kondizzjonijiet tr-reklutaġġ u r-remunerazzjoni mniżżla bi qbil bejn il-Parlament, il-Kunsill taa' l-Ewropa u l-Assemblea ta' l-Unjoni Ewropea tal-Punent dwar l-ingaġġ tat-tali persunal.

Id-disposizzjonijiet ta' dak il-ftehim u kull emenda ta' wara tiegħu għandhom ikunu notifikati lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-estimi xahar qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom.

L-istess kondizzjonijiet għar-reklutaġġ u r-remunerazzjoni applikati għall-interpreti tal-konferenzi mqabbda mill-Parlament Ewropew għandhom jgħoddu għall-persunal awżiljarju mqabbad mill-Kummissjoni bħala interpreti tal-konferenzi f'isem l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità.

Titolu IV

Persunal lokali

Artikolu 79

Suġġetti għad-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu, il-kondizzjonijiet ta' l-impieg tal-persunal lokali, b'mod partikolari:

(a) il-manjiera ta' l-ingaġġ tagħhom u t-tmiem tal-kuntratt tagħhom,

(b) il-*leave* tagħhom, u

(ċ) ir-remunerazzjoni tagħhom

għandhom ikunu stabbiliti minn kull istituzzjoni skond ir-regoli u l-prattika kurrenti fil-post fejn għandhom jaqdu dmirijiethom.

Artikolu 80

Dwar is-sigurtà soċjali, l-istituzzjoni għandha tkun responsabbli għall-parti ta' min iħaddem tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali taħt ir-regolamenti kurrenti fil-post fejn il-ħaddiem għandu jaqdi d-dmirijiet tiegħu.

Artikolu 81 (69)

1. Kull tilwima bejn l-istituzzjoni u membru tal-persunal lokali li jservi fi Stat Membru tintbagħat quddiem il-qorti kompetenti skond il-liġijiet fis-seħħ fil-post fejn il-ħaddiem jaqdi d-dmirijiet tiegħu.

2. Kull tilwima bejn l-istituzzjoni u membru tal-persunal lokali li jservi f'pajjiż terz tintbagħat quddiem bord ta' arbitraġġ taħt il-kondizzjonijiet definiti fil-klawżola ta' l-arbitraġġ li tinsab fil-kuntratt tal-ħaddiem.

Titolu V

Konsulenti speċjali

Artikolu 82

1. Ir-remunerazzjoni tal-konsulenti speċjali għandu tkun stabbilita bil-ftehim dirett bejn il-konsulent ikkonċernat u l-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6. Il-kuntratt tal-konsulent speċjali għandu jkun għall-perjodu li ma jaqbiżx is-sentejn. Għandu jkun jiġġedded

2. Istituzzjoni li biħsiebha tirrekluta konsulent speċjali jew iġġedded il-kuntratt tiegħu għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti ta' l-estimi, u tispeċifika r-remunerazzjoni maħsuba.

Qabel il-kuntratt huwa finalment konkluż għandu jkun hemm skambju ta' opinjonijiet ma' l-awtorità kompetenti ta' l-estimi dwar ir-remunerazzjoni proposta jekk fi żmien xahar wara d-data tan-notifika membru ta' dik l-awtorità jew l-istituzzjoni kkonċernata titlob hekk.

Artikolu 83 (77)

L-Artikoli 1a, l-Artikolu 11, l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 12, l-Artikoli 14, l-ewwel paragrafu ta' l-Artikoli 16, l-Artikoli 17, 19, u 22, l-ewwel u t-tieni paragrafi ta' l-Artikolu 23 u tieni paragrafu ta' l-Artikolu 25 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar id-drittijiet u l-obbligi ta' l-uffiċjali, u l-Artikoli 90 u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar l-appelli, għandhom japplikaw b'analoġija.

It-Titolu VI (mħassar)

L-Artikoli 84 sa 98 għandu jitħassar (18)

Titolu VII

Dispożizzjonijiet transitorji

Artikolu 99

Ħaddiem fl-impieg tal-Komunitajiet meta dawn il-kondizzjonijiet ta' l-impieg jidħlu fis-seħħ li, minkejja li l-istituzzjoni ddeċidiet li tkompli timpjegah, ma jinħatarx bħala uffiċjal taħt l-Artikolu 102 tar-Regolamenti tal-Persunal ([1]), irid ikun offrut kuntratt mill-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 skond dawn il-kondizzjonijiet ta' l-impieg. Il-tali kuntratt għandu jidħol fis-seħħ fid-data meta dawn il-kondizzjonijiet ta' l-impieg jidħlu fis-seħħ.

Il-kuntratt ta' ħaddiem li jirrifjuta offerta magħmula kif ipprovdut fil-paragrafu ta' qabel għandu jintemm skond il-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' qabel tiegħu.

Artikolu 100

Is-servizz ma' istituzzjoni tat-tliet Komunitajiet Ewropej qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn il-kondizzjonijiet ta' l-impieg għandu jitqies bħala servizz taħt dawn il-kondizzjonijiet ta' l-impieg.

Artikolu 101

Meta ħaddiem jirċievi bħala membru tal-persunal temporanju taħt dawn il-kondizzjonijiet ta' l-impieg, l-ammonti dovuti a kreditu tiegħu ma' l-iskema tal-Komunitajiet ta' provvidenza temporanja għandhom ikunu kkunsidrati bil-għan li jinħadmu s-somom pagabbli li dak il-ħaddiem taħt l-Artikolu 39.

Titolu VIII

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 102

Suġġetti għall-Artikolu 103, id-dispożizzjonijiet ġenerali biex idaħħlu fis-seħħ dawn il-kondizzjonijiet ta' l-impieg għandhom ikunu adottati minn kull istituzzjoni, wara li jkunu kkonsultati l-Kumitat tal-Persunal u l-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal tagħha, ipprovdut fl-Artikolu 10 tar-Regolamenti tal-Persunal.

L-amministrazzjoni ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet għandha tagħti għall-iskop biex tiżgura l-applikazzjoni uniformi ta' dawn il-kondizzjonijiet ta' l-impieg.

Artikolu 103

Id-dispożizzjonijiet ġenerali li jdaħħlu fis-seħħ ir-Regolamenti tal-Persunal, riferuti fl-Artikolu 110 ta' dawk ir-Regolamenti, għandhom japplikaw għall-ħaddiema koperti minn dawn il-kondizzjonijiet ta' l-impieg fejn bis-saħħa ta' dawn il-kondizzjonijiet ta' l-impieg, id-dispożizzjonijiet tat-tali Regolamenti japplikaw għal dawk il-ħaddiema.

([1]) ta' l-1.1.1962